


# Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali għal Kulħadd

## 2012

Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol

# Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali għal Kulħadd

Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol

Diċembru 2012

Il-qoxra turi l-qofol tal-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali. Dan jintlaħaq fil-klassi, fejn l-għalliema huma mogħtija l-aħħar mezzi teknoloġiċi biex bihom iwasslu t-tagħlim, b'mod eħfef, f'kuntest li jinkludi d-diversità u l-inklużjoni, u li jwassal lill-istudenti biex jaħdmu għall-iżvilupp personali tagħhom, għall-għarfien tal-valuri tas-solidarjetà u l-ġustizzja soċjali, għall-kwalifiki formali u għall-impjegabilità.

Ir-ritratt tal-faċċata hu meħud minn © Roberto Runza

Dokument imħejji mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol.
Issib ukoll verżjoni elettronika tiegħu fis-sit tal-istess Ministeru: www.education.gov.mt

Jistgħu jinsiltu partijiet mill-kontenut ta' din il-pubblikazzjoni, dment li ma jkunux għal skopijiet kummerċjali u li qabel il-kwotazzjonijiet misluta ssir referenza ċara għall-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol u għad-data tal-pubblikazzjoni ta' dan id-dokument.

Kull dritt miżmum: Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, Diċembru 2012

Disinn u stampar: Salesian Press - Malta

ISBN: 978-99957-0-409-4

## IL-QAFAS TAL-KURRIKULU NAZZJONALI HU:

- **referenza** għal azzjoni bbażata fuq il-kunsens ġenerali u l-kontribut ta' dawk kollha konċernati, kif ukoll ta' dawk li huma impjenjati biex jimplimentawh;
- **qafas ħaj** b'tali mod li jippermetti tibdiliet għal żviluppi ġodda waqt l-implimentazzjoni;
- **strument ta' politika** u ta' tagħrif fuq l-istrateġija tal-implimentazzjoni, l-azzjonijiet u l-livelli għall-implimentazzjoni, il-moniteraġġ u l-evalwazzjoni;
- **reazzjoni** għall-bidla fit-talbiet tal-individwi u tas-soċjetà, għall-bidliet mgħaġġla li ġġib magħha l-globalizzazzjoni fis-sistema edukattiva tagħna, għall-iżvilupp tal-informatika (ICT), għall-kompetizzjoni, għall-bidla fil-valuri tradizzjonali u għal xejriet u kuntesti ġodda.

## IL-QAFAS TAL-KURRIKULU NAZZJONALI GĦANDU L-GĦAN LI:

1. iħeġġeġ lit-tfal, liż-żgħażagħ u lill-għalliema biex **jaħdmu flimkien** u jitgħallmu minn xulxin.
2. isostni **l-attenzjoni individwali**, ħalli t-tfal kollha jilħqu l-kapaċità sħiħa tagħhom.
3. jgħin lill-iskejjel jilħqu **l-aspettazzjonijiet** tat-tfal u tal-ġenituri tagħhom.
4. jipprovdi **ħin ta' kwalità** għal interazzjoni soċjali, għal tagħlim mhux formali u għal attività mal-ħbieb.
5. jiddierieġi lill-mexxejja edukattivi biex **iżidu l-effiċjenza** tal-kontenut tal-Programmi tat-Tagħlim ħalli jassiguraw il-kwalità u mhux il-kwantità.
6. jassigura li, fil-kuntest tad-dritt sħiħ għall-edukazzjoni tal-Oqsma tat-Tagħlim, l-adolexxenti u ż-żgħażagħ fl-edukazzjoni obbligatorja jkollhom ħakma tajba, u mill-aktar essenzjali, tal-Malti u l-Ingliż, il-Matematika, suġġett Xjentifiku u tal-Litteriżmu Diġitali.
7. jgħin lit-tfal biex iqisu **l-ġustizzja soċjali u s-solidarjetà** bħala valuri ewlenin għall-iżvilupp tas-soċjetà Maltija.
8. jagħti s-setgħa lill-ġenituri u ż-żgħażagħ biex jaħdmu ħalli jiksbu **kwalifiki formali** fil-kompetenzi ewlenin bħala pedament għat-Tagħlim Tul il-Ħajja.
9. jgħin lill-mexxejja edukattivi biex jimplimentaw b'suċċess dan il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali (QKN) u jsegwu b'mod sistematiku l-iżvilupp tiegħu **fil-livell tal-klassi** ħalli jintlaħqu l-miri nazzjonali fiż-żmien stabbilit.
10. jitlob lill-għalliema biex iqisu lit-tfal bħala **l-forza ġejjiena tax-xogħol** f'Malta u għalhekk jaraw li fil-proċess tat-tagħlim ikun hemm attitudnijiet pożittivi għall-eċċellenza, l-impenn, ir-responsabbiltà, il-flessibbiltà u l-intraprenditorjat.

*Nota: F'dan id-dokument kull referenza għal terminu fil-maskil (bħal 'student', 'għalliem', 'edukatur') qed tirreferi wkoll għall-femminil, u bil-maqlub.*

## WERREJ

**Messaġġ mill-Onor. Dolores Cristina, il-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol** vii
**Nitgħallmu Flimkien, nispiraw għas-suċċess** ix
**Messaġġ mill-President tal-Union Maltija tal-Għalliema** xi
**Sommarju Eżekuttiv** xiii

**Reviżjoni tal-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali u t-Triq 'il Quddiem** 1

**01. Reviżjoni tal-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali wara l-Proċess ta' Konsultazzjoni** 3
01.1 Proċess b'Saħħtu ta' Konsultazzjoni Nazzjonali 3
01.2 Il-Pożizzjoni tal-Grupp ta' Ħidma wara l-Analiżi tar-Reazzjonijiet li Daħlu 4
01.2.1 Qafas għal Kurrikulu Nazzjonali 4
01.2.2 Il-Prinċipji u l-Għanijiet tal-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali l-Ġdid 5
01.2.3 L-Oqsma tat-Tagħlim 8
01.2.4 It-Temi Interkurrikulari 9
01.2.5 L-Assigurazzjoni ta' Kull Student li Javvanza b'Suċċess Matul iċ-Ċikli tal-Edukazzjoni 10
01.2.6 Struttura ta' Tmexxija li Timmira t-Tagħlim u l-Assessjar lejn ir-Riżultati tat-Tagħlim 11
01.2.7 Il-Konformità tar-Riżultati tat-Tagħlim mad-Deskritturi tal-Livelli tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki 12
01.2.8 Il-Kompetenzi Ewlenin, l-Impjegabilità u l-Mobilità 13
01.2.9 L-Eżerċizzju ta' Moniteraġġ u ta' Benchmarking tas-Sistema Edukattiva 14
01.2.10 Iċ-Ċikli tal-Edukazzjoni 15
01.2.11 Id-Dritt għat-Tagħlim 17
01.2.12 L-Iżvilupp Professjonali tal-Għalliema 18
01.2.13 L-Assigurazzjoni ta' Mixja Bla Skossi miċ-Ċiklu tal-Edukazzjoni Sekondarja għaċ-Ċiklu tal-Edukazzjoni Postsekondarja 19

**02. Ir-Riżultati tal-Kurrikulu Nazzjonali u l-Implimentazzjoni Tiegħu** 21
02.1 Ir-Riżultati tal-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali 21
02.2 L-Implimentazzjoni tal-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali 25

**Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali** 29

**03. Il-Prinċipji Ewlenin tal-QKN** 31
03.1 Il-Komponenti tal-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali 31
03.1.1 Il-Prinċipji Ġenerali 32
03.1.2 L-Għanijiet tal-Edukazzjoni 32
03.1.3 L-Oqsma tat-Tagħlim u t-Temi Interkurrikulari 33
03.1.4 It-Tagħlim Effettiv 39
03.1.5 L-Assessjar u l-Evalwazzjoni 41
03.1.6 L-Involviment tal-Ġenituri u tal-Komunità 43
03.1.7 L-Istrutturi ta' Appoġġ 43

| | | |
|---|---|---|
| 03.2 | Is-Snin Bikrin (KG 1 – 2 Sena) | 45 |
| 03.2.1 | L-Iskopijiet u l-Għanijiet Ġenerali | 45 |
| 03.3 | Is-Snin tal-Primarja (3 Sena – 6 Sena) | 50 |
| 03.3.1 | Introduzzjoni | 50 |
| 03.3.2 | L-Għanijiet tal-Edukazzjoni Primarja | 51 |
| 03.4 | Is-Snin tas-Sekondarja (7 Sena – 11-il Sena) | 58 |
| 03.4.1 | Introduzzjoni | 58 |
| 03.4.2 | L-Għanijiet tal-Edukazzjoni Sekondarja | 58 |

## Referenzi u Appendiċi 69

| | | |
|---|---|---|
| **Referenzi** | | **71** |
| **Appendiċi I:** | It-Termini ta' Referenza tal-Grupp ta' Ħidma ta' Wara l-Konsultazzjoni | 72 |
| **Appendiċi II:** | Il-Kompożizzjoni tal-Grupp ta' Ħidma ta' Wara l-Konsultazzjoni | 73 |
| **Appendiċi III:** | Id-Deskritturi tal-Livelli tal-Qafas Malti għall-Kwalifiki għat-Tagħlim Tul il-Ħajja | 74 |


## Grafika


| | | |
|---|---|---|
| Grafika 01: | Ir-Relazzjoni ta' bejn ir-Riżultati tat-Tagħlim, il-Programmi tat-Tagħlim u l-Assessjar, u l-Eżamijiet | 12 |
| Grafika 02: | Il-Moniteraġġ u l-Livell fis-Sistema Edukattiva | 14 |
| Grafika 03: | L-Oqsma tat-Tagħlim u t-Temi Interkurrikulari tal-QKN | 39 |


## Tabelli


| | | |
|---|---|---|
| Tabella 1: | Ir-Riżultati tal-Edukazzjoni għall-2012 u l-Miri għall-2027 | 24 |
| Tabella 2: | L-Istrateġija tal-Implimentazzjoni tal-QKN | 26 |
| Tabella 3: | Ir-Riżultati tal-Edukazzjoni għall-2012 u l-Miri għall-2027 | 67 |



# Messaġġ mill-
# **Onor. Dolores Cristina**
# Il-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol

Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali (QKN) hu r-riżultat ta' proċess nazzjonali twil ta' konsultazzjoni. L-ewwel abbozz, li tnieda f'Mejju 2011, serva ta' pjattaforma għad-diskussjoni, għal dibattitu u biex jinħoloq kunsens. Bi pjaċir kbir issa qed nippreżenta dan id-dokument finali li juri l-viżjoni u l-aspirazzjonijiet tal-mexxejja tagħna u tal-partijiet kollha konċernati mill-edukazzjoni f'Malta.

Ix-xewqa personali tiegħi hi li l-Qafas tal-Kurrikulu jrawwem ix-xewqa fl-istudenti li jkomplu bil-mixja tat-tagħlim tul ħajjithom.

Dan id-dokument għandu l-għan li jassigura li sa tmiem l-edukazzjoni obbligatorja l-istudenti jiksbu l-għerf, il-ħiliet, il-kompetenzi, l-attitudnijiet u l-valuri meħtieġa biex jistimulawhom ħalli jqisu t-tagħlim tul il-ħajja bħala parti integrali mill-iżvilupp tagħhom bħala individwi u bħala ċittadini ta' pajjiżna, tal-Unjoni Ewropea u tad-dinja.

Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali 2012 iħares lejn l-edukazzjoni bħala mixja lejn it-tisħiħ personali, bħala mekkaniżmu biex tinkiseb il-ġustizzja soċjali, u bħala għodda importanti għall-inklużjoni u x-xogħol. Hu mibni fuq l-esperjenzi ta' dokumenti mgħoddija relatati mal-kurrikulu nazzjonali, u fuq l-esperjenza ta' sistema edukattiva li wasslet għal tnaqqis drastiku fl-ammont ta' dawk li joħorġu mill-iskola kmieni, minn aktar minn 54% fis-sena 2000 għal 30% fl-2012, kif ukoll għal żieda qawwija fl-ammont ta' studenti fl-edukazzjoni ogħla, minn inqas minn 900 fl-1987 għal kważi 20,000 fl-2012. Dan il-Qafas inħoloq biex ikun hemm kuntest għat-tagħlim ta' bejn l-2013 u l-2026, ħalli jitfasslu l-miri ewlenin tat-tliet ċikli edukattivi tal-Edukazzjoni Bikrija, Primarja u Sekondarja, biex jinħolqu l-indikaturi ewlenin li l-iskejjel għandhom joffru biex iwasslu lill-istudenti ħalli jikkwalifikaw fi tmiem l-edukazzjoni obbligatorja tagħhom, biex jingħataw ir-riżorsi u l-infrastruttura xierqa ħalli jinkisbu dawn l-għanijiet u, fl-aħħar nett, biex ikun hemm il-miri u l-mekkaniżmi għall-kejl tas-suċċess u/jew il-falliment tal-QKN fil-kisbiet tal-għanijiet tiegħu.

Permezz ta' dan il-QKN tfasslu numru ta' miri ambizzjuzi imma realistiċi. Id-diskussjonijiet li wasslu għal dan id-dokument finali saħħew il-viżjonijiet tagħna fuq l-edukazzjoni u fuq il-proċess edukattiv. Wassluna biex nieħdu d-deċiżjoni li nkejlu s-suċċess u l-falliment fil-livell mikro tal-iskejjel tagħna fuq bażi regolari. Il-punti b'saħħithom u dawk li jistgħu jkunu dgħajfa f'dan il-qafas tal-kurrikulu għandhom ikunu mistħarrġa b'mod regolari. Id-direzzjoni politika ċara tiegħi kienet li fis-Snin Bikrin u matul l-Edukazzjoni Obbligatorja, ikun hemm l-impenn li t-tfal jiġu ssorveljati fuq bażi regolari biex ikun assigurat li l-ebda tifel jew tifla ma jkunu mġennba mis-sistema nnifisha.

Dan il-QKN ipoġġi lill-istudenti, b'mod konkret, fiċ-ċentru tal-attenzjoni; hu flessibbli biżżejjed biex jilħaq il-ħtiġijiet u l-abbiltajiet ta' kull student/a individwali. L-għan tiegħu hu li l-istudenti kollha jingħataw l-opportunità li jikbru f'ambjent edukattiv li jista' jitbiddel regolarment mill-għalliema, skont l-abbiltajiet tal-istudenti. L-iskola ssir ċentru ta' tagħlim li fih l-istudenti jkollhom l-opportunità jiksbu l-kwalifiki li jeħtieġu biex ikollhom irwol attiv fis-soċjetà.
Il-QKN jindirizza l-lakuni li kien hemm fil-proċessi tat-tagħlim tagħna li matul is-snin wasslu għall-assenteiżmu, għal rati sinifikanti ta' studenti li joħorġu mill-iskola kmieni fil-ħajja, u għal ħiliet u kompetenzi baxxi f'numru ta' studenti. Il-Qafas se jsaħħaħ l-istrutturi li diġà jeżistu u li qed ibiddlu l-iskejjel f'ċentri edukattivi moderni li fihom jista' jsir tagħlim attiv u li jagħmel sens. Se jwassal għal rata akbar ta' parteċipazzjoni fl-edukazzjoni postsekondarja u terzjarja. Se jiġbed aktar studenti għat-tagħlim tul il-ħajja, iħeġġiġhom biex ikomplu jistudjaw ħalli jiksbu kwalifiki formali ġodda u aħjar.

Il-filosofija ewlenija hi li jkun assigurat li t-tagħlim formali, informali u mhux formali jservi ta' mezz biex jassigura l-impenn lejn il-ġustizzja soċjali, l-iżvilupp personali, iċ-ċittadinanza attiva u l-impjegabilità.

Il-programmi tat-tagħlim se jkunu mfassla u miktuba mill-ġdid biex il-kontenut tagħhom jiġi razzjonalizzat u ħalli tiżdied il-kwalità tal-ħin tat-tagħlim matul is-snin tal-iskola. Għandna nixħtu ħarsitna fuq il-ħtiġijiet tat-tagħlim tal-istudenti u mhux fuq l-ammont ta' kontenut li jrid jintgħallem. Se jkunu mistħarrġa u mfassla sistemi differenti li jagħrfu l-livelli varji ta' intelliġenza u l-istili differenti li bihom jitgħallmu l-istudenti.

Sas-snin 2025/26 il-QKN huwa mistenni li jżid il-perċentwal tal-istudenti kkwalifikati mill-edukazzjoni Postsekondarja *(Sixth Form)* mir-rata ta' 44.5% (fl-2011) għal 60%. Hu stmat li 75% ta' dawk imwielda fl-2009 jiksbu minimu ta' 5 suġġetti fil-livell taċ-ĊES bi Gradi 1 sa 5. Il-mira tagħna hi li jkun hemm żieda ta' 0.5%, kull sena, fl-istudenti li jkomplu bi programmi li jwasslu għal grad fl-edukazzjoni ogħla.

Dawn il-miri se jkunu suġġetti għal proċess perjodiku ta' reviżjoni li xogħlu hu li jiżgura li jibqgħu jirriflettu l-esperjenza pożittiva tal-QKN u l-iżvilupp tal-Qafas tar-Riżultati tat-Tagħlim.

Dawn il-miri ambizzjużi imma realistiċi jitolbu biex istituzzjonijiet bħalma huma d-Direttorati tal-Edukazzjoni, il-Fakultà tal-Edukazzjoni fl-Università ta' Malta, il-Union Maltija tal-Għalliema, il-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ, il-Kunsill tal-Professjoni tal-Għalliema, is-settur privat tal-edukazzjoni u dawk kollha li jipprovdu t-taħriġ jirrispondu b'politika effettiva, li tista' titkejjel u li tkun koordinata.
Bla dubju ta' xejn, l-għalliema għandhom irwol ċentrali f'dan il-proċess li għandu jara li dawk responsabbli mill-edukazzjoni f'Malta jagħtu direzzjonijiet ċari biex ikun assigurat li t-tfal kollha jirnexxu. Flimkien ma' edukaturi u amministraturi oħra tal-edukazzjoni, l-għalliema huma responsabbli biex jiggwidaw lill-istudenti fl-edukazzjoni Bikrija u Obbligatorja, li jipprovdu kuntesti differenti ta' tagħlim, li jħeġġu lill-istudenti tagħhom biex jibqgħu jitgħallmu tul ħajjithom u biex iressqu d-dinja edukattiva qrib id-dinja tax-xogħol u l-impjiegi.

Iċ-ċittadini bi kwalifiki formali għandhom aktar ċans li jsibu xogħol; iżidu l-valur fl-ekonomija tagħna, fl-ambjenti tax-xogħol u, ċertament, fil-kwalità ġenerali tal-ħajja. Is-suċċess fl-edukazzjoni jżid l-istima personali tal-individwu u l-istima tiegħu/tagħha lejn l-oħrajn.

Ir-rekords pożittivi tagħna fl-impjegabilità taż-żgħażagħ, fl-iskemi tal-boroż ta' studju, fl-infrastruttura tal-iskejjel, u f'diversi servizzi jeħtieġ li jkunu sostenibbli. Il-QKN jaspira li jibni kultura aktar b'saħħitha, b'impenn, lejn it-tkabbir permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

Dawn huma l-miri ewlenin imfassla mill-Ministeru u li l-QKN għandu jgħin biex ikun hemm: tnaqqis għal 10% fin-numru ta' dawk li joħorġu kmieni mill-iskola, u żieda fir-rata ta' parteċipazzjoni fl-edukazzjoni avvanzata u ogħla minn dik obbligatorja għal aktar minn 40% sal-2025.

Il-Ministeru se jkun qed jaħtar Bord ta' Tmexxija tal-Implimentazzjoni tal-QKN u joħloq l-istrutturi li jorbtu l-QKN mal-Bord tal-MATSEC biex tiżdied is-sinerġija ta' bejn il-programmi tat-tagħlim fl-iskejjel u l-istandards tal-eżamijiet taċ-ĊES. Din il-ħolqa tassigura wkoll li dak li jkun inkiseb bl-edukazzjoni obbligatorja jkompli jissaħħaħ fis-snin tal-postsekondarja, bi tħejjija għall-edukazzjoni avvanzata u għolja.

Jien kunfidenti li dawn il-miri jintlaħqu għaliex l-edukazzjoni dejjem kienet u tibqa' għal qalb is-soċjetà Maltija. Aħna li aħna minħabba l-edukazzjoni u t-taħriġ li nirċievu. Bħala nazzjon żgħir, is-sopravivenza, il-ħelsien, il-benessri u l-identità tagħna jiddependu ħafna minn ġenerazzjonijiet futuri kkwalifikati li jkollhom iċ-ċavetta għall-kwalità ta' ħajjitna. Is-sistema soċjali avvanzata tagħna tiddependi ħafna mill-ħila tagħna li llum ninvestu bis-sħiħ fl-edukazzjoni tal-ġenerazzjonijiet iż-żgħar tagħna ħalli dawn ikunu mħejjija u mgħammra tajjeb biex jaħdmu b'mod produttiv u kontinwu.

Nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lill-membri kollha tal-Kumitat għar-Reviżjoni tal-Kurrikulu, immexxi mid-Direttriċi Ġenerali tad-Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni, il-Professur Grace Grima, u li fih kien hemm ukoll ir-rappreżentanti tal-Ministeru u tal-Grupp ta' Strateġija għall-Konsultazzjoni, lil dawk kollha li taw sehemhom biex insaħħu l-proċess ta' konsultazzjoni, u lill-membri tal-Grupp ta' Ħidma ta' Wara l-Konsultazzjoni mmexxi mis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru, Dr James Calleja, li nižżel il-kontribuzzjonijiet kollha f'dan id-dokument.

Lilkom ilkoll, nixtieq inwassal l-apprezzament sħiħ tiegħi għall-ħdima sfiqa tagħkom għall-ħruġ ta' dan id-dokument, li żgura li se jservi bħala punt kontinwu ta' referenza u tarġa importanti fl-istorja tal-edukazzjoni f'Malta.



## Nitgħallmu flimkien, nispiraw għas-suċċess

Kien privileġġ għalina li ntlabna mill-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol biex immexxu l-kumitati ta' ħidma fdati biex jagħmlu l-abbozz tal-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali (QKN). Dan id-dokument li qed ikun ippubblikat mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol għandu l-għan li jipprovdi lil dawk li jfasslu l-politika, lill-mexxejja tal-iskejjel, lill-għalliema, lill-impjegati tas-settur edukattiv, lill-akkademiċi, lil min iħaddem, lill-awtoritajiet tal-edukazzjoni ogħla u lil ħafna persuni oħra konċernati, bi gwidi utli għall-edukazzjoni tal-ġenerazzjonijiet iż-żgħar tagħna.

Il-prinċipju ewlieni li ggwidana kien li niżviluppaw l-għerf, il-ħiliet, il-kompetenzi, il-valuri u l-attitudnijiet tat-tfal u ż-żgħażagħ tagħna biex dawn jilħqu l-ħtiġijiet personali, soċjali, kulturali u ekonomiċi. Dan id-dokument jelenka l-komponenti prinċipali li fuqhom għandu jinbena l-kurrikulu nazzjonali tagħna biex jiġu sostnuti l-iżvilupp personali u l-inklużjoni, iċ-ċittadinanza responsabbli u l-impjegabilità.

Biex dawn it-tliet miri jkunu indirizzati, rajna li l-QKN jiffoka fuq il-potenzjal ta' kull tifel u tifla. L-edukaturi tagħna jeħtieġ li jkomplu jmorru lil hinn minn kurrikulu b'sistema waħda għal kulħadd għal sistema li tqiegħed aktar lill-istudent fiċ-ċentru, fejn il-proċess tat-tagħlim jintgħaġen skont id-dispożizzjonijiet tat-tagħlim tal-individwu. Konxji li din hi sfida kbira għas-sistema tagħna u jeħtieġ li naffaċċjawha b'mod kollettiv u individwali. Konvinti li l-komunità professjonali fdata bit-tmexxija u bl-implimentazzjoni tal-kurrikulu se tqum għall-isfida ħalli t-tfal kollha jkunu jistgħu jiżviluppaw il-potenzjal edukattiv tagħhom.

B'konformità mar-responsabbiltà u t-termini ta' referenza li ngħatajna, rajna li noħolqu qafas ta' kurrikulu nazzjonali li joħroġ b'ideat u li joffri strateġija ta' implimentazzjoni li, bħala edukaturi, għandna nsegwu ħalli nwasslu lill-ġenerazzjonijiet iż-żgħar tagħna biex jirnexxu f'ħajjithom. Il-proċess ta' konsultazzjoni, li dam aktar minn tnax-il xahar, kien ta' ispirazzjoni għal din l-aħħar verżjoni tal-QKN. Nittamaw li dad-dokument finali jitqies bħala qafas nazzjonali aktar flessibbli u inqas preskrittiv, kif għandu jkun qafas nazzjonali. Din il-verżjoni ma setgħetx toħroġ mingħajr il-kontribut ta' dawk kollha li fasslu l-verżjoni li serviet bħala abbozz, ta' dawk li ħadu sehem fil-proċess ta' konsultazzjoni u ta' dawk li analizzaw it-tweġibiet imprezzabbli u estensivi li daħlulna, kif ukoll mingħajr is-sehem ta' dawk li ħadmu fuq din il-verżjoni. Dan id-dokument għandu jinqara bħala qafas ta' kurrikulu nazzjonali u mhux bħala l-kurrikulu nnifsu.

Fl-opinjoni tagħna, dan il-qafas jirrifletti l-punti b'saħħithom u dgħajfa li kien hemm bżonn li jiġu indirizzati fl-edukazzjoni obbligatorja f'dan il-mument partikolari, bit-tama li jkun hemm riżultati aħjar għall-ġenerazzjonijiet futuri. Rajna li l-qafas għandu jitqies f'kuntesti usa', fosthom fil-kuntest ta' Malta bħala membru sħiħ tal-Unjoni Ewropea u bħala parteċipant f'soċjetà globalizzata. Il-Qafas tal-Kwalifiki ta' Malta u d-dimensjoni Ewropea tiegħu, is-suċċess tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali, il-pedamenti sodi taċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja (ĊES) mogħti mill-Università ta' Malta u l-opportunitajiet li toffri l-edukazzjoni obbligatorja, avvanzata u ogħla, li huma disponibbli għalina bħala nazzjon, kellhom ukoll impatt sinifikanti fid-diskussjonijiet tagħna li wassluna għal dan id-dokument finali.

Fuq skala akbar, l-esperjenzi internazzjonali miksuba minn dokumenti oħra simili, bħal dawk tal-Ingilterra, il-Fillandja, Singapor, Ħong Kong, New Zealand u l-Awstralja, servewlna ta' għajnuna biex nirriflettu fuq ir-riżultati u l-kisbiet li qed infittxu li jkollna lokalment matul it-tnax-il sena li ġejjin.

Il-qafas għandu jinqara f'kuntest ta' miri ambizzjuzi, iżda li jistgħu jintlaħqu. Il-popolazzjoni żgħira tagħna toffrilna vantaġġ minħabba d-daqs; ħaġa li għandna nużawha għall-benefiċċju tat-tfal tagħna. Aħna kapaċi noffru edukazzjoni ta' kwalità lit-tfal kollha permezz tal-prijorità u l-appoġġ li jingħataw is-servizzi edukattivi ta' pajjiżna. Dan il-qafas iħeġġiġna nużaw dan il-vantaġġ għall-benefiċċju tal-istudenti kollha tagħna, inklużi l-gruppi vulnerabbli u l-istudenti li jkollhom riżultati tajbin ħafna. Bl-adozzjoni ta' metodu flessibbli, dan il-qafas tal-kurrikulu joffri sfida għar-realtajiet tal-piż u tal-ammont ta' kontenut li fihom is-sillabi. Joffri wkoll sfida lill-għalliema biex iqisu li l-istudenti kollha għandhom id-dritt għal ċertifikat ta' edukazzjoni sekondarja u għal profil li juri l-esperjenzi sinifikanti ta' tagħlim tagħhom, li jiftħulhom il-bibien għall-edukazzjoni avvanzata u ogħla, għax-xogħol u għal kwalità ta' ħajja xierqa.

Nemmnu li dan il-qafas jagħti d-dritt lil kull student jikseb ċertfikat sinifikanti fi tmiem l-edukazzjoni obbligatorja tiegħu. Nemmnu wkoll

bis-sħiħ li l-pjanifikaturi tal-edukazzjoni, dawk li jfasslu l-politika, u l-għalliema, b'mod partikolari, għandhom jassiguraw li kull tifel u tifla jiksbu l-kompetenzi ewlenin li jwassluhom biex jitilgħu s-sellum tal-opportunitajiet ekonomiċi u soċjali tas-soċjetà. Inqisu l-Malti, l-Ingliż, il-Matematika, ix-Xjenza u t-Teknoloġija bħala ħiliet ewlenin li għandhom ikunu msaħħa minn kisba b'saħħitha ta' ħiliet fil-litteriżmu diġitali.

Dan id-dokument juri l-importanza tal-oqsma tat-tagħlim u r-riżultati ġenerali tat-tagħlim li għandhom jiddeterminaw il-programmi ta' tagħlim u ta' assessjar, l-istandards, il-kriterji u l-profili. L-indikazzjoni tal-firxa ta' esperjenzi fl-edukazzjoni obbligatorja tipprovdi lill-istudenti l-kompetenzi ewlenin li jeħtieġu għat-tagħlim tul il-ħajja, għax-xogħol u għal ċittadinanza responsabbli. Id-diversità tat-tfal għandha tkun riflessa f'metodi pedagoġiċi li jassiguraw li t-tagħlim ikun attraenti u prattiku, li jsir permezz tal-ħiliet konjittivi li jgħinu lil dak li jkun biex jifhem, u li jagħti importanza lill-ħiliet tas-soluzzjoni tal-problemi u lill-ħiliet kreattivi. Dan hu Qafas ta' Kurrikulu Nazzjonali għal kulħadd; it-tfal kollha huma intitolati għalih. Inħeġġu lill-għalliema biex iqisu dan il-qafas bħala xprun għall-innovazzjoni u l-bidla fil-mod tat-tagħlim, u fil-mod ta' kif inħarsu lejn it-tfal u ż-żgħażagħ.

Kien hemm numru ta' konklużjonijiet mill-ewwel abbozz kif ukoll mill-proċess ta' konsultazzjoni u mill-għażla tal-Grupp ta' Ħidma ta' Wara l-Konsultazzjoni. Il-qafas jagħti taqsira tal-firxa wiesgħa ta' diskussjonijiet u rakkomandazzjonijiet li saru matul il-proċess kollu, kif ukoll fid-dibattitu intensiv ta' wara l-konsultazzjoni. Inkludejna r-rakkomandazzjonijiet li huma bbażati fuq prattiċi nazzjonali u internazzjonali sodi u li għandhom valur edukattiv b'saħħtu. Konxji li l-qafas fih innifsu jista' ma jweġibx il-mistoqsijiet kollha li jsiru minħabba l-ħtiġijiet diversi li jikkaratterizzaw lill-klassijiet fit-tliet Ċikli tal-edukazzjoni. Imma ninsabu kunfidenti li l-qafas tal-kurrikulu għandu strutturi li jippermettu lill-għalliema, bħala professjonisti, biex jieħdu r-rwol ewlieni fit-tfassil ta' proċessi tat-tagħlim xierqa għal kull tifel u tifla.

Il-QKN għandu jkun megħjun mill-Qafas tar-Riżultati tat-Tagħlim. Dawn iż-żewġ dokumenti għandhom jiffurmaw is-sinsla tal-programmi edukattivi tagħna u jservu ta' livelli nazzjonali ta' eċċellenza għall-iskejjel kollha biex il-ġenituri, l-għalliema u dawk kollha interessati ikollhom idea tajba ta' x'jafu u x'kapaċi jagħmlu t-tfal u ż-żgħażagħ matul kull wieħed mit-tliet ċikli u fi tmiem l-edukazzjoni obbligatorja. Id-Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni (DKSE) se jkun qed iħejji programmi ta' tagħlim għal kull wieħed mit-tliet Ċikli, li nirreferu għalihom bħala l-kurrikulu maħsub. Se tingħata attenzjoni speċjali għas-sistema ta' moniteraġġ li tipprovdi stampi tal-kurrikulu implimentat u mgħallem. Se jkunu qed jitħaddmu forom relevanti ta' assessjar fit-tliet Ċikli għaliex l-assessjar hu meqjus bħala parti integrali mill-proċess tat-tagħlim. Il-proċessi tat-tagħlim u l-assessjar, inklużi r-rapporti u ż-żamma ta' reġistri dwar il-progress tal-istudenti, qed jingħataw l-għarfien meħtieġ f'dan il-Qafas tal-Kurrikulu.

Il-miri statistiċi ta' tmiem l-edukazzjoni obbligatorja mhumiex it-tmiem fihom infushom. Għall-kuntrarju, dawn għandhom iservu ta' kriterji ta' suċċess u miri li jistgħu jinkisbu u li nistgħu naħdmu għalihom b'mod realistiku. Nixtiequ nħeġġu kultura ta' edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd, u għalhekk is-suċċess ikun relattiv għal kemm tiflaħ titgħallem kull persuna. Dan hu l-punt ewlieni ta' dan il-qafas – it-tfassil ta' triq għal kull tifel u tifla li sservi ta' mezz li biha jiżviluppaw bħala persuni u ċittadini tas-soċjetà Maltija, li kulma jmur qed tkun aktar diversa u qed toffri aktar sfidi.

Nittamaw li l-QKN jispira lill-għalliema u lill-iskejjel tagħna biex jieħdu rwol ewlieni fir-reviżjoni tal-proċess tat-tagħlim fil-klassijiet tagħna. Il-klassi hi l-post li fiha nistgħu naraw il-bidliet reali, u fejn dan il-qafas iservi bħala għodda ta' gwida li tabilħaqq tagħmel differenza f'ħajjet it-tfal, minkejja l-ħiliet u l-isfond soċjali u ekonomiku li jkunu ġejjin minnu.

L-inklużjoni, il-valuri tal-ġustizzja soċjali u ċ-ċittadinanza responsabbli, kif ukoll l-impjegabilità huma l-miri mixtieqa. Dawn jistgħu jinkisbu biss bl-impenn professjonali tagħna lkoll.

**Dr James Calleja**
President
Il-Grupp ta' Ħidma ta' Wara l-Konsultazzjoni

**Prof. Grace Grima**
President
Il-Kumitat għar-Reviżjoni tal-Kurrikulu

## Messaġġ mill-President tal-Union Maltija tal-Għalliema

L-aħħar għaxar snin kienu kkaratterizzati minn riformi kontinwi fl-edukazzjoni, li wħud minnhom kienu tħabbru fil-Kurrikulu Minimu Nazzjonali (KMN) li kien ippubblikat qabel dħalna għal dan is-seklu. Dawn ir-riformi saru wkoll minħabba fatturi oħra, bħaż-żieda fl-influwenza tad-dimensjoni Ewropea wara d-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, minħabba l-enfasi akbar biex jinkisbu l-aħjar riżultati mis-sistema edukattiva nazzjonali, u biex jingħarfu l-ħtiġijiet ta' kull student u studenta. Ir-reviżjoni tal-KMN kienet importanti biex jitqiesu realtajiet ġodda fis-sistema edukattiva tagħna li jinkludu l-mixja favur l-inklużjoni, l-użu ta' teknoloġiji ġodda, iż-żieda fis-servizzi ta' għajnuna biex jassistu l-proċess tat-tagħlim, it-tisħiħ u d-deċentralizzazzjoni tal-komunikazzjoni tas-servizzi, it-tagħlim ta' suġġetti speċjalizzati fl-iskejjel primarji, it-tagħlim għal ħiliet differenti u t-tagħlim differenzjat, it-tneħħija tal-għażla tal-istudenti skont l-abbiltajiet tagħhom *(streaming)* u t-tneħħija tal-eżamijiet tal-*junior lyceum*, u l-mixja għal skejjel bi studenti b'abbiltajiet imħallta.

Il-mixja minn Kurrikulu Minimu Nazzjonali (KMN) għal Qafas ta' Kurrikulu Nazzjonali (QKN) għandha l-għan li żżid il-flessibbiltà u r-relevanza tal-proċess tat-tagħlim biex jilħaq il-ħtiġijiet individwali ta' min ikun qed jitgħallem. Bla dubju ta' xejn, dil-ħaġa ġġib magħha sfidi ġodda għall-gradi tal-għalliema; sfidi li jistgħu jintlaħqu biss b'investiment kontinwu fl-infrastruttura, b'aktar riżorsi umani, bit-taħriġ mill-ġdid, u biż-żieda fis-servizzi ta' appoġġ. Il-QKN jista' jkun implimentat biss b'mod effettiv meta jkun hemm l-għodod u s-servizzi kollha meħtieġa f'posthom. Dawn jinkludu d-dokumenti ta' politika relatati mal-Qafas li se jinħarġu mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol biex iservu ta' għajnuna fl-implimentazzjoni.

Il-QKN jqis l-edukazzjoni bħala vjaġġ kontinwu li jibda mit-twelid u li jkun formalizzat tul it-tliet ċikli tal-iskola li jwasslu għal edukazzjoni ogħla. Huwa kurrikulu maħsub għat-tliet fornituri tas-servizz edukattiv ta' pajjiżna: l-Istat, il-Knisja u l-iskejjel Indipendenti, waqt li jagħraf il-varjetà fil-provvista tal-edukazzjoni, bis-saħħa tal-awtonomija ta' kull settur, u l-etos ta' kull skola. L-MUT tagħraf il-ħtieġa ta' bidliet li jsiru, kemm jista' jkun, mingħajr skossi fit-tliet ċikli tal-edukazzjoni, ta' bidliet minn skola għal oħra, u ta' bidliet għall-edukazzjoni ogħla. Dan kollu jitlob aktar uniformità li tista' tinkiseb biss permezz tal-istandardizzazzjoni tar-riżultati tat-tagħlim, bid-dritt għall-edukazzjoni f'kull qasam tat-tagħlim, u bl-eżerċizzji tal-livelli (*benchmarking)* li jsiru tul it-tliet ċikli tal-edukazzjoni.

Il-QKN jinkludi miri ċari li jridu jintlaħqu malajr, fi żmien mhux daqstant 'il bogħod, u oħrajn fit-tul, bl-għan li tiżdied ir-rata ta' suċċess fis-sistema edukattiva tagħna, f'livell Nazzjonali u Ewropew. Dawn il-miri speċifiċi joffru viżjoni importanti li għandha tkun diskussa b'mod effettiv mal-partijiet kollha konċernati. L-istrateġija li trid tintuża biex jintlaħqu dawn il-miri għandha titfassal fuq il-fatt li l-edukazzjoni għandha tipprovdi statistika u mhux, bil-maqlub, mibdula b'tali mod biex takkomoda l-istatistika. L-għan aħħari tal-edukazzjoni huwa li twassal lil kull individwu biex jilħaq il-potenzjal kollu tiegħu u dan il-fatt m'għandux jittieħed bħala ovvju.

L-MUT tagħraf li l-konsultazzjoni mal-partijiet kollha konċernati tjiebet wara li ġie ppubblikat l-abbozz tal-QKN mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol. L-MUT għamlet konsultazzjoni wiesgħa fuq dan l-abbozz. Din kienet għaddejja flimkien mal-proċess ta' konsultazzjoni li għamel il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol u wasslet għall-preżentazzjoni ta' numru kbir ta' fehmiet wara l-proċess ta' konsultazzjoni. Dawn ir-reazzjonijiet intlaqgħu mill-Grupp ta' Ħidma ta' Wara l-Konsultazzjoni fuq il-QKN u sodisfatti ħafna li fl-istess Grupp kien hemm ir-rappreżentazzjoni diretta tal-MUT. L-MUT tittama li dan il-proċess jerġa' jsir meta dan id-dokument jissarraf fl-istrateġija ta' implimentazzjoni tal-QKN permezz tal-Qafas tar-Riżultati tat-Tagħlim li jwassal għar-reviżjoni tas-sillabi. L-MUT tisħaq il-fatt li l-ħila esperta tal-edukaturi li qed iwasslu diġà s-servizzi tagħhom fl-iskejjel tagħna hija importanti biex kull individwu jimpenja ruħu u jħoss li dan il-kurrikulu huwa tiegħu u biex ikun hemm sillabi u riżorsi relevanti.

Jeħtieġ li l-edukaturi jibqa' jkollhom irwol ċentrali fil-proċess ta' implimentazzjoni tal-kurrikulu għax is-suċċess tal-QKN hu għalkollox dipendenti fuq it-tisrif fattwali ta' dan id-dokument fil-klassi.

**Is-Sur Kevin Bonello**

# Sommarju Eżekuttiv

Dan id-dokument huwa l-konklużjoni ta' proċess ta' diskussjonijiet, konsultazzjonijiet u tifsil tal-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali ta' Malta (QKN). Il-prinċipju bażiku li fuqu nbena dan il-Qafas hu li t-tfal u ż-żgħażagħ jingħataw dritt xieraq għal tagħlim li jgħinhom jilħqu l-potenzjal kollu tagħhom bħala individwi u ċittadini ta' stat żgħir fl-Unjoni Ewropea. Dan il-prinċipju hu appoġġjat b'sett ta' prinċipji oħra ewlenin bl-għan li l-istess QKN jilħaq u jiżviluppa:

- għerf, ħiliet, kompetenzi, attitudnijiet u valuri li jtejbu l-kwalità tal-ħajja tat-tfal tagħna.
- kapaċitajiet individwali li jgħinu lill-ġenerazzjonijiet iż-żgħar iqisu l-ġustizzja soċjali u s-solidarjetà bħala prerekwiżiti għall-ġustizzja u l-koeżjoni.
- modi diversi ta' tagħlim li jwasslu għal kisbiet, inkluż għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, kif ukoll għal esperjenzi ta' osservazzjoni fil-postijiet tax-xogħol.
- flessibbiltà fit-tmexxija tal-iskejjel u tal-klassijiet biex b'hekk il-Prinċipali tal-Kulleġġi, il-Kapijiet tal-Iskejjel u l-edukaturi fil-klassi jkunu aktar kreattivi, innovattivi u jipprovdu tagħlim skont il-ħtiġijiet tal-istudenti.
- Qafas tar-Riżultati tat-Tagħlim li fuqu jitfasslu programmi ta' tagħlim li jwasslu għal proċessi ta' assessjar skont esperjenzi speċifiċi ta' tagħlim.
- miri għal kisbiet, li jiġu riveduti regolarment u, li bihom il-mexxejja tal-edukazzjoni u dawk li jfasslu l-politika fil-qasam edukattiv ikunu jistgħu jassessjaw l-impatt tal-QKN fuq il-kisba taċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja (ĊES) fil-Livelli 2 u 3 tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki (QMK) u ċ-ĊES u l-Profil fil-Livelli 1 u 2 tal-QMK.

Biex jintlaħqu dawn il-prinċipji, il-QKN jisħaq li għandu jkun hemm:

- bidla minn kurrikulu preskrittiv għal qafas ibbażat fuq ir-riżultati tat-tagħlim li permezz tiegħu jkun hemm ammont ta' flessibbiltà interna u tagħlim aktar attraenti li jħajjar lill-istudenti biex jibqgħu jitgħallmu tul ħajjithom.
- bidla minn suġġetti separati minn xulxin għal oqsma ta' tagħlim li l-istudenti kollha jkollhom dritt għalihom u li jwassluhom għall-inklużjoni, iċ-ċittadinanza u biex isibu xogħol.
- modi varjati ta' tagħlim li bihom l-istudenti kollha jingħataw opportunitajiet biex jilħqu l-potenzjal kollu tagħhom, fil-kuntest tat-tagħlim tul il-ħajja.
- l-iżvilupp kontinwu tal-edukaturi kollha, u appoġġ kontinwu li jgħinhom jinterpretaw il-Qafas u jaddattawh biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-istudenti tagħhom; u għall-ħtiġijiet u l-iżviluppi nazzjonali.
- attenzjoni mill-imsieħba kollha fis-setturi tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti, li jieħdu rwol ta' tmexxija biex dan il-Qafas ikun implimentat b'suċċess.

Dan il-QKN jippromwovi:

- mira ċara għal titjib fil-kwalità tal-edukazzjoni u għal livelli ogħla ta' kisbiet edukattivi mill-istudenti.
- it-tħejjija tal-individwu li jmur lil hinn mill-istrutturi u l-prattiki kurrikulari tradizzjonali li jistgħu jillimitaw it-tagħlim.
- programmi flessibbli ta' tagħlim li jipprovdu esperjenzi diversi ta' tagħlim li jaqdu firxa wiesgħa ta' studenti u li jitfasslu għall-interessi u l-kapaċitajiet individwali tagħhom, f'parametri aċċettati fuq bażi nazzjonali.
- programmi ta' tagħlim li jiffukaw fuq il-fehim u li jenfasizzaw fuq il-proċess tat-tagħlim u fuq l-interpretar attiv tat-tifsir tat-tagħlim, aktar milli sempliċiment fuq l-akkwist tal-kontenut.
- programmi ta' tagħlim li jagħtu s-setgħa lill-għalliema biex jimplimentaw strateġiji innovattivi ta' tagħlim, speċjalment bis-saħħa tal-użu tat-tagħlim elettroniku (tagħlim-e).
- ċaqliq minn sistema ta' tagħlim ibbażata esklużivament fuq is-suġġetti tradizzjonali lil hinn minn xulxin u li, għalhekk, tiffavorixxi l-frammentazzjoni u l-kompartimentalizzazzjoni fit-tagħlim, għal sistema aktar interkurrikulari, tematika, interdixxiplinari u kollaborattiva li tirrifletti

sitwazzjonijiet reali tal-ħajja u li tħeġġeġ it-trasferiment ta' ħiliet minn qasam għall-ieħor tat-tagħlim.

- evalwazzjoni li tkejjel u tassessja l-proċessi kif ukoll il-prodotti tat-tagħlim.
- edukazzjoni inizjali tal-għalliema u opportunitajiet avvanzati għal taħriġ u appoġġ fl-użu ta' pedagoġiji li, fin-natura tagħhom, huma inklużivi u li jaħsbu fid-diversità.
- żvilupp professjonali li jimxi mal-opportunitajiet li jeżistu, fl-ambitu tar-realtà estiża tal-UE.
- l-iżvilupp tal-iskola bħala komunità tat-tagħlim magħmula minn għalliema li jirriflettu fuq il-prattika tagħhom.

Il-QKN hu ppreżentat fit-Tieni Parti ta' dan id-dokument. Il-qofol tal-QKN hu li l-għalliema jkunu jistgħu jwieġbu għall-interessi tat-tfal, li jqanqlulhom il-kurżità, u li jnibbtu fihom metodu ta' tagħlim mibni fuq l-istħarriġ (fis-Snin Bikrin); u mbagħad jgħinuhom fil-mixja edukattiva tagħhom biex, bla xkiel, jiskopru l-gost tat-tagħlim u jiżviluppaw b'mod sħiħ (fis-Snin tal-Primarja), bi tħejjija għall-ksib ta' ċertifikazzjoni u kwalifiki (fis-Snin tas-Sekondarja) li huma meħtieġa biex ikunu jistgħu jkomplu bl-edukazzjoni avvanzata u ogħla, kif ukoll biex isibu xogħol.

L-iżvilupp personali u l-inklużjoni, il-valuri tal-ġustizzja soċjali u taċ-ċittadinanza responsabbli, u l-impjegabilità huma tliet punti kruċjali f'dan il-Qafas. Ingħatat attenzjoni speċjali għad-dritt ta' dawk li jkunu qed jitgħallmu, kif ukoll għall-provvista ta' modi differenti ta' tagħlim. L-għan ewlieni ta' dan il-metodu hu li l-QKN iservi ta' qafas ta' possibbiltajiet differenti ta' tagħlim għal kulħadd u ta' pedagoġiji li, primarjament, jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-individwu.

Il-proċess ta' konsultazzjoni indika biċ-ċar li l-kwalità tal-esperjenzi tat-tagħlim għandha tingħata aktar importanza mill-kontenut ta' dak li jkun qed jiġi mgħallem. L-għodod tal-litteriżmu diġitali għandhom jintużaw b'mod aktar attiv fil-proċess tat-tagħlim. L-istrutturi u s-servizzi ta' għajnuna li diġà jeżistu u li qed iħallu impatt pożittiv fuq l-esperjenzi edukattivi tat-tfal u ż-żgħażagħ għandhom jibqgħu hemm u jissaħħu.

L-għan aħħari tal-QKN hu li jgħin lill-istudenti biex jibqgħu jitgħallmu matul ħajjithom. Dan jitlob sforz minn kulħadd ħalli l-istudenti kollha jingħataw l-għerf, il-ħiliet, il-kompetenzi, l-attitudnijiet u l-valuri meħtieġa biex jinġibdu lejn l-edukazzjoni avvanzata u ogħla, biex jerġgħu jitħarrġu u jtejbu l-ħiliet tagħhom meta jkunu qed jaħdmu, u biex jagħtu sehemhom b'mod attiv fil-ħajja ċivika u soċjali ta' pajjiżna.

L-istqarrijiet li ġejjin jiġbru l-konklużjonijiet li wasal għalihom il-Grupp ta' Ħidma ta' Wara l-Konsultazzjoni li saret fuq il-QKN u li se jkun implimentat bejn l-2013 u l-2026. Il-konklużjonijiet jirriflettu l-ħidma tal-Kumitat tar-Reviżjoni tal-Kurrikulu u r-reazzjonijiet li kien hemm waqt il-proċess tal-konsultazzjoni.

1. Il-Grupp ta' Ħidma jikkonferma li dan id-dokument jippreżenta **Qafas ta' Kurrikulu Nazzjonali** li fuqu għandhom ikunu bbażati l-Qafas tar-Riżultati tat-Tagħlim, u l-Programmi tat-Tagħlim u tal-Assessjar fil-livelli kollha tal-edukazzjoni bikrija u obbligatorja.

2. Il-Grupp ta' Ħidma jikkonferma mill-ġdid **il-prinċipji tal-edukazzjoni** ppreżentati fl-abbozz tal-QKN li huma *d-Dritt għat-Tagħlim; id-Diversità; is-Sekwenza tal-Kisbiet; it-Tagħlim Iffukat fuq l-Istudenti; l-Assigurazzjoni tal-Kwalità; u l-Appoġġ Professjonali tal-Għalliema.*

3. Il-Grupp ta' Ħidma jikkonferma mill-ġdid **l-għanijiet tal-edukazzjoni** li: (i) l-istudenti jkunu kapaċi jiżviluppaw b'suċċess il-potenzjal kollu tagħhom bħala persuni li jibqgħu jitgħallmu tul ħajjithom; (ii) l-istudenti jkunu kapaċi jsostnu l-opportunitajiet tagħhom fid-dinja tax-xogħol; u (iii) li l-istudenti jkunu ċittadini responsabbli u impenjati għall-ġustizzja soċjali fir-realtajiet lokali, reġjonali u globali li qed jinbidlu l-ħin kollu.

4. Il-Grupp ta' Ħidma jistabbilixxi l-**Oqsma tat-Tagħlim** għaċ-Ċikli tal-Edukazzjoni tal-Primarja u s-Sekondarja li huma *l-Lingwi; il-Matematika; ix-Xjenza u t-Teknoloġija; is-Saħħa Fiżika; l-Edukazzjoni Reliġjuża u Etika; l-Edukazzjoni tal-Umanità u tad-Demokrazija; u l-Arti Viżiva u tal-Ispettaklu.*

5. Il-Grupp ta' Ħidma jistabbilixxi t-**Temi Interkurrikulari** għaċ-Ċikli tal-Edukazzjoni tal-Primarja u s-Sekondarja li huma *l-Litteriżmu u l-Litteriżmu Diġitali; it-Tagħlim biex Titgħallem u t-Tagħlim Koperattiv; l-Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli; l-Edukazzjoni għall-Intraprenditorija, il-Kreattività u l-Innovazzjoni; u l-Edukazzjoni għad-Diversità.*

6. Il-Grupp ta' Ħidma jisħaq li l-**edukaturi** għandhom jużaw il-QKN biex jiżviluppaw il-kapaċità tal-istudenti ħalli dawn irawmu fihom il-valuri u jitgħallmu l-ħiliet u l-kompetenzi li jeħtieġu biex jistabbilixxu kwalità ta' ħajja tajba, fit-tul, bħala persuni u ċittadini – u meta jagħmlu dan, l-edukaturi għandhom iqisu lill-istudenti bħala individwi b'kapaċitajiet diversi li għandhom ikunu megħjuna biex jibqgħu

jitgħallmu tul ħajjithom u jkollhom l-attitudnijiet u l-ħiliet relatati biex isibu xogħol. Id-Direttorati[1] jaħdmu mal-Fakultà tal-Edukazzjoni fl-Università ta' Malta, mal-Kulleġġ Malti tal-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija (MCAST), mal-Istitut tal-Istudji Turistiċi (ITS) u mal-Kunsill tal-Professjoni tal-Għalliema biex ikun assigurat li l-edukaturi kollha jkollhom żvilupp professjonali kontinwu.

7. Il-Grupp ta' Ħidma jistabbilixxi dawn it-**tliet Ċikli tal-Edukazzjoni** li filwaqt li huma distinti minn xulxin, jippermettu r-rinfurzar tal-għerf, il-ħiliet, il-kompetenzi, l-attitudnijiet u l-valuri minn Ċiklu għal ieħor:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Iċ-Ċiklu tas-Snin Bikrin | KGI KGII S1 S2 | | |
| Iċ-Ċiklu tas-Snin tal-Primarja | | S3 S4 S5 S6 | |
| Iċ-Ċiklu tas-Snin tas-Sekondarja | | | S7 S8 S9 S10 S11 |

8. Il-Grupp ta' Ħidma jistabbilixxi li l-programmi tat-tagħlim u l-istandards tal-assessjar u tal-eżamijiet għandhom ikunu bbażati fuq ir-riżultati ġenerali tat-tagħlim tal-QKN u fuq il-**Qafas tar-Riżultati tat-Tagħlim** li jsegwih. L-assessjar fl-ambjenti ta' qabel l-iskola u tal-iskola għandu sehem importanti għat-tagħlim u l-progress fil-livelli kollha. Għandu jitqies bħala parti integrali mill-proċess tat-tagħlim għax jipprovdi lill-istudenti, lill-edukaturi u lill-ġenituri rispons kontinwu, fil-ħin, u kwalitattiv fuq il-progress tat-tfal, u jservi ta' għodda għall-għalliema biex jirriflettu fuq il-prattika tagħhom. Fl-istess ħin, jgħin lill-iskejjel u lill-kulleġġi għax joffrilhom l-informazzjoni dwar l-ippjanar tal-kurrikulu, it-tagħlim u l-kisbiet. **L-eżamijiet u l-assessjar** li jsiru fil-livell taċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja għandhom jirriflettu r-razzjonal fundamentali tal-QKN u tal-Qafas tar-Riżultati tat-Tagħlim, imsejsa fuq pedagoġija li tpoġġi lill-istudenti fiċ-ċentru tat-tagħlim, u li hi bbażata fuq it-tagħlim mistħarreġ, u integrata ma' temi interkurrikulari u appoġġjati minn metodu bbażat fuq it-tagħlim-e.

9. Il-Grupp ta' Ħidma jistabbilixxi li l-QKN jwieġeb għad-deskritturi tal-ewwel tliet livelli tal-**Qafas Malti tal-Kwalifiki għat-Tagħlim Tul il-Ħajja** li min-naħa tiegħu hu marbut mal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-Tagħlim Tul il-Ħajja. Għandu jkun żviluppat Qafas tar-Riżultati tat-Tagħlim għat-Tliet Ċikli tal-edukazzjoni, kif indirizzati minn dan il-QKN (is-Snin Bikrin, il-Primarja, u s-Sekondarja) u fuqu jitfasslu l-programmi tat-tagħlim u l-proċeduri tal-assessjar li jwasslu għal-livelli mistennija mill-Qafas Malti tal-Kwalifiki.

10. Il-Grupp ta' Ħidma jinsisti fuq l-importanza li l-ħiliet u l-kompetenzi kollha jiġu vvalutati u akkreditati. Il-QKN għandu jassigura li l-kapaċitajiet tal-istudenti jagħtuhom l-aċċess għall-edukazzjoni avvanzata u ogħla, u li jkunu l-prerekwiżiti għax-xogħol u l-mobilità. Il-Qafas tar-Riżultati tat-Tagħlim se jkun qed jagħti importanza xierqa lis-**suġġetti vokazzjonali** fiċ-Ċiklu tas-Snin tas-Sekondarja bl-iskop li jipprovdi metodi aktar diversi ta' tagħlim li jwasslu lill-istudenti biex jiksbu ħiliet u xogħlijiet ġodda. Il-firxa ta' suġġetti vokazzjonali tkun estiża matul il-perjodu tal-QKN.

11. Bħala **miżura ta' assigurazzjoni tal-kwalità**, il-Grupp ta' Ħidma ddetermina tliet okkażjonijiet għall-għoti ta' livelli *(benchmarking)* u żewġ okkażjonijiet ta' moniteraġġ matul l-edukazzjoni obbligatorja. L-għoti ta' livelli *(benchmarking)* se jkun qed isir fi tmiem iċ-Ċiklu tas-Snin Bikrin, fi tmiem iċ-Ċiklu tas-Snin tal-Primarja u fi tmiem iċ-Ċiklu tas-Snin tas-Sekondarja. L-assessjar isir b'mod individwali fil-perjodu ta' bejn it-2 u t-3 Sena tal-Primarja, u fi tmiem is-6 Sena tal-Primarja. Dawn l-eżerċizzji ta' indikazzjoni tal-livell tal-istudenti *(benchmarking)* se jkunu obbligatorji għall-iskejjel tal-Istat, filwaqt li l-Iskejjel tal-Knisja u Indipendenti se jkunu mistiedna jipparteċipaw. Fi tmiem il-11-il Sena, ir-riżultati tal-eżamijiet taċ-ĊES jibqa' jkollhom ukoll funzjoni ta' indikazzjoni tal-livell *(benchmarking)*.

Barra minn hekk, se jkun hemm żewġ perjodi ta' moniteraġġ estern, li ma jiskomodawx, matul l-edukazzjoni obbligatorja: wieħed matul iċ-Ċiklu tal-Primarja u l-ieħor fiċ-Ċiklu tas-Sekondarja. Dawn ikunu jinkludu kampjuni ta' skejjel u studenti mis-setturi tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti, u numru speċifiku ta' oqsma tat-tagħlim kull sena f'ċiklu ta' snin li għad irid ikun determinat biex ikopri oqsma differenti.

12. Filwaqt li t-tfal mhux se jkunu assessjati b'mod formali fiċ-**Ċiklu tas-Snin Bikrin**,

1 Id-'Direttorati' huma dejjem id-Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni u d-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi.

l-iżvilupp u l-progress tagħhom se jiġi rreġistrat u rrappurtat lill-ġenituri mill-inqas darbtejn fis-sena. Huwa rrakkomandat li f'dan iċ-Ċiklu jkun hemm l-assessjar formattiv għax dan hu addattat ferm biex jaqbad il-progress u l-iżvilupp individwali tat-tfal. Il-programmi tat-tagħlim żviluppati għal dan iċ-Ċiklu għandhom iwasslu għar-riżultati tat-tagħlim ta' dan iċ-Ċiklu. Dan kollu jkompli jikkonferma l-għanijiet tas-Snin Bikrin.

13. Il-Grupp ta' Ħidma jerġa' jisħaq li ċ-**Ċiklu tas-Snin tal-Primarja** huwa punt kruċjali fil-mixja edukattiva tal-istudenti għax jikkonsolida u jibni fuq l-esperjenzi tat-tagħlim taċ-Ċiklu tas-Snin Bikrin u jħejjihom għaċ-Ċiklu tas-Sekondarja. Dan ikompli jikkonferma l-għanijiet tas-Snin tal-Primarja u jżid ir-riżultati ġenerali tat-tagħlim għal dan iċ-Ċiklu.

14. Il-Grupp ta' Ħidma jistabbilixxi li l-**kontenut tas-suġġetti** fl-Oqsma differenti tat-Tagħlim taċ-Ċiklu tas-Snin tal-Primarja għandu jiġi ristrutturat skont ir-realtajiet tas-sena skolastika ħalli l-edukaturi jkunu jistgħu jużaw pedagoġiji li jpoġġu lill-istudenti fiċ-ċentru, u li huma bbażati fuq l-istħarriġ u integrati f'temi interkurrikulari, megħjuna b'metodu ta' tagħlim ibbażat fuq it-tagħlim elettroniku.

15. Il-Grupp ta' Ħidma jagħraf li l-assessjar **formattiv** għandu jkun bilanċjat u supplimentat b'assessjar **summattiv** fis-Snin tal-Primarja. Il-Kulleġġi u l-Iskejjel huma mħeġġa jagħmlu assessjar summattiv li jservi ta' għajnuna għall-għalliema u għall-istudenti ħalli jkollhom indikazzjoni tal-iżvilupp tal-għerf, il-ħiliet, il-kompetenzi u tal-attitudnijiet li jkunu kisbu fid-diversi Oqsma tat-Tagħlim. Dan għandu jsir mill-inqas darba qabel tmiem dan iċ-Ċiklu.

16. Il-Grupp ta' Ħidma jerġa' jisħaq li ċ-**Ċiklu tas-Snin tas-Sekondarja** huwa punt kruċjali fil-mixja edukattiva tal-istudenti għax jikkonsolida u jibni fuq l-esperjenzi tat-tagħlim taċ-Ċiklu tas-Snin tal-Primarja u jħejjihom għal sfidi akbar li jiltaqgħu magħhom wara l-edukazzjoni obbligatorja. Dan ikompli jikkonferma l-għanijiet tas-Snin tas-Sekondarja u jżid ir-riżultati ġenerali tat-tagħlim għal dan iċ-Ċiklu.

17. Il-Grupp ta' Ħidma jikkonferma l-**Għażla tas-Suġġetti** ppreżentata fl-abbozz tal-QKN, ħlief il-proposta li saret fuq il-Letteratura Ingliża. Din għandha tibqa' parti mil-lezzjonijiet ewlenin tal-Ingliż. Il-firxa tas-suġġetti vokazzjonali għandha tikber matul il-perjodu tal-QKN. Il-prattika attwali li jkun hemm żewġ eżamijiet taċ-ĊES: wieħed tal-Lingwa Ingliża u l-ieħor tal-Letteratura Ingliża għandha tibqa' kif inhi. Huwa rrakkomandat li din il-prattika tkun ikkunsidrata wkoll għall-Malti. Barra minn hekk, il-livelli għolja ta' kompetenza fit-tagħlim tal-lingwi barranin żviluppati miż-żgħażagħ f'Malta matul l-edukazzjoni obbligatorja, u li kienu kkonfermati mir-riżultati tal-*Istħarriġ Ewropew fuq il-Kompetenzi tal-Lingwi – 2011*, għandhom jinżammu fis-sistema edukattiva tagħna.

18. Il-Grupp ta' Ħidma jinsisti li t-**tfassil tal-eżamijiet** għal gruppi ta' snin partikolari fis-Settur Edukattiv tal-Istat għandu jkun iddelegat lill-Kulleġġi, meta dawn jiksbu l-ħiliet u l-kapaċità neċessarja, kif ukoll żieda fil-livell tal-iżvilupp professjonali. Meta t-tfassil tal-eżamijiet jingħata f'idejn il-Kulleġġi, dawn ikunu suġġetti għal assigurazzjoni u reviżjoni kontinwa tal-kwalità li ssir mid-Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni.

19. Il-Grupp ta' Ħidma jippreżenta d-**dritt** minimu rrakkomandat għal kull wieħed mit-tmien Oqsma tat-Tagħlim fis-Snin tal-Primarja, fl-Ewwel Snin tas-Sekondarja u fl-Aħħar Snin tas-Sekondarja, u għalhekk jipprovdi flessibbiltà għal deċiżjonijiet li jittieħdu fuq bażi ta' skola sa 15%, 20% u 25% tal-ħin tal-kurrikulu fit-tliet kategoriji rispettivi.

20. Il-Grupp ta' Ħidma jwissi li biex il-QKN ikun implimentat b'suċċess huwa meħtieġ li, kontinwament, l-edukaturi jingħataw **għarfien ġdid** fuq ħiliet u kompetenzi differenti minn tagħhom u **taħriġ mill-ġdid** ħalli jkunu jistgħu jużaw pedagoġiji ġodda. Dan kollu jeħtieġ programm strutturat ta' żvilupp professjonali li jmur lil hinn minn dak li tippermetti l-istruttura attwali tat-taħriġ. Il-Kumitat ta' Ħidma jisħaq li hemm bżonn li d-Direttorati jikkonsultaw mal-Union Maltija tal-Għalliema.

21. Il-Grupp ta' Ħidma jirrakkomanda li l-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol j/tistabbilixxi **Grupp ta' Ħidma** li jindirizza l-implikazzjonijiet tal-QKN għall-edukazzjoni avvanzata u ogħla. L-għan ta' dan il-Grupp ta' Ħidma għandu jkun li jassigura progressjoni bla skossi mill-edukazzjoni obbligatorja għall-edukazzjoni postsekondarja. Dan il-Grupp għandu jitmexxa mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla.

# Reviżjoni tal-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali u t-Triq ’il Quddiem

## L-Ewwel Parti

# 01 Reviżjoni tal-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali wara l-Proċess ta' Konsultazzjoni

## 01.1 Proċess b'Saħħtu ta' Konsultazzjoni Nazzjonali

L-abbozz tal-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali (QKN) kien mgħoddi lill-pubbliku fis-17 ta' Mejju 2011. Sar proċess komprensiv ta' konsultazzjoni mid-Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni (DKSE) fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol mal-persuni kollha konċernati.

Il-proċess ta' konsultazzjoni kien jinkludi:

- 56 laqgħa ta' konsultazzjoni, fost l-oħrajn, mal-korpi kostitwiti, mal-partiti politiċi, ma' rappreżentanti mill-iskejjel tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti, mal-pubbliku ġenerali, mal-ġenituri u mal-istudenti.
- Jum ta' konsultazzjoni fl-iskejjel kollha tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti.
- Stħarriġ komprensiv fost il-professjonisti tal-edukazzjoni u l-istudenti fis-setturi tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti.
- Stedina għas-sottomissjoni formali ta' reazzjonijiet bil-miktub mill-persuni kollha konċernati.

Ir-rapport tal-analiżi tar-reazzjonijiet inħareġ għall-pubbliku fl-14 ta' Awwissu 2012 mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol[2]. Minkejja l-ideat differenti u kultant kunfliġġenti, ir-Rapport ikkonkluda li, kollox ma' kollox, kien hemm livell għoli ta' qbil fl-ideat. Din hi ħarsa ġenerali tal-punti ewlenin li ħarġu mir-Rapport:

- Qbil kważi unanimu fuq il-Prinċipji u l-Għanijiet ġenerali tal-edukazzjoni fl-abbozz tal-QKN.
- L-isfidi u l-kwistjonijiet li tqajmu għandhom x'jaqsmu primarjament mad-dettall tal-implimentazzjoni tal-QKN.
- Qbil ġenerali fuq il-kredibbiltà tal-viżjoni ppreżentata għall-Edukazzjoni tax-Xjenza; li s-suġġett propost tax-Xjenza Bażika m'għandux ikun għażla ħafifa *(soft option)*; li l-istudenti għandhom jitħallew jagħżlu suġġett wieħed tax-Xjenza; li huwa meħtieġ li jkun hemm taħriġ mill-ġdid, ippjanat kif jixraq, għall-għalliema attwali li prinċipalment ġejjin mill-Matematika u l-Fiżika.
- Qbil ġenerali li biex il-QKN ikun suċċess, hemm bżonn li jsir investiment ħalli l-għalliema, il-mexxejja tal-iskejjel u l-edukaturi jtebju l-ħiliet tagħhom, jerġgħu jitħarrġu u jiksbu ħiliet ġodda.
- Qbil ġenerali li biex ikun implimentat ambjent ta' tagħlim differenzjat b'suċċess, huwa meħtieġ li jkun hemm investiment fit-tisħiħ tal-ħiliet, tal-kompetenzi u tal-kapaċità; li tiżdied l-allokazzjoni tar-riżorsi għall-għalliema; li, fejn jinħtieġ, jitjieb il-proporzjon tan-numru ta' għalliema għan-numru ta' studenti; li jkun hemm inqas kontenut fis-sillabi; u li l-għalliema jkollhom aktar flessibbiltà fejn jidħlu l-pedagoġiji fl-ambjent tal-klassi.
- Qbil kważi unanimu fuq il-fatt li metodu tat-tagħlim ibbażat fuq l-istħarriġ u li jpoġġi lill-istudenti fiċ-ċentru jeħtieġ tnaqqis sinifikanti fil-kontenut tas-sillabi.
- Kritika fuq il-Qasam tat-Tagħlim tal-Edukazzjoni taċ-Ċittadinanza, primarjament, għax hemm il-biża' li dan jimmarġinalizza l-Ġeografija, l-Istorja u l-Istudji Soċjali bħala dixxiplini separati.
- Qbil konsistenti li l-implimentazzjoni għandha tkun ippjanata sew u b'attenzjoni, li ssir f'fażijiet differenti, u li l-istudenti, l-għalliema, u l-ġenituri jkunu fil-qalba ta' dan il-proċess ta' riforma.
- Meta ssemmiet, kien hemm qbil mar-rakkomandazzjoni biex is-suġġetti tal-Kontabilità *(Accounts)* u l-Ekonomija jerġgħu jibdew jingħataw fl-għażla tas-suġġetti.
- Meta ssemma, kien hemm tħassib dwar l-impatt tar-riformi proposti fuq is-suġġett tal-Iżvilupp Personali u Soċjali.
- Qbil ġenerali mal-introduzzjoni tas-suġġett tal-Etika għall-istudenti li l-ġenituri tagħhom ma jkunux jixtiquhom jieħdu l-edukazzjoni fuq il-Fidi Kattolika Rumana. Intqal ukoll li dan is-suġġett m'għandux inaqqas l-awtonomija tal-iskejjel tal-Knisja b'rabta mal-Edukazzjoni Reliġjuża peress li l-etos tal-edukazzjoni tal-Knisja hu bbażat fuq is-sistema ta' valuri msejsa fuq il-Fidi Kattolika Rumana.

2 Tista' tarah minn hawn: https://www.education.gov.mt/Page.aspx?pid=543

- Filwaqt li, b'mod ġenerali, kien hemm qbil fuq l-introduzzjoni tas-suġġett tal-Etika, hemm diversi ideat fuq x'għandu jkun fih is-sillabu ta' dan is-suġġett; u min għandu jfasslu, fost fatturi oħra.

- Kritika kważi unanima fuq l-orarji proposti li kienu riġidi żżejjed u mhux flessibbli, tant li ma jirriflettux l-etos tal-abbozz tal-QKN nnifsu. Saret kritika wkoll għall-fatt li l-introduzzjoni tal-ħin għall-iżvilupp professjonali hi limitata biss għaċ-Ċiklu tal-Edukazzjoni Sekondarja.

- Filwaqt li hemm qbil fuq il-ħtieġa ta' politika lingwistika, ġew ippreżentanti ħafna rakkomandazzjonijiet differenti rigward x'għandha tkopri l-politika tal-lingwa.

- Qbil kważi universali fuq il-fatt li Malta saret soċjetà multikulturali u li l-iskejjel kollha għandhom ikunu f'pożizzjoni li jipprovdu l-għajnuna fil-Malti u fl-Ingliż lit-tfal u lill-ġenituri biex dawn jiksbu għarfien bażiku taż-żewġ lingwi minn kmieni kemm jista' jkun ħalli jkunu jistgħu jintegraw malajr fis-soċjetà.

- Reazzjoni mħallta dwar ir-rakkomandazzjoni li t-tfal fl-Iskejjel Primarji jkunu esposti għal lingwa barranija: dawk li kienu kontra dan il-kunċett saħqu li l-Iskejjel Primarji għandhom jikkonċentraw biex jassiguraw li t-tfal jiksbu ħakma tajba tal-lingwa Maltija u Ingliża rispettivament, speċjalment minħabba t-tnaqqis li qed ikun innutat fil-livell tal-ħakma taż-żewġ lingwi.

- Qbil universali li r-rakkomandazzjoni tal-Letteratura Ingliża bħala suġġett tal-Għażla fit-3 Sena tas-Sekondarja (id-9 Sena) mhix korretta u li dil-proposta jkollha impatt negattiv fuq in-numru ta' studenti li jkollhom aċċess għal firxa ta' testi letterarji bl-Ingliż.

- Qbil ġenerali li jekk tidħol fis-seħħ ir-rakkomandazzjoni li jitnaqqsu s-sigħat iddedikati għat-tielet lingwa barranija fiċ-Ċiklu tas-Sekondarja, is-sillabu u l-kontenut ikollhom jitnaqqsu kif jixraq.

- Qbil kważi universali fuq il-bilanċ propost bejn l-assessjar u l-evalwazzjoni.

- Tħassib kważi universali li l-involviment dirett tal-ġenituri fl-edukazzjoni ta' wliedhom qed jonqos minħabba li ż-żewġ ġenituri qed ikunu aktar attivi fis-suq tax-xogħol.

- Tħassib kważi universali li l-implimentazzjoni b'suċċess tal-prinċipji proposti fil-QKN teħtieġ il-kontinwità fl-edukazzjoni Postsekondarja.

- Rispons limitat fuq il-Matematika; it-Teknoloġija; it-Tagħlim Elettroniku; l-Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli; l-Edukazzjoni għall-Intraprenditorija; il-Kreattività u l-Innovazzjoni; l-Involviment tal-Istudenti u l-Immaniġjar tal-Iskejjel, fost l-oħrajn. Kien hemm min issuġġerixxa biex it-'Tagħlim Elettroniku' jinbidel f''Litteriżmu Diġitali' u li dan għandu jwassal għat-tneħħija tas-suġġett tal-ICT mill-orarju.

- Xi msieħba kkritikaw il-QKN għall-fatt li fih hemm referenza limitata għal suġġetti relatati mal-ġeneru u li m'hemmx referenza għal suġġetti relatati mal-orjentazzjoni sesswali.

- Kien hemm reazzjoni li l-QKN ma jindirizzax fil-fond kwistjonijiet relatati mad-diffikultà fl-imġiba, id-dixxiplina, l-ibbuljar, eċċ.

- Tqajjem tħassib fuq il-fatt li l-QKN hu utilitarju fil-metodu tiegħu peress li jagħmel enfasi fuq it-tħejjija tal-istudenti għas-suq tax-xogħol u jpoġġi t-tagħlim tul il-ħajja bħala responsabbiltà tal-individwu u mhux tal-Istat biex jipprovdiha.

## 01.2 Il-Pożizzjoni tal-Grupp ta' Ħidma wara l-Analiżi tar-Reazzjonijiet li Daħlu

### 01.2.1 Qafas għal Kurrikulu Nazzjonali

Tajjeb li jkun enfasizzat li l-Grupp ta' Ħidma qed jippreżenta **Qafas** għal kurrikulu nazzjonali. Mir-reazzjonijiet li daħlu, jidher ċar li numru ta' msieħba qiesu l-qafas bħala Kurrikulu Nazzjonali li jirrifletti s-suġġetti mgħallma u li għandu jikkunsidra wkoll kwistjonijiet bħad-dixxiplina u l-ibbuljar, fost temi oħra.

Il-QKN mhu xejn minn dan. L-għan tiegħu hu li jistabbilixxi l-indikaturi meħtieġa li huma relatati mal-għerf, il-ħiliet u l-kompetenzi, kif ukoll mal-attitudnijiet u l-valuri li għandhom ikunu mgħallma b'mod statutorju ħalli dawn iwasslu għar-riżultati mistennija mit-tagħlim. L-etos tal-QKN jirrifletti s-sehem li għandha l-edukazzjoni għall-iżvilupp nazzjonali soċjali u ekonomiku ta' Malta.

Il-QKN jiddefinixxi dak li l-istudent għandu jkun jaf u kapaċi jagħmel b'riżultat tal-edukazzjoni formali. Il-QKN jara li jkun hemm bilanċ bejn l-għerf, il-ħiliet, il-kompetenzi u l-attitudnijiet li jgħoddu għal kull żmien ma' għerf, ħiliet, kompetenzi u attitudnijiet ġodda. Dan iwassal għal sfida konsiderevoli minħabba l-limitazzjonijiet tas-sena skolastika minn naħa, u l-kontenut tal-għerf, il-ħiliet, il-kompetenzi, l-attitudnijiet u l-valuri li jistgħu jitwasslu lill-istudenti minn naħa oħra.

Barra minn hekk, il-QKN jindirizza wkoll lil min se jwassal il-kurrikulu: lill-mexxejja tal-iskejjel, lill-għalliema u edukaturi oħra. Irid jindirizza wkoll lill-ġenituri li huma ċavetta importanti għas-suċċess tal-kurrikulu. Filwaqt li l-mexxejja tal-iskejjel huma marbuta mal-provvista ta' direzzjoni strateġika, riżorsi u għajnuna, l-għalliema professjonali huma l-aħjar nies biex jevalwaw dak li jkun qed jintlaħaq u biex jassiguraw li jibqa' jkun hemm titjib. Imbagħad huma l-ġenituri li, fid-dar, ikomplu jagħmlu r-rinfurzar tal-valuri u tal-esperjenza edukattiva li jiksbu wliedhom mill-iskola. Il-viżjonijiet ewlenin tal-Kurrikulu kif ippreżentati fl-abbozz tal-Qafas għal darb'oħra huma kkonfermati.

**Konklużjoni 01**

Il-Grupp ta' Ħidma jikkonferma li dan id-dokument jippreżenta **Qafas ta' Kurrikulu Nazzjonali** li fuqu għandhom ikunu bbażati l-Qafas tar-Riżultati tat-Tagħlim, u l-Programmi tat-Tagħlim u tal-Assessjar fil-livelli kollha tal-edukazzjoni bikrija u obbligatorja.

## 01.2.2 Il-Prinċipji u l-Għanijiet tal-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali l-Ġdid

### 01.2.2.1 Il-Prinċipji

Ir-reazzjonijiet ta' waqt il-konsultazzjoni wrew li hemm qbil fuq il-Prinċipji u l-Għanijiet ġenerali tal-edukazzjoni, kif ippreżentati fl-abbozz tal-QKN. Punt li qam, u li l-Grupp ta' Ħidma ħa nota tiegħu, huwa dak li l-kontribuzzjoni tal-edukazzjoni m'għandhiex tkun limitata għall-għarfien u l-kontenut – ħaġa li, kif intqal diġà, is-sistema edukattiva f'Malta tibbaża wisq fuqhom. Intqal li riżultat funzjonali tal-edukazzjoni hu wkoll li tnissel fl-istudenti – l-adulti ta' għada – sistema ta' valuri li tkun tirrifletti n-nisġa morali u etika ta' kull ċittadin li hu Malti u Ewropew. Għalhekk, il-proċess tal-edukazzjoni għandu jikkontribwixxi wkoll għas-sistema ta' valuri li tirrifletti l-attitudnijiet u t-twemmin li jinkludu, imma li mhumiex limitati għad-demokrazija, l-inklużjoni, il-ftuħ u r-rispett, it-tolleranza, it-trasparenza u d-diversità.

Il-prinċipju tad-**dritt** għall-edukazzjoni jiżgura l-iżvilupp tal-istudent/a mal-mixja tiegħu/tagħha fiċ-ċiklu tal-ħajja għal persuna adolexxenti, u eventwalment għal persuna adulta b'sistema ta' valuri ta' ċittadin/a responsabbli u persuna b'kompetenzi biex, fost l-oħrajn, tmexxi, tisfida, tanalizza, tkun innovattiva u kreattiva, u takkomoda l-kisba ta' ħiliet u għarfien ġdid.

B'rabta mal-prinċipju tad-**diversità**, ir-reazzjonijiet li daħlu ssuġġerew li l-abbozz tal-QKN addotta viżjoni dejqa għaliex m'għamilx differenza bejn il-ħtiġijiet uniċi tal-edukazzjoni għall-persuni differenti involuti – in-nisa, il-minoranzi etniċi, il-persuni b'orjentazzjoni sesswali differenti, jew il-persuni b'diżabilità. Il-Grupp ta' Ħidma kkonkluda li din il-kritika mhix ġusta. L-abbozz tal-QKN iħaddan id-diversità fil-forom kollha tagħha. Fil-fatt jistabbilixxi dan il-prinċipju bħala wieħed mill-viżjonijiet ewlenin tal-QKN.

Il-prinċipju tas-**sekwenza tal-kisbiet** għandu jippermetti lill-istudenti biex isegwu, permezz ta' metodi edukattivi differenti, l-aħjar triq li tippermettilhom jilħqu l-massimu tal-potenzjal kollu tagħhom – irrispettivament minn jekk ikollhomx ħiliet għolja, medji, bażiċi u/jew xi diżabilità. F'dan ir-rigward, il-Grupp ta' Ħidma ra li jistabbilixxi qafas li jassumi, għall-possibbiltajiet kollha, li l-ebda student ma jispiċċa vittma ta' sistema edukattiva li ma tkunx kapaċi tidentifika lil dawk l-istudenti li jkunu jeħtieġu l-inkoraġġiment u l-gwida. Bl-istess importanza, il-Grupp ta' Ħidma qed jippreżenta QKN li jippermetti l-introduzzjoni ta' metodi differenti ta' tagħlim li tabilħaqq iwasslu lill-istudenti biex jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom bl-aħjar mod għalihom.

Għalkemm l-imsieħba jaqblu mal-prinċipju tat-**tagħlim iffukat fuq l-istudent,** ħafna jemmnu li dan jista' jkun implimentat biss jekk jonqos il-kontenut tal-kurrikuli tas-suġġetti. Barra minn hekk, ir-reazzjonijiet li kien hemm saħqu li għall-eżamijiet taċ-ĊES għandu jkun hemm ukoll pedagoġija li tiffoka fuq l-istudent. Saret enfasi biex dan il-mudell il-ġdid ikun rifless ukoll fl-edukazzjoni Postsekondarja. Ġie diskuss li sakemm ma jkunx hemm kontinwità bejn l-edukazzjoni obbligatorja u l-edukazzjoni Postsekondarja, il-kisbiet ta' sistema edukattiva bbażata fuq il-prinċipji li l-istudent jitpoġġa fiċ-ċentru u jitħalla jistħarreġ, jismufaw fix-xejn. Dan jiġri minħabba l-fatt li dawk li jkomplu bl-edukazzjoni Postsekondarja jiġu esposti għal esperjenza ta' tagħlim li tkun għadha bbażata fuq l-etos edukattiv ta' qabel il-QKN. Il-Grupp ta' Ħidma jaqbel ma' dan it-tħassib li kien hemm fuq din il-kwistjoni.

Il-Grupp ta' Ħidma jinnota li saret kritika fuq il-prinċipju tal-**assigurazzjoni tal-kwalità** mit-tliet setturi tal-edukazzjoni. L-iskejjel tal-Knisja u Indipendenti, għalkemm qablu t-tnejn li l-assigurazzjoni tal-kwalità hi prinċipju importanti, jemmnu li din għandu jkollha inqas burokrazija. Barra minn hekk, jenfasizzaw li l-QKN għandu jirrispetta l-prattiċi tajbin tal-iskejjel tagħhom. Mill-banda l-oħra, l-iskejjel tal-Istat indikaw li l-assigurazzjoni tal-kwalità "tindaħal" u "tiddegrada" xogħol il-professjonisti edukattivi li jkunu diġà ġew "ippruvati, mgħarbla u assessjati". Il-Grupp ta' Ħidma jqis l-assigurazzjoni tal-kwalità bħala tarġa kardinali

tal-QKN. Din tipprovdi l-qafas u l-proċess li bih tiġi assessjata l-kwalità tal-edukazzjoni u l-bażi ta' meta u fejn ikun jixraq li jittieħdu miżuri korrettivi ta' intervent. Il-Grupp ta' Ħidma jikkonkludi li, filwaqt li mhux se jkun hemm kompromessi fuq il-prinċipju tal-assigurazzjoni tal-kwalità fit-tliet Ċikli tal-edukazzjoni, se jkun qed jaħdem mal-imsieħba kollha konċernati biex jassigura li l-metodoloġiji introdotti jkunu jirriflettu l-aħjar prattika – inkluż l-aqwa prattiċi lokali fis-setturi differenti.

Il-Grupp ta' Ħidma jimmodifika l-prinċipju relatat mal-appoġġ lill-għalliema għal '**Appoġġ Professjonali lill-Għalliema**'. Il-Grupp jagħraf li l-għalliema u l-mexxejja tal-iskejjel huma kruċjali biex il-QKN ikun implimentat b'suċċess. Biex iseħħ dan, dawn in-nies jeħtieġ li jkunu mħarrġa, xi drabi f'ħiliet ġodda jew b'taħriġ mill-ġdid biex itejbu l-ħiliet li jkollhom diġà għall-pedagoġija l-ġdida – mifruxa fuq suġġetti bħad-differenzazzjoni fit-tagħlim u t-tagħlim iffukat fuq l-istudent. Għaldaqstant, it-taħriġ u t-tkomplija tal-iżvilupp professjonali huma prijoritajiet importanti u l-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, id-Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni u l-Union Maltija tal-Għalliema għandhom jaħdmu flimkien biex jassiguraw l-aħjar ambjent għal dan.

Il-Grupp ta' Ħidma jagħraf li l-għalliema jeħtieġu l-ħin biex jiddiskutu, jippjanaw u jaqsmu l-aħjar prattiċi bejniethom ħalli jilħqu l-eċċellenza fit-tagħlim li jipprovdu. F'dan ir-rigward, il-Grupp ta' Ħidma jagħraf li d-90 minuta fil-ġimgħa għall-ippjanar tal-kurrikulu u t-tagħlim fil-Primarja għandhom jinżammu b'mod strutturat. B'rabta ma' dan, hemm ukoll il-laqgħa ta' darba fil-ġimgħa tas-suġġett/dipartiment fis-Sekondarja.

**Konklużjoni 02**

Il-Grupp ta' Ħidma jikkonferma mill-ġdid **il-prinċipji tal-edukazzjoni** ppreżentati fl-abbozz tal-QKN li huma d-Dritt għat-Tagħlim; id-Diversità; is-Sekwenza tal-Kisbiet; it-Tagħlim Iffukat fuq l-Istudenti; l-Assigurazzjoni tal-Kwalità; u l-Appoġġ Professjonali tal-Għalliema.

### 01.2.2.2 L-Għanijiet

Fil-biċċa l-kbira tar-reazzjonijiet li daħlu, kien hemm qbil fuq l-Għanijiet ippreżentati fl-abbozz tal-QKN. Madankollu, kien hemm grupp żgħir, imma influwenti, ta' imsieħba involuti li qalu li:

- Ir-rwol tal-edukazzjoni m'għandux ikun li, primarjament, din tissodisfa l-ħtiġijiet ekonomiċi ta' Malta. Filwaqt li dan huwa meqjus importanti, tajjeb ikun enfasizzat il-fatt li l-edukazzjoni qatt m'għandu jkollha rwol servili għall-ekonomija, b'mod speċjali jekk it-tfal iridu jitpoġġew fiċ-ċentru tas-sistema edukattiva.
- Jekk is-sistema edukattiva tkun qed isservi lill-ekonomija, l-edukazzjoni jista' jibda jkollha prijoritajiet mhux f'lokhom u l-fattur "utilitarju" jibda jiġi qabel dawk li jkunu qed jitgħallmu. Dan iwassal għal prijoritajiet konfużi li, fit-tul, jolqtu ħażin mhux biss lill-individwi imma wkoll lill-istituzzjonijiet u s-soċjetà. Għaldaqstant, jeżisti l-argument li l-valuri, il-ġustizzja soċjali, ir-rispett għad-diversità, iż-żieda fl-għerf, u l-assigurazzjoni li inqas studenti jieqfu kmieni mill-iskola obbligatorja huma importanti daqs id-dimensjonijiet ekonomiċi li għandu jindirizza l-Kurrikulu.
- Il-QKN m'għandux jaddotta lingwa li tenfasizza li l-individwu hu "għalkollox u waħdu (jew flimkien mal-ġenituri)" responsabbli mit-tagħlim tiegħu u, għalhekk, mill-opportunitajiet tal-ħajja. Il-QKN jeħtieġ li jenfasizza l-idea tal-'edukazzjoni tul il-ħajja' aktar milli tat-'tagħlim tul il-ħajja'. Sistema li xxaqleb lejn l-edukazzjoni tul il-ħajja tpoġġi r-responsabbiltà wkoll fuq l-Istat biex jassigura li kull persuna, minkejja l-età tagħha, bi dritt ikollha aċċess għal esperjenzi edukattivi.

Il-Grupp ta' Ħidma ddiskuta dawn l-interessi. Il-Grupp ma jaqbilx mal-istqarrija li l-QKN hu mmirat, primarjament, fuq il-kontribuzzjoni tal-edukazzjoni għad-dimensjoni ekonomika. Fl-Għanijiet ippreżentati fil-QKN hemm referenza għall-għan tal-edukazzjoni fir-rigward:

- Personali: jiġifieri, edukazzjoni li tappoġġja lill-istudenti fl-iżvilupp intellettwali, spiritwali, morali u fiżiku tagħhom.
- Soċjali: jiġifieri, edukazzjoni li tgħin lill-istudenti biex jipparteċipaw fil-familji, fil-komunitajiet u fil-ħajja tan-nazzjon tagħhom.

Madankollu, ingħaraf il-fatt li r-referenza għall-ġustizzja soċjali hi implikata, aktar milli mistqarra b'mod espliċitu. Biex jindirizza dan, il-Grupp ta' Ħidma jagħmel enfasi xierqa fuq l-Għan relevanti tal-edukazzjoni ħalli joħroġ aktar ċar l-importanza tal-ġustizzja soċjali bħala kontribut tal-edukazzjoni. Il-Grupp ta' Ħidma jiddefinixxi l-ġustizzja soċjali fl-edukazzjoni b'dan il-mod:

- Li l-istudenti kollha, irrispettivament mill-ambjent u l-ħiliet tagħhom, jingħataw edukazzjoni li biha jkunu jistgħu jiżviluppaw il-potenzjal kollu tagħhom.
- L-introduzzjoni ta' kultura ġdida ta' edukazzjoni li, kemm jista' jkun, tnaqqas dawk il-fatturi li ma jimmotivawx lill-

istudenti u li jwassluhom biex iħallu l-edukazzjoni formali minħabba li ma jkunux iridu jibqgħu l-iskola, minħabba l-fehma li l-iskola hi monotona, minħabba nuqqas ta' motivazzjoni, sfidi akkademiċi, kif ukoll minħabba l-isfond personali tal-individwu u l-kuntesti tal-komunità. Jekk dawn il-fatturi jiġu indirizzati, tonqos ir-rata tal-istudenti li ma jibqgħux jistudjaw.

- L-introduzzjoni ta' kultura ġdida ta' edukazzjoni li fiha t-tagħlim huwa proċess li bih l-istudenti jsemmgħu leħinhom f'dinja aktar wiesgħa u li, għalhekk, jinfluwenzaw id-direzzjoni futura ta' ħajjithom u tal-komunitajiet tagħhom.

Filwaqt li jagħraf l-importanza li l-istudenti, bħala ċittadini attivi, ikunu **kapaċi jissieltu għall-ġustizzja soċjali** fir-realtajiet lokali, reġjonali u globali li qed jinbidlu kontinwament, il-Grupp ta' Ħidma jagħraf ukoll l-importanza prinċipali tad-dimensjoni ekonomika fl-edukazzjoni. F'ambjent globali li kulma jmur qed isir aktar kumpless, ibbażat fuq l-għarfien, u integrat - b'mod intrinsiku - mal-informazzjoni, il-komunikazzjoni, u t-teknoloġija, is-sistema edukattiva ma tistax ma tqisx l-importanza tal-ħila tal-adulti futuri ta' Malta li jsibu x-xogħol. Importanti li s-sistema edukattiva tgħinhom ħalli jgħaddu minn dit-tranżizzjoni b'suċċess mhux sempliċiment fix-xogħol, imma f'xogħol ta' valur ogħla. L-iżvilupp tal-viżjoni ta' Malta b'ekonomija bbażata fuq valur ogħla ta' għarfien u ta' servizzi, kif ukoll tal-viżjoni biex Malta tkun Stat Membru Ewropew ewlieni li jimplimenta l-Istrateġija tal-UE 2020, ma jistax jintlaħaq jekk il-QKN ma jintrabatx mal-aspirazzjonijiet u l-miri tal-ekonomija tan-nazzjon.

Sehem ieħor li għandha s-sistema edukattiva għad-dimensjoni ekonomika hi t-tisħiħ tal-vantaġġi komparattivi ta' Malta. Il-kapital tar-riżorsa umana ta' Malta joħloq vantaġġ komparattiv. Hemm studji li juru li diversi impjegaturi lokali u barranin iqisu lill-ħaddiema Maltin bħala ħaddiema bieżla, flessibbli, intelliġenti, li kapaċi jadattaw ruħhom, li lesti jitħarrġu, u diliġenti, imma fl-istess ħin iwissu li "hemm perikli potenzjali: l-ispirtu intraprenditorjali, id-dixxiplina, l-etos tax-xogħol, u l-iżvilupp individwali tal-ħaddiema żgħar u li għadhom jibdew huma meqjusa bħala punti rigressivi meta mqabbla ma' dawk tal-ħaddiema li għandhom 30 sena jew aktar.[3] Vantaġġ komparattiv ieħor hu l-Ingliż u l-bażi ta' ħiliet multilingwi żviluppati fl-iskola. Dan hu meqjus bħala vantaġġ għal Malta fuq il-bqija tal-pajjiżi Ewropej u tal-Afrika ta' Fuq għaliex l-Ingliż hu l-lingwa tan-negozju u tat-teknoloġija u l-informatika (ICT); u għalhekk huwa importanti ħafna li l-istudenti jkunu kapaċi jiktbu u jitkellmu tajjeb bl-Ingliż. Hawnhekk ukoll, l-istudji jwissu li "hemm perikli potenzjali [għaliex] il-ħaddiema żgħażagħ li jkunu għadhom jibdew jitqiesu li għandhom ħakma baxxa tal-Ingliż, meta mqabbla mal-ħaddiema li għandhom 30 sena jew aktar."[4] Il-livelli għoljin ta' kompetenza fit-tagħlim ta' lingwa barranija miż-żgħażagħ f'Malta waqt l-edukazzjoni obbligatorja kienu kkonfermati fir-riżultati tal-*Istħarriġ Ewropew fuq il-Kompetenzi tal-Lingwi – 2011*. Dan it-tisħiħ għandu jinżamm fis-sistema edukattiva tagħna.

Fid-dinja kumplessa tal-lum, ir-realtà turina li l-mewġ ekonomiku, soċjali, politiku u ambjentali tan-nazzjonijiet tan-naħa l-oħra tad-dinja għandhom impatt kważi immedjat u invażiv fuq Malta. Fid-dawl ta' din ir-realtà, is-sehem tas-sistema edukattiva ta' Malta għall-iżvilupp ta' dawk li qed jitgħallmu hu importanti ħafna. Dan għaliex permezz tal-edukazzjoni, l-istudenti jkunu jistgħu jkampaw ma' dawn l-effetti globali permezz tal-għerf, il-kompetenzi u l-ħiliet neċessarji biex ikomplu jitħarrġu għal aktar mobilità.

Iżda, tal-istess importanza hu l-fatt li sistema edukattiva li toffri lill-adulti futuri l-għerf, il-ħiliet, il-kompetenzi, l-attitudnijiet u l-valuri biex ikunu jistgħu jimxu għall-post tax-xogħol, aktarx li tassiguralhom stat ta' parteċipazzjoni u tippermettilhom li jgawdu kwalità tajba ta' ħajja mibnija fuq is-sens ta' stima tagħhom infushom. Meta jiġu assigurati l-valuri, l-għerf, il-kompetenzi u l-ħiliet, l-individwu jkun jista' jsib xogħol. Din hi wkoll forma ta' ġustizzja soċjali li biha ma jkunx hemm riskju li dak li jkun isir dipendenti fuq l-Istat għax is-sistema edukattiva tkun naqsithom.

**Konklużjoni 03**

Il-Grupp ta' Ħidma jikkonferma mill-ġdid **l-għanijiet tal-edukazzjoni** li: (i) l-istudenti jkunu kapaċi jiżviluppaw b'suċċess il-potenzjal kollu tagħhom bħala persuni li jibqgħu jitgħallmu tul ħajjithom; (ii) l-istudenti jkunu kapaċi jsostnu l-opportunitajiet tagħhom fid-dinja tax-xogħol; u (iii) li l-istudenti jkunu ċittadini responsabbli u impenjati għall-ġustizzja soċjali fir-realtajiet lokali, reġjonali u globali li qed jinbidlu l-ħin kollu.

3 Pġ 33, *Industry Strategy for Malta: 2007 – 2010: Enabling Industry to Achieve High Value Added and Productivity Growth*, Id-Dipartiment tal-Informazzjoni, 2006
4 Ibid

### 01.2.3 L-Oqsma tat-Tagħlim

#### 01.2.3.1 Is-Snin Bikrin

Ir-reazzjonijiet relatati maċ-Ċiklu tas-Snin Bikrin li daħlu fil-fażi tal-konsultazzjoni kienu pożittivi. It-tħassib ewlieni fuq is-Snin Bikrin kienu fuq il-ħtieġa ta':

- Tisħiħ fil-proċess tal-mixja mill-Kindergarten għall-1 u t-2 Sena tal-Primarja.
- Proċess srutturat li bih jiġu identifikati minn kmieni l-istudenti li jkunu qed isibuha diffiċli biex jilħqu l-miri tat-tagħlim ħalli tittieħed l-azzjoni xierqa fil-ħin opportun.
- Pedagoġija bbażata u kkontestwalizzata fuq ir-riżultati tat-tagħlim u l-fatturi li joħorġu minnhom: jiġifieri l-għerf, il-kompetenzi, il-ħiliet, l-attitudnijiet u l-valuri li l-istudenti huma mistennija jiżviluppaw u juru fi tmiem iċ-Ċiklu tas-Snin Bikrin.

#### 01.2.3.2 Is-Snin tal-Primarja u tas-Sekondarja

Wara r-reviżjoni tar-reazzjonijiet li daħlu, il-Grupp ta' Ħidma qed jippreżenta dan it-tibdil fl-Oqsma tat-Tagħlim.

| | |
|---|---|
| **Il-Lingwi** | Kemm fil-każ tal-Malti u tal-Ingliż, l-espożizzjoni għat-tagħlim tal-lingwa għandha tkun interpretata f'sens aktar wiesa' u għalhekk il-lingwa u l-letteratura qed jiġu inkorporati flimkien fejn mill-inqas nofs il-lezzjonijiet jiġu ddedikati għall-iżvilupp tal-ħiliet differenti tal-lingwa.<br><br>Barra l-lingwi obbligatorji (il-Malti u l-Ingliż), l-istudenti jagħżlu lingwa barranija jew żewġ lingwi barranin matul is-snin tas-Sekondarja. L-istudenti li jsegwu programmi individwali ta' tagħlim jista' jkollhom xi addattamenti. |
| **Il-Matematika** | Dan il-Qasam tat-Tagħlim se jkun qed jinkludi aspetti tal-litteriżmu finanzjarju bħall-fehim matematiku u finanzjarju, bħala riżultati tat-tagħlim. |
| **Ix-Xjenza u t-Teknoloġija** | Dan il-Qasam tat-Tagħlim hu maħsub li jgħin lill-istudenti biex matul iċ-Ċikli tal-edukazzjoni jifhmu b'mod ċar kif il-proċess tal-istħarriġ u l-investigazzjoni jwassal għall-iżvilupp tas-soluzzjonijiet u tal-applikazzjoni tagħhom. Dan għandu jintlaħaq permezz ta' sistema pedagoġika ta' "disinn u stħarriġ bi skop" li tikkombina d-disinn teknoloġiku mal-istħarriġ xjentifiku, u li timpenja lill-istudenti jew lil gruppi ta' studenti fi stħarriġ xjentifiku f'kuntest biex isolvu l-problemi teknoloġiċi. |
| **Is-Saħħa Fiżika** | Dan il-Qasam tat-Tagħlim ma nbidilx mill-proposti oriġinali ppreżentati fl-Abbozz tad-Dokument għall-Konsultazzjoni. |
| **L-Edukazzjoni Reliġjuża u Etika** | Il-Grupp ta' Ħidma jagħraf l-importanza ta' programm alternattiv għall-Edukazzjoni tar-Reliġjon Kattolika (ERK) għal studenti li ma jagħżlux l-ERK. Din qed tkun identifikata bħala l-Edukazzjoni Etika. Jagħraf ukoll il-pożizzjoni ppreżentata mill-Iskejjel tal-Knisja li dawn l-iskejjel huma msejsa, b'mod profond, fuq sett ta' karatteristiċi ta' twemmin mibni fuq il-Fidi tar-Reliġjon Kattolika. Għaldaqstant, il-Grupp ta' Ħidma jirrakkomanda li jkun hemm Programm Edukattiv ta' Etika f'każ li l-etos ta' xi skola partikolari u/jew il-kunsiderazzjonijiet loġistiċi tal-iskola jkunu jippermettu dan. Il-Programm Edukattiv tal-Etika hu ppreferut aktar mill-Programm Edukattiv ta' Tqabbil tar-Reliġjonijiet. |
| **L-Istudju tal-Umanità** | Ir-reazzjoni fuq il-proposta li l-Ġeografija u l-Istorja jitpoġġew fil-Qasam tat-Tagħlim tal-Edukazzjoni Ċivika kienet negattiva. Dan it-tħassib issa ġie indirizzat u l-istudji tal-Ġeografija u l-Istorja tpoġġew f'Qasam tat-Tagħlim b'mira speċifika. |
| **L-Edukazzjoni għad-Demokrazija** | L-Edukazzjoni għad-Demokrazija se tkun qed tieħu post il-qasam tat-tagħlim tal-Edukazzjoni Ċivika u se tkun immirata għall-iżvilupp ta' ċittadini responsabbli. Il-Grupp ta' Ħidma jirrakkomanda li l-aspetti tal-Istudji Ambjentali, l-Istudji Soċjali, l-Iżvilupp Personali u Soċjali, u tax-Xjenza Domestika *(Home Economics)* relatati mal-Edukazzjoni tal-Konsumatur jitpoġġew f'dan il-qasam ta' tagħlim. Il-Grupp ta' Ħidma jagħraf li hemm elementi li jidħlu f'xulxin bejn dan il-Qasam tat-Tagħlim u l-Qasam tat-Tagħlim tal-Umanità. |

| | |
|---|---|
| **L-Arti Viżiva u tal-Ispettaklu** | Kien hemm reazzjoni pożittiva għall-Qasam tat-Tagħlim tal-Edukazzjoni tal-Arti. Hareġ il-fatt li peress li dan il-qasam jenfasizza fuq l-erba' dixxiplini taż-żfin, il-mużika, it-teatru u l-arti viżiva, ikun aktar korrett jekk dan il-Qasam ta' Tagħlim jissejjaħ bħala l-Qasam tal-Arti Viżiva u tal-Ispettaklu. |

**Konklużjoni 04**

Il-Grupp ta' Ħidma jistabbilixxi l-**Oqsma tat-Tagħlim** għaċ-Ċikli tal-Edukazzjoni tal-Primarja u s-Sekondarja li huma l-Lingwi; il-Matematika; ix-Xjenza u t-Teknoloġija; is-Saħħa Fiżika; l-Edukazzjoni Reliġjuża u Etika; l-Istudju tal-Umanità u tad-Demokrazija; u l-Arti Viżiva u tal-Ispettaklu.

### 01.2.4 It-Temi Interkurrikulari

Il-Grupp ta' Ħidma jinnota li r-reazzjoni li kien hemm għall-introduzzjoni tat-temi interkurrikulari kienet limitata – għalkemm min għamilha kien, primarjament, pożittiv dwarha. Wara l-assessjar tar-reazzjonijiet, il-Grupp ta' Ħidma qed jippreżenta dan it-tibdil.

| | |
|---|---|
| **Il-Litteriżmu** | Is-suġġett fundamentali tal-litteriżmu bħala prerekwiżit għall-oqsma kollha tat-tagħlim ilu jkun kontinwament enfasizzat internazzjonalment, bħalma ġara fil-Programm għall-Assessjar Internazzjonali tal-Istudenti (PISA) u fl-istħarriġ internazzjonali li jindika l-Progress Internazzjonali fil-Litteriżmu tal-Qari (PIRLS), kif ukoll fir-Rapport 'Il-Litteriżmu għal Kulħadd' li ħareġ f'Settembru 2012 mill-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli tal-UE fuq il-Litteriżmu[5]. Il-fatt li l-litteriżmu tpoġġa bħala l-ewwel tema interkurrikulari, jindika l-fatt li t-tagħlim kollu jsir, primarjament, permezz tal-lingwa fid-diversi forom tagħha u li għalhekk l-edukaturi kollha għandhom jappoġġjaw il-kisba tal-lingwa meħtieġa mill-istudenti tagħhom fil-qasam partikolari tat-tagħlim tagħhom. |
| **Il-Litteriżmu Diġitali** | Permezz ta' dit-tema interkurrikulari, l-istudenti jiksbu ħiliet li jinkludu l-użu kunfidenti u kritiku tat-Teknoloġija tas-Soċjetà tal-Informazzjoni biex jikkomunikaw, jaħdmu u jistrieħu. Jiksbu wkoll ħiliet bażiċi fl-ICT mibnija fuq erba' fergħat ewlenin, minsuġa flimkien: is-sorsi u l-manipulazzjoni tad-*data*; il-komunikazzjoni u l-preżentazzjoni tal-informazzjoni; il-kontroll ipprogrammat; u l-aspetti soċjali, etiċi u personali. |
| **It-Tagħlim kif Titgħallem u t-Tagħlim Koperattiv** | It-tagħlim kif titgħallem hu meqjus bħala qasam ta' prijorità fil-kuntest edukattiv ta' Malta għaliex jipprovdi l-ħila biex il-persuna tkompli u tavvanza fit-tagħlim – dan iwassal għal żieda fl-importanza tat-tagħlim tul il-ħajja, fi ħdan soċjetà u ekonomija bbażata fuq l-għarfien. |
| **L-Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli** | Dan il-Qasam tat-Tagħlim ma nbidilx mill-proposti oriġinali ppreżentati fl-Abbozz tad-Dokument għall-Konsultazzjoni. |
| **L-Edukazzjoni għall-Intraprenditorija, il-Kreattività u l-Innovazzjoni** | L-Istrateġija Nazzjonali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni: 2007-2010, u aktar tard l-abbozz tal-Istrateġija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni 2011-2020, jistabbilixxu ħtieġa realistika għall-iżvilupp ta' kultura li tappoġġja l-invenzjoni u l-innovazzjoni, it-teħid tar-riskji u l-intraprenditorija. Għaldaqstant, il-Grupp ta' Ħidma, biex jassigura li jkun hemm koerenza mal-Istrateġija Nazzjonali 2011-2020 għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, qed jiġbor flimkien it-temi interkurrikulari tal-Edukazzjoni għall-Intraprenditorija u l-Kreattività u l-Innovazzjoni (li qabel kienu meqjusa separatament) f'tema interkurrikulari waħda bit-titlu 'L-Edukazzjoni għall-Intraprenditorija, il-Kreattività u l-Innovazzjoni'. |

5 Ir-Rapport tista' taqrah mis-sit: http://ec.europa.eu/education/literacy/what-eu/high-level-group/documents/literacy-final-report_en.pdf

| | |
|---|---|
| **L-Edukazzjoni għad-Diversità** | It-tema interkurrikulari tal-Edukazzjoni Interkulturali kif ġiet ippreżentata fl-abbozz tal-QKN, hi dejqa wisq u kienet qed tillimita d-diversità u l-multikulturaliżmu.<br><br>Il-Grupp ta' Ħidma jaqbel li dit-tema għandha tqanqal valuri li jirrispettaw id-diversità. Dan ifisser li qed jagħraf li kull persuna hi unika u li qed jifhem id-differenzi individwali, sew jekk jinbtu mid-dimensjonijiet tar-razza; l-etniċità; il-ġeneru; l-orjentazzjoni sesswali; l-istat soċjoekonomiku; l-età; il-ħiliet fiżiċi, mentali jew intellettwali; it-twemmin reliġjuż; it-twemmin politiku, u sew jekk jiġu minn ideoloġiji oħra. |

**Konklużjoni 05**

Il-Grupp ta' Ħidma jistabbilixxi t-**Temi Interkurrikulari** għaċ-Ċikli tal-Edukazzjoni tal-Primarja u s-Sekondarja li huma l-Litteriżmu u l-Litteriżmu Diġitali; it-Tagħlim kif Titgħallem u t-Tagħlim Koperattiv; l-Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli; l-Edukazzjoni għall-Intraprenditorija, il-Kreattività u l-Innovazzjoni; u l-Edukazzjoni għad-Diversità.

### 01.2.5 L-Assigurazzjoni ta' Kull Student li Javvanza b'Suċċess Matul iċ-Ċikli tal-Edukazzjoni

Il-Grupp ta' Ħidma jisħaq li l-ħidma tal-mexxejja tal-iskejjel u tal-għalliema fl-iskejjel tal-lum u ta' għada għandha tkun iffukata fuq l-istudent individwali. Dan jimplika li għandu jkun hemm profil ta' kull tifel u tifla. Is-sistema tal-profili għandha tibda mis-Snin Bikrin u tibqa' sejra matul l-edukazzjoni obbligatorja. Id-DKSE se jkun qed jassumi r-responsabbiltà biex jassigura li kull tifel u tifla jkollhom profil tal-progressi u tal-kisbiet tagħhom fl-għerf, il-ħiliet, il-kompetenzi, l-attitudnijiet u l-valuri kif indikat f'dan il-QKN. Se jkun qed jinżamm rekord tas-suċċess, u se tingħata aktar għajnuna, kif ikun meħtieġ, biex ikun assigurat li t-tfal ikollhom aċċess għad-dritt tagħhom tat-tagħlim.

Għaldaqstant, il-QKN jirrispetta d-diversi forom li bihom dak li jkun jifhem u jitgħallem, u ma jipprovdix mod wieħed li hu tajjeb għal kulħadd. L-għalliema għandhom jaħdmu b'mod flessibbli f'dan il-qafas ħalli jilħqu r-riżultati speċifiċi tat-tagħlim li għandu jkollhom it-tfal sa tmiem il-proċess tat-tagħlim. Il-QKN iħeġġeġ għal edukazzjoni ta' kwalità, ibbażata fuq it-tagħlim u l-fehim attiv, biex jitnaqqas it-tagħlim superfiċjali, li aktar tard jintnesa jew li l-istudenti ma jiġux bżonnu aktar f'ħajjithom. Il-Grupp ta' Ħidma jqis l-edukazzjoni bħala proċess ta' tagħlim li jissarraf f'dak li l-istudenti jafu u kapaċi jagħmlu.

Il-Grupp ta' Ħidma jisħaq li kull persuna għandha d-dritt għax-xogħol, għal ħajja diċenti u għal integrazzjoni personali u soċjali fis-soċjetà. Għalhekk, l-iskejjel għandhom jaraw li jwasslu l-għerf, il-ħiliet, il-kompetenzi, l-attitudnijiet u l-valuri neċessarji lill-istudenti matul l-edukazzjoni obbligatorja tagħhom.

**Konklużjoni 06**

Il-Grupp ta' Ħidma jisħaq li l-**edukaturi** għandhom jużaw il-QKN biex jiżviluppaw il-kapaċità tal-istudenti ħalli dawn irawmu fihom il-valuri u jitgħallmu l-ħiliet u l-kompetenzi li jeħtieġu biex jistabbilixxu kwalità ta' ħajja tajba, fit-tul, bħala persuni u ċittadini – u meta jagħmlu dan, l-edukaturi għandhom iqisu lill-istudenti bħala individwi b'kapaċitajiet diversi li għandhom ikunu megħjuna biex jibqgħu jitgħallmu tul ħajjithom u jkollhom l-attitudnijiet u l-ħiliet relatati biex isibu xogħol. Id-Direttorati[6] jaħdmu mal-Fakultà tal-Edukazzjoni fl-Università ta' Malta, mal-Kulleġġ Malti tal-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija (MCAST), mal-Istitut tal-Istudji Turistiċi (ITS) u mal-Kunsill tal-Professjoni tal-Għalliema biex ikun assigurat li l-edukaturi kollha jkollhom żvilupp professjonali kontinwu.

Biex jintlaħqu dawn is-sitt konklużjonijiet, il-Grupp ta' Ħidma stabbilixxa ċ-Ċikli tal-edukazzjoni b'dan il-mod:

| Iċ-Ċiklu tas-Snin Bikrin | | | |
|---|---|---|---|
| KG I | KG II | Y1 | Y2 |

Iċ-Ċiklu tas-Snin Bikrin ikopri l-perjodu ta' bejn il-KGI u t-2 Sena tal-Primarja. Din l-integrazzjoni tassigura l-kontinwità fl-iżvilupp tat-tfal bejn il-KGI u t-2 Sena, skont il-pass tat-tagħlim tagħhom, u għalhekk tagħti ċ-ċans lil kulħadd biex jintegra ruħu f'din is-sistema. Barra minn hekk, l-integrazzjoni tal-perjodi ta' bejn is-snin tal-Kindergarten u l-1 u t-2 Sena tippermetti t-tfassil ta' qafas ta' riżultati tat-tagħlim sħiħ għas-

6 'Id-Direttorati' dejjem tirreferi għad-Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni u għad-Direttorat għal Servizzi Edukattivi.

Snin Bikrin. Dan għandu jnaqqas il-problemi li jeżistu minħabba l-mixja ta' bejn il-KGII u l-1 Sena (dal-punt issemma u kien enfasizzat ħafna drabi fir-reazzjonijiet li ħarġu mill-konsultazzjoni) minħabba t-targa għolja li t-tfal ikollhom jitilgħu fl-1 Sena tal-Primarja. Barra minn hekk, it-tfassil tal-Qafas tar-Riżultati tat-Tagħlim għaċ-Ċiklu tas-Snin Bikrin għandu jassigura li kull tifel u tifla jkollhom it-tħejjija xierqa għall-mixja li jkun imisshom jagħmlu għaċ-Ċiklu tas-Snin tal-Primarja.




Iċ-Ċiklu tas-Snin tal-Primarja jkopri mit-3 Sena sas-6 Sena – il-perjodu li fih it-tagħlim jiġi formalizzat. Fl-iskejjel tal-Istat, kif ukoll f'numru ta' Skejjel tal-Knisja u Indipendenti, l-istudenti jagħmlu l-eżamijiet formali għall-ewwel darba. Iċ-Ċiklu tas-Snin tal-Primarja jkun strutturat b'tali mod li jidentifika lil dawk l-istudenti li jkunu qed isibu t-3 Sena diffiċli jew meta jkunu tilgħin minn sena għal oħra matul iċ-Ċiklu tal-Primarja, ħalli jkunu jistgħu jingħataw il-gwida u l-inkoraġġiment meħtieġ, fil-ħin opportun.




Iċ-Ċiklu tas-Snin tas-Sekondarja jkopri mis-7 Sena sal-11-il Sena. Is-7 Sena (Form I) fiċ-Ċiklu tas-Sekondarja tassigura l-mixja mill-Aħħar Sena taċ-Ċiklu tal-Primarja, għall-ksib tar-Riżultati tat-Tagħlim, sa tmiem it-8 Sena (Form II). Permezz ta' dan, tfittex li tassigura li sat-8 Sena (Form II), l-istudenti jkunu kisbu r-riżultati tat-tagħlim li jippermettulhom jitilgħu b'suċċess mid-9 Sena (FIII) għall-11-il Sena (FV).

**Konklużjoni 07**

Il-Grupp ta' Ħidma jistabbilixxi dawn it-**tliet Ċikli tal-Edukazzjoni** li filwaqt li huma distinti minn xulxin, jippermettu r-rinfurzar tal-għerf, il-ħiliet, il-kompetenzi, l-attitudnijiet u l-valuri minn Ċiklu għal ieħor:

Iċ-Ċiklu tas-Snin Bikrin
KGI KGII S1 S2

Iċ-Ċiklu tas-Snin tal-Primarja
S3 S4 S5 S6

Iċ-Ċiklu tas-Snin tas-Sekondarja
S7 S8 S9 S10 S11

### 01.2.6 Struttura ta' Tmexxija li Timmira t-Tagħlim u l-Assessjar lejn ir-Riżultati tat-Tagħlim

Il-QKN, permezz tal-Prinċipji u l-Għanijiet tal-edukazzjoni, jistabbilixxi t-tagħlim li għandhom jiksbu l-istudenti fi tmiem esperjenza edukattiva sinifikanti. Il-binja ta' din l-esperjenza edukattiva tinkiseb permezz tal-identifikar ta' sett riżultati ta' tagħlim għal kull Ċiklu edukattiv. Ir-riżultati tat-tagħlim huma għodda li jiddeskrivu u jiddefinixxu t-tagħlim u l-proċessi tal-assessjar, kif ukoll il-kisbiet. Bl-użu tar-riżultati tat-tagħlim fid-deskrizzjoni ta' dawn il-proċessi, il-QKN qed jindirizza l-interessi tal-istudenti u ta' dawk kollha konċernati billi jpoġġihom fil-qofol tat-tagħlim. Ir-riżultati tat-tagħlim huma stqarrijiet li jindikaw dak li l-istudenti jkunu kisbu b'riżultat tat-tagħlim li jkun sar.

Il-Grupp ta' Ħidma identifika r-riżultati tat-tagħlim tat-tliet Ċikli tal-edukazzjoni. Dawn huma ppreżentati fit-tieni taqsima ta' dan id-dokument.

Is-suġġetti tal-Oqsma tat-Tagħlim għandhom ikunu mmirati għar-riżultati tat-tagħlim taċ-Ċikli differenti tal-QKN. L-istess prinċipju japplika għall-assessjar u l-eżamijiet. Dan ifisser li hu importanti ferm li jkun hemm qafas ta' tmexxija li jassigura li jkun hemm rabta bejn ir-riżultati tat-tagħlim, il-programmi tat-tagħlim u l-assessjar u l-eżamijiet. Fid-dawl ta' dan, il-Grupp ta' Ħidma jikkonkludi li hemm bżonn jitfassal qafas ta' tmexxija li jtejjeb u jgħaqqad aktar l-istrutturi li diġà jeżistu flimkien.

Il-qafas ta' tmexxija għandu jinkiseb permezz tal-ħolqien tal-Bord tal-Qafas tar-Riżultati tat-Tagħlim li għandu jitmexxa mid-Direttur Ġenerali tad-DKSE. Dan il-Bord għandu jinkludi imsieħba mid-Direttorati tal-Edukazzjoni, mis-Setturi tal-Iskejjel, mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla, mill-Fakultà

tal-Edukazzjoni, tal-Università ta' Malta, mill-Bord tal-MATSEC u mill-Kunsill għall-Professjoni tal-Għalliema, fost l-oħrajn. Dan għandu jkun responsabbli:

- Mir-riżultati tat-tagħlim tas-Snin Bikrin, mill-K1 sat-2 Sena.
- Mir-riżultati tat-tagħlim tal-Oqsma tat-Tagħlim u tat-Temi Interkurrikulari, mit-3 Sena sal-11-il Sena.
- Mir-riżultati tat-tagħlim għal kull suġġett tal-Qasam tat-Tagħlim li jinkludu wkoll it-temi interkurrikulari, mit-3 Sena sal-11-il Sena.




**Grafika 01: Ir-Relazzjoni ta' bejn ir-Riżultati tat-Tagħlim, il-Programmi tat-Tagħlim u l-Assessjar, u l-Eżamijiet**

Il-programmi tat-tagħlim u l-assessjar ta' kull suġġett għandhom jitfasslu mill-Gruppi tal-Oqsma tat-Tagħlim magħmula mill-persuni konċernati differenti li jaħdmu taħt it-tmexxija tal-Bord tal-Qafas tar-Riżultati tat-Tagħlim. L-eżamijiet taċ-ĊES imfasslin mill-Bord tal-MATSEC għandhom jirriflettu l-istess riżultati.

**Konklużjoni 08**

Il-Grupp ta' Ħidma jistabbilixxi li l-programmi tat-tagħlim u l-istandards tal-assessjar u tal-eżamijiet għandhom ikunu bbażati fuq ir-riżultati ġenerali tat-tagħlim tal-QKN u fuq il-**Qafas tar-Riżultati tat-Tagħlim** li jsegwih. L-assessjar fis-snin Bikrin, fis-snin tal-Primarja u fis-snin tas-Sekondarja għandu sehem importanti fit-tagħlim u l-progress fil-livelli kollha. Għandu jitqies bħala parti integrali mill-proċess tat-tagħlim għax jipprovdi lill-istudenti, lill-edukaturi u lill-ġenituri rispons kontinwu, fil-ħin, u kwalitattiv fuq il-progress tat-tfal, u jservi ta' għodda għall-għalliema biex jirriflettu fuq il-prattika tagħhom. Fl-istess ħin, jgħin lill-iskejjel u lill-kulleġġi għax joffrilhom l-informazzjoni dwar l-ippjanar tal-kurrikulu, it-tagħlim u l-kisbiet. **L-eżamijiet u l-assessjar** li jsiru fil-livell taċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja għandhom jirriflettu r-raġuni fundamentali tal-QKN u tal-Qafas tar-Riżultati tat-Tagħlim, imsejsa fuq pedagoġija li tpoġġi lill-istudenti fiċ-ċentru tat-tagħlim, u li hi bbażata fuq it-tagħlim mistħarreġ, u integrata ma' temi interkurrikulari u appoġġati minn metodu bbażat fuq it-tagħlim-e.

## 01.2.7 Il-Konformità tar-Riżultati tat-Tagħlim mad-Deskritturi tal-Livelli tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki

Il-Grupp ta' Ħidma jinsisti li l-QKN għandu jirrispondi għall-iżviluppi konsistenti fil-livelli makro tas-sistema edukattiva. Żvilupp importanti f'din is-sistema kien it-tfassil tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki għat-Tagħlim tul il-Ħajja (QMK) fl-2007. Id-deskritturi tal-Livelli tal-QMK minn livell 1 sa 3 jindikaw il-livell mixtieq ta' għerf, ħiliet u kompetenzi li kull żagħżugħ u żagħżugħa jridu

jiksbu biex ikomplu bit-tagħlim tul il-ħajja jew bix-xogħol, jew saħansitra bit-tnejn. Ir-Rapport ta' Referenza tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki (2009) jagħti spjegazzjoni dettaljata ta' kif id-deskritturi tal-ewwel tliet livelli tal-QMK ifasslu l-għerf, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa biex iż-żgħażagħ ikunu jistgħu jibqgħu tilgħin is-sellum tal-qafas tal-kwalifiki. Il-QKN jirrifletti dawn id-deskritturi tal-livelli permezz tal-oqsma tat-tagħlim u s-suġġetti speċifiċi matul is-snin tal-edukazzjoni obbligatorja.

Il-QKN jisħaq fuq l-importanza li l-istudenti kollha jiksbu l-kompetenzi ewlenin, partikolarment dawk li jinfirxu fuq l-oqsma kollha tal-istudju, fosthom: l-Ilsien Nattiv u t-tieni lingwa (li fil-każ tagħna huma l-Malti u l-Ingliż); il-Matematika; ix-Xjenza u t-Teknoloġija; u t-Teknoloġija tal-Informatika jew il-Litteriżmu Diġitali. Ħakma tajba f'dawn il-kompetenzi ewlenin tiftaħ triq għat-tagħlim tul il-ħajja. Biex ikun żgurat li l-istudenti żgħażagħ jilħqu l-livelli meħtieġa wara l-edukazzjoni obbligatorja tagħhom, il-mexxejja tal-iskejjel u l-għalliema huma mħeġġa jagħtu importanza lil dawn il-kompetenzi ewlenin fil-kuntest tad-deskritturi tal-livelli tal-QMK. Għalhekk huwa importanti li l-mexxejja tal-iskejjel u l-għalliema jkunu midħla ta' dawn id-deskritturi tal-livelli tal-QMK biex ikejlu s-suċċess tagħhom permezz tal-proċess targa targa, kif indikat mill-qafas innifsu. Biex ir-referenza tkun eħfef, id-deskritturi tal-Livelli 1, 2 u 3 tal-QMK qed jiġu inklużi f'Appendiċi IV.

Marbuta mal-QMK hemm l-għan li jitfassal Qafas tar-Riżultati tat-Tagħlim (QRT) mill-QKN. Minbarra r-riżultati ġenerali tat-tagħlim għas-Snin Bikrin, il-QRT jidentifika r-riżultati tat-tagħlim għaċ-Ċikli tas-Snin tal-Primarja u tas-Sekondarja, għall-oqsma tat-tagħlim/suġġetti differenti. Imbagħad, dan il-QRT għandu jservi bħala punt ta' referenza li fuqu jinbnew programmi differenti ta' tagħlim u assessjar.

Din il-ħolqa bejn:

**Il-Qafas Malti tal-Kwalifiki (QMK)**
**Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali (QKN)**
**Il-Qafas (Nazzjonali) tar-Riżultati tat-Tagħlim (QRT)**

għandha tipprovdi linji gwida imprezzabbli lill-Prinċipali tal-Kulleġġi, lill-Kapijiet tal-Iskejjel u lill-għalliema. Dawn it-tliet dokumenti se jkunu qed jintużaw b'mod sistematiku bħala punti ta' referenza nazzjonali. L-għan ewlieni ta' din ir-rabta ta' bejn il-QMK, il-QKN u l-QRT hu li fi tmiem iċ-ċiklu tal-edukazzjoni obbligatorja, iż-żgħażagħ ikollhom iċ-ċertifikazzjoni meħtieġa ħalli jkomplu bl-edukazzjoni avvanzata u ogħla u jkollhom għodda li żżid il-valur lil ħajjithom u lill-impjegabiltà tagħhom.

Il-QKN għandu l-għan li jassigura li ż-żgħażagħ jiġu mħejjija għall-eżamijiet taċ-ĊES u ta' kwalifiki oħra li jistgħu jkunu disponibbli f'Livell 3 tal-QMK sa tmiem l-edukazzjoni obbligatorja.

Iżda fl-istess waqt, se jingħataw ukoll iċ-Ċertifikat ta' Tmiem l-Iskola Sekondarja u l-Profil li fih ikun hemm rendikont tat-tagħlim formali, informali, u mhux formali li jkunu ħadu matul il-ħames snin taċ-Ċiklu tas-Sekondarja. Dan iċ-Ċertifikat hu ta' Livelli 2 u 1 tal-QMK u jingħata skont il-kisbiet tal-kriterji indikati.

**Konklużjoni 09**

Il-Grupp ta' Ħidma jistabbilixxi li l-QKN jirrispondi għad-deskritturi tal-ewwel tliet livelli tal-**Qafas Malti tal-Kwalifiki għat-Tagħlim Tul il-Ħajja** li hu maħdum fuq il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-Tagħlim Tul il-Ħajja. Għandu jkun żviluppat Qafas tar-Riżultati tat-Tagħlim għat-Tliet Ċikli tal-edukazzjoni, kif indirizzati minn dan il-QKN (is-Snin Bikrin, il-Primarja, u s-Sekondarja) u fuqu jitfasslu l-programmi tat-tagħlim u l-proċeduri tal-assessjar li jwasslu għal-livelli mistennija mill-Qafas Malti tal-Kwalifiki.

## 01.2.8 Il-Kompetenzi Ewlenin, l-Impjegabilità u l-Mobilità

Il-Grupp ta' Ħidma jisħaq li fiċ-Ċiklu tas-Sekondarja, il-kwalifiki tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) jipprovdu toroq alternattivi għall-edukazzjoni avvanzata u ogħla biex b'hekk kull student ikun jista' jtejjeb il-potenzjal tiegħu/tagħha.

Is-suġġetti vokazzjonali fl-iskejjel Sekondarji jsiru toroq li joffru aktar għażliet lill-istudenti biex jiżviluppaw il-potenzjal tagħhom matul l-edukazzjoni obbligatorja permezz ta' pedagoġiji li jpoġġuhom fil-qofol tat-tagħlim u b'assessjar li tkun ġiet assigurata l-kwalità tiegħu. Dawn is-suġġetti jippromwovu l-pedagoġija ta' tagħlim prattiku u huma mmirati biex jassiguraw li:

- F'ekonomija kompetittiva jkun hemm ħiliet ġodda għal impjiegi ġodda ħalli n-nies ikollhom kwalità u kundizzjonijiet ta' xogħol aħjar.
- Ikun hemm aċċess aktar wiesa' għall-edukazzjoni u t-taħriġ aktar tard matul il-ħajja tax-xogħol.

Filwaqt li jikkonferma l-erba' oqsma vokazzjonali li ġew ippreżentati fl-abbozz tal-QKN (jiġifieri, l-Inġinerija, l-Ospitalità, il-Prattika fl-Informatika; u l-Kura tas-Saħħa u Soċjali), il-Grupp ta' Ħidma jipproponi li għandu jkun hemm żieda fl-oqsma tal-għażliet matul il-perjodu tal-QKN.

**Konklużjoni 10**

Il-Grupp ta' Ħidma jinsisti fuq l-importanza li l-ħiliet u l-kompetenzi kollha jiġu vvalutati u akkreditati. Il-QKN għandu jassigura li l-kapaċitajiet tal-istudenti jagħtuhom l-aċċess għall-edukazzjoni avvanzata u ogħla, u li jkunu l-prerekwiżiti għax-xogħol u l-mobilità. Il-Qafas tar-Riżultati tat-Tagħlim se jkun qed jagħti importanza xierqa lis-**suġġetti vokazzjonali** fiċ-Ċiklu tas-Snin tas-Sekondarja bl-iskop li jipprovdi metodi aktar diversi ta' tagħlim li jwasslu lill-istudenti biex jiksbu ħiliet u xogħlijiet ġodda. Il-firxa ta' suġġetti vokazzjonali tkun estiża matul il-perjodu tal-QKN.

## 01.2.9 L-Eżerċizzju ta' Moniteraġġ u ta' Livell (*Benchmarking*) tas-Sistema Edukattiva

Il-Grupp ta' Ħidma jikkonferma li huwa importanti ħafna li jkun hemm sistema ta' moniteraġġ u ta' livell *(benchmarking)* li tkejjel il-prestazzjoni tas-sistema edukattiva fit-tliet Ċikli tal-edukazzjoni. B'hekk id-DKSE u dawk kollha konċernati jkollhom l-informazzjoni neċessarja li biha jassiguraw li tinżamm il-kwalità tal-prattiċi użati fl-iskejjel.

Kif muri f'Tabella 02 għandhom jiddaħħlu ħames stadji: tlieta għal-livell *(benchmarking)* u tnejn għall-moniteraġġ. Għandu jsir assessjar fuq bażi individwali fi tmiem iċ-Ċiklu tas-Snin Bikrin (it-Tieni Sena)fl-istadju ta' bejn it-Tieni u t-Tielet Sena, fi tmiem iċ-Ċiklu tas-Snin tal-Primarja (is-Sitt Sena), kif ukoll fi tmiem iċ-Ċiklu tas-Snin tas-Sekondarja. Dawn l-eżerċizzji ta' livell *(benchmarking)* ikunu obbligatorji għall-Iskejjel tal-Istat. L-iskejjel tal-Knisja u Indipendenti jkunu mistiedna jipparteċipaw. Fi tmiem il-Ħdax-il Sena, ir-riżultati tal-eżamijiet taċ-ĊES ikomplu jservu ta' indikazzjoni tal-livell *(benchmarking)* ukoll.

Barra minn hekk, se jkun hemm ukoll żewġ okkażjonijiet ta' moniteraġġ perjodiku estern, li ma jiskomodax, matul l-edukazzjoni obbligatorja: wieħed matul iċ-Ċiklu tal-Primarja u l-ieħor fiċ-Ċiklu tas-Sekondarja. Dawn ikunu jinkludu kampjuni ta' skejjel u studenti mit-tliet setturi, f'numru speċifiku ta' oqsma tat-tagħlim kull sena, fuq ċiklu ta' snin li għad irid ikun determinat, biex ikopri oqsma differenti.




**Grafika 02: Il-Moniteraġġ u l-Livell *(Benchmarking)* fis-Sistema Edukattiva**

**Konklużjoni 11**

Bħala **miżura ta' assigurazzjoni tal-kwalità**, il-Grupp ta' Ħidma ddetermina tliet okkażjonijiet għall-għoti ta' livelli *(benchmarking)* u żewġ okkażjonijiet ta' moniteraġġ matul l-edukazzjoni obbligatorja. L-għoti tal-livelli *(benchmarking)* se jkun qed isir fi tmiem iċ-Ċiklu tas-Snin Bikrin, fi tmiem iċ-Ċiklu tas-Snin tal-Primarja u fi tmiem iċ-Ċiklu tas-Snin tas-Sekondarja. L-assessjar isir b'mod individwali fil-perjodu ta' bejn it-2 u t-3 Sena tal-Primarja, u fi tmiem is-6 Sena tal-Primarja. Dawn l-eżerċizzji ta' indikazzjoni tal-livell tal-istudenti *(benchmarking)* se jkunu obbligatorji għall-iskejjel tal-Istat, filwaqt li l-Iskejjel tal-Knisja u Indipendenti se jkunu mistiedna jipparteċipaw. Fi tmiem il-11-il Sena, ir-riżultati tal-eżamijiet taċ-ĊES jibqa' jkollhom ukoll funzjoni ta' livell.

Barra minn hekk, se jkun hemm żewġ okkażjonijiet ta' moniteraġġ perjodiku, li ma jiskomodax, matul l-edukazzjoni obbligatorja: wieħed matul iċ-Ċiklu tal-Primarja u l-ieħor fiċ-Ċiklu tas-Sekondarja. Dawn ikunu jinkludu kampjuni ta' skejjel u studenti mis-setturi tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti, u numru speċifiku ta' oqsma tat-tagħlim kull sena fuq ċiklu ta' snin li għad irid ikun determinat biex ikopri oqsma differenti.

## 01.2.10 Iċ-Ċikli tal-Edukazzjoni

### 01.2.10.1 Iċ-Ċiklu tas-Snin Bikrin

Il-Grupp ta' Ħidma jippreżenta dawn il-proċeduri ta' rappurtaġġ u assessjar għaċ-Ċiklu tas-Snin Bikrin:

- Mhux se jkun hemm assessjar formali bil-miktub matul iċ-Ċiklu tas-Snin Bikrin.
- Tal-anqas darbtejn fis-sena, l-edukatur jippreżenta rapport bi profil dwar il-progress u l-iżvilupp tat-tifel/tifla lill-iskola u lill-ġenituri b'rabta mar-riżultati tat-tagħlim tiegħu/tagħha għal dik is-sena.
- Fuq il-bażi tal-profil, l-iskola tissorvelja l-iżvilupp tat-tifel/tifla mal-progress tiegħu/tagħha fiċ-Ċiklu tas-Snin Bikrin. Dan jippermetti lill-iskola biex tipprovdi l-għajnuna meħtieġa lill-istudent/a kif meħtieġ. L-introduzzjoni tal-metodu tal-profil għar-reġistrazzjoni u r-rappurtaġġ tiżgura li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' kull tifel u tifla.
- Ir-rapport bil-profil ta' kull tifel u tifla jgħaddi għand l-edukatur responsabbli mit-tfal fis-sena skolastika li jkun imiss ħalli dan ikun jista' jifhem il-progress u l-iżvilupp tat-tifel/tifla u għalhekk ikun f'pożizzjoni li jippjana kif meħtieġ.

**Konklużjoni 12**

Filwaqt li t-tfal mhux se jkunu assessjati b'mod formali fiċ-**Ċiklu tas-Snin Bikrin**, l-iżvilupp u l-progress tagħhom se jiġi rreġistrat u rrappurtat lill-ġenituri mill-inqas darbtejn fis-sena. Huwa rrakkomandat li f'dan iċ-Ċiklu jkun hemm l-assessjar formattiv għax dan hu addattat ferm biex jaqbad il-progress u l-iżvilupp individwali tat-tfal. Il-programmi tat-tagħlim żviluppati għal dan iċ-Ċiklu għandhom iwasslu għar-riżultati tat-tagħlim ta' dan iċ-Ċiklu. Dan kollu jkompli jikkonferma l-għanijiet tas-Snin Bikrin.

### 01.2.10.2 Is-Snin tal-Edukazzjoni Primarja

Il-Grupp ta' Ħidma jikkonferma li ċ-Ċiklu tas-Snin tal-Primarja hu perjodu importanti fil-mixja edukattiva tal-istudenti. Dan iċ-Ċiklu jsaħħaħ l-esperjenzi tat-tagħlim miksuba fis-Snin Bikrin u jkompli jibni fuqhom ħalli l-istudenti jiksbu l-għerf, il-ħiliet, il-kompetenzi, l-attitudnijiet u l-valuri bbażati fuq ir-riżultati tat-tagħlim biex, b'suċċess, jgħaddu għaċ-Ċiklu tas-Sekondarja.

**Konklużjoni 13**

Il-Grupp ta' Ħidma jisħaq li ċ-**Ċiklu tas-Snin tal-Primarja** huwa punt kruċjali fil-mixja edukattiva tal-istudenti għax jikkonsolida u jibni fuq l-esperjenzi tat-tagħlim taċ-Ċiklu tas-Snin Bikrin u jħejjihom għaċ-Ċiklu tas-Sekondarja. Dan ikompli jikkonferma l-għanijiet tas-Snin tal-Primarja u jżid ir-riżultati ġenerali tat-tagħlim għal dan iċ-Ċiklu.

Ir-reazzjonijiet li daħlu ssuġġerew li l-kontenut tat-tagħlim mit-3 sas-6 Sena huwa konsiderevoli u jekk il-volum tiegħu jibqa' ma jinbidilx, huwa diffiċli għall-QKN biex ikun implimentat fiċ-Ċiklu tas-Snin tal-Primarja, b'tali mod li jirrifletti l-Prinċipji u l-Għanijiet tal-edukazzjoni mfassla. Il-Grupp ta' Ħidma jisħaq li l-assessjar u l-eżamijiet ikunu bbażati fuq il-Qafas tar-Riżultati tat-Tagħlim għaċ-Ċiklu tal-Primarja, u għal kull sena rispettiva ta' dan iċ-Ċiklu. Għaldaqstant, il-Grupp jikkonferma li l-kontenut tas-suġġetti fl-Oqsma differenti tat-Tagħlim taċ-Ċiklu tal-Primarja se jiġi ristrutturat skont ir-realtajiet tas-sena skolastika ħalli l-mexxejja tal-iskejjel u l-għalliema jkunu jistgħu jużaw pedagoġiji li jpoġġu lill-istudenti fil-qofol tat-tagħlim, ibbażati fuq l-istħarriġ u integrati mat-temi interkurrikulari, kif ukoll megħjuna b'metodu bbażat fuq it-tagħlim elettroniku.

## Konklużjoni 14

Il-Grupp ta' Ħidma jistabbilixxi li l-**kontenut tas-suġġetti fl-Oqsma differenti tat-Tagħlim** taċ-Ċiklu tas-Snin tal-Primarja għandu jiġi ristrutturat skont ir-realtajiet tas-sena skolastika ħalli l-edukaturi jkunu jistgħu jużaw pedagoġiji li jpoġġu lill-istudenti fiċ-ċentru tat-tagħlim, li huma bbażati fuq l-istħarriġ u integrati f'temi interkurrikulari, kif ukoll megħjuna b'metodu bbażat fuq it-tagħlim elettroniku.

Il-Grupp ta' Ħidma jagħraf li l-iskejjel tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti għandhom prattiċi differenti ta' assessjar u eżamijiet. Ngħidu aħna, bħalissa l-Kulleġġi u l-Iskejjel tal-Istat għandhom sistema ta' assessjar summattiv, u li l-ewwel eżami formali għall-istudenti jsir fir-4 Sena. Iżda tajjeb jingħad li hemm skejjel tal-Knisja u Indipendenti li jibdew l-eżamijiet mit-3 Sena, oħrajn mill-5 Sena, u hemm oħrajn li saħansitra m'għandhomx eżamijiet fiċ-Ċiklu tal-Primarja. Filwaqt li l-Grupp ta' Ħidma hu tal-opinjoni li l-iskejjel tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti għandu jibqa' jkollhom kontroll fuq il-politika u l-prattiċi li jirrigwardaw dan, huwa rakkomandat li l-Kulleġġi u l-Iskejjel ta' kull wieħed mit-tliet setturi jagħmlu mill-inqas assessjar summattiv wieħed matul iċ-Ċiklu tal-Primarja, qabel tmiem iċ-Ċiklu. Dan jgħin lill-għalliema u lill-istudenti nfushom biex ikollhom indikazzjoni tal-iżvilupp tal-għerf, il-ħiliet, il-kompetenzi, l-attitudnijiet u tal-valuri miksuba fl-Oqsma differenti tat-Tagħlim mill-inqas darba qabel tmiem iċ-Ċiklu.

## Konklużjoni 15

Il-QKN jagħraf li l-assessjar **formattiv** għandu jkun bilanċjat u supplimentat b'assessjar **summattiv** fis-Snin tal-Primarja. Il-Kulleġġi u l-Iskejjel huma mħeġġa jagħtu assessjar summattiv li jservi ta' għajnuna għall-għalliema u għall-istudenti ħalli jkollhom indikazzjoni tal-iżvilupp tal-għerf, il-ħiliet, il-kompetenzi u tal-attitudnijiet li jkunu kisbu fid-diversi Oqsma tat-Tagħlim. Dan għandu jsir mill-inqas darba qabel tmiem dan iċ-Ċiklu.

### 01.2.10.3 Is-Snin tal-Edukazzjoni Sekondarja

Il-Grupp ta' Ħidma jikkonferma li ċ-Ċiklu tas-Snin tas-Sekondarja hu perjodu importanti fil-mixja edukattiva tal-istudenti. Dan iċ-Ċiklu jgħin lill-istudenti biex jibnu fuq l-għerf, il-ħiliet, il-kompetenzi, l-attitudnijiet u l-valuri li jkunu kisbu fiċ-Ċiklu tal-Primarja ħalli jkollhom riżultati tat-tagħlim li jassiguraw li jsiru ċittadini responsabbli, li jkunu jistgħu jimpjegaw ruħhom, u li jkunu kapaċi jibqgħu jitgħallmu tul ħajjithom.

## Konklużjoni 16

Il-Grupp ta' Ħidma jisħaq li ċ-**Ċiklu tas-Snin tas-Sekondarja** huwa punt kruċjali fil-mixja edukattiva tal-istudenti għax isaħħaħ u jibni fuq l-esperjenzi tat-tagħlim taċ-Ċiklu tas-Snin tal-Primarja u jħejjihom għal sfidi akbar li jiltaqgħu magħhom wara l-edukazzjoni obbligatorja. Dan ikompli jikkonferma l-għanijiet tas-Snin tas-Sekondarja u jżid ir-riżultati ġenerali tat-tagħlim għal dan iċ-Ċiklu.

Il-Grupp ta' Ħidma jikkonferma mill-ġdid l-Għażla tas-Suġġetti ppreżentata fl-abbozz tal-QKN – b'eċċezzjoni waħda ewlenija. Il-Grupp innota l-kritika li saret rigward il-firda tal-Letteratura Ingliża mit-tagħlim tal-Lingwa Ingliża. Għaldaqstant, il-Grupp ta' Ħidma qed jipproponi li t-tagħlim tal-Ingliż għandu jinkludi kemm il-lingwa kif ukoll il-letteratura. Barra minn hekk, huwa rakkomandat li l-prattika attwali li jkun hemm żewġ eżamijiet taċ-ĊES: wieħed għal-Lingwa u l-ieħor għal-Letteratura, tinżamm. Qed ikun rakkomandat li din il-prattika tkun ikkunsidrata wkoll għall-Malti.

## Konklużjoni 17

Il-Grupp ta' Ħidma jikkonferma l-**Għażla tas-Suġġetti** ppreżentata fl-abbozz tal-QKN, ħlief il-proposta li saret fuq il-Letteratura Ingliża. Din għandha tibqa' tagħmel parti mil-lezzjonijiet ewlenin tal-Ingliż. Il-prattika attwali li jkun hemm żewġ eżamijiet taċ-ĊES: wieħed tal-Lingwa Ingliża u l-ieħor tal-Letteratura Ingliża għandha tibqa' kif inhi. Huwa rrakkomandat li din il-prattika tkun ikkunsidrata wkoll għall-Malti. Barra minn hekk, il-livelli għolja ta' kompetenza fit-tagħlim tal-lingwi barranin żviluppati miż-żgħażagħ f'Malta matul l-edukazzjoni obbligatorja, u li kienu kkonfermati mir-riżultati tal-*Istħarriġ Ewropew fuq il-Kompetenzi tal-Lingwi – 2011*, għandhom jinżammu fis-sistema edukattiva tagħna.

Filwaqt li l-Grupp ta' Ħidma nnota r-reazzjoni mgħoddija minn numru konsiderevoli ta' Uffiċjali Edukattivi rigward it-trasferiment tal-issettjar tal-eżamijiet għall-Kulleġġi u l-Iskejjel tal-Istat, iżomm il-pożizzjoni tiegħu ppreżentata fl-abbozz tal-QKN li minħabba li l-ħiliet u l-kapaċitajiet xierqa jinbnew fil-Kulleġġi, u peress li ż-żieda fil-livell professjonali fost il-mexxejja tal-iskejjel u l-edukaturi tintlaħaq permezz ta' żvilupp professjonali, it-tfassil tal-karti tal-eżamijiet għal gruppi ta' snin partikolari għandu jingħata lill-Kulleġġi. L-issettjar tal-eżamijiet mill-Kulleġġi jkun suġġett għal assigurazzjoni kontinwa tal-kwalità u għal reviżjoni mid-DKSE.

**Konklużjoni 18**

Il-Grupp ta' Ħidma jinsisti li t-**tfassil tal-eżamijiet** fis-Settur Edukattiv tal-Istat għandu jkun iddelegat lill-Kulleġġi għal gruppi ta' snin partikolari, meta dawn jiksbu l-ħiliet u l-kapaċità neċessarja, kif ukoll żieda fil-livell tal-iżvilupp professjonali. Meta t-tfassil tal-eżamijiet jingħata f'idejn il-Kulleġġi, dawn ikunu suġġetti għal assigurazzjoni u reviżjoni kontinwa tal-kwalità li ssir mid-Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni.

### 01.2.11 Id-Dritt għat-Tagħlim

Saret ħafna kritika fuq id-dritt tas-sigħat tat-tagħlim indikat fl-abbozz tal-QKN. Għaldaqstant, il-Grupp ta' Ħidma ddeċieda li ma jippreżentax l-istess livell ta' dettall u preskrizzjoni fid-dokument finali tal-QKN. Il-Grupp hu tal-opinjoni li metodu aktar xieraq hu dak tal-issettjar ta' dritt minimu ta' sigħat għal kull Qasam ta' Tagħlim, flimkien ma' proporzjon ta' ħin li jkun allokat mill-mexxejja tal-iskejjel u mill-edukaturi. Dan il-metodu jiżgura li l-mexxejja tal-iskejjel u l-edukaturi jkollhom il-livell xieraq ta' awtorità u flessibbiltà biex jimplimentaw dan id-dritt, b'mod li jkun jirrifletti l-etos u l-ħtiġijiet lokali tal-Kulleġġi u l-Iskejjel.

Importanti li jkun enfasizzat li dal-metodu ta' ċifri perċentwali ta' dritt minimu għall-Oqsma differenti tat-Tagħlim qed ikun stabbilit biss għall-Kulleġġi u l-Iskejjel tal-Istat. Il-Grupp ta' Ħidma jixtieq jistieden lill-Kulleġġi u lill-Iskejjel tal-Knisja u Indipendenti biex huma wkoll jikkunsidraw dan il-metodu għall-Kulleġġi u l-Iskejjel rispettivi tagħhom.

It-tabella li ġejja turi l-perċentwal tad-dritt minimu ta' ħin għall-Oqsma differenti tat-Tagħlim fiċ-Ċiklu tal-Primarja. Il-Grupp hu tal-fehma li 60% mill-ħin ikun iddedikat għall-Malti, l-Ingliż, il-Matematika, ix-Xjenza u t-Teknoloġija. Matul dan iċ-Ċiklu, id-deċiżjonijiet meħuda mill-iskola jagħmlu 15% tal-ħin tal-kurrikulu disponibbli għat-tagħlim.

**PERĊENTWAL (%) TA' HIN GHALL-OQSMA TAT-TAGHLIM - IĊ-ĊIKLU TAS-SNIN TAL-PRIMARJA**




Id-dritt minimu għaċ-Ċiklu tas-Sekondarja hu maħdum fuq ġimgħa b'37 sa 40 lezzjoni.

Tajjeb li tingħibed l-attenzjoni li 30% hija ekwivalenti għal mill-inqas 12-il lezzjoni fil-ġimgħa u 12.5% hija daqs mill-inqas 5 lezzjonijiet fil-ġimgħa.

Il-Grupp ta' Ħidma hu tal-opinjoni li matul iċ-Ċiklu tas-Sekondarja, mill-inqas 55% tal-ħin ikun iddedikat għall-Malti, l-Ingliż, il-Matematika u x-Xjenza u t-Teknoloġija.

Matul l-ewwel snin taċ-Ċiklu tas-Sekondarja d-deċiżjonijiet tal-iskola għandhom jagħmlu 20% tal-ħin tal-kurrikulu disponibbli għat-tagħlim, u jinkludu s-suġġetti tal-Għażla.

**PERĊENTWAL (%) TA' HIN GHALL-OQSMA TAT-TAGHLIM IĊ-ĊIKLU TAL-EWWEL SNIN TAS-SEKONDARJA**




Matul l-aħħar snin taċ-Ċiklu tas-Sekondarja d-deċiżjonijiet meħuda mill-iskola jiżdiedu għal 25% tal-ħin tal-kurrikulu ħalli jintlaħqu r-realtajiet differenti tal-Għażliet fit-tliet setturi tal-edukazzjoni.

**PERĊENTWAL (%) TA' HIN GHALL-OQSMA TAT-TAGHLIM IĊ-ĊIKLU TAL-AHHAR SNIN TAS-SEKONDARJA**




**Konklużjoni 19**

Il-Grupp ta' Ħidma jippreżenta d-**dritt** minimu rrakkomandat għal kull wieħed mit-tmien Oqsma tat-Tagħlim fis-Snin tal-Primarja, fl-Ewwel Snin tas-Sekondarja u fl-Aħħar Snin tas-Sekondarja, u għalhekk jipprovdi flessibbiltà fid-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-iskola sa 15%, 20% u 25% tal-ħin tal-kurrikulu fit-tliet kategoriji rispettivi.

## 01.2.12 L-Iżvilupp Professjonali tal-Għalliema

Il-Prinċipali tal-Kulleġġi, il-mexxejja tal-iskejjel u l-għalliema huma l-persuni primarji għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-QKN. Il-Grupp ta' Ħidma jagħraf li l-QKN jappoġġja pedagoġija li titlob li l-għalliema jkollhom repertorju aktar wiesa' ta' ħiliet. L-appoġġ kurrikulari regolari, kif ukoll it-taħriġ kontinwu tal-għalliema u tal-mexxejja tal-iskejjel huma meħtieġa biex ikun assigurat li dawn ikunu kapaċi jifhmu, u li jkollhom il-ħiliet u l-għodod neċessarji biex ikunu jistgħu jwettqu b'suċċess il-QKN fil-kumplessità tiegħu.

Il-Grupp ta' Ħidma jwissi li l-programmi ġodda u kontinwi ta' taħriġ, li għandhom ikunu indirizzati lejn il-mexxejja tal-iskejjel u lejn edukaturi oħra, jeħtieġu aktar ħin milli l-istruttura attwali ta' taħriġ professjonali kontinwu tippermetti. Madankollu, il-Grupp ta' Ħidma jaqbel li l-ħin meħtieġ ma jistax jittieħed mill-ħin tal-kuntatt tat-tagħlim. Il-Grupp jenfasizza li hemm bżonn li d-Direttorati jikkonsultaw lill-MUT biex tinstab soluzzjoni għal din il-kwistjoni urġenti ħalli jinstabu modi kif l-għalliema jkunu mħeġġa jinvestu fl-iżvilupp kontinwu professjonali tagħhom.

**Konklużjoni 20**

Il-Grupp ta' Ħidma jwissi li biex il-QKN ikun implimentat b'suċċess huwa meħtieġ li, kontinwament, l-edukaturi jingħataw **għarfien ġdid** fuq ħiliet u kompetenzi differenti minn tagħhom u **taħriġ mill-ġdid** ħalli jkunu jistgħu jużaw pedagoġiji ġodda. Dan kollu jeħtieġ programm strutturat ta' żvilupp professjonali li jmur lil hinn minn dak li tippermetti l-istruttura attwali tat-taħriġ. Il-Kumitat ta' Ħidma jisħaq li hemm bżonn li d-Direttorati jikkonsultaw mal-Union Maltija tal-Għalliema biex tinstab soluzzjoni għal din il-materja urġenti u tiġi ppreżentata lill-imsieħba kollha.

### 01.2.13 L-Assigurazzjoni ta' Mixja Bla Skossi miċ-Ċiklu tal-Edukazzjoni Sekondarja għaċ-Ċiklu tal-Edukazzjoni Postsekondarja

Il-Grupp ta' Ħidma ħa nota tat-tħassib ta' ħafna msieħba fuq il-fatt li QKN bbażat fuq pedagoġija li tpoġġi lill-istudenti fiċ-ċentru tat-tagħlim u fuq l-istħarriġ, jeħtieġ edukazzjoni kontinwa mhux biss matul it-tliet Ċikli tal-edukazzjoni li jkopri d-dokument, imma wkoll matul l-edukazzjoni Postsekondarja u lil hinn minnha. Madankollu, tajjeb nenfasizzaw li r-responsabbiltà tad-DKSE fit-tfassil tal-QKN hi limitata għat-tliet Ċikli tal-edukazzjoni indirizzati f'dan id-dokument. Fid-dawl ta' dan, il-Grupp ta' Ħidma jirrakkomanda li ssir diskussjoni strutturata u formali fuq l-implikazzjonijiet tal-QKN għall-Edukazzjoni Postsekondarja mal-partijiet kollha konċernati. Dawn id-diskussjonijiet għandhom jibdew mill-aktar fis possibbli.

Il-Grupp ta' Ħidma jirrakkomanda li jinħatar Grupp ta' Ħidma apposta biex jindirizza l-implikazzjonijiet tal-QKN għall-Edukazzjoni Postsekondarja. Dan għandu jitmexxa mill-President tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla u għandu jkun magħmul mill-imsieħba kollha ewlenin.

**Konklużjoni 21**

Il-Grupp ta' Ħidma jirrakkomanda li l-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol j/tistabbilixxi **Grupp ta' Ħidma** li jindirizza l-implikazzjonijiet tal-QKN għall-edukazzjoni avvanzata u ogħla. L-għan ta' dan il-Grupp ta' Ħidma għandu jkun li jassigura progressjoni bla skossi mill-edukazzjoni obbligatorja għall-edukazzjoni postsekondarja. Dan il-Grupp għandu jitmexxa mill-Kummissarju Nazzjonali għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla.

# 02 Ir-Riżultati tal-Kurrikulu Nazzjonali u l-Implimentazzjoni Tiegħu

## 02.1 Ir-Riżultati tal-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali

Il-QKN jistabbilixxi l-għerf, il-ħiliet, il-kompetenzi, l-attitudnijiet u l-valuri li l-istudenti huma mistennija li jkollhom fi tmiem iċ-Ċiklu tas-Snin Bikrin (it-2 Sena); fi tmiem iċ-Ċiklu tal-Primarja (is-6 Sena) u fi tmiem iċ-Ċiklu tas-Sekondarja (il-11-il Sena (FV)). Dawn huma ppreżentanti fit-Tabella t'hawn taħt.

Il-QKN ma jżommx lill-iskejjel milli jippermettu lit-tfal u ż-żgħażagħ jiksbu riżultati oħra ma' dawk speċifikati f'dan id-dokument.

**Rappreżentazzjoni ta' livell għoli ta' għerf, ħiliet, kompetenzi, attitudnijiet u valuri li l-istudenti mistennija jkollhom fi tmiem iċ-Ċiklu tas-Snin Bikrin (S2); fi tmiem iċ-Ċiklu tal-Primarja (S6) u fi tmiem iċ-Ċiklu tas-Sekondarja (S11 (FV)).**

| IĊ-ĊIKLU TAS-SNIN BIKRIN | IĊ-ĊIKLU TAS-SNIN TAL-PRIMARJA | IĊ-ĊIKLU TAS-SNIN TAS-SEKONDARJA |
|---|---|---|
| **Riżultat 1: Tfal li jiżviluppaw sens b'saħħtu ta' identità** | **Riżultat 1: Studenti li kapaċi jiżviluppaw b'suċċess il-potenzjal kollu tagħhom billi jibqgħu jitgħallmu tul ħajjithom** | |
| Tfal li jiżviluppaw f'ambjent sigur u li jistgħu jafdaw.<br><br>Tfal li jiżviluppaw sens ta' indipendenza u awtonomija.<br><br>Tfal responsabbli u b'saħħithom f'mumenti ta' sfida. | Tfal li huma kunfidenti u kapaċi jistabbilixxu relazzjonijiet effettivi ma' tfal u adulti oħra, li jwassluhom biex ikollhom stima, kunfidenza u kuxjenza pożittiva tagħhom infushom. | Żgħażagħ bil-ħiliet personali u soċjali meħtieġa ħalli jkunu kapaċi jilqgħu għar-realtà soċjali li dejjem tinbidel.<br><br>Żgħażagħ li jħaddnu valuri demokratiċi fundamentali u li jippromwovu l-ġustizzja soċjali. |
| **Riżultat 2: Tfal li jħarsu b'mod pożittiv lejhom infushom** | Tfal li kapaċi jagħtu valur, japprezzaw u jirreaġixxu fl-ambjent immedjat tagħhom. | Żgħażagħ li jiżviluppaw viżjoni kritika, matura u infurmata tat-twemmin tagħhom u li jirrispettaw individwi bi twemmin differenti minn tagħhom. |
| Tfal li jemmnu fihom infushom, li huma konxji mill-potenzjal u l-kapaċitajiet tagħhom.<br><br>Tfal li jiksbu kunfidenza fihom infushom u fil-kisbiet tagħhom.<br><br>Tfal li jiżviluppaw attitudnijiet pożittivi li jippermettulhom jieħdu inizjattivi u riskji. | Tfal li jużaw, b'mod kompetenti, il-firxa tal-ħiliet tal-lingwa fil-Malti u fl-Ingliż, skont l-età tagħhom.<br><br>Tfal li kapaċi jagħrfu u jagħtu importanza lil lingwa barranija għall-għanijiet ta' komunikazzjoni. | Żgħażagħ li kapaċi jikkomunikaw b'mod effettiv b'mill-inqas tliet lingwi, inklużi l-Malti u l-Ingliż. |
| **Riżultat 3: Tfal li kapaċi jissoċjalizzaw** | Tfal li kapaċi japplikaw il-ħiliet bażiċi fil-matematika u fis-soluzzjonijiet tal-problemi. | Żgħażagħ li kapaċi japplikaw kunċetti matematiċi u xjentifiċi fil-ħajja ta' kuljum. |
| Tfal li kapaċi jistabbilixxu relazzjonijiet mal-oħrajn.<br><br>Tfal li jiżviluppaw sens ta' empatija u rispett u li jaċċettaw ideat differenti.<br><br>Tfal konxji mill-kunċetti tal-ġustizzja u mit-trattamenti diskriminatorji. | Tfal kunfidenti fl-għarfien bażiku tat-teknoloġija. | Żgħażagħ b'ħakma fil-litteriżmu, il-matematika u l-litteriżmu diġitali.<br><br>Żgħażagħ li jiżviluppaw metodu ta' studju biex ikomplu jitgħallmu. |

| | | |
|---|---|---|
| Tfal li jitgħallmu jikkollaboraw ma’ sħabhom u ma’ adulti li ġejjin minn ambjent differenti u li għandhom ħtiġijiet diversi. | Tfal li kapaċi juru dispożizzjoni pożittiva lejn l-investigazzjoni, id-disinjar u t-twettiq, l-ittestjar u r-rappurtaġġ f’livelli elementari. | Żgħażagħ li kapaċi jifhmu kunċetti ogħla u prinċipji li jikkorrispondu magħhom. |
| | Tfal li kapaċi jfissru l-ideat tagħhom u jesperimentaw b’modi differenti biex isolvu l-problemi. | Żgħażagħ li kapaċi jaħsbu b’mod kritiku u kreattiv, li jantiċipaw il-konsegwenzi, li jagħrfu l-opportunitajiet, u jieħdu riskju. |
| | Tfal li kapaċi japprezzaw, iwieġbu għal, jipparteċipaw u jesperimentaw fi prestazzjonijiet u espressjonijiet bażiċi ta’ kreattività. | Żgħażagħ li jipparteċipaw fl-użu kreattiv tal-arti espressiva u jieħdu sehem fl-apprezzament tal-arti estetika. |
| | | Żgħażagħ bil-kwalifiki neċessarji ħalli jkollhom aċċess għal edukazzjoni avvanzata u ogħla. |
| **Riżultat 4: Tfal li jikkomunikaw b’mod effettiv** | **Riżultat 2: Studenti li kapaċi jsostnu l-opportunitajiet tagħhom fid-dinja tax-xogħol** | |
| Tfal li kapaċi jużaw forom differenti ta’ mezzi ta’ komunikazzjoni.<br><br>Tfal li jinteraġixxu u jagħmlu konnessjoni ma’ varjetajiet ta’ testi u materjali stampati biex ikunu aktar konxji mill-għanijiet/funzjonijiet tal-istampar.<br><br>Tfal midħla tas-simboli u l-mudelli, u tal-użu tagħhom.<br><br>Tfal konxji mis-sistemi differenti tal-lingwa, l-aktar il-L1 u l-L2.<br><br>Tfal li jieħdu sehem fil-litteriżmu diġitali bħala mod li bih jiksbu d-*data*, kif ukoll bħala mezz li bih jippreżentaw u jikkomunikaw l-ideat tagħhom.<br><br>Tfal versatili fl-użu tan-numri, fl-interpretazzjoni tad-*data*, fil-forom, fil-qisien u fl-istampar f’kuntest, ħalli jkunu jistgħu jiksbu l-għarfien u t-tagħrif u jkunu jistgħu jagħmlu sens u jifhmu. | Tfal li kapaċi jikkomunikaw b’mod kunfidenti billi jużaw diversi ħiliet u mezzi differenti ta’ komunikazzjoni. | Żgħażagħ li kapaċi jikkomunikaw b’mod kunfidenti u effettiv f’kuntesti soċjali differenti. |
| | Tfal li kapaċi japplikaw ħiliet bażiċi ta’ ICT waqt li josservaw l-etika tal-internet u l-miżuri ta’ sigurtà fuq l-internet. | Żgħażagħ li kapaċi jużaw u japplikaw varjetà ta’ teknoloġiji diġitali. |
| | Tfal li kapaċi jitgħallmu u jaddattaw ruħhom għall-bidliet.<br><br>Tfal li kapaċi jaddattaw ruħhom f’ambjent ta’ bidla ġeografika. | Żgħażagħ motivati biex jaddattaw ruħhom għall-ħtiġijiet li jinbidlu fis-soċjetà permezz ta’ evalwazzjoni individwali u taħriġ kontinwu. |
| | Tfal li kapaċi jieħdu l-inizjattiva u li kapaċi jaħdmu b’mod indipendenti u kollaborattiv.<br><br>Tfal li kapaċi joħolqu u jesperimentaw bil-kunċetti bażiċi tal-intraprenditorija. | Żgħażagħ li kapaċi jistabbilixxu u jżommu intrapriżi innovattivi, kemm b’mod individwali kif ukoll f’kollaborazzjoni ma’ oħrajn. |
| | Tfal li kapaċi jużaw il-kurżità tagħhom biex jaslu għal riżultati pożittivi. | Żgħażagħ li kapaċi jagħmlu prijoritajiet etiċi tal-valuri ekonomiċi ħalli jassiguraw l-istabbiltà u l-awtonomija. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Żgħażagħ li juru flessibbiltà u li huma ppreparati biex jaffaċċjaw il-mobilità fix-xogħol.<br><br>Żgħażagħ li huma sensittivi għar-relazzjonijiet tad-diversi sferi tal-ħajja, gruppi u individwi. |
| | Tfal li japprezzaw l-ambjent tagħhom u li jaġixxu b'modpożittiv favur is-sostenibbiltà. | Żgħażagħ li huma impenjati li jtejbu l-kwalità tal-ħajja tagħhom u tal-oħrajn.<br><br>Żgħażagħ li jħossuhom li għandhom sehem fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livelli varji tal-iżvilupp sostenibbli. |
| **Riżultat 5: Tfal li jħaddnu attitudnijiet pożittivi lejn it-tagħlim u li jsiru studenti impenjati u kunfidenti** | **Riżultat 3: Studenti li huma ċittadini responsabbli u impenjati għall-ġustizzja soċjali fir-realtajiet lokali, reġjonali u globali li qed jinbidlu l-ħin kollu** | |
| Tfal li jiżviluppaw firxa ta' ħiliet konjittivi biex ikunu kapaċi jidentifikaw, jagħrfu, jagħżlu/ jikklassifikaw, jagħmlu ipoteżi, ibassru, iqabblu, jagħmlu sekwenza u jiġbru fi grupp.<br><br>Tfal li jiżviluppaw dispożizzjonijiet pożittivi li jinkludu l-entużjażmu u l-motivazzjoni, il-kurżità, il-mistoqsijiet, il-konċentrazzjoni, il-perseveranza, l-immaġinazzjoni, il-ħila li jaċċettaw suġġerimenti alternattivi/kritika.<br><br>Tfal li jwessgħu l-għarfien tagħhom u li jirrinfurzaw il-fehim tagħhom permezz tal-aċċessibbiltà għal sorsi differenti ta' informazzjoni. | Tfal li jqisu d-diversità bħala forza li tgħaqqad, aktar milli forza li tifred. | Żgħażagħ li jagħtu valur u jaħdmu favur soċjetà demokratika u inklużiva. |
| | Tfal li japprezzaw u jippromwovu l-kultura u l-wirt Malti. | Żgħażagħ li japprezzaw u li jirrispettaw il-kultura u l-wirt Malti. |
| | Tfal li japprezzaw il-kuntesti Mediterranji, Ewropej u globali tagħhom. | Żgħażagħ kburin bl-identità, bil-wirt u bil-lingwa Maltija u li jagħrfu u jirrispettaw nies oħra f'kuntest Mediterranju, Ewropew u globali. |
| | Tfal li jagħtu valur u li japprezzaw id-differenzi filwaqt li jagħrfu x-xebh. | Żgħażagħ li jaħdmu favur il-ġid komuni, il-koeżjoni soċjali u l-ġustizzja soċjali. |
| | Tfal li jsiru konxji mid-drittijiet u mid-dmijiet tagħhom bħala ċittadini attivi. | Żgħażagħ li jimpenjaw ruħhom u li jżommu mal-impenji li jieħdu. |
| | Tfal li jaddottaw stil ta' ħajja b'saħħitha u attiva u li jkunu konxji mill-implikazzjonijiet fit-tul tad-deċiżjonijiet tagħhom f'dan ir-rigward. | Żgħażagħ li jaddottaw stil ta' ħajja b'saħħitha u attiva u li japprezzaw u jagħmlu użu tajjeb mill-ħin tal-mistrieħ tagħhom. |

Ir-riżultati tat-tagħlim mixtieqa mill-QKN jiġu mkejla bl-aħjar mod fi tmiem iċ-Ċiklu tal-edukazzjoni obbligatorja ta' dawk l-istudenti li jkunu bdew u temmew sistema ta' edukazzjoni li hi konsistenti mal-Prinċipji u l-Għanijiet tal-Edukazzjoni tal-QKN. Dan ifisser li, fir-realtà, l-ewwel grupp ta' studenti li se jibdew il-mixja edukattiva tagħhom f'KGI li tirrifletti l-etos tal-QKN se jkun dak tas-sena skolastika 2014/2015. L-istudenti li jidħlu fis-sistema edukattiva bbażata fuq il-QKN fl-2014/2015 itemmu l-aħħar sena tal-edukazzjoni obbligatorja tagħhom bbażata fuq il-QKN fl-aħħar sena taċ-Ċiklu Sekondarju (Livell 11 (FV)) fis-sena skolastika 2026/2027.

Għaldaqstant jekk din is-sistema edukattiva, mifruxa fuq it-tliet Ċikli tal-edukazzjoni, tkun ippreżentata u wasslet ir-riżultati tat-tagħlim kif ippjanat, ikun raġonevoli li jitqiesu dawn ir-riżultati:

**Tabella 1: Ir-Riżultati tal-Edukazzjoni għall-2012 u l-Miri għall-2027**

| | 2012 | 2025/2026 |
|---|---|---|
| % ta' studenti ta' 19-il sena fl-edukazzjoni avvanzata u ogħla, minbarra l-edukazzjoni Postsekondarja[7] | - | 40% |
| % ta' studenti ta' 17-il sena fl-edukazzjoni avvanzata u ogħla | 80% + | 90% |
| % tar-rata ta' studenti bi Grad 1 sa 5 (ĊES) f'ħames suġġetti | 66.3% | 75% |
| % tar-rata ta' studenti li jiksbu ċ-Ċertifikat u l-Profil tal-Iskola Sekondarja | 0% | 95% |
| % ta' studenti li joħorġu kmieni mill-iskola[8] | 30%[9] | 10%[10] |
| Il-Litteriżmu ta' PISA (Livell 2 sa 6) | 63.7% | 85% |
| Il-Litteriżmu Matematiku ta' PISA (Livell 2 sa 6) | 66.4% | 80% |
| Il-Litteriżmu Xjentifiku ta' PISA (Livell 2 sa 6) | 67.5% | 80% |
| Il-Matematika ta' TIMSS (Livell Intermedju sa Avvanzat) | 60% | 70% |
| Ix-Xjenza ta' TIMSS (Livell Intermedju sa Avvanzat) | 48% | 60% |
| SurveyLang | | |
| Ingliż (A2-B2) | 91% | 95% |
| Taljan (A2-B2) | 50% | 70% |

7 Pġ 21, *NCHE Further and Higher Education Statistics 2010, Rapport tal-Istħarriġ*, Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Ogħla, Frar 2011

8 L-Istudenti li Joħorġu Kmieni mill-Iskola huma dawk ta' bejn it-18 u l-24 sena li jitilqu mill-iskola fl-ewwel snin tas-sekondarja, jew qabel, u li ma jibqgħux jieħdu l-edukazzjoni jew it-taħriġ (http://europa.eu/rapit/press-release_MEMO-11-52_en.htm)

9 Ċifra tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO), Q2, 2012

10 Student li jidħol f'sistema edukattiva bbażata fuq il-QKN fl-2013/2014, ikollu 18-il sena fl-2027/28, u 24 sena fl-2033/2034 u għalhekk ma japplikax għalih l-indikatur ta' dawk li joħorġu kmieni mill-iskola. Madankollu, il-Grupp ta' Ħidma hu tal-fehma li l-mira ta' 10% tista' tintlaħaq fl-2025/2026 fil-każ ta' dawk ta' 21 sena. Dawn jidħlu fiċ-Ċiklu tas-Sekondarja, ibbażat kollu fuq il-QKN, fl-2015/2016 u jtemmuh fil-11-il Sena (Form V) fl-2019/2020.

## 02.2 L-Implimentazzjoni tal-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali

Il-QKN jikkonsisti f'bidla ewlenija ta' ħidma. L-implimentazzjoni tiegħu mhux biss titlob riforma pedagoġika peress li l-metodi l-ġodda tat-tagħlim – li jiffukaw fuq l-istudenti u li huma bbażati fuq l-investigazzjoni – se jieħdu post il-metodi tradizzjonali tat-tagħlim, imma titlob ukoll proċess ta' bidla fil-kultura għaliex bih il-mexxejja tal-iskejjel, l-għalliema, l-edukaturi, u l-ġenituri se jsiru parti minn sistema ġdida ta' valuri.

Waħda mill-bidliet prinċipali li jitlob il-QKN hi li l-għalliema jqisu l-klassijiet tagħhom magħmula minn individwi. L-implimentazzjoni tal-QKN tinkludi programm nazzjonali ta' bidla b'diversi punti, pressjonijiet kompetittivi, diversi msieħba konċernati, tensjonijiet eżistenti, kompetizzjoni għar-riżorsi, attivitajiet u diversi inizjattivi għaddejjin fl-istess ħin, eċċ. Il-livell u l-grad ta' kumplessità tal-programm ta' implimentazzjoni tal-QKN, xorta waħda huma esposti għal riskju konsiderevoli, anke jekk l-implimentazzjoni u l-immaniġġjar tagħha jsiru f'fażijiet.

Hemm ħafna sfidi li dawk li jfasslu l-politika se jkollhom iħabbtu wiċċhom magħhom biex jegħlbuhom. Dawn jinkludu, għalkemm mhux restritti għalihom biss, il-ħtieġa ta' appoġġ politiku, iż-żamma tal-istess appoġġ matul iż-żmien hekk kif il-prijoritajiet tal-politika jinbidlu, l-assigurazzjoni tal-kontinwità tal-finanzjament mill-gvern anke meta jinbidlu l-prijoritajiet tal-politika jew fi żminijiet diffiċli għall-ekonomija. Dan kollu jimplika wkoll l-appoġġ għall-użu bil-għaqal tar-riżorsi, piżijiet ta' xogħol adegwati u sostnuti, għal metodu professjonali ta' tagħlim, tħejjija lill-għalliema u lill-mexxejja tal-iskejjel, kif ukoll appoġġ għall-iżvilupp professjonali kontinwu tal-mexxejja tal-iskejjel u tal-għalliema.

It-tmexxija b'viżjoni b'saħħitha, kemm f'livell politiku kif ukoll amministrattiv, għalhekk hi kruċjali għas-suċċess. Il-binja tal-kapaċità fi ħdan id-Direttorati, il-Kulleġġi u l-Iskejjel – biex ikunu assigurati l-appartenenza, l-appoġġ u l-immaniġġjar responsabbli tar-riżorsi – hi ċ-ċavetta għas-suċċess tal-programm ta' implimentazzjoni tal-QKN.

Biex imexxi dan il-proċess ta' bidla, se jinħatar Bord ta' Reviżjoni għall-Implimentazzjoni tal-QKN. Dan il-Bord, li se jitmexxa mis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, se (i) jistabbilixxi mira u direzzjoni strateġika; (ii) jistabbilixxi prijoritajiet strateġiċi għall-implimetazzjoni tal-QKN; (iii) jirrakkomanda l-baġit ta' implimentazzjoni u investimenti relattivi; (iv) isolvi l-ostakli fl-implimentazzjoni; (v) jassigura komunikazzjoni effettiva mal-persuni kollha involuti.

Dan li ġej jitlob strateġija ta' livell għoli rigward l-implimentazzjoni tal-QKN.

**Tabella 2: L-Istrateġija tal-Implimentazzjoni tal-QKN**

| AZZJONI STRATEĠIKA GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-QKN | MINN MIN | META |
|---|---|---|
| Il-komunikazzjoni tal-QKN l-ġdid lill-għalliema, lill-mexxejja tal-iskejjel, lill-ġenituri, lill-istudenti u msieħba oħra. | Id-Direttur Ġenerali, DKSE | Malli jiġi approvat il-QKN |
| It-tħejjija ta' dokument bir-rwoli u bir-responsabbiltajiet tal-edukaturi u tal-persuni ewlenin fl-implimentazzjoni tal-QKN kif ukoll tad-dokumenti ewlenin ta' politika li jikkonċernaw it-twettiq tal-proċess tal-QKN. | Id-Direttur Ġenerali, DKSE | Malli jiġi approvat il-QKN |
| It-twaqqif ta' Bord ta' Reviżjoni għall-Implimentazzjoni tal-QKN responsabbli minn: (i) l-għoti ta'mira u direzzjoni strateġika; (ii) l-għoti ta' prijoritajiet strateġiċi għall-implimentazzjoni tal-QKN; (iii) l-istima finanzjarja tal-implimentazzjoni tal-QKN u minn investimenti relatattivi; (iv) soluzzjoni tal-ostakli li jinqalgħu fl-implimentazzjoni; (v) assigurazzjoni ta' komunikazzjoni effettiva mal-partijiet kollha konċernati. Il-Bord jitmexxa mis-Segretarju Permanenti. | Is-Segretarju Permanenti, MEDE | Malli jiġi approvat il-QKN |
| It-twaqqif ta' Kumitat għall-Implimentazzjoni tal-Istrateġija tax-Xjenza.<br><br>Jibdew il-konsultazzjonijiet u jintlaħaq ftehim mal-Union Maltija tal-Għalliema (MUT) fuq kif il-programm tal-iżvilupp professjonali li jsostni l-implimentazzjoni tal-QKN għandu jitħaddem. | Id-Direttur Ġenerali, DKSE<br><br>Is-Segretarju Permanenti, MEDE<br><br>Id-Diretturi Ġenerali, DKSE, DSE u l-MUT | Malli jiġi approvat il-QKN |
| It-twaqqif ta' Grupp ta' Ħidma biex jindirizza l-implikazzjonijiet tal-QKN għall-edukazzjoni avvanzata u ogħla. Dal-Grupp ta' Ħidma jitmexxa mill-President tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla u jkun magħmul mill-imsieħba ewlenin. | Is-Segretarju Permanenti, MEDE<br><br>NCFHE | Malli jiġi approvat il-QKN |
| It-twaqqif tal-Bord tal-Qafas tar-Riżultati tat-Tagħlim li jkun responsabbli mit-twaqqif tal-Gruppi ta' Ħidma tal-Oqsma tat-Tagħlim għat-tfassil tar-riżultati tat-tagħlim u għall-moniteraġġ tal-oqsma differenti tat-tagħlim. | Id-Direttur Ġenerali, DKSE | Malli jiġi approvat il-QKN |
| L-integrazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tal-Politika Lingwistika bħala parti mill-ħidma tal-Bord tal-Qafas tar-Riżultati tat-Tagħlim. | Id-Direttur Ġenerali, DKSE | Malli jiġi approvat il-QKN |
| Ir-riorganizzazzjoni tad-DKSE biex tirrifletti aktar il-funzjonijiet tal-ħidma tiegħu: (i) Il-Kurrikulu u l-Assessjar; (ii) It-Tagħlim Elettroniku; (iii) L-Assigurazzjoni tal-Kwalità; (iv) Ir-Riċerka, ir-Rappurtaġġ u l-Evalwazzjoni | Is-Segretarju Permanenti, MEDE | Malli jiġi approvat il-QKN |
| Jibdew id-diskussjonijiet mal-President tal-Kunsill għall-Professjoni tal-Għalliema biex jiġi ddeterminat ir-rwol tal-Kunsill fl-istrateġija tal-implimentazzjoni. | Is-Segretarju Permanenti, MEDE<br><br>Id-Direttur Ġenerali, DKSE | Malli jiġi approvat il-QKN |
| It-twaqqif ta' Kumitati ta' Ħidma għall-iżvilupp ta' dokumenti ta' politika fuq: L-Inklużjoni; L-Involviment tal-Ġenituri; u l-Assessjar. | Id-Direttur Ġenerali, DKSE | Malli jiġi approvat il-QKN |
| It-twaqqif tal-Grupp ta' Ħidma taċ-Ċiklu tas-Snin Bikrin tal-Edukazzjoni biex ifassal linji gwida fuq l-aħjar programmi li jwasslu għall-kisba tar-riżultati tat-tagħlim fis-Snin Bikrin (K1 - 2 Sena). | Id-Direttur Ġenerali, DKSE | Malli jiġi approvat il-QKN |

| AZZJONI STRATEĠIKA GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-QKN | MINN MIN | META |
|---|---|---|
| Il-kisba tal-approvazzjoni tar-riżultati tat-tagħlim għall-KGI sat-2 Sena. | Is-Segretarju Permanenti, MEDE | It-3et kwart tal-2013 |
| It-tfassil ta' Rapport bi Profil li jkun jirrifletti r-riżultati tat-tagħlim mill-KGI sat-2 Sena. | Id-Direttur Ġenerali, DKSE | It-3et kwart tal-2013 |
| It-tfassil ta' programmi ta' taħriġ fuq ir-riżultati l-ġodda tat-tagħlim għaċ-Ċiklu tas-Snin Bikrin. | Grupp ta' Ħidma għas-Snin Bikrin | It-2ni kwart tal-2013 |
| It-twettiq ta' programm ta' taħriġ għall-għalliema u għall-mexxejja tal-iskejjel fiċ-Ċiklu tas-Snin Bikrin. | Id-Direttur Ġenerali, DKSE | It-3et kwart tal-2013 |
| L-iżvilupp ta' Programm għall-Edukazzjoni Etika. | Id-Direttur Ġenerali, DKSE | L-1el kwart tal-2014 |
| L-eżamijiet ta' tmiem il-11-il Sena (F5) għandhom jirriflettu l-istruttura u l-kontenut tal-Qafas tar-Riżultati tat-Tagħlim (QRT). | Il-Bord tal-Qafas tar-Riżultati tat-Tagħlim | L-1el kwart tal-2014 |
| It-twaqqif ta' Gruppi ta' Ħidma għall-Oqsma tat-Tagħlim biex ifasslu r-Riżultati tat-Tagħlim għaċ-Ċikli tal-Primarja u s-Sekondarja (3 Sena – 11-il Sena), u t-temi interkurrikulari. | Il-Bord tal-Qafas tar-Riżultati tat-Tagħlim | Mat-tlestija tal-QRT |
| It-twaqqif ta' Gruppi ta' Ħidma Kurrikulari biex jibdew ifasslu l-programmi tat-tagħlim u tal-assessjar għaċ-Ċikli tal-Edukazzjoni Primarja u Sekondarja għall-Oqsma tat-Tagħlim u għat-Temi Interkurrikulari kollha. | DKSE | Mal-approvazzjoni tar-riżultati tat-tagħlim tal-Edukazzjoni Primarja u Sekondarja |
| It-tfassil ta' programmi ta' taħriġ għall-Mexxejja u l-Edukaturi tal-Iskejjel Primarji u Sekondarji. | Id-Direttur Ġenerali, DKSE | Mat-tlestija tal-programmi tat-tagħlim u tal-assessjar |
| It-twettiq ta' programmi ta' taħriġ għall-għalliema u għall-mexxejja tal-iskejjel taċ-Ċikli tal-Edukazzjoni Primarja u Sekondarja. | Id-Direttur Ġenerali, DKSE<br><br>MUT | Mat-tlestija tal-programmi ta' taħriġ |
| Jibda l-proċess ta' konformità tal-eżamijiet taċ-ĊES mal-Qafas tar-Riżultati tat-Tagħlim. | Il-Bord tal-Qafas tar-Riżultati tat-Tagħlim<br><br>Il-Gruppi ta' Ħidma tal-Oqsma tat-Tagħlim<br><br>Il-Bord tal-MATSEC | Mat-tlestija tal-QRT |
| Parteċipazzjoni regolari fi studji internazzjonali li jissorveljaw il-progress matul iż-żmien. | DKSE | Minn żmien għal ieħor |

# Il-Qafas
# tal-Kurrikulu Nazzjonali
# 2012

## It-Tieni Parti

# 03 Il-Prinċipji Ewlenin tal-QKN

Fid-dawl tal-iżviluppi storiċi, tad-dokumentazzjoni li diġà teżisti, u tal-isfidi tal-komunità edukattiva lokali, il-QKN ibassar:

- bidla minn kurrikulu preskrittiv għal qafas ibbażat fuq ir-riżultati tat-tagħlim li permezz tiegħu jkun hemm ammont ta' flessibbiltà interna u tagħlim aktar attraenti li jħajjar lill-istudenti biex jibqgħu jitgħallmu tul ħajjithom.
- bidla minn suġġetti separati minn xulxin għal oqsma ta' tagħlim li l-istudenti kollha jkollhom dritt għalihom.
- modi varjati ta' tagħlim biex l-istudenti jkollhom il-ħiliet meħtieġa biex jirnexxu fil-ħajja tal-iskola u lil hinn minnha.
- żvilupp kontinwu tal-edukaturi kollha, u appoġġ kontinwu li jgħinhom jinterpretaw il-Qafas u jaddattawh biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-istudenti tagħhom u tal-iżvilupp nazzjonali.
- li dawk kollha konċernati jassumu rwol ta' tmexxija u jimplimentaw dan il-qafas b'suċċess.

Il-QKN jippromwovi:

- mira ċara għal titjib fil-kwalità tal-edukazzjoni u għal livelli ogħla ta' kisbiet edukattivi mill-istudenti.
- it-tħejjija tal-individwu li tmur lil hinn mill-istrutturi u l-prattiċi kurrikulari tradizzjonali li jistgħu jillimitaw it-tagħlim.
- l-iżvilupp ta' suġġetti vokazzjonali bħala toroq alternattivi għal żvilupp personali, għal tagħlim tul il-ħajja u għax-xogħol.
- programmi flessibbli ta' tagħlim li jipprovdu esperjenzi diversi ta' tagħlim li jaqdu firxa wiesgħa ta' studenti u li jitfasslu għall-interessi u l-kapaċitajiet individwali tagħhom, f'parametri aċċettati fuq bażi nazzjonali.
- programmi ta' tagħlim li jiffukaw fuq il-fehim u li jenfasizzaw fuq il-proċess tat-tagħlim u fuq l-interpretar attiv tat-tifsir tat-tagħlim, aktar milli sempliċiment fuq l-akkwist tal-kontenut.
- programmi ta' tagħlim li jagħtu s-setgħa lill-għalliema biex jimplimentaw strateġiji innovattivi ta' tagħlim, speċjalment bis-saħħa tal-użu tat-tagħlim elettroniku.
- livell ogħla ta' programmi ta' tagħlim u ta' pedagoġija, bl-għan li aktar studenti jibqgħu jitgħallmu tul ħajjithom.
- ċaqliq minn sistema ta' tagħlim ibbażata esklużivament fuq is-suġġetti tradizzjonali lil hinn minn xulxin u li, għalhekk, tiffavorixxi l-frammentazzjoni u l-kompartimentalizzazzjoni fit-tagħlim, għal sistema aktar interkurrikulari, tematika, interdixxiplinari u kollaborattiva li tirrifletti sitwazzjonijiet reali tal-ħajja u li tħeġġeġ it-trasferiment ta' ħiliet minn qasam għall-ieħor tat-tagħlim.
- evalwazzjoni li tkejjel u tassessja l-proċessi kif ukoll il-prodotti tat-tagħlim.
- edukazzjoni inizjali tal-għalliema u opportunitajiet avvanzati għal taħriġ u appoġġ fl-użu ta' pedagoġiji li, fin-natura tagħhom, huma inklużivi u li jaħsbu fid-diversità.
- żvilupp professjonali li jimxi mal-opportunitajiet li jeżistu, fl-ambitu tar-realtà estiża tal-UE.
- l-iżvilupp tal-iskola bħala komunità tat-tagħlim magħmula minn għalliema li jirriflettu fuq il-prattika tagħhom.
- viżjoni li fiha l-ġenituri jitqiesu bħala msieħba importanti fil-vjaġġ edukattiv ta' wliedhom.

## 03.1 Il-Komponenti tal-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali

Il-QKN fih seba' komponenti interdipendenti:

- Il-Prinċipji Ġenerali
- L-Għanijiet tal-Edukazzjoni
- L-Oqsma tat-Tagħlim u t-Temi Interkurrikulari
- It-Tagħlim Effettiv
- L-Assessjar u l-Evalwazzjoni
- L-Involviment tal-Ġenituri u tal-Komunità
- L-Istrutturi ta' Appoġġ

## 03.1.1 Il-Prinċipji Ġenerali

Is-sisien tal-QKN huma bbażati fuq sitt **Prinċipji Ġenerali**.

**Prinċipju 1: Id-Dritt għat-Tagħlim**
Kull tifel u tifla għandhom id-dritt għal esperjenza edukattiva ta' kwalità. Għaldaqstant l-istudenti kollha jeħtieġ li jsibu appoġġ biex jiżviluppaw il-potenzjal tagħhom u jirnexxu, b'mod personali. Għal kull student/a, il-QKN jippromwovi l-iżvilupp ta':

- valuri u attitudnijiet fundamentali
- edukazzjoni sħiħa relevanti għall-ħajja
- ħsieb analitiku, kritiku u kreattiv
- ħila li j/tikkomunika f'kuntest bilingwi u multilingwi
- sistemi kontemporanji ta' tagħlim, inkluż it-tagħlim elettroniku
- progress, suċċess u kisbiet individwali u kollettivi
- mixjiet bla skossi fi ħdan is-sistema edukattiva u alternattivi diversi ta' tagħlim lil hinn mill-edukazzjoni obbligatorja
- appoġġ għall-familji u l-komunità usa'

**Prinċipju 2: Id-Diversità**
Il-QKN jagħraf u jaċċetta d-diversità kulturali ta' Malta, li qiegħda dejjem tikber, u japprezza l-istorja u t-tradizzjonijiet tal-poplu tagħha. Jagħraf u jirrispetta d-differenzi individwali tal-età, il-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali, it-twemmin, l-iżvilupp personali, l-isfond soċjokulturali, il-lokazzjoni ġeografika u l-etniċità. Il-QKN jafferma li t-tfal kollha jistgħu jitgħallmu, jikbru u jkollhom suċċess billi:

- jirrispettaw id-diversità fil-forom kollha tagħha
- jippromwovu ambjent inklużiv
- jirrakkomanda politika u prattiċi li jindirizzaw il-ħtiġijiet individwali u speċifiċi tal-istudenti u tal-komunità li titgħallem

**Prinċipju 3: Is-Sekwenza tal-Kisbiet**
Il-QKN iħaddan metodu ta' żvilupp għall-edukazzjoni. Dan ifisser li l-kurrikulu jilħaq il-ħtiġijiet tal-istudenti permezz u matul l-oqsma u s-suġġetti kollha tat-tagħlim, skont l-istadju ta' żvilupp tagħhom. Il-QKN jippromwovi:

- l-iżvilupp ta' kurrikuli għaċ-Ċikli tas-Snin Bikrin, tal-Primarja u tas-Sekondarja bħala proċess bla skossi biex jiżgura kontinwità fil-mixja edukattiva tal-istudenti
- it-tfassil ta' kurrikuli permezz tal-identifikazzjoni tar-riżultati tat-tagħlim li jirriflettu r-rati differenti ta' żvilupp u l-kisbiet fl-istess grupp ta' età
- iż-żieda fir-rappurtaġġ tal-progress u l-kisbiet individwali.

**Prinċipju 4: It-Tagħlim Iffukat fuq l-Istudenti**
Il-QKN jippromwovi l-iżvilupp ta' metodu ta' tagħlim iffukat fuq l-istudenti. Dan il-prinċipju jeħtieġ:

- tagħlim attiv u personalizzat
- studenti li jkunu impenjati b'mod relevanti, li jagħmel sens u li jkollhom skop fit-tagħlim
- negozjar bejn l-istudenti u l-għalliema
- l-iżvilupp tal-għerf, il-ħiliet u l-attitudnijiet li jqanqlu tagħlim b'direzzjoni individwali u tul il-ħajja

**Prinċipju 5: L-Assigurazzjoni tal-Kwalità**
Din għandha ssir permezz ta' sistema ta' awtoevalwazzjoni kontinwa, bil-moniteraġġ u bl-evalwazzjoni tal-iskejjel. Għandha tkun kumplimentata b'sistema esterna ta' evalwazzjoni li trawwem il-kultura ta' titjib fl-iskejjel. Il-QKN:

- jagħti direzzjoni lill-Kulleġġi u l-Iskejjel dwar l-oqsma ewlenin tal-kurrikulu
- iħaffef l-implimentazzjoni effettiva tal-kurrikulu
- jitlob li jkun hemm u jappoġġja tmexxija edukattiva ta' kwalità għolja fil-livelli ta' skejjel, kulleġġi u sistemi
- iħeġġeġ l-addattament tal-kurrikulu skont il-kuntesti u l-ħtiġijiet partikolari tal-iskejjel u l-kulleġġi
- jippromwovi prattika ta' riflessjoni, konsulenza *(mentoring)* u żvilupp professjonali għall-għalliema
- iħeġġeġ l-użu effettiv u effiċjenti ta' riżorsi fi ħdan u fost l-iskejjel u l-kulleġġi

**Prinċipju 6: L-Appoġġ Professjonali tal-Għalliema**
Il-QKN jitlob li jkun hemm:

- ambjent u riżorsi, li jistimulaw u li jagħtu appoġġ, li huma disponibbli u aċċessibbli minn kulħadd
- strutturi interni xierqa li jagħtu l-appoġġ ħalli jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-istudenti, tal-għalliema, tal-amministraturi tal-iskejjel, tal-familji u ta' persuni oħra involuti fl-iskejjel u l-kulleġġi
- programmi kontinwi ta' żvilupp professjonali organizzati għal dawk kollha involuti fil-Kulleġġi u l-Iskejjel, kif ukoll żvilupp professjonali kontinwu li jindirizza kwistjonijiet nazzjonali u strateġiċi.

## 03.1.2 L-Għanijiet tal-Edukazzjoni

L-**Għanijiet** tal-edukazzjoni, f'konformità mal-Prinċipji deskritti qabel, jaraw li jħejju lit-tfal kollha biex jibqgħu jitgħallmu tul ħajjithom, ikunu kunfidenti, jirnexxu, ikunu kreattivi, ikollhom rabta u impenn fil-komunità u d-dinja li jgħixu fiha, u biex ikunu kapaċi jassiguraw il-

ġustizzja soċjali. L-edukazzjoni tagħhom għandha tippermettilhom jiksbu l-għerf, il-ħiliet, il-valuri u l-attitudnijiet li jagħmluhom kapaċi jsostnu l-opportunitajiet ta' ħajjithom, f'dinja tax-xogħol li qed tinbidel, u li jkunu ċittadini impenjati b'mod attiv.

**Studenti li kapaċi jiżviluppaw b'suċċess il-potenzjal kollu tagħhom billi jibqgħu jitgħallmu tul ħajjithom**

Dan jitlob l-iżvilupp:

- tal-ħiliet personali u soċjali
- morali u spiritwali
- tal-litteriżmu, il-matematika bażika u l-litteriżmu diġitali
- tal-bilingwiżmu u l-multilingwiżmu
- tal-kompetenza fix-xjenzi u t-teknoloġija
- tal-ħsieb kritiku u innovattiv
- tal-apprezzament estetiku u tal-espressjoni kreattiva

**Studenti li kapaċi jsostnu l-opportunitajiet tagħhom fid-dinja tax-xogħol**

Dan iwassal biex l-istudenti jsibu impjieg li jħalli l-qligħ u jibnu kapaċità ta' ħiliet li jkunu sostnuti permezz:

- tal-ħila li jikkomonukaw b'mod effettiv u kunfidenti
- tal-kompetenza fl-użu tal-informazzjoni u teknoloġiji ġodda ta' komunikazzjoni
- tal-ħila li jitħarrġu, li jitħarrġu mill-ġdid, u li jiżviluppaw ħiliet ġodda
- tal-istabbiltà u l-indipendenza ekonomika
- tal-innovazzjoni u l-intraprenditorija
- tal-ħila li jkunu lesti li jħaddnu l-mobilità u l-bidla
- ta' viżjoni sistematika tar-realtà li tiffaċilita l-impenn fil-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli
- ta' involviment attiv fi kwistjonijiet ta' żvilupp sostenibbli

**Studenti li huma ċittadini responsabbli u impenjati għall-ġustizzja soċjali fir-realtajiet lokali, reġjonali u globali li qed jinbidlu l-ħin kollu**

L-istudenti jitgħallmu:

- jirrispettaw id-diversità u jagħtu valur lid-differenza
- jirrispettaw u jippromwovu l-kultura u l-wirt Malti
- jiżviluppaw kompetenza interkulturali u japprezzaw il-wirt tagħhom f'kuntesti Mediterranji, Ewropej u globali
- jaħdmu għat-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali u jassiguraw il-ġustizzja soċjali
- iħaddnu l-ġustizzja soċjali u l-prinċipji demokratiċi

## 03.1.3 L-Oqsma tat-Tagħlim u t-Temi Interkurrikulari

Kwalunkwe kontenut kurrikulari għandu jimxi fuq il-kunċett ta' tagħlim li jsir permezz ta' esperjenzi li jagħmlu sens u li joffru sfida, u li jużaw l-għerf, l-interessi u d-dispożizzjonijiet li jkollu diġà kull student/a. Dan jista' jsir billi d-diversi suġġetti jingħaqdu flimkien f'oqsma ta' tagħlim ħalli jkun hemm korp ta' għerf u ħiliet relevanti bi skop u b'kontenut ta' għerf u ħiliet relatati li jimpenjaw u jimmotivaw lill-istudenti. Aktar milli jeliminaw il-kontenut tas-suġġetti tradizzjonali, l-oqsma tat-tagħlim jippromwovu l-ħolqien ta' rabtiet bejn u fost is-suġġetti ħalli jissaħħaħ it-tagħlim.

Mhux qed ikunu proposti oqsma ta' tagħlim diskreti għas-Snin Bikrin. F'dawn is-Snin l-enfasi qiegħda fuq l-iżvilupp tal-ħiliet, l-għerf, il-kompetenzi, il-valuri u l-attitudnijiet pożittivi lejn it-tagħlim li mbagħad għandhom jiġu żviluppati u estiżi aktar fis-snin ta' wara. L-oqsma tat-tagħlim se jiddaħħlu fiċ-Ċiklu tal-Primarja u jkunu estiżi fiċ-Ċiklu tas-Sekondarja, meta l-istudenti jagħżlu wkoll numru ta' suġġetti oħrajn skont l-interess tagħhom.

L-oqsma tat-tagħlim huma mfassla b'mod li l-kurrikulu, li għandu bażi wiesgħa u li hu bbilanċjat tajjeb, ikun jista' jindirizza u jikseb l-għanijiet deskritti qabel. L-esperjenzi tat-tagħlim ta' kull qasam għandhom iservu biex jiżviluppaw id-dispożizzjonijiet importanti ta' ħassieba u studenti attivi: "*il-kooperazzjoni, il-konċentrazzjoni, il-kuraġġ, il-kurżità, id-direzzjoni, l-empatija, il-flessibbiltà, il-ġudizzju tajjeb, l-umiltà, l-immaġinazzjoni, l-indipendenza, il-perseveranza, il-ftuħ tal-moħħ, il-preċiżjoni, is-sens ta' riflessjoni, ir-responsabbiltà, it-teħid ta' riskji u l-awtodixxiplina.*" Simister (2007, p. 23).

Id-deskrizzjonijiet komprensivi ta' kull qasam tat-tagħlim fis-Snin tal-Primarja u tas-Sekondarja jirriflettu l-Qafas tar-Riżultati tat-Tagħlim (QRT) li għandu jkun hemm qbil dwaru mill-imsieħba kollha. Dan il-QRT se jservi ta' gwida neċessarja għall-programmi ta' studju u l-assessjar li se jintużaw fil-kuntesti kollha tat-tagħlim.

**Is-Snin Bikrin**

Il-karatteristiċi ta' programmi ta' suċċess u ta' kwalità għas-Snin Bikrin huma li dawn:

- iħaddnu dimensjoni soċjokulturali madwar it-tagħlim tat-tfal
- għandhom x'jaqsmu mal-promozzjoni u l-inkoraġġiment ta' attitudnijiet pożittivi għat-tagħlim
- ipoġġu lit-tfal fiċ-ċentru tal-ambjent tat-tagħlim
- jippermettu li jsiru attivitajiet mibdija mit-tfal, b'mod li jkun magħruf li t-tagħlim fis-Snin Bikrin hu proċess ta' kostruzzjoni u ta' kollaborazzjoni flimkien

- jippromwovu attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mal-esperjenzi tal-ħajja reali tat-tfal
- joffru lit-tfal opportunitajiet għal attivitajiet prattiċi
- jagħmlu użu minn varjetà ta' pedagoġiji li jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' studenti partikolari

Fis-Snin Bikrin għandha ssir enfasi fuq il-kompetenzi ġenerali żviluppati permezz ta' temi interkurrikulari li jikkontribwixxu biex ikunu stabbiliti l-pedamenti tat-tagħlim tul il-ħajja. Matul dawn is-snin, it-tfal jiskopru min huma bħala individwi u jistabbilixxu lilhom infushom fl-ambitu tas-soċjetà, waqt li jinteraġixxu mal-oħrajn. Biex jirnexxu fit-tnejn, it-tfal jitgħallmu u jesperjenzaw il-modi ta' kif jużaw għodod komunikattivi meħtieġa għas-sodisfazzjon u l-iżvilupp personali, u għal impenn soċjali li jagħmel sens.

Is-suċċess fil-promozzjoni tal-imħabba għat-tagħlim u l-iżvilupp sħiħ iseħħ permezz ta' pedagoġiji addattati li jħaddnu l-logħob u t-tagħlim ta' gost u mill-esperjenza. Permezz ta' programmi li fihom ikunu involuti b'mod attiv u li bihom jitgħallmu billi jesperjenzaw l-affarijiet, it-tfal mistennija jiksbu kompetenzi soċjali, komunikattivi u intellettwali, f'ambjent li jrawmilhom stil ta' ħajja b'saħħitha u attitudnijiet pożittivi għat-tagħlim.

Dawn il-kompetenzi jistgħu jissarrfu f'riżultati ta' tagħlim li tfal ċkejknin huma mistennija jiksbu meta jkunu waslu fl-istadju li jgħaddu mis-Snin Bikrin għas-Snin tal-Primarja. Il-kisba b'suċċess tar-riżultati kollha tikkontribwixxi għall-iżvilupp sħiħ tagħhom.

**L-Oqsma tat-Tagħlim għas-Snin tal-Primarja u s-Sekondarja**

Il-QKN jippreżenta deskrizzjoni fil-qosor ta' kull qasam tat-tagħlim billi jiddesrivi l-għerf, il-kompetenzi, il-ħiliet, il-valuri u l-attitudnijiet essenzjali li l-istudenti huma mistennija jiksbu. Ħafna mid-deskrizzjonijiet huma addattati mill-*Qafas Ewropew ta' Referenza tal-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim Tul il-Ħajja* (2006/962/KE).

**Il-Lingwi**

Il-komunikazzjoni bil-lingwi titlob il-ħila li persuna tifhem, tesprimi, u tinterpreta kunċetti, ħsibijiet, emozzjonijiet, fatti u opinjonijiet kemm bil-fomm kif ukoll bil-kitba. Din il-ħeffa u l-kompetenza lingwistika hi mistennija kemm fl-**ilsien nattiv** (L1) u kemm fit-tieni lingwa (L2), li fil-kuntest Malti ġeneralment huma l-Malti u l-Ingliż rispettivament, u f'qies x'aktarx inqas għal lingwa jew lingwi barranin. It-tagħlim tal-Malti, tal-Ingliż u ta' lingwi oħra jgħin lill-istudenti biex jiżviluppaw l-għerf tan-natura tal-lingwa u t-tagħlim tagħha, tal-letteratura u tat-tagħlim tagħha, kif ukoll it-twessigħ tal-fehim personali, soċjali u kulturali.

Bis-saħħa tal-iżvilupp tal-ħiliet lingwistiċi u letterarji, it-tfal u ż-żgħażagħ:

- jużaw il-mistoqsijiet, l-informazzjoni, il-ħsieb kritiku, it-teħid ta' deċiżjonijiet u l-memorja biex jorganizzaw il-ħsibijiet, l-ideat, l-emozzjonijiet u l-għerf
- jikkomunikaw mal-oħrajn u jirrispondu għal kif l-oħrajn jikkomunikaw
- jifformulaw, jesprimu u jippreżentaw l-argumenti, l-emozzjonijiet u l-ideat tagħhom b'mod persważiv
- japprezzaw u jgawdu l-wirt letterarju tal-lingwi li jitgħallmu

Bis-saħħa tat-tagħlim tal-lingwi u l-letteratura, it-tfal u ż-żgħażagħ jiżviluppaw:

- attitudni pożittiva għall-komunikazzjoni
- dispożizzjoni għal djalogu kritiku u kostruttiv
- apprezzament ta' kwalitajiet estetiċi u rieda biex jiksbuhom

It-tagħlim tat-**tieni lingwa** (ġeneralment l-Ingliż, li hu wieħed miż-żewġ ilsna uffiċjali ta' Malta), jipprovdi aċċess għal għerf u kultura kważi universali. Minbarra l-Malti u l-Ingliż bħala l-lingwi ewlenin, l-introduzzjoni tal-lingwi barranin – permezz ta' programm ta' għarfien il-lingwi – hi bżonjuża fid-dawl tal-kuntest politiku, ġeografiku u storiku tal-gżejjer Malti u minħabba l-enfasi tal-UE fuq it-tagħlim tal-lingwi u l-multilingwiżmu[11].

It-tagħlim tal-**lingwi barranin** fil-livell Sekondarju jipprovdi għall-kisba ta' aktar għodod ta' komunikazzjoni li huma utli għall-apprezzament tad-diversità kulturali u biex titħaffef l-interazzjoni fil-kuntesti Ewropej u internazzjonali. L-opportunitajiet għall-iżvilupp tal-multilingwiżmu, li huma marbuta direttatment mal-opportunitajiet fid-dinja tax-xogħol, jingħataw fis-Snin tas-Sekondarja. Il-livelli għolja ta' kompetenza fit-tagħlim tal-lingwi barranin żviluppati miż-żgħażagħ f'Malta matul l-edukazzjoni obbligatorja u li kienu kkonfermati fir-riżultati tal-*Istħarriġ Ewropew fuq il-Kompetenzi tal-Lingwi – 2011*, għandhom jinżammu fis-sistema edukattiva tagħna.

11 Il-Qafas Komuni Ewropew (Il-Kunsill tal-Ewropa, 2011) iġib 'il quddiem il-ħtieġa tal-multilingwiżmu. Għalkemm m'għandux ikun impost it-tagħlim ta' ħafna lingwi, it-tfal għandhom jingħataw l-opportunità li tal-inqas jistudjaw lingwa oħra (L3), b'mod informali jew semiformali, fl-aħħar Snin tal-Primarja. Ix-xejriet attwali tat-tagħlim tal-lingwi jindikaw li metodu tajjeb ta' tagħlim hu dak li jinvolvi djalogu interattiv li fih l-istudenti jiġu esposti biex jitgħallmu l-lingwa u l-kultura permezz ta' attivitajiet lingwistiċi magħżula apposta.

## Il-Matematika

Il-ħila li dak li jkun jiżviluppa u japplika l-ħsieb matematiku biex isolvi firxa ta' problemi f'sitwazzjonijiet ta' kuljum hi importanti għal kull student/a. Bis-saħħa tal-Matematika, l-istudenti jkollhom għarfien tajjeb tan-numri, tal-kejl u tal-istrutturi, tal-operazzjonijiet bażiċi u tal-preżentazzjonijiet matematiċi bażiċi, jibdew jifhmu t-termini u l-kunċetti matematiċi, u jaslu biex jagħrfu dawk il-mistoqsijiet li l-matematika tista' toffri tweġiba għalihom.

B'aktar ħeffa fil-matematika, iż-żgħażagħ isaħħu l-għerf u r-raġunar matematiku tagħhom, jagħmlu kuntatt aktar formali mar-raġunar astratt u loġiku, u jkunu jistgħu japprezzaw u japplikaw aħjar il-possibbiltajiet tal-komunikazzjoni li toffri l-matematika. Dan il-Qasam tat-Tagħlim se jinkludi aspetti tal-litteriżmu finanzjarju bħall-fehim matematiku u finanzjarju biex ikun assigurat li matul iċ-Ċikli tal-Primarja u s-Sekondarja titrawwem u tkun sostnuta kultura ta' ppjanar u tħejjija finanzjarja.

## Ix-Xjenza u t-Teknoloġija

Il-kompetenza fix-Xjenza hi l-ħila li persuna tuża l-għerf u l-metodi tagħha biex tispjega d-dinja naturali, biex twieġeb mistoqsijiet, u tagħmel konklużjonijiet ibbażati fuq l-evidenza. Il-kompetenza fix-xjenza tinvolvi wkoll il-fehim tat-tibdiliet ikkawżati mill-attività umana u r-responsabbiltà taċ-ċittadini individwali. Permezz tal-istudju tax-xjenza, l-istudenti jiksbu ħiliet li jistaqsu u li jaħsbu b'mod kritiku, li jippermettulhom jistaqsu mistoqsijiet xierqa, ifasslu metodi biex iweġbuhom, jiksbu u jinterpretaw l-evidenza li jkollhom, u jikkomunikaw il-konklużjonijiet u l-ħsibijiet li jkunu waslu għalihom.

Hekk kif il-fehim tagħhom tax-xjenza jiżviluppa, iż-żgħażagħ jitgħallmu jużaw l-osservazzjonijiet tagħhom ħalli jispjegaw kunċetti, prinċipji, teoriji, u jużaw il-ħiliet tagħhom biex jelaboraw l-ispjegazzjonijiet billi jużaw il-lingwaġġ u t-tekniki xjentifiċi xierqa bħal tabelli u metodi matematiċi. Jitgħallmu jużaw l-immaġinazzjoni tagħhom biex jistħarrġu soluzzjonijiet kreattivi għall-problemi xjentifiċi li jiltaqgħu magħhom. Jiskopru wkoll kif il-fehim ta' teoriji, prinċipji u informazzjoni xjentifika kiber b'mod storiku f'kuntesti bijoloġiċi, kimiċi, fiżiċi u ambjentali. Jitgħallmu jagħmlu rabta bejn ix-xjenza, il-ħajja ta' kuljum u l-ambjent lokali, jiżviluppaw interess fi kwistjonijiet etiċi, u jirrispettaw is-sigurtà u sostenibbiltà.

Is-suġġett tad-Disinn u t-Teknoloġija jgħaqqad il-ħiliet prattiċi u teknoloġiċi mal-ħsieb kreattiv biex jinħolqu prodotti utli. Dan is-suġġett, primarjament, jikkonċerna eżerċizzji ta' 'disinn u tifsil', li fihom l-istudenti jaħdmu fi proċess kreattiv. Ġeneralment huma joħolqu, jiżviluppaw, u jikkomunikaw l-ideat għall-prodotti li jagħżlu; jippjanaw kif ipoġġu l-ideat fil-prattika; jagħżlu l-għodod, it-tekniki u l-materjali addattati; jistħarrġu l-kwalitajiet tal-materjali; jagħtu forma u jgħaqqdu l-materjali u l-komponenti flimkien; japplikaw proċeduri ta' sigurtà; jeżaminaw b'mod kritiku dak li jkunu qed jagħmlu; u jippjanaw u jtejbu xogħolhom mill-esperjenza. It-tiftix tal-materjali jinkludi materjali reżistenti u prodotti elettroniċi u grafiċi. Il-proċess tad-'disinn u t-tifsil' jagħti kapaċità lill-istudenti biex ikomplu jagħmlu progress matul iċ-ċiklu differenti ħalli jintervjenu, b'mod kreattiv, fid-dinja tal-manifattura, jużaw ir-riżorsi b'mod intraprenditorjali, u jintegraw l-għerf minn oqsma differenti.

## L-Edukazzjoni tas-Saħħa Fiżika

Il-qasam tal-Edukazzjoni tas-Saħħa jinkludi l-Edukazzjoni Fiżika, u l-Iżvilupp Sportiv, Personali u Soċjali kif ukoll aspetti tax-Xjenza Domestika *(Home Economics)*. L-esperjenzi tat-tagħlim li jseħħu matul l-attivitajiet edukattivi tas-saħħa għandhom l-għan li jagħtu lill-istudenti l-għerf, il-kompetenzi, il-ħiliet, l-attitudnijiet u l-valuri neċessarji biex iżommu, jippromwovu u jtejbu s-saħħa fiżika, emozzjonali, psikoloġika u soċjali tul il-ħajja skolastika tagħhom, u biex jibqgħu jitgħallmu tul ħajjithom.

L-edukaturi huma mħeġġa jikkollaboraw mal-ġenituri u mal-bqija tal-komunità biex jassiguraw li jkun hemm esperjenzi li jagħmlu sens u fit-tul li jwassluhom biex jifhmu il-kunċetti profondi tal-'jien' u l-'oħrajn', u l-impatt tal-għażliet u tal-azzjonijiet tagħhom fuq l-individwi, il-komunitajiet u l-ambjent. L-Edukazzjoni tas-Saħħa tqiegħed il-pedament għal dispożizzjonijiet neċessarji għat-tagħlim tul il-ħajja. L-impenn favur komunitajiet soċjali u kwistjonijiet ambjentali wkoll jagħmel parti mill-iżvilupp taż-żgħażagħ waqt li jkunu għaddejjin mis-Snin tal-Primarja u s-Sekondarja.

## L-Edukazzjoni Reliġjuża u Etika

It-tagħlim tar-reliġjon fl-iskejjel hu meqjus bħala element importanti fil-formazzjoni integrali tal-persuna. It-tagħlim reliġjuż għandu jwassal biex l-istudenti jiskopru aktar lilhom infushom, jiżviluppa d-dimensjonijiet morali u spiritwali, u jgħin biex it-tfal ikollhom il-ħila jagħtu valur, japprezzaw, jagħrfu u jinterpretaw id-dinja ta' madwarhom. It-tagħlim tal-Edukazzjoni Reliġjuża jfittex li jeduka liż-żgħażagħ fuq id-dinjità tal-bniedem u fuq ir-responsabbiltà ta' kull individwu lejn l-oħrajn biex tinbena soċjetà u dinja aħjar. It-tagħlim ta' dan il-qasam irawwem u jsaħħaħ sens spiritwali fl-individwu. It-tfal u ż-żgħażagħ jiżviluppaw l-identità personali u jifhmu aħjar l-identità kulturali tagħhom. Id-dimensjoni spiritwali tal-persuna għandha tkun megħjuna bil-valuri tal-ġustizzja, ir-responsabbiltà personali, ir-rispett, ir-riflessjoni, u l-impenn attiv fi kwistjonijiet morali.

F'Malta, l-Edukazzjoni Reliġjuża bħalissa hi magħrufa bħala l-Edukazzjoni Reliġjuża Kattolika (ERK). L-iżvilupp tal-ERK hu fir-responsabbiltà tal-Uffiċċju tal-Edukazzjoni Reliġjuża tal-Konferenza Episkopali Maltija (Martin de Agar, 2000). L-ERK titfa' dawl fuq il-mistoqsijiet bażiċi dwar ir-relazzjoni personali ma' Alla, it-tifsira tal-ħajja, fuq kwistjonijiet ta' natura etika, fuq l-identità personali tal-persuna u fuq id-dimensjonijiet differenti ta' djalogu u koeżjoni soċjali f'soċjetà li kulma jmur qed issir dejjem aktar pluralista, bħall-bqija tal-kontinent Ewropew. L-għerf aktar profond tat-tradizzjonijiet reliġjużi differenti għandu jagħti kontribut validu lill-formazzjoni soċjali u ċivika taż-żgħażagħ. L-ERK twassal lill-istudenti biex jaqraw, jifhmu, jinterpretaw u jikkomunikaw il-Lingwaġġ Reliġjuż; jorbtu, jwieġbu u jesprimu d-Dimensjoni Spiritwali; jifhmu, janalizzaw u jevalwaw il-Kelma ta' Alla kif espressa fl-Iskrittura Mqaddsa u fit-Tradizzjoni Qaddisa tal-Knisja Kattolika Rumana; u jiddjalogaw u jiffurmaw b'mod personali Dehra ta' Dinja msejsa fuq il-Kattoliċiżmu li tagħtihom il-ħila li janalizzaw u jevalwaw kwistjonijiet personali, lokali u globali, kif ukoll li japplikaw il-messaġġ Kristjan f'sitwazzjonijiet differenti.

Il-ġenituri tat-tfal u ż-żgħażagħ għandhom id-dritt jiddeċiedu jekk it-tfal tagħhom isegwux l-Edukazzjoni Reliġjuża Kattolika. Fil-każ ta' dawk iż-żgħażagħ li jagħżlu li ma jirċevux dan it-tagħlim, qed jiġi rakkomandat li l-qasam tat-tagħlim tal-Edukazzjoni Reliġjuża jkun jikkonsisti fi programm ta' Edukazzjoni Etika li hu ppreferut minn programm ta' Edukazzjoni Reliġjuża Komparattiva. L-Awtoritajiet tal-Edukazzjoni jkunu responsabbli mill-iżvilupp tal-programm ta' studju. Il-mod li bih jitwassal dan il-programm hu suġġett għall-etos ta' kull skola individwali, kif ukoll għal kunsiderazzjonijiet loġistiċi.

**L-Edukazzjoni għad-Demokrazija**
L-edukazzjoni għad-demokrazija tinkludi l-Istudji Soċjali, l-Istudji Ambjentali u aspetti mill-Iżvilupp Personali u Soċjali, u mix-Xjenza Domestika. Permezz ta' dan il-qasam, l-istudenti jiksbu ħiliet li bihom igawdu d-drittijiet u jeżerċitaw id-dmirijiet f'diversi komunitajiet; jittrattaw il-kunflitti u l-kontroversji; jagħmlu għażliet u jieħdu deċiżjonijiet u azzjonijiet bil-għaqal, b'mod individwali jew kollettiv, favur soċjetà ġusta u sostenibbli b'politika bbażata fuq il-ġustizzja, l-ugwaljanza u r-rispett lejn il-komunità tal-ħajja. Hekk kif jiżviluppaw it-tagħlim tagħhom f'dan il-qasam, iż-żgħażagħ jitgħallmu japplikaw ħiliet ċiviċi, juru responsabbiltà lejn l-ambjent u d-dinja tagħhom, u jifhmu l-impatt tal-intrapriżi u l-industriji fuq il-komunità lokali u globali. Bil-mod il-mod jiksbu attitudnijiet pożittivi u rispett lejn id-drittijiet umani; jitgħallmu jaddottaw stili ta' ħajja sostenibbli; u jiżviluppaw sens ta' appartenza fi ħdan il-lokalità, il-pajjiż, il-komunità Ewropea u internazzjonali, u jitħeġġu biex jipparteċipaw fit-teħid ta' deċiżjonijiet demokratiċi fil-livelli kollha ħalli jtejbu l-kwalità ta' ħajjithom.

**L-Istudji tal-Umanità**
Bl-istudju tal-Istorja u l-Ġeografija, l-istudenti jiżviluppaw il-kunċetti bażiċi tal-kronoloġija, l-empatija, il-kawża u l-effett, il-bidla u l-kontinwità. Permezz ta' tagħlim attiv u esperjenzi investigattivi u li jikxfu l-fatti, jifhmu r-relazzjonijiet reċiproċi ta' bejn il-popli, il-kulturi, il-kuntesti, u l-użu tal-art. Meta jesploraw u jinvestigaw l-imgħoddi u l-preżent tagħhom jiżviluppaw ħiliet ta' osservazzjoni u reġistrazzjoni, u jifhmu l-importanza tal-ġbir tal-evidenza. Jitgħallmu jiġbru flimkien, jeżaminaw u jittestjaw it-tagħrif li jiksbu biex jippruvaw jaslu għal konklużjonijiet sempliċi.

Il-pedagoġija ppreżentata għal dan il-Qasam tat-Tagħlim tinkludi li l-istudenti:

- jieħdu pjaċir bl-istorja u taqbadhom il-kurżità fuq il-passat tagħhom ħalli jifhmu l-preżent
- jiżviluppaw sens ta' identità mit-tagħlim dwar l-iżvilupp ta' Malta, l-Ewropa u tad-dinja
- tingħatalhom introduzzjoni dwar x'jinvolvi l-proċess tal-fehim u tal-interpretar tal-passat
- ikunu konxji tax-xebh u d-differenzi ta' bejn il-ħajja tal-lum u tal-imgħoddi u jużaw kliem komuni assoċjat mal-mogħdija taż-żmien biex jistabbilixxu kronoloġija taż-żmien
- jieħdu sehem f'replika ta' diskussjoni dwar għaliex l-affarijiet iseħħu jew jinbidlu u r-riżultati li jħallu
- ikunu jistgħu jitgħallmu u jifhmu fuq il-postijiet ta' Malta, l-Ewropa u tad-dinja
- jiżdidilhom l-għerf dwar kulturi oħra, u b'hekk jitgħallmu jirrispettaw u jifhmu x'jiġifieri tkun ċittadin/a pożittiv/a f'soċjetà li fiha nies minn kulturi differenti
- jifhmu t-tagħrif ġeografiku u jiżviluppaw il-ħiliet tal-istħarriġ u tas-soluzzjoni tal-problemi
- jifhmu l-problemi ambjentali ta' Malta, tal-Ewropa u tad-dinja
- jiġu mħeġġa jimpenjaw ruħhom favur l-iżvilupp sostenibbli

**L-Arti Viżiva u tal-Ispettaklu**
Dan il-qasam ta' tagħlim li jinkludi l-Arti, il-Mużika, iż-Żfin u d-Drama jipprovdi opportunitajiet lill-istudenti biex ikunu kreattivi u immaġinattivi, ħalli jkollhom esperjenza ta' gost u ispirazzjoni, u biex jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom fl-arti viżiva u tal-ispettaklu. B'dan kollu l-istudenti jkunu jistgħu jgawdu l-enerġija u l-eċitament li jsawru immaġni u forom, li jaħdmu fuq il-palk u li jagħmlu preżentazzjonijiet quddiem udjenzi differenti, kif ukoll li jkunu parti minn udjenza għal oħrajn.

It-tagħlim f'dan il-qasam jinvolvi l-iżvilupp tal-ħiliet artistiċi u kreattivi, u l-għerf tekniku u prattiku permezz tal-arti tal-ispettaklu u viżiva, kif ukoll bil-mużika. Permezz tat-tekniki partikolari ta' kull forma tal-arti, l-istudenti jiżviluppaw espressjonijiet u ideat personali; jitrawmu fuq kif japprezzaw u jevalwaw biċċa xogħol artistika u kulturali, kemm lokali kif ukoll barranija; u jiksbu ħiliet ta' komunikazzjoni, azzjoni u interpretazzjoni. Dawn il-ħiliet huma kollha trasferibbli għal oqsma oħrajn tat-tagħlim. L-apprezzament, ir-rispons u l-impenn attiv fl-espressjoni kreattiva u immaġinattiva jappoġġjaw l-iżvilupp tal-personalità tal-individwu. It-tfal jitgħallmu jesploraw u japprezzaw l-emozzjonijiet, jikkomunikawhom b'mezzi differenti, u jiżviluppaw id-dimensjoni estetika personali tagħhom.

L-edukazzjoni fl-arti twassal lit-tfal u ż-żgħażagħ biex jiksbu medda ta' ħiliet neċessarji għall-espressjoni kreattiva. Fid-drama u ż-żfin jitgħallmu ħiliet komunikattivi u teatrali; fil-mużika jiżviluppaw il-ħila, l-apprezzament u l-espressjoni mużikali; u bis-saħħa ta' attivitajiet tal-arti u d-disinn jitgħallmu japprezzaw u jibnu xbihat viżivi, jirrispondu għal emozzjonijiet li dawn jevokaw, u jsawru biċċiet ta' xogħlijiet tal-arti. Jesperjenzaw ukoll il-gost u jikkontribwixxu għall-ferħ ta' oħrajn permezz ta' rappreżentazzjonijiet u preżentazzjonijiet kreattivi u espressivi. Permezz ta' dan il-qasam, l-istudenti jifhmu l-proċess kreattiv u tal-iżvilupp ta' standards u valuri estetiċi, u japprezzaw l-arti fl-ambjenti kulturali lokali u internazzjonali.

## It-Temi Interkurrikulari

It-temi interkurrikular li ġejjin ġew identifikati bħala essenzjali għall-edukazzjoni tal-istudenti kollha u għall-kisba tal-għanijiet tal-edukazzjoni: il-Litteriżmu, il-Litteriżmu Diġitali, it-Tagħlim kif Titgħallem u t-Tagħlim Koperattiv, l-Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Edukazzjoni għall-Intraprenditorija, il-Kreattività u l-Innovazzjoni, u l-Edukazzjoni għad-Diversità.

### Il-Litteriżmu

Il-fatt li l-litteriżmu hu l-ewwel tema interkurrikulari joħroġ aktar l-importanza li t-tagħlim kollu jseħħ, primarjament, permezz tal-lingwa fil-forom diversi tagħha, u għalhekk l-edukaturi kollha jridu jqisu ruħhom bħala dawk li jridu jiggarantixxu l-ħakma tal-lingwa li għandu jkollhom l-istudenti fil-qasam partikolari tagħhom tat-tagħlim. Dan ifisser li l-kompetenza fil-litteriżmu mhix biss fi ħsieb l-għalliema tal-Primarja u tal-għalliema tal-lingwi fis-Sekondarja, imma huma responsabbli minnha l-edukaturi kollha. Barra minn hekk, il-komunità kollha tal-iskola trid tħaddan l-importanza tal-kompetenza fil-litteriżmu; din, fost l-oħrajn, titlob l-involviment attiv tal-ġenituri u tal-komunità lokali.

### Il-Litteriżmu Diġitali[12]

Il-Litteriżmu Diġitali itejjeb il-proċess tat-tagħlim, l-interazzjoni fost l-istudenti, u l-interazzjonijiet ta' bejn l-istudenti u l-għalliema. Huwa importanti minħabba l-ħtieġa ta' aktar aċċess għat-tagħlim li jista' jitħaffef permezz ta':

- bidla għal filosofiji ta' edukazzjoni kostruttiva
- ċaqliq minn tagħlim li jiffoka fuq l-għalliema għal tagħlim iffukat fuq l-istudenti
- aċċess għal riżorsi lokali u globali
- użu sħiħ tal-potenzjal li joffru t-teknoloġiji biex it-tfal ikunu jistgħu juru u jżidu l-għerf tagħhom
- kumplessità akbar ta' xogħlijiet u użu ta' informazzjoni multimodali.

Fil-litteriżmu diġitali, l-istudenti jiksbu ħiliet biex ikunu kunfidenti u kritiċi fl-użu tat-Teknoloġija tal-Informatika biex jikkomunikaw, jaħdmu u jistrieħu. Jiksbu ħiliet bażiċi fl-ICT, mibnija fuq erba' elementi li jidħlu f'xulxin: is-sorsi u l-immanipular tad-*data*, il-komunikazzjoni u l-preżentazzjoni tal-informazzjoni; il-kontroll ipprogrammat; u l-aspetti soċjali, etiċi u personali. Huma jiskopru u jużaw sorsi diġitali tad-*data*, u jitgħallmu jorganizzaw, jimmanipulaw, jistaqsu fuq u jinterpretaw id-*data*. Jitgħallmu jikkomunikaw u jippreżentaw l-informazzjoni permezz ta' preżentazzjonijiet multimedji; jibagħtu ittri elettroniċi u jehmżu l-affarijiet magħhom; jużaw il-VOIP u s-sistema tal-konferenzi bil-vidjow, u jiċċettjaw biex jikkollaboraw ma' oħrajn. Jużaw għodod kollaborattivi u jipprogrammaw apparati li jirrispondu permezz ta' *interface* ikoniku simplifikat. Jistħarrġu wkoll id-dimensjonijiet soċjali u etiċi tat-teknoloġiji diġitali u jitgħallmu jipprattikaw l-etika u miżuri ta' sigurtà fuq l-internet.

### It-Tagħlim kif Titgħallem u t-Tagħlim Koperattiv

Din it-tema interkurrikulari tippermetti lit-tfal u liż-żgħażagħ jitgħallmu jużaw il-ħin u l-informazzjoni b'mod effettiv, jidentifikaw proċessi u ħtiġijiet ta' tagħlim differenti, u jfittxu opportunitajiet biex jitgħallmu u jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom biex jitgħallmu tajjeb. Meta jagħmlu dan, l-istudenti jassiguraw il-kompetenza li jiksbu, jassimilaw, jipproċessaw u jevalwaw għerf ġdid u li jkomplu jibnu fuq it-tagħlim u l-esperjenzi tal-ħajja li jkunu kisbu minn qabel ħalli jkunu jistgħu jużaw u japplikaw l-għerf u l-ħiliet tagħhom f'kuntesti differenti. Din it-tema interkurrikulari tappoġġja ż-żamma ta' ambjent kollaborattiv li fih l-istudenti jaħdmu flimkien fi gruppi u mingħajr id-direzzjoni tal-għalliem/a.

12 Minkejja li s-suġġett tal-litteriżmu diġitali huwa tema interkurrikulari, sakemm is-suġġett tal-ICT jiddaħħal u jintegra sewwa fl-oqsma tat-tagħlim, il-QKN jippermetti li fl-orarju tal-iskola tiddaħħal lezzjoni tal-ICT.

Għalhekk it-tagħlim isir proċess attiv li bih it-tfal u ż-żgħażagħ jieħdu sehem, b'mod attiv, ma' sħabhom u b'hekk jitgħallmu diversi proċessi bħall-ipproċessar u s-sinteżi tal-informazzjoni, kif isolvu l-problemi li jiltaqgħu magħhom u kif ifasslu l-prodotti flimkien. Dan il-kuntest jippermetti wkoll li jkun hemm żvilupp soċjali fost l-istudenti għaliex dawn jiġu esposti għal diversi ideat u personalitajiet u b'hekk jitgħallmu jaħdmu b'mod effettiv fi gruppi, influwenzati mid-dinamika tal-individwi partikolari involuti.

**L-Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli**

L-Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli (EŻS) tagħti l-ħila lill-istudenti biex jiżviluppaw l-għerf, il-ħiliet, l-attitudnijiet u l-valuri li għandhom bżonn biex isiru parteċipanti attivi, individwalment u kollettivament, fi proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, kemm f'livelli lokali u globali, li bihom itejbu l-kwalità tal-ħajja tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri. L-EŻS tippromwovi metodu sistematiku msejjes fuq l-għerf integrat li jistieden lill-istudenti biex jiżviluppaw viżjoni sħiħa tal-ambjenti tagħhom, jiġifieri interazzjoni ta' perspettivi estetiċi, ambjentali, ekonomiċi, politiċi, teknoloġiċi, kulturali u soċjetali. Permezz tal-EŻS, l-ambjent tal-istudent (fl-iskola u lil hinn minnha) isir riżorsa fundamentali ta' tagħlim li hi lokalment relevanti u kulturalment sensittiva. L-esperjenzi tat-tagħlim huma strutturati madwar l-identifikazzjoni u r-riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet ambjentali li jagħtu u jsaħħu lill-istudenti b'ħiliet li jsolvu l-problemi u jieħdu d-deċiżjonijiet li huma indispensabbli fil-kuntest tat-tagħlim tul il-ħajja. L-EŻS hija dwar tagħlim li:

- jagħti orjentament ġdid lill-edukazzjoni biex tindirizza l-iżvilupp sostenibbli
- jirrispetta, jivvaluta u jippreserva l-kisbiet imgħoddija
- jagħti valur lir-riżorsi tad-Dinja u lill-popli tagħha
- jistinka biex ikun hawn dinja li fiha kulħadd ikollu aċċess biżżejjed għall-ikel u l-ilma, ħajja sana u produttiva, edukazzjoni bażika u ambjent aktar sigur u ġust
- jivvaluta, jieħu ħsieb u jirrestawra l-istat tal-pjaneta tagħna
- jiżviluppa ċittadini li jeżerċitaw id-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom f'livelli lokali, nazzjonali u globali (In-Nazzjonijiet Uniti, 2004; UNESCO, 2006).

**L-Edukazzjoni għall-Intraprenditorija, il-Kreattività u l-Innovazzjoni**

L-intraprenditorija twassal lit-tfal u ż-żgħażagħ biex jiżviluppaw diversi ħiliet għall-ħajja. Tagħtihom il-ħila biex ikunu jistgħu jikkumbattu mal-inċertezzi, jirrispondu għall-bidla, u jkunu kreattivi. Il-ħiliet intraprenditorjali sempliċi jinkludu ħiliet soċjali u attitudnijiet intraprenditorjali. Il-ħiliet intraprenditorjali kumplessi jiffukaw aktar fuq l-iżvilupp ta' ħiliet bħall-abbozz ta' pjan ta' negozju. L-elementi ta' mġiba intraprenditorjali (il-kurżità, l-awtonomija, il-kreattività, l-inizjattiva u l-ispirtu ta' kollaborazzjoni fi grupp) jistgħu jissaħħu billi jiġu integrati fi programmi, proġetti u attivatijiet ta' intraprenditorija f'kurrikulu stabbilit għall-iskejjel, kemm f'livell Primarju , kif ukoll Sekondarju.

Il-Kreattività u l-Innovazzjoni huma żewġ mezzi għall-bidla u jikkontribwixxu għall-prosperità ekonomika tas-soċjetà inġenerali u għall-benesseri tal-individwu partikolari. Meta l-iskola taddotta din is-sistema, ikun hemm klima li tiffavorixxi l-kreattività li hi sors importanti ta' flessibiltà, addattabiltà, u l-kapaċità għall-innovazzjoni. L-Edukazzjoni għall-Kreattività u l-Innovazzjoni hi dwar l-iżvilupp ta' dawn il-fatturi:

- sentiment ta' simpatija
- komunikazzjoni
- ħsieb laterali
- oriġinalità
- żvilupp emozzjonali
- komunikazzjoni effettiva
- tmexxija
- mistoqsijiet
- intwizzjoni
- ħsieb kritiku
- soluzzjoni tal-problemi
- trawwim tal-imħuħ biex jaħsbu b'mod intraprenditorjali
- ftuħ għad-diversità kulturali
- espressjoni individwali

**L-Edukazzjoni għad-Diversità**

L-Edukazzjoni għad-Diversità tirrispetta l-identità kulturali tal-istudenti permezz tal-provvista ta' edukazzjoni ta' kwalità li hi kulturalment xierqa u sensibbli. Tipprovdi kull student u studenta bl-għerf, l-attitudnijiet u l-ħiliet kulturali neċessarji biex ikunu jistgħu jieħdu sehem attiv u sħiħ fis-soċjetà, u biex jirrispettaw, jifhmu u juru solidarjetà mal-individwi, mal-minoritajiet etniċi, mal-gruppi soċjali, kulturali u reliġjużi u ma' nazzjonijiet oħra (UNESCO, 2006).

L-Edukazzjoni għad-Diversità ġġib 'il quddiem kultura edukattiva inklużiva u rispett għad-diversità. Tippermetti wkoll li l-individwi jaħdmu minkejja differenzi kulturali, u toffri pjattaforma għat-tfal u l-komunitajiet biex iwasslu l-kultura u l-individwalità tagħhom b'kunfidenza.

L-Edukazzjoni għad-Diversità tisfida diversi proċessi edukattivi, bħat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-iskejjel, il-lingwa ta' istruzzjoni, il-metodoloġiji użati, l-interazzjonijiet fost l-istudenti u r-riżorsi tat-tagħlim. Tassigura l-inklużjoni ta' diversi perspettivi u ilħna fl-ambjent tat-tagħlim, tipprovdi spazji għat-tagħlim tal-lingwi, l-istorja, it-tradizzjonijiet u l-kulturi ta' gruppi li mhumiex

**Grafika 03: L-Oqsma tat-Tagħlim u t-Temi Interkurrikulari tal-QKN**




dominanti fis-soċjetà, u tħeġġeġ il-ħidma fi grupp u t-tagħlim koperattiv f'kuntesti multikulturali, multietniċi u f'kuntesti diversi oħra. Tgħaqqad ukoll l-għerf tradizzjonali u lokali max-xjenza u t-teknoloġija avvanzati, u tagħti valur lill-prattika tal-multilingwiżmu. B'dan kollu tkun qed tħeġġeġ lill-istudenti biex jifhmu l-kwistjonijiet globali u tagħmilhom konxji mill-ħtieġa tagħhom li jgħixu ma' nies oħra b'kulturi u b'valuri differenti minn tagħhom.

L-ippjanar tal-kurrikulu għandu jqis temi interkurrikulari u jipprovdi fergħat li jorbtu mal-oqsma tat-tagħlim. Din il-ħaġa toffri koerenza, relevanza u stabbiltà fl-oqsma tat-tagħlim. Min-naħa tagħhom, dawn jipprovdu esperjenza sħiħa għat-tagħlim billi jenfasizzaw l-għanijiet, il-kontenut u l-pedagoġiji komuni. L-integrazzjoni tinkiseb b'mod effettiv permezz ta' għażliet speċifiċi ta' ppjanar, ladarba d-dokumenti individwali tal-kurrikulu jkunu ppjanati għal kull qasam ta' tagħlim. Kull meta jkun possibbli, it-temi interkurrikulari għandhom jinfiltraw f'kull aspett tal-kurrikulu permezz ta' sistema skolastika sħiħa.

### 03.1.4 It-Tagħlim Effettiv

**Il-proċessi tat-tagħlim u l-pedagoġiji effettivi**

It-teoriji attwali tat-tagħlim huma msejsa fuq perspettiva kostruttiva li tgħaqqad is-sistemi konjittivi u soċjali għal tagħlim effettiv. Karatteristika prinċipali tat-tagħlim kostruttiv hi li dan ikun proċess attiv li fih l-istudenti individwali jsawru t-tifsira tat-tagħlim tagħhom. Dan it-tagħlim hu effettiv l-aktar meta l-istudenti jimpenjaw ruħhom f'attivitajiet awtentiċi li jkunu mqegħdin f'kuntest. Il-kostruttiviżmu soċjali jemmen li t-tagħlim jistagħna bis-saħħa ta' tagħlim koperattiv li jippromwovi l-iżvilupp tal-ħsieb kritiku u l-ħiliet tas-soluzzjoni tal-problemi.

It-tagħlim ikun l-aktar effettiv meta l-istudenti jingħataw l-opportunitajiet biex jagħmlu sens mill-għerf ġdid li jiksbu f'kuntest, li jippermettilhom jinteraġixxu mal-għalliema tagħhom u ma' studenti oħra biex jiddiskutu u jaqsmu dak li jkunu fehmu. Minn dan l-aspett, pedagoġija li hi ddominata mill-għalliem, li tagħti rwol passiv lill-istudenti, li tenfasizza fuq il-memorja u li tillimita l-interazzjonijiet ta' bejn l-istudenti, mhix rakkomandata.

Il-programmi ta' tagħlim għandhom ikunu bbażati fuq il-kompetenza u l-għerf u jridu jenfasizzaw il-proċess tat-tagħlim kif ukoll il-kisba tal-kontenut, b'mod speċjali fil-każ ta' soċjetà li jkollha l-għerf li jkun aċċessibbli faċilment. F'termini ta' tfassil tal-kurrikulu dan jista' jsir billi jkunu meqjusa tliet dimensjonijiet:

- **Kontenut u ħila esperta** li jkunu jinvolvu lill-istudenti biex jistħarrġu u jifhmu medda sħiħa ta' ideat f'qasam ta' kontenut partikolari.
- **Ħsieb ta' livell għoli** li jinvolvi l-analiżi, is-sinteżi u l-evalwazzjoni ta' kontenut u ta' kunċetti f'ċertu fond, u l-applikazzjoni tagħhom b'modi u f'kuntesti differenti.
- Użu ta' **kunċetti u temi usa'** biex l-istudenti jeżaminaw il-kontenut tal-kurrikulu minn lentijiet differenti, ngħidu aħna l-bidla, is-sistemi, is-setgħa, ix-xejriet u/jew il-kawża u l-effett.

It-tagħlim ikun effettiv meta l-għalliema:

- joħorġu l-għerf li l-istudenti jkollhom diġà, jibnu fuqu jew jimmodifikawh, u jiggwidawhom biex jifhmu l-għerf il-ġdid.
- joffru appoġġ lill-istudenti permezz ta' tarriġ *(scaffolding)*, jiġifieri, billi jużaw strateġiji xierqa li jgħinu lill-istudenti b'mod individwali fil-progress tagħhom.
- jippromwovu tagħlim fil-fond fost l-istudenti billi jenfasizzaw fuq il-fehim u l-applikazzjoni tal-għerf u mhux tagħlim li jenfasizza fuq il-memorja li bih l-istudenti jkollhom jiftakru ħafna informazzjoni.
- jappoġġjaw lill-istudenti biex isiru jafu kif isolvu l-problemi b'mod indipendenti.
- jorganizzaw xogħol fi gruppi li jgħin lill-istudenti jaqsmu l-ideat, jibnu l-għerf flimkien u jaħdmu b'mod kollaborattiv.
- jużaw varjetà ta' esperjenzi ta' tagħlim biex jagħtu opportunitajiet lill-istudenti ħalli jipprattikaw u japplikaw il-ħiliet tagħhom.
- jagħtu rispons fil-ħin lill-istudenti li jkun imsejjes fuq medda ta' evidenza relevanti, u li l-istudenti jkunu jistgħu jużawh biex itejbu t-tagħlim u jkabbru l-għerf tagħhom.

**L-Ambjenti tat-Tagħlim**

Peress li l-iżvilupp tat-tfal ma jseħħx b'mod sekwenzjali u lineari, biex it-tfal jiżviluppaw b'mod sħiħ, l-edukaturi tas-Snin Bikrin u l-għalliema tal-Primarja u s-Sekondarja huma mħeġġa jsawru ambjenti ta' tagħlim li jappellaw għall-interessi tat-tfal, li jkunu relevanti għall-esperjenzi ta' kuljum, li jistgħu jkunu mistħarrġa b'modi innovattivi, u li joffru sfida. L-esperjenzi diretti jħeġġu l-interazzjoni, l-impenn u l-involviment tal-istudenti iwassluhom biex jifhmu aħjar, biex itejbu l-memorja u biex jiżviluppaw rappreżentazzjonijiet mentali. Din is-sistema tgħin lit-tfal u ż-żgħażagħ huma u mexjin mill-esperjenzi konkreti u tanġibbli għal kunċetti simboliċi u astratti. Waqt li t-tfal jiżviluppaw it-tagħlim tagħhom, l-ambjenti dinamiċi tat-tagħlim jipprovdu kuntest biex jittrattaw kwistjonijiet fil-fond u minn perspettivi diversi.

**Il-Progressjoni u d-Differenzazzjoni fit-Tagħlim**

Il-prinċipji tad-diversità u l-inklużjoni li huma l-bażi tal-QKN jimplikaw li, fl-istadji kollha, l-istudenti ta' kwalunkwe attitudni u kompetenza għandhom jesperjenzaw is-suċċess, l-isfida, u l-appoġġ neċessarju biex isostnu l-isforzi tagħhom. Jeħtieġ li jkun hemm programmi flessibbli ta' tagħlim li joffru lill-istudenti esperjenzi varji ta' tagħlim li jaqdu spettru wiesa' ta' studenti u li jippermettu rati differenti ta' progress tul iż-żmien li t-tfal u ż-żgħażagħ ikunu għaddejjin mis-snin skolastiċi tagħhom.

Jeħtieġ li jkun hemm sistemi differenti li jindirizzaw il-ħtiġijiet differenti tat-tagħlim. Bil-mira dejjem tikber aktar fuq l-istudent, u b'aktar klassijiet b'abbiltajiet imħallta, is-sistemi differenzjati qed isiru aktar importanti u l-għalliema jeħtieġ li jaddottaw strateġiji li jibnu fuq it-tagħlim li ħadu qabel it-tfal u ż-żgħażagħ biex jgħinuhom fil-progress tagħhom.

**It-Tranżizzjonijiet**

Fis-Snin Bikrin, il-kurrikulu hu mibni direttament fuq it-tfal bħala individwi u bħala studenti, u jippromwovi interess ġenwin fit-tagħlim billi jappella għall-interessi u l-ħtiġijiet tal-istudenti żgħar. Fil-Primarja l-kurrikulu hu mibni fuq il-pedamenti tas-Snin Bikrin, b'rabta mill-qrib mas-Snin tas-Sekondarja biex tkun assigurata mixja bla skossi. Fil-Primarja u s-Sekondarja s-suġġetti huma organizzati f'oqsma ta' tagħlim u l-progressjoni tal-livelli ta' kisbiet huma espressi bħala riżultati tat-tagħlim.

Il-QKN jistqarr li:

- it-tranżizzjoni mis-Snin Bikrin għaċ-Ċiklu tal-Primarja għandha tkun mingħajr skossi, megħjuna mid-dispożizzjonijiet b'saħħithom ta' tagħlim li t-tfal mistennija li jkunu żviluppaw.
- it-tranżizzjoni mill-iskola Primarja għas-Sekondarja għandha tkun ukoll bla skossi u għandha toffri progressjoni b'tali mod li tgħin lill-istudenti li waqt li jitgħallmu, jerfgħu aktar ir-responsabbiltà tat-tagħlim tagħhom.
- it-tagħlim fis-Sekondarja għandu jikkonsolida u jibni fuq l-esperjenzi tat-tagħlim tal-edukazzjoni Primarja u għandu jħejji lill-istudenti għal sfidi akbar li jiltaqgħu magħhom lil hinn mill-edukazzjoni obbligatorja.
- ifittex li jirrimedja n-nuqqas tal-komponent tal-edukazzjoni vokazzjonali fl-edukazzjoni obbligatorja billi jinkorporah fi ħdan il-

kurrikulu Sekondarju aktar milli bħala rotta separata fis-sistema edukattiva. Fi tmiem il-proċess jingħata ċertifikat li jagħraf u li jgħin fit-tranżizzjoni għal diversi għażliet fl-edukazzjoni Postsekondarja.

**Kwistjonijiet relatati mal-Lingwa tal-Istruzzjoni**
Il-QKN jagħraf il-ħtieġa ta' direzzjoni ċara fuq il-lingwa ta' istruzzjoni u assessjar bħala parti minn Politika Nazzjonali mġedda għal-Lingwa[13]. Din il-politika hi kumplessa u teħtieġ li tindirizza:

- *kwistjonijiet ta' dritt* – l-istudenti kollha jeħtieġ li jsiru kompetenti fil-Malti u fl-Ingliż u preferibbilment f'lingwa oħra biex jintegraw b'mod sħiħ soċjalment, kulturalment u ekonomikament.
- *kwistjonijiet kulturali* – il-pożizzjoni bi dritt tal-Malti bħala espressjoni tal-identità nazzjonali tagħna; il-preferenza għall-Ingliż bħala l-ewwel lingwa ta' minoranza tal-popolazzjoni tagħna; id-diversi nazzjonalitajiet ta' studenti fl-iskejjel; li jingħelbu l-preġudizzji jew il-perċezzjonijiet marbuta ma' lingwi u kulturi oħra.
- *kwistjonijiet ta' implimentazzjoni* – l-użu ta' lingwa jew lingwi f'oqsma differenti tat-tagħlim; il-lingwa tal-assessjar; ir-rakkomandazzjoni tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali (1999) li l-iskejjel jiżviluppaw il-politika lingwistika tagħhom skont il-ħtiġijiet tagħhom.
- *kwistjonijiet professjonali* – għalliema li huma kompetenti kemm fil-Malti u kemm fl-Ingliż; l-iżvilupp ta' riżorsi bil-Malti u bl-Ingliż kif meħtieġ; l-iżvilupp tal-Malti għal skopijiet speċifiċi; il-ħtieġa li jikber l-interess f'lingwi oħrajn u l-aċċess għalihom.
- *kwistjonijiet ekonomiċi* – il-ħtieġa li jkun hemm kompetenza fl-Ingliż ħalli nibqgħu kompetittivi f'ambjent ekonomiku globalizzat; l-importanza tal-lingwi barranin għat-trawwim tar-relazzjonijiet internazzjonali.

**Id-Diversità tal-Istudenti**
Il-QKN iħaddan id-diversità u jeħtieġ li din tkun imwettqa permezz ta' ambjent inklużiv. Il-QKN jindirizza l-ħtiġijiet tal-istudenti:

- b'doni u talenti għolja – għal dawn l-istudenti l-proċess tat-tagħlim irid joffrilhom sfida xierqa biex ikunu impenjati u motivati ħalli jiżviluppaw it-talenti tagħhom.
- bi ħtiġijiet edukattivi speċjali[14] – għal dawn l-istudenti l-kurrikulu għandu jinkiteb b'tali mod li bih l-għalliema jagħrfu kif kull student jista' jaċċessa l-istess kurrikulu f'kull qasam tat-tagħlim u fl-istess ħin ikun jista' jsir l-assessjar fuq firxa ta' ħiliet.
- b'diżabilitajiet severi – għal dawn l-istudenti l-kurrikulu għandu joffri edukazzjoni bbażata fuq firxa ta' ħiliet hekk kif imfissra fil-fażijiet tal-iżvilupp.
- li ġejjin minn ambjenti soċjali żvantaġġati – għal dawn l-istudenti l-iskola, flimkien ma' msieħba ewlenin lokali u istituzzjonali fil-komunità, jeħtieġ li tgħolli l-ħiliet u tgħin lill-familji u lill-komunità lokali billi tipprovdi ambjent stabbli u għani mill-aspett edukattiv.
- li ġejjin minn ambjenti soċjali, kulturali u lingwistiċi diversi, ewlenin fosthom it-tfal ta' refuġjati u ta' dawk li qed ifittxu l-kenn – għal dawn l-istudenti l-kurrikulu għandu jinkludi aċċess għal programm edukattiv minsuġ f'ambjent li joffri appoġġ emozzjonali u psikoloġiku billi jirrispetta ċ-ċirkustanzi individwali tagħhom.

Hemm bżonn li tiġi żviluppata politika nazzjonali tal-inklużjoni. Din għandha titfassal mid-Direttorati tal-Edukazzjoni flimkien ma' msieħba oħra biex ikun assigurat li tkun inkluża fil-proċessi u fir-riżultati edukattivi kollha tal-QKN, għall-iskejjel kollha.

Il-QKN jagħraf li edukazzjoni ta' kwalità għolja titlob infrastruttura ta' appoġġ li tipprovdi kundizzjonijiet u opportunitajiet għall-istudenti kollha biex jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom, kif ukoll għall-għalliema u l-amministraturi biex dawn jimplimentaw il-kurrikulu b'mod effettiv. Din l-infrastruttura titlob li jkun hemm appoġġ kontinwu għall-għalliema, inkluż żvilupp professjonali, servizzi għall-istudenti u riżorsi umani.

## 03.1.5 L-Assessjar u l-Evalwazzjoni

**L-Assessjar**
L-assessjar fis-Snin Bikrin, fil-Primarja u fis-Sekondarja għandu sehem importanti fit-tagħlim u l-progress fil-livelli kollha. Huwa parti integrali mill-proċess tat-tagħlim u jipprovdi lill-istudenti u lill-ġenituri b'rispons kontinwu, fil-ħin u kwalitattiv dwar il-progress ta' wliedhom. Jipprovdi wkoll informazzjoni lill-għalliema fuq il-prattika tagħhom, u joffri tagħrif għall-iskejjel u l-kulleġġi fuq l-ippjanar tal-kurrikulu u t-tagħlim.

L-assessjar ***għat***-tagħlim (l-assessjar għal skopijiet formattivi) hu proċess li jiżviluppa waqt li jkun qed isir it-tagħlim. L-istudenti u l-għalliema tagħhom jużaw ir-riżultati biex ikollhom idea ċara ta' x'jafu l-istudenti u x'kapaċi jagħmlu,

13 Il-Ministeru waqqaf grupp ta' ħidma li qed jaħdem fuq din il-Politika Lingwistika.
14 It-terminu *ħtiġijiet edukattivi speċjali* hawn jirreferi għaċ-ċifra ta' 18%, magħrufa internazzjonalment, mill-popolazzjoni ta' kull skola li f'xi waqt jew ieħor tal-edukazzjoni tagħhom jista' jkollhom ostaklu temporanju jew permanenti għat-tagħlim.

b'rabta mat-tagħlim. L-assessjar ***tat***-tagħlim (l-assessjar għal skopijiet summattivi) isir fi tmiem it-taqsimiet tal-istudju, f'nofs is-sena, jew fi tmiem is-sena skolastika. Fil-każ tas-suġġetti li jintgħallmu f'kapitli *(modules)*, l-assessjar tat-tagħlim isir fi tmiem il-kapitlu. L-informazzjoni u l-ġudizzji jinġabru f'rapport li mbagħad jingħata lill-ġenituri u jkun diskuss mal-għalliema tal-klassi jew mal-iskola li jkun sejjer fiha l-istudent. Jekk l-istudenti jkunu konxji minn dak li jkun mistenni minnhom (l-intenzjonijiet tat-tagħlim) u mill-kriterji ta' suċċess li fuqhom jitkejjel it-tagħlim tagħhom, imbagħad ikunu jistgħu jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom ta' awtoevalwazzjoni li jgħinuhom jagħtu direzzjoni personali lit-tagħlim tagħhom.

Meta jitfassal u jkun implimentat kif suppost, il-proċess tal-assessjar fil-klassi jista':

- jgħin lill-istudenti jkejlu t-tagħlim tagħhom, jidentifikaw il-punti b'saħħithom, jaraw x'inhuma l-ħtiġijiet tagħhom u jieħdu l-passi li jkun imiss.
- iħeġġeġ lill-istudenti biex jgħinu lil xulxin billi jagħmlu l-assessjar bejniethom lil xulxin.
- jgħin lill-għalliema jifhmu aħjar it-tagħlim tat-tfal, jużaw l-evidenza biex isegwu l-progress tal-istudenti, jirriflettu fuq il-prattika tagħhom, u jaddattaw jew iqabblu l-mod tat-tagħlim tagħhom mal-ħtiġijiet tal-istudenti.
- jgħin lill-għalliema jippjanaw it-tagħlim ta' studenti individwali u ta' gruppi ta' studenti biex jaraw li t-tfal kollha jingħataw l-attenzjoni meħtieġa.
- jgħin lill-ġenituri biex jaqsmu l-esperjenzi tat-tagħlim ta' wliedhom, jinterpretaw l-informazzjoni dwar l-assessjar u jsegwu l-iżvilupp edukattiv tat-tfal tagħhom.
- iwassal għal rappurtaġġ regolari fuq il-progress u l-kisbiet individwali tat-tfal.

Il-kulleġġi u l-iskejjel huma mistennija jiżviluppaw politika ta' assessjar. Din għandha tindirizza l-kwantità u l-kwalità tal-prattiċi tal-assessjar, kif ukoll ir-rappurtaġġ li jingħata lill-ġenituri u lill-persuni l-oħra konċernati.

**L-Evalwazzjoni: Il-Mekkaniżmi tal-Assigurazzjoni ta' Kwalità**

L-iskejjel huma mistennija jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom b'mod kontinwu ħalli jsiru komunitajiet ta' prattika riflessiva permezz ta':

- proċess ta' ppjanar ta' żvilupp tal-iskola li jinkludi fih mekkaniżmi interni għal awtoevalwazzjoni
- konsulenza *(mentoring)*
- sistema ta' prestazzjoni ta' assessjar li tinkorpora karatteristiċi ta' kontabilità u ta' żvilupp professjonali
- evalwazzjonijiet esterni mid-Dipartiment tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità fid-Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni

Biex kontinwament jiżviluppaw il-kapaċità tagħhom ħalli jkunu komunitajiet ta' prattika riflessiva, l-iskejjel għandhom:

- jippjanaw it-tagħlim b'mod intenzjonat skont il-konvinzjonijiet, il-kriterji u l-miri maqbula.
- jimplimentaw dawn il-pjanijiet b'mod kritiku u flessibbli.
- jagħmlu standards ibbażati fuq l-assessjar u r-reviżjoni tal-prattika u t-titjib.
- jirrevedu l-ippjanar tagħhom u l-ippjanar tal-iżvilupp tal-iskola skont dawn ir-reazzjonijiet, u jżommu f'moħħhom il-possibbiltà li jikkunsidraw mill-ġdid il-konvinzjonijiet, il-kriterji u l-miri maqbulin minn kulħadd.

Fil-mudell tal-assigurazzjoni tal-kwalità li qed jevolvi, l-iskejjel jibqgħu jingħataw appoġġ fil-kapaċità tagħhom li jiżviluppaw u jimplimentaw il-Pjanijiet għall-Iżvilupp tal-Iskola (SDP) li fihom hemm mibnija mekkaniżmi għall-awtoassessjar. Dan il-komponent ta' awtoassessjar jiffoka fuq kemm minn dawk l-azzjonijiet ipproġettati jkunu saru u fuq kemm minn dan it-titjib ippjanat ikun intlaħaq. Dawn il-pjanijiet jibnu fuq il-progress li jkun sar u jinkorporaw prijoritajiet u realtajiet oħra li jridu jkunu indirizzati fl-iskola.

**L-Evalwazzjoni: L-Eżerċizzji ta' Livell *(Benchmarking)* u ta' Moniteraġġ Nazzjonali tal-Kisbiet**

Hija r-responsabbiltà tad-Direttorat għal Kwalità u Standards li jevalwa l-implimentazzjoni, l-innovazzjoni u x-xejriet li joħorġu mill-kurrikulu permezz tal-assessjar fil-livelli tal-iskejjel, nazzjonali u internazzjonali.

Il-QKN jagħraf il-ħtieġa li jkun hemm eżerċizzju ta' livell *(benchmarking)* u sistema ta' moniteraġġ li jkejlu l-prestazzjoni tas-sistema edukattiva fit-tliet Ċikli tal-edukazzjoni. Permezz ta' dawn, id-Direttorat għal Kwalità u Standards u msieħba oħra, ikollhom l-informazzjoni meħtieġa għall-assigurazzjoni tal-kwalità tal-prattiċi tal-iskejjel. B'kollox, għandhom jiġu introdotti ħames stadji fis-sistema: tlieta għal-livelli *(benchmarking)* u tnejn għall-moniteraġġ.

**Eżerċizzju ta' Livell**: Dan isir fi tmiem iċ-Ċiklu tas-Snin Bikrin u fi tmiem iċ-Ċiklu tal-Primarja u tas-Sekondarja. L-assessjar isir fuq bażi individwali bejn it-2 u t-3 Sena, u fi tmiem is-6 Sena. Dawn l-eżerċizzji huma obbligatorji għall-Iskejjel tal-Istat filwaqt li l-Iskejjel tal-Knisja u Indipendenti qed ikunu mistiedna jipparteċipaw. Fi tmiem il-11-il Sena, ir-riżultati tal-eżamijiet taċ-ĊES ikomplu jservu għal skop ta' indikazzjoni ta' livell ukoll.

**Monteraġġ Nazzjonali**: Biex ikunu evalwati l-istandards tal-oqsma differenti tat-tagħlim f'livell nazzjonali, il-QKN jagħraf il-ħtieġa li perjodikament ikun hemm monteraġġ estern, li ma jiskomodax, f'żewġ waqtiet matul l-edukazzjoni obbligatorja: wieħed waqt iċ-Ċiklu tal-Primarja u l-ieħor matul iċ-Ċiklu tas-Sekondarja. Dan ikun jinkludi kampjuni ta' skejjel u ta' studenti mis-setturi tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti u numru speċifiku ta' oqsma tat-tagħlim kull sena, fuq ċiklu ta' ħames snin.

## 03.1.6 L-Involviment tal-Ġenituri[15] u tal-Komunità

L-istrutturi tal-edukazzjoni formali għandhom ikunu sensittivi u jirrispondu għar-realtajiet u għall-opportunitajiet tal-ambjent tal-istudenti. Barra minn hekk, il-komunità (il-ġenituri, in-negozji/l-industriji, il-kunsilli lokali) – li l-istudenti jinteraġixxu fiha – għandha tagħraf ir-rwol kruċjali tagħha li tinvesti u tippromwovi edukazzjoni ta' kwalità.

**L-Iskejjel u l-Ġenituri**
L-interazzjoni tal-ġenituri mal-iskola hi waħda mill-aktar fatturi importanti għas-suċċess tal-iżvilupp edukattiv tal-istudenti (Desmond & Elfert, 2008; L-Istitut tat-Tagħlim Tul il-Ħajja tal-UNESCO, 2008).

*Ir-Rabtiet ta' bejn id-Dar u l-Iskola, il-Parteċipazzjoni u l-Involviment tal-Ġenituri, u t-Tagħlim Tul il-Ħajja tal-Ġenituri* huma mezzi differenti biex il-ġenituri jidħlu f'interazzjoni mal-iskejjel. Barra dawn, il-ġenituri huma mħeġġa li jikkunsidraw forom oħra biex jinteraġixxu mal-iskejjel. Il-kategoriji differenti huma importanti għall-ġenituri, għat-tfal u għall-iskejjel biex ikun assigurat l-aħjar żvilupp edukattiv tal-imsieħba kollha involuti.

Hemm bżonn ta' żvilupp ta' politika nazzjonali. Din għandha titfassal mid-Direttorati tal-Edukazzjoni u msieħba oħra ħalli jkunu fformalizzati l-forom differenti ta' parteċipazzjoni u jissaħħaħ l-involviment attiv tal-ġenituri fl-iżvilupp edukattiv tagħhom u ta' wliedhom.

**L-Iskejjel u l-Komunità**
Ir-relazzjoni bejn l-iskejjel u l-komunità għandha erba' dimensjonijiet:

- il-komunità lokali hi riżorsa siewja għall-iskola biex din tqiegħed it-tagħlim f'kuntest.
- l-iskola għandha tkun il-post ta' tagħlim tul il-ħajja għall-komunità.
- il-komunità tista' tgħin lill-iskejjel biex iħejju lill-istudenti għad-dinja tax-xogħol.
- l-iskejjel jirrispondu għat-talbiet tas-soċjetà permezz ta' miri kurrikulari speċifiċi u esperjenzi edukattivi apposta. Id-dibattitu fis-soċjetà ċivili jissuġġerixxi li l-edukazzjoni hi meħtieġa f'oqsma ta' kontenut speċifiku biex issir bidla kulturali partikolari f'kuntesti li għandhom ħtieġa urġenti biex jitjiebu.

Fil-fatt, il-QKN jirrakkomanda li:

- l-iskejjel jistabbilixxu rabtiet b'saħħithom mad-diversi membri, gruppi u aġenziji fi ħdan il-komunità għaliex dawn jgħinu fl-estensjoni tat-tagħlim fost il-komunità u jdaħħlu t-tagħlim fl-iskejjel.
- il-kulleġġi jistabbilixxu sħubija aktar b'saħħitha mas-setturi differenti tal-ekonomija u jesploraw forom differenti ta' impenn li jistgħu jkunu ta' ġid kemm għall-istudenti kif ukoll għall-edukaturi.

## 03.1.7 L-Istrutturi ta' Appoġġ

Edukazzjoni ta' kwalità għolja titlob infrastruttura ta' appoġġ li tipprovdi l-kundizzjonijiet u l-opportunitajiet biex l-istudenti kollha jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom u biex l-għalliema u l-amministraturi tal-iskejjel jimplimentaw il-kurrikulu b'mod effettiv. Din l-infrastruttura teħtieġ servizzi kontinwi għall-istudenti, riżorsi umani, żvilupp professjonali, konsulenza *(mentoring)* u appoġġ għall-għalliema, u tmexxija soda fil-qasam edukattiv.

**Is-Servizzi għall-Istudenti**
L-impenn favur id-diversità u l-inklużjoni, indikat fil-QKN, jeħtieġ id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà ta' servizzi oħra fl-interess tal-istudenti. Dawn is-servizzi jvarjaw mill-aspetti personali/pastorali sa dawk kurrikulari u għandhom jingħataw b'tali mod li jkun assigurat li:

- ikunu inklużivi fin-natura tagħhom u li jindirizzaw il-ħtiġijiet partikolari tal-istudenti individwali.
- jibdew mir-realtà tal-istudenti li tinkorpora l-aspett personali/pastorali.
- jindirizzaw l-implikazzjonijiet tas-servizz partikolari dwar id-dritt u l-iżvilupp edukattiv tal-istudenti.
- jingħataw fil-kuntest tad-diversità, u għalhekk jindirizzaw il-livelli attwali ta' kompetenza b'ħarsa lejn il-progress u l-kisbiet suċċessivi.
- iħaffu l-aċċess tal-għalliema għal informazzjoni xierqa, ħiliet u provvista kumplimentari li tippermettilhom jindirizzaw id-dritt edukattiv tal-istudenti b'mod effettiv.

15 F'dan id-dokument, kwalunkwe referenza għall-involviment tal-ġenituri fl-edukazzjoni tinkludi wkoll lill-kustodji legali u lil dawk l-adulti bi rwol rikonoxxut ta' ġenitur fil-ħajja tat-tifel jew tat-tifla. Din id-definizzjoni m'għandhiex preġudizzji fuq l-obbligi legali tal-iskejjel.

- ikunu tant effettivi li meta jkun hemm bżonn li l-istudenti jieqfu għal xi żmien, l-integrazzjoni tagħhom mill-ġdid fil-klassi tkun possibbli.

**L-Iżvilupp Professjonali Kontinwu**

L-iżvilupp kontinwu tal-għalliema ħalli jaġġornaw l-għerf u l-ħiliet tagħhom hu indispensabbli biex il-professjoni tibqa' tkun effettiva. L-għalliema jridu jqisu ruħhom bħala professjonisti kritiċi u riflettivi li għandhom jibqgħu jiġu megħjuna fit-teorija u l-prattika kontemporanja ħalli jaġġornaw u jtejbu l-pedagoġiji tagħhom.

**Il-Konsulenza (Mentoring)**

Il-konsulenza tgħin lill-professjonisti fl-istadji differenti tal-karriera tagħhom. L-għalliema kwalifikati ġodda u oħrajn b'karigi, bi sfidi u b'responsabbiltajiet ġodda jibbenifikaw bis-sħiħ bl-appoġġ strutturat ta' sħabhom li jkollhom aktar esperjenza minnhom u li jkunu mħarrġa apposta biex joffri din it-tip ta' konsulenza. Il-konsulenza hi ta' ġid ukoll meta l-edukatur ikun għaddej minn sfidi li jkunu jeħtieġu appoġġ professjonali. Ir-rwol prinċipali tal-konsulent hu li jgħin lill-individwi jirriflettu bis-serjetà fuq il-prattika tagħhom ħalli jtejbuha.

**Is-Servizzi Legali u Psikosoċjali għall-Għalliema**

Il-QKN isaħħaħ l-istrutturi attwali ta' appoġġ bħalma huma s-servizzi psikosoċjali u legali li ġew introdotti fis-settur tal-istat, u lit-timijiet ta' kura pastorali li jgħinu lill-għalliema fl-isfera psikosoċjali fis-settur li mhux tal-istat.

**It-Tmexxija tal-Edukaturi Ewlenin**

Il-QKN iħeġġeġ mudell ta' tmexxija li jippromwovi forom mifruxa ta' tmexxija. Filwaqt li l-mexxejja tal-iskejjel għandhom irwol ta' viżjoni u ta' strateġija, dawn għandhom jaraw ukoll li jibnu kultura kollaborattiva li tuża l-firxa sħiħa ta' ħiliet u esperjenzi professjonali li jkun hemm fost il-membri tal-organizzazzjoni. Għandhom jinħolqu opportunitajiet varji fis-sistema tal-kulleġġi u f'setturi oħra biex il-Prinċipali tal-Kulleġġi, il-Mexxejja tal-Iskejjel u l-edukaturi jkunu jistgħu jieħdu sehem f'diskors kritiku, jindirizzaw aspetti kurrikulari u jtejbu l-kwalità tat-tagħlim. Dan il-mudell ta' tmexxija japplika b'modi differenti għas-Snin Bikrin, tal-Primarja u tas-Sekondarja.

Il-QKN jagħraf li l-kwalità tat-tmexxija edukattiva hi importanti biex tinħoloq klima favur it-tagħlim, kif proposta f'dan id-dokument. Dawk bi rwoli ewlenin bħall-Prinċipali tal-Kulleġġi u l-Kapijiet tal-Iskejjel jeħtieġ li juru li huma ddedikati għall-prinċipji ewlenin u għar-riżultati stabbiliti filwaqt li jkunu impenjati lejn dawk li huma responsabbli minnhom ħalli jiksbu dawn ir-riżultati. Fl-isfond tal-bidliet li saru fl-imgħoddi, il-mexxejja edukattivi jridu jħaddnu sistemi li jistgħu jbiddlu l-emozzjonijiet, l-attitudnijiet u l-konvinzjonijiet tal-edukaturi u tal-persuni l-oħra involuti f'dan il-qasam.

Il-QKN jirrakkomanda l-addattament ta' mudell ta' tmexxija edukattiva li jiffoka bis-sħiħ fuq il-funzjoni primarja tal-edukazzjoni – il-kisba tal-miri tat-tagħlim mit-tfal u ż-żgħażagħ, f'atmosfera li tilħaq il-ħtiġijiet għall-benesseri ta' kull individwu. Fl-isfond tal-qafas tal-QKN, it-tmexxija teħtieġ sett ta' ħiliet, attitudnijiet u kwalitajiet personali li, meta jkunu preżenti, jagħmlu differenza fid-dritt tat-tagħlim ta' kull student u studenta. Il-Kapijiet ta' Skejjel effettivi jkollhom viżjoni personali dwar x'jixtiequ li jinkiseb fl-iskola tagħhom. Għandhom ikunu jafu kif jattwaw b'mod konkret din il-viżjoni u kif iħeġġu u jimmotivaw lill-għalliema, lill-ġenituri u lill-istudenti biex jagħmluha tagħhom ukoll u jkunu responsabbli biex titwettaq. F'qafas Primarju, il-Kap tal-Iskola għandu jwieġeb b'mod effettiv għall-ħtiġijiet personali u soċjali tal-istudenti u għalhekk inqisu li l-Kapijiet tal-Iskejjel bħala nies orjentati, li jnisslu l-fiduċja u l-ftuħ għall-ideat billi jkunu dinamiċi mal-kollegi tagħhom.

Il-QKN jagħraf li d-dimensjoni morali primarja għandha sservi ta' forza fit-tmexxija għall-mexxejja edukattivi kollha. Meta l-prattika tat-tmexxija titmexxa mill-awtorità morali, is-sistemi, il-kap tal-kulleġġ, jew il-kap tal-iskola jsir il-mexxej tal-mexxejja u jiżviluppa u jħaddan viżjoni u ideat mibnija fuq il-valuri essenzjali. Għaldaqstant, it-tmexxija ma titqiesx aktar bħala l-esklużività ta' rwoli mfassla, imma ssir proċess mifrux li jċaċlaq il-mira tiegħu mir-rwol tradizzjonali tal-ftit mexxejja eroj għal azzjoni kollaborattiva li fiha l-membri jissinkronizzaw l-azzjonijiet tagħhom biex jinkiseb ammont ta' enerġija li jkun akbar mill-azzjonijiet individwali kollha f'daqqa. Id-distribuzzjoni fit-tmexxija tħeġġeġ l-involviment tal-imsieħba konċernati fi proċess kollettiv jew fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Etikament, din il-kolleġġjalità hi t-triq it-tajba li tgħaqqad flimkien il-kontabilità u l-kollaborazzjoni.

It-Tmexxija Edukattiva tara wkoll ir-rwol tal-għalliema bħala Mexxejja Edukattivi u *Managers* tal-Kurrikulu, skont ir-rwol speċifiku tagħhom. L-għalliema huma dawk li għandhom l-aktar responsabbiltà diretta fl-implimentazzjoni tal-Kurrikulu fil-klassi u l-professjonalità tagħhom jeħtieġ li tissaħħaħ bl-użu ta' riżorsi li jiżviluppaw esperjenzi kurrikulari li jagħmlu sens u li jkunu marbuta mal-ħajja ta' kuljum tat-tfal. Hawnhekk hu preċiżament fejn jidħol ir-rwol tal-Kap tal-Iskola biex ibiddel, imexxi, jgħin u jħaffef l-iżvilupp tal-għanijiet tal-kurrikulu fil-komunità tal-iskola.

Barra minn hekk, il-QKN iħeġġeġ lill-mexxejja edukattivi biex imorru lil hinn mill-idea ta' 'hawn

u llum' u, bħala ħassieba sistematiċi fl-azzjoni, jaħsbu fuq bażi globali u jaġixxu fuq bażi lokali. Din it-tip ta' tmexxija, b'mod fundamentali, toħloq ċaqliq paradigmatiku ta' fruntieri relazzjonali, u ttejjeb l-ippjanar strateġiku u l-miżuri tal-binja tal-kapaċità ħalli jkun hemm kisbiet individwali, organizzattivi u sistematiċi sostenibbli. Din il-viżjoni titlob ukoll li t-Timijiet Għolja tat-Tmexxija (SMTs) jkollhom l-appoġġ biex jiddedikaw ħin effettiv u ta' kwalità ħalli jaħdmu flimkien biex l-iskejjel jirriflettu b'mod kritiku dwar il-kwistjonijiet tat-tagħlim u jikkomunikaw mal-għalliema u l-membri l-oħra tal-istaff biex itejbu l-kwalità tal-edukazzjoni li jipprovdu.

**Konklużjoni**
Is-seba' komponenti tal-QKN ma jistgħux ikunu kkunsidrati waħedhom. Kull komponent għandu sehem distint u uniku fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' kurrikulu mingħajr skossi u qafas koerenti li jħaddan l-esperjenzi tal-istudenti mis-Snin Bikrin sa tmiem is-Sekondarja.

## 03.2 Is-Snin Bikrin (KG 1 – 2 Sena)

Is-Snin Bikrin jirriferu għall-perjodu fil-ħajja tat-tfal li jkopri ż-żmien ta' wara t-twelid sal-età ta' 7 jew 8 snin[16]. Din hi l-aktar fażi kruċjali fil-ħajja ta' kull persuna – it-tagħlim u l-edukazzjoni tat-tfal fis-Snin Bikrin huma marbuta sew mal-iżvilupp sħiħ li jsir permezz ta' ambjent informali u formali, attivitajiet ippjanati u spontanji, avvenimenti strutturati u mhux strutturati. Il-firxa tat-tagħlim li kull tifel u tifla jesperjenzaw hi ddeterminata, parzjalment, minn ambjent li jagħti l-appoġġ.

IL-QKN japprova l-pożizzjoni rrakkomandata mill-KMN 1999[17] li jqis:

*"l-ewwel snin tal-livell primarju bħala kontinwazzjoni tas-sentejn tal-kindergarten. B'mod konkret, dan ifisser li l-għalliema għandhom jaddottaw pedagoġija li tiżviluppa l-għerf, l-attitudnijiet u l-ħiliet minn esperjenzi konkreti. Il-perjodu ta' bejn it-tielet u s-seba' sena, ikkunsidrat bħala l-fażi prekonċettwali, irid jitqies bħala l-perjodu formattiv, qabel l-esperjenza skolastika ssir aktar formali." (p. 76)*

Fil-fatt, il-QKN jikkonferma li ċ-Ċiklu tas-Snin Bikrin jestendi mill-KG1 sat-2 Sena. Is-Snin Bikrin huma importanti għal diversi raġunijiet, fosthom:

- għall-iżvilupp, it-tagħlim u l-fehim ġenerali li għandu jkun magħruf u użat bħala l-pedament li fuqu jinbena t-tagħlim u l-iżvilupp, kemm jekk it-tfal ikunu fil-kura tal-ġenituri jew ta' persuni oħra fid-dar, kemm jekk ikunu f'ambjenti tas-Snin Bikrin barra mid-dar, u kemm tul il-fażi ta' tranżizzjoni bejn l-edukazzjoni mhux obbligatorja u obbligatorja.

- għax dak li jitlob il-kurrikulu fl-aħħar Snin tal-Primarja u fis-Sekondarja jista' jinkiseb b'suċċess wara li jkunu tqiegħdu l-pedamenti sodi fis-Snin Bikrin. Matul dan iż-żmien it-tfal jingħataw l-opportunitajiet biex jiżviluppaw lilhom infushom u l-identità tagħhom, b'riżultat tal-esperjenzi u r-relazzjonijiet pożittivi li jkollhom mad-dinja immedjata u, eventwalment, estiża ta' madwarhom.

Is-Snin Bikrin huma kkaratterizzati minn perjodi ta' żvilupp u ta' bidliet li jiġru b'mod mgħaġġel. Għaldaqstant, qafas ta' kurrikulu li jkollu l-għan li jindirizza r-riżultati tat-tagħlim jikseb relevanza u jkun sinifikanti meta jaħdem favur:

- riżultati wisgħin li jħaddnu medda sħiħa ta' ħiliet u li ma jkunux jiffukaw biss fuq il-kisbiet akkademiċi.
- atteġġjamenti pedagoġiċi li jirrispettaw l-età tat-tfal u l-livell tal-iżvilupp tagħhom.
- kontenut bla limiti li jkun ippreżentat lit-tfal b'mod li jiġbdilhom l-attenzjoni u li jassigura l-involviment u l-parteċipazzjoni diretta tagħhom.
- impjegati mħarrġin tajjeb li jkunu sensittivi għall-karatteristiċi tal-istudenti ż-żgħar u li jkunu midħla tal-proċessi tat-tfal li jkunu għadhom kemm telqu jimxu, tat-tfal żgħar ħafna u tat-tfal fl-istadji bikrin tal-iskola formali.

### 03.2.1 L-Iskopijiet u l-Għanijiet Ġenerali

Fl-esperjenzi tas-Snin Bikrin, it-tfal jiżviluppaw l-għerf, il-ħiliet, il-kompetenzi, l-attitudnijiet u l-valuri li jagħtuhom il-kapaċità li jsiru studenti ta' suċċess u parteċipanti attivi fis-soċjetà. L-esperjenzi ta' tagħlim li jirnexxu huma kkaratterizzati minn sistemi li:

- jirrispondu għall-interess tat-tfal u għall-għarfien li jkollhom diġà.
- jirrispettaw il-maturità konjittiva tat-tfal u l-mudelli ta' tagħlim li jippreferu.
- jqajmu l-kurżità.

16 Wilks, Nyland, Chancellor u Elliot, 2008, Id-Dipartiment tal-Edukazzjoni u tal-Iżvilupp Bikri tat-Tfal u VCAA, 2009, Waddell & McBride, 2008.
17 http://www.curriculum.gov.mt/docs/nmc_malti.pdf

- inisslu interess għat-tagħlim.
- jippromwovu l-istħarriġ, l-iskoperta u l-kreattività.
- iħaddnu ambjenti li jħeġġu l-komunikazzjoni u stili interattivi ta' tagħlim.

L-esperjenzi b'saħħithom ta' tagħlim jikkontribwixxu għall-iżvilupp tat-tfal li jibdew jinvolvu ruħhom fl-interessi tagħhom, ikunu motivati, jiżviluppaw il-perseveranza u jitgħallmu jassumu r-responsabbiltà. Ir-riżultati ta' din ix-xorta jintlaħqu permezz ta' ambjent ta' fiduċja u rispett, li jagħti lit-tfal il-kunfidenza u l-istima tagħhom infushom fil-ħiliet tagħhom.

IL-QKN jeħtieġ li s-Snin Bikrin:

- ikunu appoġġjati minn tmexxija b' viżjoni tal-edukaturi ewlenin li jaħdmu fil-qasam tal-edukazzjoni bikrija.
- jagħrfu l-karatteristiċi uniċi tat-tfal fit-tagħlim u l-iżvilupp tagħhom permezz ta' varjetà ta' stili ta' tagħlim u ta' pedagoġiji.
- joffru programmi ta' attivitajiet li jmorru lil hinn milli jenfasizzaw suġġett speċifiku jew il-kontenut tat-tagħlim, billi jersqu lejn pedagoġiji li jtejbu r-rabtiet kurrikulari u għalhekk jiffaċilitaw il-proċessi tat-tagħlim.
- jappoġġjaw politika għall-assessjar u t-tranżizzjonijiet.
- jiffaċilitaw il-binja tal-ħiliet tal-imsieħba , b'mod speċjali tal-ġenituri u l-istaff.
- jinkorporaw miżuri biex jassiguraw proċeduri tal-assigurazzjoni tal-kwalità u għalhekk iġibu 'l quddiem atteġġjament ta' riflessjoni li jissorvelja u jevalwa l-prattiċi u r-riżultati tat-tagħlim.

**It-Tmexxija tal-Edukaturi Ewlenin**

L-edukaturi tas-Snin Bikrin, kemm jekk huma direttament responsabbli mit-tfassil u l-iżvilupp ta' programm ta' attivitajiet u kemm jekk għandhom irwol amministrattiv, dawn għandhom ikunu kkwalifikati u jingħataw taħriġ ta' livell għoli. Għandhom ikunu mħarrġa biex ikunu jistgħu jgħinu u jestendu l-ħiliet tal-komunikazzjoni tat-tfal, u jkunu kreattivi biex joħolqu ambjent li jistimula l-ħsibijiet u l-interazzjonijiet tat-tfal. L-impjegati għandhom josservaw u jirriflettu biex jaddattaw u jimmodifikaw attivitajiet imsejsa fuq sinjali u risponsi mogħtija mit-tfal infushom. L-edukaturi għandhom jikkapitalizzaw id-dimensjoni soċjali billi jirrelataw b'mod frekwenti u dirett mat-tfal fil-ħarsien tagħhom u b'hekk itejbu s-sens ta' benesseri. L-edukaturi għandhom jirrispondu għall-interessi tat-tagħlim tat-tfal. Għandu jkollhom ħiliet ta' livell għoli u jkunu kompetenti bis-saħħa ta' pedamenti teoretiċi li jidderiġuhom u jgħinuhom fid-deċiżjonijiet professjonali u pedagoġiċi tagħhom. L-edukaturi għandu jkollhom:

- bażi teoretika soda biex jifhmu kif it-tfal żgħar jitgħallmu u jiżviluppaw.
- għerf pedagoġiku biex jiddeterminaw dak li hu raġonevoli li jsir mat-tfal żgħar u l-aktar modi effettivi biex dan jintlaħaq, u b'hekk japplikaw it-teorija fil-prattika.
- għerf personali u prattiku dwar firxa ta' kwistjonijiet professjonali li għandhom impatt dirett fuq l-immaniġjar ta' grupp ta' studenti żgħar u fuq ir-relazzjonijiet fi ħdan il-grupp.
- ħiliet ta' riċerka li jippermettulhom jifhmu l-iżvilupp kontinwu fil-qasam tagħhom u li jieħdu azzjoni kritika meta jaraw ir-riżultati.
- interess ġenwin biex jisimgħu lit-tfal u jwieġbu għall-ħtiġijiet tagħhom biex jippromwovu pedagoġija ta' rispett, ta' reazzjoni, u relazzjonijiet reċiproċi.
- ħiliet riflettivi li bihom jaħsbu b'mod kritiku fuq xogħolhom mat-tfal, jagħmlu mistoqsijiet dwar l-ideat u l-fehmiet tagħhom fuq l-esperjenzi tat-tfal, u jeżaminaw l-interazzjonijiet tagħhom magħhom biex itejbu l-kwalità tal-esperjenzi tas-Snin Bikrin.

Minbarra li jkollhom għarfien tajjeb tal-iżvilupp tat-tfal, tal-proċessi tat-tagħlim u tal-pedagoġiji addattati, l-edukaturi tas-Snin Bikrin għandhom juru empatija u solidarjetà mal-familji tat-tfal li magħhom ikunu qed jaħdmu u juru li huma kapaċi jaħdmu mat-tfal u mal-familji tagħhom.

**Il-Proċessi tat-Tagħlim u Pedagoġiji Effettivi**

Fis-Snin Bikrin, it-tfal jitgħallmu permezz tal-osservazzjoni, l-esperimentazzjoni, il-provi u l-iżbalji, l-espożizzjoni għal ambjenti stimulanti, b'ambjenti kontestwalizzati li jgħinuhom jifhmu aħjar id-dinja ta' madwarhom. Hemm żvilupp lingwistiku u konjittiv sinifikanti; żvilupp fiżiku u morali, kif ukoll żvilupp personali, soċjali u emozzjonali. Fil-fatt, it-tfal kollha jiżviluppaw b'mod sħiħ, u l-progress li jagħmlu fi kwalunkwe qasam jinfluwenza oqsma oħra.

Kull tifel u tifla għandhom id-dritt li jiżviluppaw il-potenzjal massimu tagħhom. Is-Snin Bikrin huma s-snin li fihom jinbnew il-pedamenti biex jiġi stabbilit dan il-potenzjal. L-edukaturi jridu jikkapitalizzaw mill-attivitajiet, l-avvenimenti u r-riżorsi li jinteressaw lit-tifel/tifla jew lil grupp ta' tfal. Għandhom iqanqlulhom l-interess biex jiżviluppaw il-motivazzjoni li tgħinhom billi tnibbet il-perseveranza fl-istudenti ż-żgħar u tgħinhom jiksbu kunfidenza u sens ta' stima tagħhom infushom.

L-għerf u l-fehim li jkunu kisbu t-tfal minn qabel jinfurmahom waqt li jkunu qed jippruvaw jagħmlu sens minn xi ħaġa. Huma jużaw l-informazzjoni li jkunu kisbu diġà imma jitgħallmu billi jimmodifikaw l-għerf eżistenti tagħhom u jbiddlu

l-fehim tagħhom b'informazzjoni ġdida li jkunu ġew esposti għaliha. It-tagħlim iseħħ meta l-għerf u l-informazzjoni l-ġdida jiġu internalizzati u jimmodifikaw l-għarfien li kellhom qabel l-istudenti.

L-edukaturi tas-Snin Bikrin għandhom jippjanaw programm ta' attivitajiet li jappella għall-istili konjittivi differenti tat-tfal. It-tfal jirnexxu permezz ta' metodi li jinvolvu aktar minn sens wieħed. Dawn jgħinuhom jifhmu aktar id-dinja; x'aktarx jifhmu aħjar kif jaħdmu l-affarijiet, jagħmlu konklużjonijiet u ipoteżijiet, jifhmu aktar il-kawża u l-effett, u jitgħallmu aktar jiddiskriminaw u jagħmlu differenza bejn oġġetti kuntrastanti.

**L-Ambjenti tat-Tagħlim**

L-edukaturi tas-Snin Bikrin huma mħeġġa jfasslu ambjenti ta' tagħlim li jappellaw għall-interessi tat-tfal, li huma relevanti għall-aktar esperjenzi komuni tagħhom ta' kuljum, u li jistgħu jesplorawhom b'mod eċitanti. L-esperjenzi diretti u prattiċi jinkoraġġixxu l-interazzjoni, l-impenn u l-involviment li jwassal biex it-tfal jifhmu, jiftakru aktar u jiżviluppaw ir-rappreżentazzjonijiet mentali. Dan kollu jgħin lit-tfal fil-mixja tagħhom mill-esperjenzi konkreti u tanġibbli għal kunċetti simboliċi u astratti.

L-ambjenti tat-tagħlim li jkunu ppjanati tajjeb joffru l-possibbiltà ta' osservazzjonijiet, analiżi, investigazzjonijiet, skoperta u esperimentazzjoni fil-fond u dettaljata. Id-diversi perspettivi jistgħu jkunu investigati permezz ta' proġetti, suġġetti jew temi li jqajmu l-kurżità tat-tfal biex ikunu jafu liema affarijiet jaħdmu, għaliex u kif.

Il-ħolqien ta' ambjenti interattivi ta' tagħlim jippromwovu firxa ta' ħiliet, attitudnijiet, għerf u valuri li t-tfal jistgħu jiksbu. Madankollu, is-sinjal ta' prattika tajba fis-Snin Bikrin hu l-għarfien u l-promozzjoni ta' attività u stħarriġ li joħorġu mit-tfal stess. Din it-tip ta' attività għandha tkun imħeġġa għax tqis it-tagħlim bħala proċess kontinwu ta' kontributi validi minn dawk kollha involuti fih. Biex programm ikun ta' kwalità, għandu joħloq bilanċ bejn l-attivitajiet immexxija mill-adulti u l-attivitajiet mibdija mit-tfal, li joħorġu direttament mill-interessi tat-tfal.

**L-Assessjar**

L-assessjar fl-edukazzjoni tas-Snin Bikrin hu mezz kif wieħed isib dak li jinteressa lit-tfal u huwa wkoll mezz li bih jinżammu r-reġistri bil-progress u bl-iżvilupp tat-tfal. L-assessjar fiċ-Ċiklu tas-Snin Bikrin għandu diversi funzjonijiet[18], fosthom biex:

- it-tagħlim tat-tfal jiġi mifhum aħjar.
- jibdew diskussjonijiet dwar it-tagħlim tat-tfal.
- l-informazzjoni tinqasam ma' oħrajn li jaħdmu fl-ambjent tat-tfulija bikrija.
- issir riflessjoni fuq il-prattika.
- isir pjan fuq it-tagħlim ta' individwi u gruppi.
- ikun assigurat li t-tfal kollha jingħataw l-attenzjoni.
- ikun enfasizzat it-tagħlim li jgħodd l-aktar għal dan l-ambjent.
- it-tfal ikunu involuti fl-awtoassessjar.
- il-programm tat-tagħlim ikun diskuss mal-familji.
- ikun hemm qsim ta' esperjenzi mal-familji.

L-assessjar fis-Snin Bikrin hu importanti għat-tfal daqskemm huwa importanti għall-adulti, speċjalment għall-edukaturi. L-assessjar li hu bbażat fuq osservazzjoni attenta u fuq attitudni riflettiva u ta' rispons jaġġorna l-prattiċi. Iż-żamma ta' reġistri bil-kisbiet tat-tfal tgħin lill-adulti jifhmu l-proċessi u r-riżultati tat-tagħlim. Barra minn hekk, għandhom jittieħdu miżuri ta' assessjar fi tmiem iċ-Ċiklu tas-Snin Bikrin ħalli jkun assigurat, li fejn ikun hemm bżonn, it-tfal li jiġu identifikati li jkollhom bżonn aktar attenzjoni individwali, ikunu jistgħu jingħataw l-għajnuna meħtieġa permezz ta' attivitajiet ippjanati tajjeb fiċ-Ċiklu tal-Primarja.

**It-Tranżizzjonijiet**

Matul is-Snin Bikrin, it-tfal jgħaddu minn ħafna fażijiet ta' tranżizzjoni li jridu jiġu magħrufa u megħjuna ħalli jkun aċċertat li jiksbu attitudni pożittiva u kunfidenti għall-bidla u l-iżvilupp tagħhom. Il-bidliet li jħabbtu wiċċhom magħhom it-tfal m'għandhomx ikunu diffikultajiet li ma jistgħux jissolvew, jew avvenimenti mhux prevedibbli u mingħajr għajnuna.

Ċerti proċeduri jridu jiġu stabbiliti u għandhom jittieħdu inizjattivi xierqa biex jitnaqqas l-impatt li jistgħu jħallu dawn it-tranżizzjonijiet. L-ambjenti tas-Snin Bikrin, li jqattgħu ħinhom fihom it-tfal, għandhom ikunu varjati u jassiguraw li jkollhom opportunitajiet li bihom ikunu jistgħu jiżviluppaw l-identità tagħhom u jistabbilixxu lilhom infushom, filwaqt li jħaddnu n-natura kumplessa tad-dinja li tibda tinfetħilhom bil-mod il-mod. Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-QKN, waħda mill-aktar bidliet sinifikanti li t-tfal iż-żgħar mistennija jesperjenzaw hija l-bidla mis-snin mhux obbligatorji tal-edukazzjoni, fiċ-ċentri ta' kenn it-tfal *(child-care centres)* u fil-klassijiet tal-*kindergarten*, għall-edukazzjoni obbligatorja fil-ħames sena tagħhom mit-twelid. Iċ-Ċiklu tas-Snin Bikrin issa jinkludi dawn is-snin f'ċiklu wieħed bl-għan li din il-bidla jkollha impatt, kemm jista' jkun, minimu. Imbagħad it-tfal jgħaddu minn tranżizzjoni oħra mit-2 Sena għat-3 Sena meta jibdew iċ-Ċiklu tal-Primarja.

18 Carr (2001)

**L-Involviment tal-Ġenituri**
Ir-rwol tal-ġenituri bħala sħab fil-proċess tal-edukazzjoni huwa importanti matul iċ-ċikli differenti, b'mod speċjali fis-Snin Bikrin. L-influwenza tad-dar fuq il-kisbiet personali tat-tfal ma tistax tiġi miċħuda u l-effetti tad-dar huma tanġibbli sa minn età bikrija. Il-ġenituri u l-ambjenti tas-Snin Bikrin għandhom jappoġġjaw lil xulxin permezz ta' firxa ta' faċilitajiet li jippermettu l-komunikazzjoni b'mod faċli u l-qsim ta' informazzjoni importanti. F'ambjenti li fihom l-informazzjoni hi aċċessibbli faċilment u b'nies effiċjenti, il-ġenituri u l-edukaturi jingħaqdu biex jgħinu lit-tfal jiżviluppaw lilhom infushom fi studenti kunfidenti u li jista' jkollhom sehem attiv fit-tagħlim tagħhom. Il-QKN jenfasizza r-rwol tal-ġenituri biex jappoġġjaw l-iżvilupp tat-tfal fid-dar u fil-komunità tagħhom ukoll.

**L-Assigurazzjoni tal-Kwalità**
Biex ikun assigurat li programm tas-Snin Bikrin ikun ta' kwalità għolja, jeħtieġ li jkun hemm opportunitajiet għall-awtoevalwazzjoni, ir-riflessjoni u l-mistoqsijiet kritiċi. Dan jista' jsir permezz ta' prattika kollaborattiva fejn jinżamm rekord u jkun hemm skambju ta' prattiċi tajba; fejn il-persuni involuti fl-ambjent tas-Snin Bikrin jiltaqgħu biex jiddiskutu, jirrevedu u jikkunsidraw avvenimenti, metodi u pedagoġiji; fejn l-edukaturi jiddiskuti l-għarfien tagħhom, josservaw oħrajn u jaqsmu r-riflessjonijiet u l-kunsiderazzjonijiet tagħhom.

Permezz tat-trawwim ta' kultura li fiha l-evalwazzjoni u r-riflessjoni jkunu rutina, l-edukaturi jiġu megħjuna biex jagħmlu l-emendi meħtieġa għall-prattiċi attwali tagħhom u biex japplikaw firxa ta' strateġiji u tekniki li jtejbulhom ir-riżultati tat-tagħlim għal numru akbar ta' tfal.

Peress li l-QKN qed jippromwovi atteġġjament ta' żvilupp f'dan iċ-ċiklu, li jeħtieġ metodu ta' tagħlim li jiffoka fuq l-istudenti, huwa importanti li tkun evalwata l-addattabilità tal-pedagoġiji u tal-attivitajiet ta' dan iċ-ċiklu ħalli jiġi identifikat fejn ikun hemm bżonn ta' aktar appoġġ professjonali.

**Ir-Riżultati tat-Tagħlim għas-Snin Bikrin**
Fis-Snin Bikrin l-enfasi għandha tkun fuq il-kompetenzi ġenerali żviluppati permezz ta' temi interkurrikulari li jwasslu biex ikunu stabbiliti l-pedamenti tat-tagħlim tul il-ħajja. Is-Snin Bikrin jistgħu jitqabblu ma' vjaġġ ta' skoperta li fih it-tfal jiskopru min huma bħala individwi, u jsibu posthom, u jistabbilixxu lilhom infushom fis-soċjetà, hekk kif jinteraġixxu mal-oħrajn. Biex jirnexxu fiż-żewġ każijiet, it-tfal jitgħallmu u jesperjenzaw modi ta' kif jużaw l-għodod tal-komunikazzjoni li huma meħtieġa għas-sodisfazzjon tagħhom stess, għall-iżvilupp personali u għall-impenn soċjali.

L-involviment attiv tat-tfal u t-tagħlim mill-esperjenza jippromwovi kompetenzi soċjali, komunikattivi u intellettwali f'ambjent li jrawwem il-benesseri personali u d-dispożizzjonijiet pożittivi għat-tagħlim.

**Il-Benesseri**
Ambjent sigur li joffri sigurtà lit-tfal hu ambjent stabbli u konsistenti. Dawn l-ambjenti jgħinu lit-tfal jibnu sens ta' stima tajba tagħhom infushom, jiżviluppaw identità individwali pożittva, u jiksbu l-kunfidenza fihom infushom u fil-kisbiet tagħhom. F'ambjent sigur, li fih iħossuhom milqugħa, it-tfal jingħataw il-libertà u jkunu jistgħu jesploraw u jesperimentaw waħedhom u mal-oħrajn, u jitgħallmu jieħdu riskju. It-tfal jistgħu jiżviluppaw strateġiji individwali li jgħinuhom iħabbtu wiċċhom ma' sfidi ġodda, isiru individwi awtonomi li jirregolaw u jiddeterminaw lilhom infushom u jagħmlu progress, jegħlbu d-diffikultajiet, u jħossuhom sodisfatti bl-isforzi tagħhom. Għaldaqstant, l-istudenti ż-żgħar isiru indipendenti.

Meta jsiru indipendenti u jitgħallmu jieħdu ħsieb tagħhom infushom, it-tfal żgħar jitgħallmu kif jittrattaw l-emozzjonijiet tagħhom, jagħrfu u jagħtu isem lill-emozzjonijiet, jaċċettaw lilhom infushom u jitgħallmu jkunu komdi magħhom infushom u mal-oħrajn. Meta jiżviluppaw il-kompetenzi soċjoemozzjonali, it-tfal żgħar jiksbu l-awtodixxiplina u jitgħallmu jkollhom kontroll tagħhom infushom u ta' dak li jistgħu jagħmlu. Barra mill-iżvilupp affettiv tagħhom, fis-Snin Bikrin it-tfal jitgħallmu min huma u x'jistgħu jagħmlu bl-attivitajiet fiżiċi li jippromwovu ħajja b'saħħitha.

**Il-Kompetenzi Soċjali**
Fis-Snin Bikrin, it-tfal jiksbu dejjem aktar l-għarfien tal-oħrajn u jitgħallmu jgħixu u jikbru flimkien. Jesperjenzaw u jieħdu sehem f'attivitajiet li fihom ikollhom jistennew meta jkun imisshom, jaqsmu r-riżorsi, jesperjenzaw l-ideat, il-proċessi ta' ħsieb, u l-kisbiet li jgħinuhom jiżviluppaw relazzjonijiet pożittivi u awtentiċi. Meta jagħmlu dan, it-tfal jitgħallmu xi tfisser li tirrispetta lill-oħrajn, li jagħtu valur lil xulxin, u jiżviluppaw sens ta' komunità. Flimkien, it-tfal għandhom isolvu l-kunflitti permezz tat-tagħlim biex jagħtu kontribut u jipparteċipaw f'demokrazija. L-iżvilupp tal-empatija jseħħ meta t-tfal ikunu jistgħu jifhmu l-emozzjonijiet li ħaddieħor ikun qed jesperjenza u jaraw perspettivi differenti.

It-tfal jiżviluppaw il-kompetenzi soċjali f'atmosfera li fiha jkun imħares il-benesseri tagħhom. F'dan l-ambjent, it-tfal żgħar jiżviluppaw l-identità morali; is-sens tat-tajjeb u l-ħażin biex jiddistingwu bejn x'inhu aċċettabbli u x'mhux; u jesperjenzaw u jaddottaw valuri skont kif ikunu ttrattati huma u kif jaraw lil ħaddieħor jiġi ttrattat.

**Il-Kompetenzi Komunikattivi**

Hemm ħafna għodod tal-komunikazzjoni li jgħinu lit-tfal jifhmu lilhom infushom u lill-oħrajn. L-aktar għodda predominanti li tiffaċilita l-komunikazzjoni hi l-lingwa. Meta t-tfal jimpenjaw ruħhom u jkollhom esperjenzi li fihom jużaw il-lingwa mitkellma u stampata, ikunu qed isaħħu l-ħiliet tagħhom biex jaħsbu, jifhmu, jesprimu lilhom infushom, u jwessgħu r-relazzjonijiet soċjali tagħhom. L-għanijiet ġenerali tal-lingwa fis-Snin Bikrin għandhom jiffukaw, b'mod speċjali, fuq l-għajnuna biex it-tfal isiru aktar konxji mill-funzjonijiet u mill-għanijiet tal-ħiliet tal-lingwa[19] li jagħmluha għodda versatili għal kull membru tas-soċjetà. Fejn jidħol it-tagħlim tal-lingwa, sa minn età żgħira, it-tfal jiksbu flessibbiltà u kontroll fuq il-lingwa permezz tal-għażla korretta u xierqa tal-kliem; permezz tat-twessigħ tal-vokabolarju; billi jitgħallmu kif jasserixxu ruħhom, u billi jsiru konxji tal-influwenza sottili li għandha l-lingwa fuq is-soċjetà. Is-smigħ, it-taħdit, il-qari u l-kitba huma għodod li jintużaw kontinwament għal għanijiet u funzjonijiet differenti.

Filwaqt li jitgħallmu jirrispettaw, jippromwovu u jsaħħu l-ewwel lingwa tagħhom, it-tfal żgħar li jgħixu f'kuntest Malti jibdew ukoll il-vjaġġ tagħhom biex jitgħallmu t-tieni lingwa. Din hi riflessjoni diretta ta' soċjetà aktar wiesgħa, aktar milli ħtieġa immedjata tat-tfal. Minkejja dan, huwa importanti li t-tfal ikunu esposti għaż-żewġ lingwi uffiċjali tal-pajjiż b'metodi li jagħmlu sens u li jservu biex jippromwovu it-tagħlim u l-fehim tad-dinja u li jmorru lil hinn mit-tagħlim tal-lingwa fiha nnifisha. It-tagħlim tat-tieni lingwa jista' jkun suċċess jekk il-lezzjonijiet ikunu mgħallma mill-akkwist tal-ilsien nattiv, u l-pedagoġiji użati fl-ambjenti aktar formali tal-iskola għandhom ikunu mmexxija minn prinċipji li huma addattati għall-grupp partikolari, skont l-età.

Barra l-lingwa, sa minn età relattivament żgħira, it-tfal jiġu esposti wkoll għal sorsi alternattivi ta' aċċess għall-komunikazzjoni li ġew imtejba ħafna bis-saħħa tal-aċċess mifrux tat-teknoloġiji diġitali. It-tfal li qed jikbru fis-seklu 21 jeħtieġ li jkollhom kompetenzi diġitali li jippermettulhom jikkomunikaw b'mod aktar effettiv, mhux biss mal-kuntatti immedjati tagħhom, imma wkoll mal-oħrajn. Id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà għal sorsi differenti ta' informazzjoni jippermettu lit-tfal biex jieħdu sehem u jagħmlu sens mid-dinja ta' madwarhom; iħeġġuhom jikkomunikaw u jikkollaboraw; jippromwovu l-ħiliet biex jagħmlu r-riċerka, u biex ifittxu u jsibu, jaħżnu, u jiksbu l-informazzjoni.

**Id-Dispożizzjonijiet għat-Tagħlim**

Ambjent iffukat fuq it-tfal iħeġġeġ lit-tfal biex isibu l-affarijiet għalihom infushom u biex jagħmlu l-esperimenti, ittestjar ta' ipoteżijiet, provi u żbalji. Bis-saħħa ta' atteġġjamenti prattiċi fit-tfittxija għal tweġibiet ta' attivitajiet mibdija minnhom stess, it-tfal żgħar jiżviluppaw il-perseveranza u l-konċentrazzjoni. Ir-rwol tal-adulti jrid ikun sensittiv għall-interessi tat-tfal u għall-inklinazzjonijiet tagħhom u dan għandu jipprovdi ambjent stimulanti li jħajjarhom ifittxu l-informazzjoni. Dan l-ambjent jippermetti li jkun hemm attivitajiet ibbażati fuq it-tiftix u l-istħarriġ indipendenti, li bihom jiftakru u jifhmu liema u kif jistgħu jinkisbu ċerti riżultati. It-tfal jitgħallmu aktar meta jagħmlu xi ħaġa milli meta jisimgħuha. Barra minn hekk, għandhom jieħdu gost jitgħallmu u jkollhom sens reali li huma altru minn kapaċi li jitgħallmu u jiksbu.

**Il-Kompetenzi Intellettwali**

L-esperjenzi tas-Snin Bikrin joffru lit-tfal il-possibbiltajiet li jimpenjaw ruħhom u jifhmu d-dinja ta' madwarhom. Għandu jsir kull sforz biex jiġi assigurat li l-attivitajiet, l-ambjenti, u r-riżorsi joffru sfida u li t-tfal jingħataw il-possibbiltà li jagħmlu użu minn sorsi differenti ta' informazzjoni. L-ambjenti tas-Snin Bikrin huma responsabbli biex jgħinu lit-tfal isiru konxji mill-ħiliet u mill-istrateġiji meħtieġa biex jaċċessaw, ifittxu, jieħdu, jiksbu, jorganizzaw u jifhmu l-informazzjoni. Mgħammrin bl-istrateġiji addattati u b'atteġġjament b'saħħtu għat-teħid tar-riskji, it-tfal jeħtieġu firxa ta' ħiliet konjittivi, bħalma huma l-ħiliet li jidentifikaw, jiddeskrivu, iqiegħdu f'ordni, fi gruppi jew f'sekwenza, jikklassifikaw, jikkategorizzaw u jqabblu.

Dawn il-kompetenzi jistgħu jissarrfu f'riżultati ta' tagħlim li t-tfal mistennija jiksbu sa meta jkunu se jgħaddu mis-Snin Bikrin għaċ-Ċiklu tal-Primarja. L-iżvilupp sħiħ tal-kontribuzzjonijiet tat-tfal iwassal għall-kisba b'suċċess tar-riżultati kollha.

**IS-SNIN BIKRIN - RIŻULTAT 1: Tfal li jiżviluppaw sens qawwi ta' identità**

- Tfal li jiżviluppaw f'ambjent sigur u li jistgħu jafdaw, fejn iħossuhom komdi jesprimu lilhom infushom.
- Tfal li jiżviluppaw sens ta' indipendenza u awtonomija.
- Tfal responsabbli u b'saħħithom f'mumenti ta' sfida.

19 Il-ħiliet tal-lingwa huma s-smigħ, it-taħdit, il-qari u l-kitba. Il-'Ħiliet tal-Lingwa' hu terminu wiesa' li jintuża biex jirreferi għall-ħiliet li bihom nirċievu u nipproduċu.

**IS-SNIN BIKRIN - RIŻULTAT 2: Tfal li jħarsu b'mod pożittiv lejhom infushom**

- Tfal li jemmnu fihom infushom, li huma konxji bis-sħiħ mill-potenzjal u l-kapaċitajiet tagħhom.
- Tfal li jiksbu kunfidenza fihom infushom u fil-kisbiet tagħhom.
- Tfal li jiżviluppaw attitudnijiet pożittivi li jippermettulhom jieħdu inizjattivi u riskji.

**IS-SNIN BIKRIN - RIŻULTAT 3: Tfal li kapaċi jissoċjalizzaw**

- Tfal li kapaċi jistabbilixxu relazzjonijiet mal-oħrajn.
- Tfal li jiżviluppaw sens ta' empatija u rispett u li jaċċettaw ideat differenti.
- Tfal konxji mill-kunċetti tal-ġustizzja u mit-trattamenti diskriminatorji.
- Tfal li jaħdmu flimkien ma' sħabhom u ma' adulti ġejjin minn ambjenti u bżonnijiet diversi.

**IS-SNIN BIKRIN - RIŻULTAT 4: Tfal li jikkomunikaw b'mod effettiv**

- Tfal li kapaċi jużaw forom differenti ta' mezzi ta' komunikazzjoni.
- Tfal li jinteraġixxu u jagħmlu konnessjoni ma' varjetajiet ta' testi u materjali stampati biex ikunu aktar konxji mill-għanijiet/funzjonijiet tal-istampar.
- Tfal midħla tas-simboli u l-mudelli, u tal-użu tagħhom.
- Tfal konxji mis-sistemi differenti tal-lingwa, l-aktar il-L1 u l-L2.
- Tfal li jieħdu sehem fil-litteriżmu diġitali bħala mod li bih jiksbu d-*data*, kif ukoll bħala mezz li bih jippreżentaw u jikkomunikaw l-ideat tagħhom.
- Tfal kapaċi fl-użu tan-numri, fl-interpretazzjoni tad-*data*, fil-forom, fil-qisien u fl-istampar f'kuntest, ħalli jkunu jistgħu jiksbu minnhom l-għerf u t-tagħrif kif ukoll il-fehim u jagħtuhom tifsira.

**IS-SNIN BIKRIN - RIŻULTAT 5: Tfal li jħaddnu attitudnijiet pożittivi lejn it-tagħlim u li jsiru studenti impenjati u kunfidenti**

- Tfal li għandhom firxa ta' ħiliet konjittivi bħal li jidentifikaw, jagħrfu, jagħżlu/jikklassifikaw, jagħmlu ipoteżi, ibassru, iqabblu, jagħmlu sekwenza u jiġbru fi grupp/i.
- Tfal li jiżviluppaw attitudnijiet pożittivi li jinkludu l-entużjażmu u l-motivazzjoni, il-kurżità, il-mistoqsijiet, il-konċentrazzjoni, il-perseveranza, l-immaġinazzjoni, il-ħila li jaċċettaw suġġerimenti alternattivi/kritika.
- Tfal li għandhom il-motivazzjoni li jwessgħu l-għerf tagħhom u li jirrinfurzaw il-fehim tagħhom permezz tal-aċċessibbiltà għal sorsi differenti ta' informazzjoni li jkollhom f'idejhom.

## 03.3 Is-Snin tal-Primarja (3 Sena – 6 Sena)

### 03.3.1 Introduzzjoni

Matul dan iċ-ċiklu, it-tfal jibqa' jkollhom id-dritt għal ambjent edukattiv stimulanti, ferrieħi, sigur u li jħarishom. Dan l-ambjent għandu jibni fuq l-esperjenzi tas-Snin Bikrin, u jippromwovi l-iżvilupp tal-potenzjal sħiħ tagħhom fl-aspetti kollha tat-tagħlim biex b'hekk iwitti t-triq għall-binja tal-ħiliet u għat-tagħlim tul il-ħajja li jiġu msaħħa fil-livell Sekondarju. L-isfida li għandna hi marbuta mal-assigurazzjoni li biha l-kurrikulu tal-Primarja jippermetti l-implimentazzjoni ta' pedagoġiji mibnija fuq metodu soċjokostruttiv li jirrispetta xejriet individwali ta' tagħlim u jħeġġeġ it-tagħlim koperattiv, li jindirizza l-ħtiġijiet tat-tfal kollha, u li jnaqqas l-enfasi żejda fuq il-mentalità ta' 'għaddejt' jew 'm'għaddejtx' li ġejja minn sistema msejsa fuq l-eżamijiet.

Fis-Snin tal-Primarja, l-edukazzjoni għandha l-għan li:

- tappoġġja lit-tfal fil-vjaġġ tagħhom biex jiskopru l-gost tat-tagħlim.
- issaħħaħ l-iżvilupp sħiħ tat-tfal.
- tagħti l-ħila lit-tfal biex jiksbu l-għerf, il-kunċetti, il-ħiliet, il-valuri u l-attitudnijiet li jiżviluppawhom fi studenti li jibqgħu jitgħallmu tul ħajjithom u li jiżviluppaw bil-pass individwali tagħhom.

Matul is-Snin tal-Primarja, l-ambjent u l-esperjenzi edukattivi għandhom l-għan li jtejbu l-ħila tat-tfal għat-tagħlim. Din tinkiseb bl-ippjanar, bl-implimentazzjoni, u bl-evalwazzjoni ta' attivitajiet edukattivi li jiżviluppaw il-ħila tat-tfal biex jiksbu, jifhmu u japplikaw l-għerf, jiżviluppaw u jipprattikaw varjetà wiesgħa ta' kompetenzi ewlenin, u jassorbu attitudnijiet u valuri pożittivi. Il-programmi speċifiċi tal-istudju u l-modi tal-assessjar għandhom ikunu ċari, validi u relevanti.

Il-kurrikulu tas-Snin tal-Primarja jgħin lit-tfal biex jiżviluppaw fi studenti li huma:

- kunfidenti, u li għandhom idea pożittiva u stima għolja tagħhom infushom, u li huma kapaċi jħaddnu relazzjonijiet soċjoemozzjonali b'saħħithom.
- kritiċi u ħassieba innovattivi li joħorġu b'ideat kreattivi u jpoġġuhom fil-prattika.
- profiċjenti fl-użu tal-Malti u l-Ingliż.
- kapaċi fil-matematika u li għandhom pedament sod fir-raġunar u l-kunċetti matematiċi.
- litterati fix-xjenza, u li kapaċi jidħlu għal eżerċizzji ta' tiftix li jħeġġu l-imħabba għall-istħarriġ u l-meravilja.
- kapaċi jimplimentaw il-metodi tad-disinn u jqegħduhom fl-ambjent tagħhom.

- litterati b'mod diġitali, u li kapaċi jużaw u jaddattaw għal teknoloġiji ġodda.
- attivi fiżikament, u li kapaċi jagħmlu għażliet favur stil ta' ħajja b'saħħitha.

### 03.3.2 L-Għanijiet tal-Edukazzjoni Primarja

Il-QKN għandu l-għan li jiżviluppa:

**A. Studenti li kapaċi jiżviluppaw b'suċċess il-potenzjal kollu tagħhom billi jibqgħu jitgħallmu tul ħajjithom**

Dan għandu jwassal għall-iżvilupp ta':

**Ħiliet personali u soċjali**
Il-ħiliet intrapersonali u komunikattivi tat-tfal huma żviluppati biex iwasslu għal stima, fiduċja, u għarfien tagħhom infushom. Sistema għalkollox integrata mal-medda kollha tal-kurrikulu tagħni dawn il-ħiliet fl-ambitu tad-dominju affettiv biex tiżviluppa l-kapaċità tat-tfal biex jibnu relazzjonijiet sodi magħhom infushom, ma' sħabhom, u mal-adulti.

**Żvilupp morali u spiritwali**
L-iżvilupp tad-dimensjonijiet morali, spiritwali, u reliġjużi jikkontribwixxi għall-kapaċità tat-tfal li jivvalutaw, japprezzaw, jipperċepixxu, u jinterpretaw id-dinja li jgħixu fiha. Dan għandu l-għan li jdaħħal lit-tfal f'tiftixa profonda u li ttul mal-ħajja għall-verità u għall-valur tal-ħajja u tal-eżistenza permezz ta' perspettiva Kattolika. Se jkun hemm programm ta' edukazzjoni etika bħala alternattiva għall-programmi ta' edukazzjoni reliġjuża denominazzjonali. Dan il-programm hu suġġett għall-etos ta' kull skola, kif ukoll għal kunsiderazzjonijiet loġistiċi.

**Litteriżmu, matematika bażika u litteriżmu diġitali**
Il-litteriżmu, il-matematika bażika, u l-litteriżmu diġitali huma l-pedamenti biex jitkompla t-tagħlim. Permezz ta' programmi li jibnu fuq il-ħiliet li jkunu nkisbu fis-Snin Bikrin, it-tfal isiru profiċjenti fit-taħdit, is-smigħ, il-qari, u l-kitba kemm bil-Malti u kemm bl-Ingliż. Il-kunċetti u l-lingwaġġ matematiku jinkisbu permezz ta' tagħlim sistematiku u attivitajiet tat-tagħlim li jgħinu lit-tfal jiżviluppaw fil-matematika bażika u fil-ħiliet li jsolvu l-problemi. Il-progressjoni tinkiseb permezz tal-ħsieb, il-manipulazzjoni, ir-rappurtaġġ, u l-preżentazzjoni tar-riżultati. Il-litteriżmu diġitali hu żviluppat mal-litteriżmu u l-matematika bażika bl-użu ta' teknoloġiji differenti mit-tfal.

**Bilingwiżmu u multilingwiżmu**
Minbarra l-iżvilupp simultanju tal-Malti u l-Ingliż, lejn l-aħħar Snin tal-Primarja t-tfal ikunu mħeġġa jagħmlu programm ta' għarfien ta' lingwa barranija. It-tagħlim ta' żewġ lingwi oħra barra l-ilsien nattiv, sa minn età żgħira hu marbut mal-iżvilupp tal-multilingwiżmu. (Il-Konklużjonijiet ta' Barċellona, 2002).

**Kompetenza fix-xjenza u t-teknoloġija**
Il-ħiliet fis-soluzzjoni tal-problemi u fit-tqegħid tal-mistoqsijiet jinkisbu permezz ta' ħidma prattika u bl-istħarriġ tal-ideat. Il-ħiliet tal-investigazzjoni, tat-tfassil u l-għemil, tal-ittestjar, u tar-rappurtaġġ għandhom jingħataw ukoll l-importanza.

**Ħsieb kritiku u innovattiv**
Matul is-Snin tal-Primarja, it-tfal jużaw l-immaġinazzjoni u l-kurżità tagħhom biex jinvestigaw problemi u jesploraw is-soluzzjonijiet possibbli. Jieħdu sehem f'esperjenzi differenti u jiltaqgħu ma' mezzi u materjali differenti li jiżviluppawlhom l-ideat tagħhom u li bihom jesperimentaw modi alternattivi kif isolvu l-problemi. Jitgħallmu jiffukaw fuq modi sistematiċi biex jindirizzaw il-problemi, jiġbru, jittestjaw u janalizzaw informazzjoni, u biex japplikaw ir-riżultati ħalli jsolvu l-problemi f'sitwazzjonijiet differenti.

**Apprezzament estetiku u espressjoni kreattiva**
Permezz tal-Edukazzjoni tal-Arti, it-tfal japprezzaw, jirrispondu, jipparteċipaw, u jesploraw wirjiet u espressjonijiet kreattivi.

**B. Studenti li kapaċi jsostnu l-opportunitajiet tagħhom fid-dinja tax-xogħol**

Għalkemm fiċ-Ċiklu tal-Primarja t-tfal huma maqtugħin bis-sħiħ mid-dinja tax-xogħol, il-pedament tal-ħiliet u tal-attitudnijiet għall-impjegabilità tagħhom għandhom jitrawmu sa minn età żgħira. Dawn il-ħiliet u l-attitudnijiet jiżviluppaw permezz ta' dawn il-fatturi:

**Ħila li jikkomunikaw b'mod effettiv u b'kunfidenza**
Il-ħiliet komunikattivi fl-oqsma verbali, mhux verbali, bil-miktub, viżivi, fiżiċi, tekniċi u emozzjonali/espressivi għandhom ikunu żviluppati biex iħejju lit-tfal ħalli jkunu jistgħu jirrispondu u jieħdu sehem fis-sitwazzjonijiet li jsibu ruħhom fihom, skont kif iseħħu.

**Kompetenza fl-użu tat-teknoloġiji l-ġodda tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni**
Issir enfasi fuq l-akkwist tal-ħiliet bażiċi fl-informatika relatati mas-sigurtà u l-użu. Il-Litteriżmu Diġitali jħeġġeġ lill-istudenti biex jiskopru u jużaw sorsi diġitali ta' *data*, joħolqu preżentazzjonijiet multimedji diġitali, u jużaw għodod kollaborattivi. L-istudenti jkunu jistgħu jipprogrammaw apparati biex jirrispondu għal programmi bl-użu ta' *interface* ikoniku simplifikat. Ikunu jistgħu jibagħtu ittri elettroniċi u jehmżu dokumenti u affarijiet oħra magħhom, jużaw il-VOIP u s-sistema tal-konferenzi bil-vidjow, u jiċċettjaw biex jikkollaboraw ma' oħrajn.

jitgħallmu u jipprattikaw l-etika u miżuri ta' sigurtà fuq l-internet.

**Ħila li jitħarrġu, jerġgħu jitħarrġu u jiżviluppaw ħiliet ġodda**
Strateġiji xierqa ta' tagħlim jagħtu l-ħila lit-tfal biex jilqgħu għall-punti b'saħħithom u għal-limitazzjonijiet tagħhom, u jagħtuhom il-ħila li jtejbu u jaddattaw ruħhom b'mod intelliġenti għar-realtaijiet u l-kuntesti li jinbidlu.

**Stabbiltà u indipendenza ekonomika**
It-tfal jitgħallmu jieħdu l-inizjattiva u jsiru ħassieba indipendenti u parteċipanti billi jaħdmu fi gruppi. Il-fehim inizjali tagħhom tal-valur tal-ħidma koperattiva u kollaborattiva jitkompla jissaħħaħ fil-livell tal-Primarja. Permezz tal-esperjenzi tagħhom, isiru konxji tal-kontribut importanti ta' kull membru tas-soċjetà lejn il-ġid tal-komunità. Biex it-tagħlim ikun flessibbli, persistenti u b'saħħtu, jeħtieġ li jwitti t-triq għal ċittadinanza responsabbli.

**Innovazzjoni u intraprenditorija**
It-tfal jivvalutaw il-proċessi li jwasslu għall-ħolqien u għall-implimentazzjoni ta' ideat ġodda. Permezz tat-teħid tar-riskji, l-ippjanar, il-perseveranza, u l-użu tal-immaġinazzjoni tagħhom, jifhmu u jiżviluppaw il-ħila li jaħsbu, joħolqu, u li jagħtu valur lil prodotti ġodda li jgħinu lilhom u lil oħrajn jaddattaw għall-bidliet li jiġru fis-soċjetà. Il-kisba li jemmnu fihom infushom u l-ħila li jkunu utli u produttivi għalihom infushom, għal sħabhom, għall-klassi u għall-iskola twassal għal attitudnijiet xierqa li aktar 'il quddiem fil-ħajja huma meħtieġa għall-ġid komuni.

**Ħila li jkunu lesti li jħaddnu bil-qalb il-mobilità u l-iskambji ma' studenti oħra**
L-iskambji tal-iskejjel ma' studenti minn kulleġġi, setturi, bliet u pajjiżi oħra jippermettu u jħeġġu l-mobilità. Dawn l-attivitajiet iħejju lit-tfal għat-tibdil soċjali, kulturali, u ekonomiku li jesperjenzaw tul ħajjithom. Il-multilingwiżmu u l-għarfien ta' kulturi u stili ta' ħajja differenti jwessgħu l-ideat tat-tfal u l-apprezzemant tad-diversità.

**Viżjoni ta' sistemi ta' realtà li jiffaċilitaw l-impenn tat-tfal fil-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli**
Sa minn età żgħira, it-tfal jistgħu japprezzaw u jagħtu valur lill-empatija, u b'appoġġ xieraq jistgħu jiżviluppaw il-kurżità, l-entużjażmu u l-ġudizzju tajjeb. Bl-għajnuna tat-tagħlim ibbażat fuq is-sens inkwiżittiv, it-tfal jitgħallmu jifhmu li l-azzjonijiet kollha jista' jkollhom effetti fit-tul fuq il-komunitajiet u s-soċjetajiet.

**Involviment attiv fi kwistjonijiet relatati mal-iżvilupp sostenibbli**
Iċ-ċittadinanza responsabbli twassal għal ċittadinanza attiva. It-tfal jibnu sens ta' komunità billi jiksbu sistemi ta' valur u twemmin li huma l-aktar komuni fl-iskola u fid-dar tagħhom. Bis-saħħa tal-esperjenzi tagħhom, inkluż dawk ta' natura interkurrikulari, it-tfal isiru konxji ta' firxa ta' soluzzjonijiet kredibbli u jieħdu azzjoni biex itejbu l-ambjent immedjat tagħhom. Isiru konxji wkoll ta' kwistjonijiet nazzjonali u reġjonali u jiżviluppaw opinjonijiet infurmati dwarhom.

**Ċ. Studenti li huma ċittadini responsabbli u impenjati għall-ġustizzja soċjali fir-realtajiet lokali, reġjonali u globali li qed jinbidlu l-ħin kollu**

Dawn l-istudenti jeħtieġ li:

**Jirrispettaw id-diversità u jagħtu valur lid-differenza**
It-tfal jiskopru x-xebh u d-differenzi ta' madwarhom permezz tal-involviment tagħhom f'diversi kulturi u lingwi. B'dan il-mod, jibdew jifhmu d-diversità u jagħtuha valur.

**Jirrispettaw u jippromwovu l-kultura u l-wirt Malti**
Matul is-Snin tal-Primarja, it-tfal għandhom jesperjenzaw il-wirt u r-rikkezza nazzjonali u kulturali tagħhom. Bis-saħħa ta' żjajjar, wirjiet u opportunitajiet diretti oħra, it-tfal jistudjaw u jistħarrġu l-imgħoddi u l-preżent ta' pajjiżhom. It-tagħlim imsejjes fuq l-istħarriġ, l-opportunità li jaraw biċċiet ta' xogħol tal-arti fuq il-post, kif ukoll bl-istudju ta' dokumenti u testi, it-tfal jifhmu aktar u aħjar min huma u minn fejn ġejjin. It-tfal jistgħu jinvolvu ruħhom, b'mod attiv, fi proġetti li jgħinu fil- konservazzjoni tal-wirt reġjonali u nazzjonali tagħhom. Il-mobilità tal-istudenti u l-proġetti ta' ġemellaġġ ma' skejjel Ewropej u ma' skejjel barranin oħra huma mħeġġa jkunu parti mill-esperjenzi ta' kull student/a.

**Jiżviluppaw kompetenza interkulturali u japprezzaw il-wirt tagħhom f'kuntest Mediterranju, Ewropew u globali**
It-tfal isaħħu l-ħila tagħhom biex japprezzaw ir-realtajiet soċjali, kulturali, nazzjonali u ġeografiċi billi jitgħallmu tagħrif storiku u ġeografiku, u jiżviluppaw attitudnijiet u ħiliet li jippromwovu l-fehim interkulturali. Id-dimensjonijiet Mediterranji u Ewropej huma ta' interess partikolari għat-tfal ta' dan il-livell. Il-parteċipazzjoni fi proġetti ta' ġemellaġġ u ta' mobilità fl-UE, bħall-proġett tal-*e-Twinning* u l-Comenius, fost l-iskejjel f'livelli lokali u internazzjonali tiffaċilita l-esperjenzi interkulturali.

**Jaħdmu għat-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali u jiżguraw il-ġustizzja soċjali**
Meta tapprezza d-diversità u d-differenza filwaqt li tikkonċentra fuq il-karatteristiċi komuni, tippromwovi t-tolleranza u l-ħila biex jintgħarfu modi li bihom komunità tista' taħdem biex ikollha soċjetà b'aktar koeżjoni soċjali. Fuq livell ta' klassi, ta' sena u ta' skola, it-tfal jinvolvu ruħhom f'tagħlim kollaborattiv li jippromwovi prattiċi li huma inklużivi soċjalment.

**Isostnu l-ġustizzja soċjali u l-prinċipji tad-demokrazija**
It-tfal jitgħallmu fuq il-ġustizzja soċjali u d-demokrazija billi jifhmu d-drittijiet u d-dmirijiet personali tagħhom billi jkunu involuti b'mod attiv f'diskussjonijiet, dibattiti u prattiċi ta' tmexxija. Huwa rakkomandat li jkun hemm rabiet interkurrikulari biex dan l-għan kruċjali jkun żviluppat u jinkiseb aħjar.

**L-Oqsma tat-Tagħlim**
L-oqsma tat-tagħlim tfasslu b'mod li jassiguraw li jkun hemm kurrikulu, b'bażi wiesgħa u bilanċjata, li jindirizza u jwettaq l-għanijiet deskritti qabel. Il-pedagoġiji effettivi huma inklużi fl-iżvilupp tal-oqsma tat-tagħlim li ġejjin.

**Il-Lingwi**
Il-lingwi jinkoraġġixxu lit-tfal jiżviluppaw:

- il-ħiliet tas-smigħ, tat-taħdit, tal-qari, tal-kitba u tal-preżentazzjoni.
- il-ħiliet li jorganizzaw il-ħsibijiet, l-ideat, l-emozzjonijiet u l-għerf tagħhom; li jikkomunikaw ma' oħrajn u li jwieġbu skont kif jikkomunikaw l-oħrajn magħhom.
- bħala persuni kompetenti fl-użu tal-Malti u tal-Ingliż, u li jkunu kapaċi japprezzaw u jieħdu gost bil-wirt letterarju taż-żewġ lingwi.
- ħiliet intellettwali li jippermettu l-istudenti jesploraw u jużaw b'mod effettiv il-mistoqsijiet, l-informazzjoni, il-ħsieb kritiku, it-teħid tad-deċiżjonijiet u l-memorja.
- l-għarfien tal-lingwi barranin biex l-istudenti jinfetħu għal lingwi u kulturi oħra, b'dispożizzjoni pożittiva lejn il-mobilità u esperjenzi ġodda.

Il-Malti u l-Ingliż huma l-lingwi ewlenin f'dan il-qasam tat-tagħlim. Madankollu qed ikun propost kors ta' għarfien tal-lingwi lejn l-aħħar snin taċ-Ċiklu tal-Primarja. Qed ikun suġġerit li l-iskejjel jieħdu d-deċiżjoni tagħhom dwar liema lingwa/lingwi għandhom jiddaħlu.[20]

Il-ħiliet tat-taħdit u s-smigħ, u t-tweġib għal testi varji (miktuba, viżivi, mitkellma u mismugħa) u l-ħiliet komunikattivi jingħataw l-importanza permezz ta' firxa wiesgħa ta' esperjenzi awtentiċi bis-saħħa ta' riżorsi differenti fosthom sitwazzjonijiet u avvenimenti, materjali stampati, testi letterarji u teknoloġiji diġitali.

Fil-każ tal-Malti u l-Ingliż, l-assessjar isir fl-erba' ħiliet tal-lingwa (is-smigħ, it-taħdit, il-qari u l-kitba) u tkun meqjusa wkoll il-firxa wiesgħa tal-livelli ta' kisbiet. Fi tmiem iċ-Ċiklu tal-Primarja, l-erba' ħiliet tal-Malti u l-Ingliż ikomplu jkunu assessjati fl-eżerċizzju nazzjonali tal-livelli *(Benchmark)*li kien introdott fl-2011.

**Il-Matematika**
It-tagħlim li jsir f'dan fil-qasam jippermetti lit-tfal jiżviluppaw:

- ħiliet essenzjali fil-matematika bażika li jgħinuhom fil-ħajja ta' kuljum.
- kompetenzi numeriċi ewlenin li jinkludu il-fehim ta' kunċetti, prinċipji, u applikazzjonijiet.
- metodi kreattivi fl-erba' fergħat, li huma: l-użu tan-numri, il-kejl, l-ispazju u l-forom, u l-immaniġġjar tad-*data*.
- ħsieb loġiku u t-tħaddim ta' proċessi investigattivi li jwasslu għal soluzzjonijiet.
- applikazzjoni ta' kunċetti matematiċi fuq suġġetti relatati mad-deċiżjonijiet u l-ippjanar finanzjarju.

It-tfal kollha għandu jkollhom esperjenza matematika ta' pjaċir u li tħalli l-frott. Dan jista' jinkiseb bl-aħjar mod permezz ta' taħlita ta' stili differenti ta' tagħlim u bit-tagħlim differenzjat li jagħraf l-istili differenti tat-tagħlim.

Minbarra l-assessjar kontinwu f'kull waħda mill-erba' fergħat, huwa rakkomandat li fi tmiem is-sena jkun hemm eżami, fl-aħħar snin taċ-Ċiklu tal-Primarja. Fi tmiem is-Snin tal-Primarja, l-eżerċizzju nazzjonali tal-livelli (il-*benchmark*) ikompli jinkludi l-karta tal-matematika mentali/orali, kif ukoll il-karta miktuba biex ikun assigurat li l-firxa tal-ħiliet neċessarji tingħata l-importanza tagħha matul iċ-ċiklu.

**Ix-Xjenza u t-Teknoloġija**
Fiċ-Ċiklu tal-Primarja, l-iskop ta' dan is-suġġett għandu jkun fuq il-ħolqien tal-għarfien u l-iżvilupp ta' sens ta' meravilja bid-dinja. Fl-istess ħin għandhom ikunu introdotti kunċetti xjentifiċi u vokabolarju relatat. Il-programmi tax-xjenza fis-Snin tal-Primarja jħeġġu lit-tfal biex:

- jiżviluppaw sistema bbażata fuq l-istħarriġ ħalli jsibu l-fatti billi josservaw, jesploraw u jinvestigaw l-ambjent tagħhom.
- jikkomunikaw ir-riżultati tagħhom b'mod orali, bl-istampi u bil-kitba.
- jitgħallmu kif taħdem ix-xjenza u kif l-informazzjoni tkun skoperta permezz ta' kuntesti bijoloġiċi, kimiċi, fiżiċi u ambjentali.

Ix-xjenza tista' tiġi mgħallma permezz tal-logħob u b'attivitajiet prattiċi oħra, b'enfasi fuq l-osservazzjoni u l-komunikazzjoni tal-esperjenzi. It-tfal jistgħu jkunu mħeġġa jagħmlu rabta max-xjenza billi jieħdu sehem f'investigazzjonijiet sempliċi biex jistaqsu; jużaw diversi mezzi u jallokaw it-tagħrif addattat; kif ukoll jużaw ir-rakkonti ta' stejjer u d-drama biex jorbtu x-xjenza mal-ħajja ta' kuljum u mal-ambjent li jgħixu fih.

20 Il-Qafas Komuni Ewropew (Il-Kunsill tal-Ewropa, 2001) iġib 'il quddiem il-ħtieġa tal-multilingwiżmu. Għalkemm m'għandux ikun impost it-tagħlim ta' ħafna lingwi, it-tfal għandhom jingħataw l-opportunità li tal-inqas jistudjaw lingwa oħra (L3), b'mod informali jew semiformali, fl-aħħar Snin tal-Primarja. Ix-xejriet attwali tat-tagħlim tal-lingwi jindikaw li metodu tajjeb ta' tagħlim hu dak li jinvolvi djalogu interattiv li fih l-istudenti jiġu esposti biex jitgħallmu l-lingwa u l-kultura permezz ta' attivitajiet lingwistiċi magħżula apposta.

L-assessjar tas-suċċess tal-istudenti għandu jsir fl-istess waqt li jsir it-tagħlim u għandu jinvolvi attivitajiet li fihom isolvu l-problemi. Dan għandu jkun formattiv u bbażat mhux biss fuq il-kisbiet individwali imma għandu jinkludi wkoll l-assessjar ta' grupp u l-awtoassessjar. B'hekk jinkoraġġixxi lill-istudenti jagħmlu sens minnhom infushom u jqisu ruħhom bħala "xjenzati żgħar" fil-komunità tal-klassi tagħhom. Ir-riżultati tat-tagħlim jistgħu jittieħdu u jkunu rrappurtati f'diversi forom bħal investigazzjonijiet, *logbooks* u portfolji. L-assessjar għandu jkun rakkont narrattiv jew "storja ta' tagħlim" li tiddokumenta l-ħiliet u l-proċessi tax-xjenza kif esperjenzati mill-istudent.

Id-Disinn u t-Teknoloġija jħeġġu lill-istudenti biex:

- jiġġeneraw, jiżviluppaw u jikkomunikaw l-ideat tagħhom għall-prodotti li jkun hemm bżonn.
- jitgħallmu jippjanaw il-pass li jkun imiss.
- jagħżlu l-għodod, it-tekniki u l-materjali.
- jistħarrġu l-kwalitajiet tal-materjali billi jużaw is-sensi.
- ikejlu, jimmarkaw, jaqtgħu, jiffurmaw, u jikkombinaw il-materjali u l-komponenti.
- jitgħallmu dwar il-proċeduri ta' sigurtà; u jeżaminaw b'mod kritiku dak li jkunu qed jagħmlu u jippruvaw itejbuh.

L-assessjar fid-Disinn u t-Teknoloġija hu kontinwu, ir-rispons ħafna drabi huwa immedjat waqt li t-tfal ikunu qed jużaw il-materjali, l-għodod, il-prodotti u l-programmi. Fil-biċċa l-kbira tiegħu l-assessjar huwa formattiv u jista' jinżamm rekord tax-xogħlijiet/portfolju għal dan il-għan.

**L-Edukazzjoni Reliġjuża u Etika**

Matul is-Snin tal-Primarja, l-Edukazzjoni Reliġjuża tisfida lit-tfal biex imorru lil hinn mill-għerf tagħhom. Dan għandu jkun proċess ta' skoperta personali, li fih jiskopru l-individwalità tagħhom fil-kuntest ta' komunità għanja bl-esperjenzi. Għaldaqstant, il-prattiċi tal-klassi jħeġġu l-istħarriġ, l-investigazzjoni u t-tiswir tat-tifsir. Għandhom jintużaw riżorsi multimedji, stejjer, biċċiet tal-arti kreattiva, diskussjonijiet u attivitajiet prattiċi biex iqanqlu u jħeġġu lit-tfal isawru t-tifsir. L-assessjar għandu jkun, prinċipalment, formattiv aktar milli summattiv. Dan għandu jkun integrat fil-proċess kollu tat-tagħlim biex ikun assigurat li t-tfal ikunu kisbu dak li hu dritt tagħhom skont ir-riżultati identifikati tat-tagħlim.

L-għalliema huma mħeġġa jużaw attivitajiet varji, inklużi proġetti prattiċi, taħriġiet il-fehim, diskussjonijiet u preżentazzjonijiet biex jassessjaw u jevalwaw il-livelli differenti tal-oqsma konjittivi u affettivi tat-tagħlim.

Il-ġenituri tal-istudenti għandhom id-dritt li jiddeċiedu li t-tfal tagħhom ma jsegwux l-Edukazzjoni Reliġjuża Kattolika. F'dak il-każ, il-QKN jirrakkomanda programm ta' Edukazzjoni Etika, imfassal mill-Awtoritajiet tal-Edukazzjoni. Kif intqal diġà, il-mod li bih jitwassal dan il-programm jiddependi fuq fatturi loġistiċi.

**L-Istudji tal-Umanità**

L-Istudji tal-Umanità jokkonsistu fl-Istorja u l-Ġeografija. It-tagħlim tal-Istorja jikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-sens ta' identità tal-istudenti bħala ċittadini Maltin, kif ukoll bħala ċittadini tal-Ewropa, u bħala membri ta' komunità globali ferm aktar wiesgħa. It-tagħlim tal-Ġeografija jgħin lill-istudenti biex jifhmu aktar l-ispazju tal-ambjent lokali, reġjonali u globali, kif ukoll l-interazzjonijiet fiżiċi, ekonomiċi u politiċi fi ħdan u bejn il-komunitajiet.

Matul is-Snin tal-Primarja, l-Istudji tal-Umanità jħeġġu lit-tfal biex:

- jibdew jifhmu l-interrelazzjonijiet ta' bejn in-nies, il-kulturi, il-kuntesti u l-użu tal-art tagħhom.
- jesploraw u jinvestigaw l-imgħoddi u l-preżent immedjat, u għalhekk jibdew jifhmu l-importanza tal-ġbir tal-evidenza.
- jiżviluppaw il-ħiliet ta' osservazzjoni u ta' reġistrazzjoni.
- jiġbru, jeżaminaw u jittestjaw id-*data* f'attentat biex jagħmlu konklużjonijiet sempliċi.
- jiżviluppaw il-kunċetti bażiċi relatati mal-kronoloġija, l-empatija, il-kawża u l-effett, il-bidla u l-kontinwità.
- jieħdu sehem fl-istudju tal-kunċetti ġeografiċi, ambjentali u soċjali.

Permezz ta' esperjenzi investigattivi u tas-sejbien tal-fatti, l-osservazzjoni, il-ġbir tal-informazzjoni minn fuq il-post *(fieldwork)* u r-reġistrazzjoni tal-informazzjoni, jiġu żviluppati ħiliet li mbagħad jintużaw b'mod estensiv.

**L-Edukazzjoni għad-Demokrazija**

Matul iċ-Ċiklu tal-Primarja, it-tfal jiġu introdotti għal valuri demokratiċi relatati mar-rispett tal-libertajiet fundamentali, id-drittijiet u r-responsabbiltajiet umani kif ukoll id-diversità, il-parteċipazzjoni attiva, u kif jirrispondu għall-bidla.

It-tfal jitgħallmu dwar il-ġustizzja soċjali u d-demokrazija u jifhmu d-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom billi jipparteċipaw b'mod attiv f'diskussjonijiet, dibattiti u fi prattiċi ta' tmexxija. Barra minn hekk, huwa rrakkomandat li jkun hemm rabtiet interkurrikulari kif ukoll attivitajiet, bħall-fehim tal-funzjonijiet tal-kunsill tal-iskola għall-iżvilupp ta' dawn il-valuri u ħiliet kruċjali. Matul dan iċ-ċiklu, it-tfal jiżviluppaw ukoll ħiliet li bihom jistħarrġu r-responsabbiltà tagħhom

lejn l-ambjent u d-dinja tagħhom u l-impatt tal-intrapriża u l-industrija fuq ħajjithom u fuq id-dinja. Il-proċeduri tal-assessjar għat-tagħlim għandhom ikunu inklużi f'dan il-qasam tat-tagħlim.

**L-Arti Viżiva u tal-Ispettaklu**
L-Arti Viżiva u tal-Ispettaklu tħeġġeġ lit-tfal biex:

- jieħdu gost billi jkunu kreattivi u immaġinattivi filwaqt li jieħdu sehem f'diversi forom tal-arti.
- jiksbu l-ħiliet meħtieġa għall-espressjoni kreattiva permezz ta':
- ħiliet komunikattivi u teatrali fid-drama u ż-żfin;
- ħila mużikali, l-apprezzament u l-espressjoni tal-mużika; u
- apprezzament u binja ta' immaġini viżiva li tirrispondi għall-emozzjonijiet li jqajmu, kif ukoll billi jagħmlu xogħlijiet tal-arti waqt il-ħin iddedikat għall-arti.
- jiżviluppaw ħiliet importanti, kemm dawk speċifiċi għall-arti, kif ukoll dawk li huma trasferibbli.
- jibdew japprezzaw l-arti fil-kuntest tal-ambjenti kulturali, lokali, u internazzjonali.
- jibdew jifhmu l-proċess tal-kreattività u tal-iżvilupp ta' standards u valuri estetiċi.
- jgħaddu minn esperjenza ta' pjaċir u jferrħu nies oħra permezz ta' wirjiet u preżentazzjonijiet kreattivi u espressivi.

Sistema tematika u integrata twassal biex il-kunċetti u l-ħiliet imsemmija hawn fuq ikunu inklużi f'diversi esperjenzi relevanti tat-tagħlim.

Il-proċeduri tal-assessjar jinkludu ż-żamma ta' reġistri u rapporti fuq il-ħiliet espressivi u tal-ispettaklu fid-diversi forom tal-arti.

**L-Edukazzjoni għas-Saħħa Fiżika**
Dan il-qasam tat-tagħlim iħeġġeġ lill-istudenti biex:

- jipparteċipaw b'mod attiv u b'entużjażmu f'attivitajiet li jiżviluppaw ħiliet fiżiċi importanti b'mod pjaċevoli.
- jitgħallmu l-ħiliet u r-regoli relatati mal-logħob kollaborattiv, l-ispirtu sportiv, it-tmexxija u l-kompetittività.
- jaħdmu f'tim u jiżviluppaw spirtu ta' ħidma flimkien.
- jibdew japprezzaw l-importanza ta' ġisem b'saħħtu u ta' stil ta' għajxien san.
- isiru konxji u japprezzaw it-tibdiliet fiżiċi tagħhom huma u jikbru.
- jesperjenzaw attivitajiet li jħeġġu l-interazzjoni soċjali, li jgħinuhom isiru konxji minnhom infushom, li jwassluhom biex jirriflettu fuq l-imġiba tagħhom, li jgħinuhom fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u li jaħsbu fuq il-konsegwenzi tal-iżvilupp tal-ħiliet meħtieġa tal-intelliġenza emozzjonali u soċjali.
- jibdew isiru konxji mill-importanza ta' moħħ u ġisem b'saħħtu.
- jifhmu l-importanza tan-nutriment u tal-ikel tajjeb għas-saħħa.
- jiskopru l-punti b'saħħithom u l-punti dgħajfa tagħhom.
- jitgħallmu jifhmu u jikkontrollaw l-emozzjonijiet pożittivi u negattivi tagħhom.
- jiżviluppaw id-dispożizzjonijiet importanti biex ikunu ħassieba u studenti attivi, speċjalment waqt tranżizzjonijiet importanti f'ħajjithom.

Il-proċeduri ta' assessjar jassiguraw li l-iżvilupp tat-tfal f'dan il-qasam tat-tagħlim jiġi reġistrat kif jixraq u jintuża biex isaħħaħ aktar l-istrateġiji ta' tagħlim.

**It-Tmexxija tal-Edukaturi Ewlenin**
Il-QKN iħeġġeġ mudell ta' tmexxija li jippromwovi forom mifruxa ta' tmexxija. Fis-Snin tal-Primarja, il-mexxejja tal-iskejjel fi ħdan it-tim għoli tat-tmexxija (SMT) għandhom irwol strateġiku u ta' viżjoni. Dawn għandhom jiffukaw fuq l-iżvilupp ta' kultura kollaborattiva li tuża firxa ta' ħiliet u kapaċitajiet professjonali tal-membri differenti tal-iskola. L-aġġornament kontinwu maż-żminijiet u t-taħriġ regolari tal-istess mexxejja u membri huma importanti għat-taħriġ fl-oqsma li għandhom impatt dirett fuq l-istudenti. Il-mexxejja tal-iskejjel u l-edukaturi ewlenin taċ-Ċiklu tal-Primarja jridu jaddottaw metodu ta' riflessjoni fuq it-tagħlim bl-għan li jsibu modi kif jimmotivaw lit-tfal permezz ta' pedagoġiji differenti li jirrispondu għall-ħtiġijiet tagħhom. F'konformità mal-filosofija tat-taħriġ kontinwu, bil-prattika riflessiva, il-QKN jirrakkomanda li jkun hemm titjib fost l-edukaturi permezz ta' żvilupp professjonali kontinwu li jagħti valur u jippromwovi komunità ta' tagħlim.

Il-mexxejja u l-għalliema tal-iskejjel Primarji jeħtieġ li jkunu:

- *managers* tal-kurrikulu b'pedagoġija soda, fil-kuntest tad-diversità.
- kapaċi jagħmlu għażliet kurrikulari u pedagoġiċi li jwasslu għal tagħlim ta' kwalità għolja, imsejjes fuq pedagoġiji u metodi li jpoġġu lill-istudenti u t-tagħlim fil-qofol tagħhom.
- mgħammra b'diversi riżorsi biex jgħinu u jassiguraw is-sostenibbiltà tal-inizjattivi.
- kapaċi jindirizzaw l-opportunitajiet u l-isfidi li jinqalgħu.
- komunikaturi effettivi li jemmnu bis-sħiħ li l-iskejjel huma komunitajiet ta' tagħlim.
- involuti direttament fl-iżvilupp tal-kurrikulu u fl-innovazzjonijiet f'livell nazzjonali.

**L-Assessjar**
Tul is-Snin tal-Primarja jkomplu jitqiesu validi l-metodi ta' assessjar li jgħinu lit-tagħlim, li jevalwaw il-prestazzjoni ta' kull tifel u tifla, li

jirriflettu fuq il-prattika, li jippjanaw għal aktar tagħlim ta' individwi u gruppi ta' studenti, u li jippermettu li jkun hemm reġistri u rapporti konsistenti dwar il-prestazzjoni ġenerali tat-tfal. L-assessjar akkumulat matul is-sena, iqis il-progress u l-iżvilupp ġenerali tat-tfal imqabbel mal-qafas tar-riżultati tat-tagħlim. Dan it-tagħrif jgħin lill-għalliema jifhmu aħjar kif ikunu sejrin it-tfal u l-ħtiġijiet tagħhom, u jgħinhom ukoll biex jippjanaw kif jixraq. L-istess tagħrif jista' jinqasam ukoll ma' edukaturi oħra fl-iskola u mal-ġenituri. L-assessjar huwa importanti wkoll għall-amministraturi tal-iskola għax jipprovdi tagħrif fuq il-kisbiet tal-iskola fl-għajnuna mogħtija lit-tfal biex jilħqu l-livelli nazzjonali ta' kisbiet.

L-appoġġ meħtieġ matul is-Snin tal-Primarja jingħata lil dawk it-tfal li jkunu qed jesperjenzaw diffikultajiet fit-tagħlim tal-litteriżmu, tal-matematika bażika u tal-litteriżmu diġitali ħalli jkun assigurat li dawn l-istudenti jiksbu l-kompetenzi ewlenin sa tmiem is-Snin tal-Primarja.

Mit-3 sas-6 Sena, il-QKN jirrakkomanda li jsir assessjar imfassal mill-iskola, li jkun jiġbor fih il-ħiliet orali u tas-smigħ fil-Malti u fl-Ingliż. Il-proċess tal-assessjar jipprovdi lill-ġenituri, lill-għalliema u lill-amministrazzjoni tal-iskola b'ħarsa ġenerali tal-iżvilupp ta' kull tifel u tifla, f'termini ta' livelli ta' kisbiet. Fis-settur tal-Istat, il-proċess isir aktar formali bl-introduzzjoni tal-eżamijiet flimkien ma' forom oħra ta' assessjar fir-4 Sena. Fil-futur, din il-prattika tista' tkun riveduta favur forom alternattivi oħra ta' assessjar.

Fl-iskejjel li mhumiex tal-Istat jeżistu prattiċi oħra ta' eżamijiet. Il-QKN jirrakkomanda li matul iċ-Ċiklu tal-Primarja, it-tfal ikollhom l-eżamijiet annwali, tal-anqas darba qabel tmiem dan iċ-ċiklu. Il-parteċipazzjoni fl-eżerċizzju nazzjonali tal-għoti tal-livelli (il-*benchmark)* li jsir fi tmiem il-Primarja fil-Matematika, il-Malti, u l-Ingliż hi obbligatorja għat-tfal li jattendu l-iskejjel tal-Istat. L-iskejjel tal-Knisja u Indipendenti jkomplu jkunu mistiedna jipparteċipaw. L-informazzjoni tintuża biex jinżamm rekord tal-kisbiet tal-istudenti fi tmiem is-Snin tal-Primarja u għalhekk tipprovdi tagħrif importanti dwar it-tagħlim tal-istudenti individwali, speċjalment lill-iskejjel Sekondarji li jkunu se jilqgħu lill-istess studenti.

Permezz ta' sistema ta' moniteraġġ estern ta' kampjun mill-oqsma tat-tagħlim, f'kampjun rappreżentattiv ta' skejjel fuq ċiklu ta' snin li għadu jrid jiġi determinat, ikollna stampa aktar ċara tal-kisbiet fl-oqsma differenti tat-tagħlim tal-kurrikulu f'livell nazzjonali. Dan il-moniteraġġ għandu żewġ għanijiet: li tinkiseb stampa tal-livelli ġenerali tal-kisbiet tal-istudenti f'oqsma partikolari, u li jsir assessjar tal-implimentazzjoni tal-kurrikulu nnifsu bl-għan li jiġi rrakkomandat aktar titjib u appoġġ.

**Id-Dritt għat-Tagħlim**

It-tabella li ġejja turi l-perċentwal ta' dritt (ħin) minimu għall-oqsma differenti tat-tagħlim li hu stabbilit għall-iskejjel tal-Istat. Matul is-Snin tal-Primarja, huwa rrakkomandat li 60% tal-ħin ikun iddedikat għall-Malti, l-Ingliż, il-Matematika, ix-Xjenza u t-Teknoloġija. Matul dan iċ-ċiklu, id-deċiżjonijiet meħuda mill-iskola jagħmlu 15% mill-ħin kurrikulari disponibbli għat-tagħlim. Dawn il-figuri perċentwali tad-dritt minimu għall-oqsma differenti tat-tagħlim qed ikunu stabbiliti għall-Iskejjel tal-Istat. L-Iskejjel tal-Knisja u Indipendenti huma mistiedna jikkunsidraw li jimplimentawhom ukoll fl-iskejjel tagħhom.

**It-Tranżizzjonijiet**

Matul is-Snin tal-Primarja, il-kurrikulu min-naħa jibni fuq il-pedamenti li jkunu tqiegħdu fis-Snin Bikrin, u min-naħa l-oħra jorbot mill-qrib mas-Snin tas-Sekondarja biex jassigura li jkun hemm mixja minn livell għal ieħor bla skossi. Is-Snin tal-Primarja jappoġġjaw kurrikulu uniformi li jassigura li l-oqsma tat-tagħlim u l-pedagoġiji jindirizzaw l-iżvilupp sħiħ tat-tfal. Barra minn hekk, l-assessjar jintuża primarjament biex jinforma lill-istudenti, lill-għalliema, lill-ġenituri u lill-iskola dwar il-progress u l-kisbiet ta' kull tifel u tifla.

**(%) TA' HIN GHALL-OQSMA TAT-TAGHLIM - IĊ-ĊIKLU TAL-PRIMARJA**




30.0% IL-LINGWI

15.0% IL-MATEMATIKA

15.0% IX-XJENZA U T-TEKNOLOĠIJA

5.0% L-EDUKAZZJONI GHAS-SAHHA FIŻIKA

5.0% L-EDUKAZZJONI RELIĠJUŻA U ETIKA

10.0% L-ISTUDJI TAL-UMANITÀ U L-EDUKAZZJONI GHAD-DEMOKRAZIJA

5.0% L-EDUKAZZJONI TAL-ARTI VIŻIVA U L-ISPETTAKLU

15.0% GHAŻLIET OFFRUTI MILL-ISKOLA

| IR-RIŻULTATI TAT-TAGHLIM GHAĊ-ĊIKLU TAL-PRIMARJA |
| --- |
| **Riżultat 1: Studenti li jiżviluppaw b'suċċess il-potenzjal kollu tagħhom bħala studenti li jibqgħu jitgħallmu tul il-ħajja** |
| Tfal kunfidenti u kapaċi biex jistabbilixxu relazzjonijiet effettivi ma' tfal u adulti oħra, li jwassluhom biex ikollhom stima, kunfidenza u kuxjenza pożittiva tagħhom infushom. |
| Tfal li kapaċi jagħtu valur, japprezzaw u jirreaġixxu fl-ambjent immedjat tagħhom. |
| Tfal li jużaw, b'mod kompetenti, il-firxa tal-ħiliet tal-lingwa fil-Malti u fl-Ingliż, skont l-età tagħhom. |
| Tfal li kapaċi jagħrfu u jagħtu importanza lil lingwa barranija għall-għanijiet ta' komunikazzjoni. |
| Tfal li kapaċi japplikaw il-ħiliet bażiċi fil-matematika u fis-soluzzjonijiet tal-problemi. |
| Tfal li huma kunfidenti fl-użu bażiku ta' teknoloġija. |
| Tfal li kapaċi juru dispożizzjoni pożittiva lejn l-investigazzjoni, id-disinjar, l-ittestjar u r-rappurtaġġ f'livelli elementari. |
| Tfal li kapaċi jwasslu l-ideat tagħhom u jesperimentaw b'modi differenti biex isolvu l-problemi. |
| Tfal li kapaċi japprezzaw, jirrispondu, jipparteċipaw u jesperimentaw fi prestazzjonijiet u espressjonijiet bażiċi ta' kreattività. |
| **Riżultat 2: Studenti li kapaċi jsostnu l-opportunitajiet tagħhom fid-dinja tax-xogħol** |
| Tfal li kapaċi jikkomunikaw b'mod kunfidenti billi jużaw diversi ħiliet u mezzi differenti ta' komunikazzjoni. |
| Tfal li kapaċi japplikaw ħiliet bażiċi ta' ICT u josservaw l-etika tal-internet u l-miżuri ta' sigurtà fuq l-internet. |
| Tfal li kapaċi jitgħallmu u jaddattaw ruħhom għall-bidliet. |
| Tfal li kapaċi jaddattaw ruħhom f'ambjent ta' bidla ġeografika. |
| Tfal li kapaċi jieħdu l-inizjattiva u li kapaċi jaħdmu b'mod indipendenti u kollaborattiv. |
| Tfal li kapaċi joħolqu u jesperimentaw bil-kunċetti bażiċi tal-intraprenditorija. |
| Tfal li kapaċi jużaw il-kurżità tagħhom biex jaslu għal riżultati pożittivi. |
| Tfal li japprezzaw l-ambjent tagħhom u li jaġixxu b'mod pożittiv favur is-sostenibbiltà. |
| **Riżultat 3: Studenti li huma ċittadini responsabbli u impenjati għall-ġustizzja soċjali fir-realtajiet lokali, reġjonali u globali li qed jinbidlu l-ħin kollu** |
| Tfal li jqisu d-diversità bħala forza li tgħaqqad, aktar milli forza li tifred. |
| Tfal li japprezzaw u jippromwovu l-kultura u l-wirt Malti. |
| Tfal li japprezzaw il-kuntesti Mediterranji, Ewropej u globali tagħhom. |
| Tfal li jagħtu valur u li japprezzaw id-differenzi filwaqt li jagħrfu x-xebh. |
| Tfal li jsiru konxji mid-drittijiet u mid-dmirijiet tagħhom bħala ċittadini attivi. |
| Tfal li jaddottaw stil ta' ħajja b'saħħitha u attiva u li jkunu konxji mill-implikazzjonijiet fit-tul tad-deċiżjonijiet tagħhom f'dan ir-rigward. |

## 03.4 Is-Snin tas-Sekondarja (7 Sena – 11-il Sena)[21]

### 03.4.1 Introduzzjoni

Il-mixja mill-iskola Primarja għal dik Sekondarja għandha tkun bla problemi u trid toffri progressjoni b'mod li tappoġġja lit-tfal hekk kif jibdew jitgħallmu jerfgħu aktar ir-responsabbiltà bħala adulti ċkejknin. Is-Snin tas-Sekondarja huma perjodu importanti għall-iżvilupp personali tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ u dawn għandhom jistinkaw biex jiksbu l-kwalifiki ħalli jkollhom aċċess għal edukazzjoni Postsekondarja u Ogħla. L-istudenti għandhom id-dritt li sa tmiem l-edukazzjoni Sekondarja, jiksbu ċertifikazzjoni li tkun tinkludi ċ-Ċertifikat tal-Iskola Sekondarja u l-Profil li fih ikun hemm dokumentat it-tagħlim formali, informali u mhux formali li jkunu ħadu, iċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja (ĊES) u l-kwalifiki tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) jew alternattivi oħra, li kollha huma rikonoxxuti mill-Kunsill Malti għall-Kwalifi (KMK).

Iċ-Ċiklu tas-Sekondarja huwa punt importanti fil-vjaġġ edukattiv tal-istudenti għaliex jikkonsolida u jibni fuq l-esperjenzi tas-Snin tal-Primarja u jħejjihom għal sfidi akbar li jsibu wara l-iskola obbligatorja. L-edukazzjoni f'dan il-livell għandha:

- tipprovdi lill-istudenti perjodu ta' aġġustament li jippermettilhom isiru midħla tal-proċeduri tal-edukazzjoni Sekondarja u opportunità biex jindirizzaw xi problemi mhux solvuti (relatati mal-għerf u l-ħiliet) mill-Primarja.
- tesponi lill-istudenti għal perspettiva usa' ta' għarfien u għerf li tmur lil hinn mill-esperjenzi tagħhom tal-Primarja.
- tassigura li l-istudenti jsaħħu l-fehim u l-ħiliet tagħhom f'oqsma speċifiċi tat-tagħlim.
- tagħni lill-istudenti bil-ħiliet, il-kompetenzi, l-attitudnijiet u l-valuri neċessarji biex jaddattaw ruħhom f'soċjetà kkaratterizzata mill-bidla u biex ikunu jistgħu jaħdmu b'suċċess fil-komunità immedjata tagħhom u lil hinn minnha.
- tippromwovi l-iżvilupp tal-persuna sħiħa billi tgħin lill-istudenti jikbru fiżikament (is-saħħa, il-pubertà u s-sesswalità); psikoloġikament (l-iżvilupp mentali u tas-saħħa, u l-immaniġjar tal-istress); emozzjonalment (l-emozzjonijiet pożittivi u negattivi); soċjalment (il-ħiliet interpersonali, il-pressjoni tal-ħbieb u s-soluzzjoni tal-kunflitti) u spiritwalment (l-etika u l-valuri).
- tipprovdi lill-istudenti esperjenzi, kompetenzi u fehim li jippreparawhom għat-tagħlim tul il-ħajja u li jagħtuhom is-saħħa biex ikunu jistgħu jagħmlu għażliet għaqlin għall-ġejjieni tagħhom.
- tħejji lill-istudenti biex jiksbu ċ-ċertifikati u l-kwalifiki li huma meħtieġa biex ikomplu l-edukazzjoni Postsekondarja u Ogħla u biex isibu xogħol.

### 03.4.2 L-Għanijiet tal-Edukazzjoni Sekondarja

Il-QKN għandu l-għan li jiżviluppa:

**A. Studenti li kapaċi jiżviluppaw b'suċċess il-potenzjal kollu tagħhom billi jibqgħu jitgħallmu tul ħajjithom**

Dan jitlob l-iżvilupp ta':

**Ħiliet personali u soċjali**
Il-ħiliet personali u soċjali huma żviluppati f'dan il-livell biex jassiguraw li fi tmiem iċ-ċiklu ta' ħames snin, l-istudenti jkunu lesti għar-realtà soċjali li dejjem tinbidel. Il-valuri fundamentali tal-familja, ir-rispett, l-inklużjoni, il-ġustizzja soċjali, is-solidarjetà, id-demokrazija, l-impenn, il-kura, l-imħabba u r-responsabbiltà jissaħħu matul is-snin tal-edukazzjoni Sekondarja.

**Żvilupp morali u spiritwali**
L-esperjenza tal-iskola Sekondarja tgħin lill-istudenti jsaħħu u jtejbu l-iżvilupp morali u spiritwali tagħhom. Bis-saħħa tat-tagħlim formali, tal-esperjenzi individwali, fi grupp jew fil-klassi, permezz tal-evalwazzjoni personali bl-għajnuna tal-konsulenti reliġjużi u tal-għalliema, l-istudenti jiżviluppaw diversi ħiliet li jwassluhom biex jikbru moralment u spiritwalment, kif ukoll biex ikollhom viżjoni aktar kritika, matura u infurmata tat-twemmin u l-prattiċi Nsara. L-istudenti jridu jaċċettaw, jifhmu u jiddjalogaw ukoll ma' persuni oħra ta' fidi differenti.

**Litteriżmu, matematika bażika u litteriżmu diġitali**
Dawn il-ħiliet ġeneralment jinkisbu fil-livell tal-Primarja. Fil-livell Sekondarju jiġu żviluppati aktar bħala parti mid-dritt tagħhom fl-Oqsma tat-Tagħlim differenti.

**Bilingwiżmu u multilingwiżmu**
Li persuna tkun multilingwi tfisser li tkun kapaċi tikkomunika bil-kliem u l-kitba b'minn tal-anqas tliet lingwi. Fil-livell Sekondarju, barra mill-iżvilupp fil-Malti u fl-Ingliż, l-istudenti jibdew formalment jitgħallmu t-tielet lingwa bil-

21 Biex ikun hemm konformità mal-filosofija ta' kurrikulu implimentat mingħajr skossi, huwa rrakkomandat li ċ-Ċikli tal-Primarja u s-Sekondarja fl-edukazzjoni obbligatorja jissejħu bħala l-1 Sena sal-11-il Sena.

possibbiltà li jitgħallmu wkoll ir-raba' waħda. It-tagħlim tal-lingwi barranin hu element b'saħħtu fis-sistema lokali tagħna u għandu jinżamm.

**Kompetenza fix-xjenza u t-teknoloġija**
Il-kompetenza fix-xjenza timplika sistema ta' tagħlim imsejsa fuq l-istħarriġ. L-istudenti jiżviluppaw il-kurżità dwar fenomeni naturali li twassalhom biex jistaqsu fuq dak li jkunu qed jaraw u jħossu. Matul is-Sekondarja, isaħħu l-għarfien u l-fehim tagħhom tal-proċessi xjentifiċi u teknoloġiċi. L-għan ta' dan huwa li l-edukazzjoni tippreparahom għal soċjetà li fiha x-xjenza u t-teknoloġija għandhom irwol importanti.

**Ħsieb kritiku u innovattiv**
Matul is-Snin tas-Sekondarja, l-istudenti jiżviluppaw il-ħila li jistħarrġu kwistjonijiet partikolari minn diversi perspettivi u li jkunu kapaċi jevalwaw l-onestà tas-sorsi tal-informazzjoni tagħhom. L-istudenti mistennija jkunu kreattivi u innovattivi, u li jesperimentaw modi alternattivi biex isolvu l-problemi.

**Apprezzament estetiku u espressjoni kreattiva**
L-istudji tal-arti, il-mużika, iż-żfin, id-drama u l-letteratura jgħinu biex iżidu l-apprezzament estetiku u l-espressjoni kreattiva. It-tagħlim fil-fergħat tal-arti espressiva jipprovdi opportunitajiet biex l-istudenti jissodaw u jtejbu t-tagħlim tagħhom f'oqsma oħra tal-kurrikulu.

**B. Studenti li kapaċi jsostnu l-opportunitajiet tagħhom fid-dinja tax-xogħol**

Dan jeħtieġ:

**Il-ħila li jikkomunikaw b'mod effettiv u kunfidenti**
L-istudenti mistennija jifhmu l-Malti u l-Ingliż u jiksbu kunfidenza fl-użu tal-lingwa fid-diversi kuntesti, fosthom fl-oqsma differenti tat-tagħlim u f'sitwazzjonijiet varji mill-ħajja ta' kuljum.

**Kompetenza fl-użu tat-teknoloġiji l-ġodda tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni**
L-istudenti jeħtieġ li jissaħħu fl-użu ta' varjetà ta' teknoloġiji diġitali biex jaċċessaw u jaqsmu r-riżorsi tal-informazzjoni; jevalwawhom u jaraw jekk hux ta' min joqgħod fuqhom u janalizzaw b'mod kritiku l-informazzjoni miksuba. Din il-kompetenza hi meħtieġa biex ikunu jistgħu jesprimu lilhom infushom, jippreżentaw xogħolhom u jikkomunikaw ma' komunitajiet differenti.

**Ħila li jitħarrġu, jitħarrġu mill-ġdid u jiżviluppaw ħiliet ġodda**
L-istudenti jsiru kapaċi jevalwaw lilhom infushom b'mod kostruttiv u japprezzaw il-ħtieġa għat-tagħlim tul il-ħajja f'kuntest ta' soċjetà li dejjem tinbidel; ikunu kapaċi jidentifikaw u possibbilment jantiċipaw il-ħtiġijiet ġodda tas-soċjetà; jidentifikaw organizzazzjonijiet li joffru opportunitajiet ta' taħriġ, u jkunu flessibbli biex jaddattaw il-ħiliet relatati għal teknoloġiji ġodda.

**Stabbiltà ekonomika u indipendenza**
L-istudenti għandhom jifhmu kif jużaw ir-riżorsi personali, nazzjonali u globali biex kemm jista' jkun ikabbru l-valur ekonomiku tagħhom, u jipprovdi stabbiltà u awtonomija. Għandhom jiżviluppaw etika ekonomika li tkun soċjalment responsabbli u li tagħti prijorità lil miżuri li jmexxu 'l quddiem il-ġid komuni.

**Innovazzjoni u intraprenditorija**
L-istudenti għandu jkollhom il-ħila li jantiċipaw, jibdew, u jimmaniġġjaw il-bidla; jiżviluppaw ħiliet organizzattivi li jwasslu biex ikun hemm intrapriżi individwali u kollaborattivi; u jiżviluppaw u jkunu profiċjenti fil-ħiliet meħtieġa għall-eżerċizzji tad-dinamika tal-gruppi, għall-valutar tar-riskju u għas-soluzzjoni tal-kunflitti.

**Ħila li jħaddmu bil-qalb il-mobilità u l-iskambju ma' persuni oħra**
L-istudenti jridu jkunu mħejjija biex jirrispondu u jkunu flessibbli għall-ħtiġijiet emerġenti tas-suq tax-xogħol; ikunu kapaċi jevalwaw ir-riżorsi lokali u barranin meħtieġa għall-iżvilupp personali; ikunu flessibbli biex jaddattaw pjanijiet li jinkludu l-ivvjaġġar barra minn Malta biex jitħarrġu u/jew jispeċjalizzaw f'qasam partikolari; japprezzaw il-valur tal-ispunt ta' ideat, metodi, tekniki u sistemi; japprezzaw u jkunu lesti jaqsmu esperjenzi lokali ma' kuntesti soċjali oħra.

**Viżjoni sistematika tar-realtà li tiffaċilita l-impenn tagħhom fil-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli**
Meta jkunu esposti għal temi interdixxiplinarji, l-istudenti japprezzaw li r-realtà hi r-riżultat ta' diversi komponenti ta' realtajiet differenti; jiżviluppaw ħiliet biex jidentifikaw u jagħrfu l-kumplessitajiet u r-rabta ta' bejn kwistjonijiet personali, soċjali, kulturali, reliġjużi, politiċi, ekonomiċi, teknoloġiċi u ambjentali fi kwalunkwe sforz kollettiv; ikunu sensittivi għall-ħtiġijiet ta' membri oħra tas-soċjetà, partikolarment dawk l-individwi u gruppi emarġinati u żvantaġġati; jiżviluppaw il-ħila biex ikunu konxji mill-impatt tad-deċiżjonijiet u tal-azzjonijiet personali fil-livell lokali, globali u bil-maqlub; jittrattaw soluzzjonijiet għall-problemi billi jfittxu rabtiet u jippromwovu sħubiji u sinerġiji bbażati fuq id-djalogu, in-negozjar u s-soluzzjoni tal-kunflitti biex jaslu għal sitwazzjonijiet fejn iż-żewġ partijiet ikunu sodisfatti.

**Involviment attiv fi kwistjonijiet ta' żvilupp sostenibbli**

L-istudenti jimpenjaw ruħhom biex itejbu l-kwalità tal-ħajja fil-livelli personali, komunitarji, nazzjonali u globali; jiżviluppaw il-ħsieb kritiku u l-ħiliet ta' riflessjoni biex jevalwaw il-politiki, prattiki jew stili ta' ħajja attwali u jissuġġerixxu mġiba alternattiva li tkun sostenibbli; jagħrfu r-responsabbiltà personali – mhux biss tal-awtorità – lejn l-addozzjoni ta' żvilupp sostenibbli, u jiżviluppaw f'ċittadini li jkunu kapaċi jipparteċipaw b'mod attiv fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

## Ċ. Studenti li huma ċittadini responsabbli u impenjati għall-ġustizzja soċjali fir-realtajiet lokali, reġjonali u globali li qed jinbidlu l-ħin kollu

L-istudenti għandhom:

**Jirrispettaw id-diversità u jagħtu valur lid-differenza**

Dan l-għan jintlaħaq, primarjament, permezz ta' politika inklużiva fl-iskejjel. Skola inklużiva mhux biss taqdi l-ħtiġijiet tal-istudenti lil hinn mill-ġeneru, ir-reliġjon, ir-razza, il-ħiliet u t-twemmin tagħhom, imma għandha bħala wieħed mill-għanijiet tagħha l-promozzjoni tal-potenzjal tal-istudenti kollha permezz tal-attenzjoni u l-għajnuna individwali. L-etos u l-prattiċi tal-iskola, speċjalment fis-Sekondarja, iwasslu dan il-valur lill-istudenti kollha. Minbarra li dan jinkiseb speċifikament bis-saħħa tal-oqsma partikolari tat-tagħlim, dan l-għan jiżviluppa wkoll permezz tal-edukazzjoni għad-demokrazija u l-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli.

**Jirrispettaw u jippromwovu l-kultura u l-wirt Malti**

L-oqsma differenti tat-tagħlim jipprovdu opportunitajiet biex l-istudenti jesperjenzaw il-wirt u l-kultura nazzjonali tagħna u biex japprezzaw aktar u jsaħħu l-identità nazzjonali tagħhom. Programm tajjeb ta' attivitajiet kurrikulari kumplimentari, li jinkludi fih żjajjar u proġetti kulturali, jgħin biex it-tagħlim formali tal-klassi jikseb dan l-għan. L-arti espressiva (l-arti, il-mużika, iż-żfin u d-drama), flimkien mal-istudji ambjentali, l-istorja u l-ġeografija, għandhom jagħtu importanza partikolari lill-identità nazzjonali tagħna ħalli l-istudenti jifhmu l-pożizzjoni ta' Malta fl-Ewropa u fid-dinja. Il-kisba u l-użu tajjeb tal-ilsien Malti għandu jiġu l-ewwel u qabel kollox.

**Jiżviluppaw kompetenza interkulturali u japprezzaw il-wirt tagħhom f'kuntesti Mediterranji, Ewropej u globali**

L-edukazzjoni tal-lingwa, b'enfasi fuq il-kuntesti kulturali usa', hi waħda mill-aktar għodod meħtieġa biex tkun żviluppata l-kompetenza interkulturali. Il-mobilità tal-istudenti u l-proġetti ta' ġemellaġ ma' skejjel Ewropej u ma' skejjel oħra barranin għandhom ikunu mħeġġa u jsiru parti mill-esperjenza ta' kull student.

**Jaħdmu għat-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali u jassiguraw il-ġustizzja soċjali**

Il-QKN jorbot ma' riformi oħra fl-edukazzjoni li jfittxu li jippromwovu ugwaljanza ta' opportunitajiet u aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità. L-enfasi fuq it-tranżizzjoni u l-intervent bikri hi l-pedament ta' sistema edukattiva ġusta li ssaħħaħ is-soċjetà Maltija u l-istudenti individwali. Il-promozzjoni tar-rispett għad-diversità u l-valur mogħti lid-differenzi jibnu soċjetà stabbli u b'saħħitha. L-iskemi ta' xogħol volontarju, l-iskejjel multikulturali, is-sens ċiviku qawwi, u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni fl-iskejjel huma l-benniena tal-koeżjoni soċjali. Billi wieħed iżomm il-ġid komuni fil-mira tiegħu, l-istudenti għandhom ikunu mgħallma kif jiddjalogaw u jilħqu kunsens, jekk ikun hemm bżonn, permezz tal-medjazzjoni.

**Iħaddnu l-ġustizzja soċjali u l-prinċipji demokratiċi**

Dawk l-inizjattivi li jħaddnu prattiċi demokratiċi fl-iskejjel u sistema inklużiva jippromwovu l-ġustizzja soċjali għal kulħadd. L-amministrazzjoni tal-iskola għandha tagħti spazju xieraq għall-inizjattivi li jittieħdu u li jkunu kkoordinati mill-Kunsill tal-Istudenti u għandha tikkonsulta lill-Kunsill tal-Istudenti dwar temi li jaffettwaw direttament il-ħajja tal-istudenti fl-iskola.

**L-Oqsma tat-Tagħlim**

L-Oqsma tat-Tagħlim introdotti fil-Primarja għandhom jissaħħu u jiġu estiżi għas-Sekondarja. Barra minn hekk, fiċ-Ċiklu tas-Sekondarja tiġi introdotta l-għażla b'numru ta' suġġetti. It-taqsima li jmiss se tiffoka fuq l-iżvilupp tal-oqsma tat-tagħlim tas-Sekondarja.

**Il-Lingwi**

It-tagħlim tal-lingwa nattiva (ġeneralment il-Malti) fil-livell Sekondarju jsaħħaħ is-sens ta' identità u l-iżvilupp tal-kunċetti tal-istudenti. It-tagħlim tat-tieni lingwa (ġeneralment l-Ingliż) fis-Sekondarja jsaħħaħ il-kisba ta' lingwa internazzjonali importanti għall-komunikazzjoni. Kemm fil-każ tal-Malti, kif ukoll fil-każ tal-Ingliż, it-tagħlim għandu jkun interpretat f'sens wiesa' u għalhekk għandu jinkludi l-lingwa u l-letteratura. Mill-inqas, għandu jkun hemm minimu ta' nofs il-lezzjonijiet għall-iżvilupp tal-ħiliet differenti tal-lingwa, kemm tal-Malti kif ukoll tal-Ingliż. Fil-każ tal-Malti, bħalissa l-lingwa u l-letteratura huma inkorporati f'eżami wieħed taċ-ĊES; fl-Ingliż, il-lingwa u l-letteratura jwasslu għal żewġ eżamijiet differenti taċ-ĊES. Hu rrakkomandat li l-prattika attwali fl-eżamijiet taċ-ĊES tal-Ingliż tkun ikkunsidrata wkoll għall-Malti.

Barra ż-żewġ lingwi obbligatorji (il-Malti u l-Ingliż), l-istudenti ġeneralment jagħżlu lingwa barranija jew żewġ lingwi barranin matul is-Snin tas-Sekondarja li jwassluhom ukoll għall-eżamijiet taċ-ĊES. Dan il-punt b'saħħtu fit-tagħlim tal-lingwi barranin li jwassal għal-Livell 3 tal-QMK, fi tmiem l-edukazzjoni obbligatorja, għandu jinżamm u jissaħħaħ. Dawk l-istudenti li jsegwu programmi individwali ta' tagħlim jista' jkollhom bżonn xi addattamenti għal dan id-dritt.

**Il-Matematika**

Il-matematika tagħti lill-istudenti l-opportunità li jidħlu aktar fil-fond fl-għarfien u r-raġunar matematiku tagħhom, biex ikollhom kuntatt aktar formali mar-raġunar astratt u loġiku li hu inkorporat fis-suġġett. Barra minn hekk, tagħtihom ukoll iċ-ċans li japprezzaw aktar u japplikaw il-possibbiltajiet tal-komunikazzjoni li joffri l-medju tal-matematika, bħal pereżempju l-mudelli matematiċi. L-idea hi li l-istudenti jikkonsolidaw il-kisbiet preċedenti u jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom biex b'hekk ikunu indirizzati il-ħtiġijiet u l-interessi ta' kull student/a.

L-esperjenza prinċipali tal-matematika trid tilħaq dawn il-miri ewlenin:

- li l-istudenti jieħdu sehem f'eżerċizzji li fihom japplikaw il-matematika u jarawha bħala realtà tanġibbli fil-ħajja ta' kuljum (il-matematika ta' kuljum).
- it-tħejjija u l-motivazzjoni tal-istudenti biex ikomplu jistudjaw kemm is-suġġett innifsu, kif ukoll suġġetti oħra.
- l-applikazzjoni ta' kunċetti matematiċi f'suġġetti relatati mal-litteriżmu finanzjarju, l-ippjanar finanzjarju u t-teħid tad-deċiżjonijiet.

**Ix-Xjenza u t-Teknoloġija**

It-tagħlim tax-xjenza jiżviluppa l-ħsieb xjentifiku u l-fehim ta' kunċetti, prinċipji u teoriji ta' ordni ogħla, b'mod sħiħ. Il-kwistjonijiet etiċi, soċjali, ekonomiċi u morali jwasslu għal fehim aktar fil-fond tax-xjenza u tar-rabtiet tagħha mal-ħajja ta' kuljum. Din id-dimensjoni tgħin lill-istudenti jintegraw l-għarfien mill-oqsma tat-tagħlim differenti u jifhmu li x-xjenza m'għandhiex soluzzjoni għas-sitwazzjonijiet problematiċi kollha.

L-istudenti kollha fis-7 u t-8 Sena jistudjaw ix-Xjenza Bażika. Fid-9, l-10 u l-11-il sena, l-istudenti li jkunu jixtieqy jispeċjalizzaw fix-xjenza u s-suġġetti relatati magħha, jistgħu jagħżlu wieħed, tnejn jew tlieta minn dawn li ġejjin: ix-Xjenzi tal-Ħajja, ix-Xjenzi Fiżiċi u x-Xjenzi Materjali, li jwassluhom għall-eżami taċ-ĊES f'kull għażla magħżula. Dawk l-istudenti li ma jkunux jixtieqy jispeċjalizzaw fix-xjenza, hu rrakkomandat li jkomplu bis-suġġett tax-Xjenza Bażika li jwassalhom għall-eżami taċ-ĊES.

L-edukazzjoni tat-teknoloġija tingħata permezz tad-Disinn u t-Teknoloġija (D&T) u tinkludi taqsimiet fuq il-Materjali Reżistenti, l-Elettronika u l-Prodotti Grafiċi. L-oqsma kollha għandhom riżultati komuni tat-tagħlim li jgħinu lill-istudenti jiksbu l-għerf u l-ħiliet permezz tad-disinn, it-tfassil, l-evalwazzjoni u l-ħiliet tal-komunikazzjoni.

**L-Edukazzjoni Reliġjuża u Etika**

F'Malta, it-tagħlim tar-reliġjon fl-iskejjel hu meqjus bħala element importanti fil-formazzjoni integrali tal-persuna.

L-Edukazzjoni Reliġjuża tikkontribwixxi għall-iżvilupp sħiħ tal-istudenti matul iċ-Ċiklu tas-Sekondarja billi tipprovdi l-lingwa u l-ħiliet biex l-istudenti jaċċessaw u jesprimu d-dimensjonijiet reliġjużi u spiritwali tagħhom. Tista' toffrilhom ukoll sfida biex jistaqsu r-raġuni tal-mixja tal-fidi, fil-kuntest soċjali u kulturali tal-lum. It-tagħlim tal-Edukazzjoni Reliġjuża jirrispetta li kull student huwa uniku.

Il-ġenituri għandhom id-dritt jiddeċiedu li t-tfal tagħhom ma jsegwux l-Edukazzjoni Reliġjuża Kattolika. Bħala alternattiva, dawn l-istudenti jkun offruti programm ta' Edukazzjoni Etika. Iżda, dan il-programm jiddependi mill-etos tal-iskola kif ukoll minn fatturi loġistiċi oħra.

**L-Istudji tal-Umanità**

L-Istudji tal-Umanità tikkonsisti fl-Istorja u l-Ġeografija. It-tagħlim tal-Istorja jikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-sens ta' identità tal-istudenti bħala ċittadini Maltin, kif ukoll bħala ċittadini Ewropej, u bħala membri ta' komunità globali aktar wiesgħa. It-tagħlim tal-Ġeografija jgħin lill-istudenti biex jifhmu aktar l-ispazju tal-ambjent lokali, reġjonali u globali, kif ukoll l-interazzjonijiet fiżiċi, ekonomiċi u politiċi fi ħdan u bejn il-komunitajiet. Iħeġġeġ lill-istudenti biex jifhmu l-iżvilupp sostenibbli u jsiru konxji tal-ħtieġa li jħarsu u jikkonservaw l-ambjent għall-ġenerazzjonijiet futuri.

**L-Edukazzjoni għad-Demokrazija**

Dan il-qasam jiġbor flimkien l-Istudji Soċjali, l-Istudji Ambjentali u aspetti mill-Iżvilupp Personali u Soċjali u mis-suġġett tax-Xjenza Domestika. L-Edukazzjoni għad-Demokrazija trid tissaħħaħ permezz tal-parteċipazzjoni attiva tal-istudenti fil-klassi, fil-kunsilli tal-istudenti, permezz ta' attivitajiet kurrikulari, b'inizjattivi li jsiru fil-komunità lokali u permezz ta' proġetti nazzjonali u internazzjonali, kif ukoll b'attivitajiet oħra li jiżviluppaw il-ħiliet intraprenditorjali.

**L-Arti Viżiva u tal-Ispettaklu**

Matul iċ-Ċiklu tas-Sekondarja, l-Arti Viżiva u tal-Ispettaklu tkompli toffri opportunitajiet lill-istudenti biex ikunu kreattivi u immaġinattivi, biex jesperjenzaw is-sens ta' ispirazzjoni u ta'

pjaċir, u biex jiżviluppaw ħiliet fl-arti viżiva u tal-ispettaklu. Il-parteċipazzjoni tagħtihom iċ-ċans li jesperjenzaw u jieħdu gost bl-enerġija u bl-eċitament li joħolqu l-immaġini u l-forom, li jaħdmu u jagħmlu preżentazzjonijiet għal diversi udjenzi, u li jkunu parti minn udjenza għall-oħrajn. Dawn l-esperjenzi jgħinu wkoll lill-istudenti biex jesprimu lilhom infushom, itejbu l-ħiliet tal-komunikazzjoni, u jkunu jafu jimmaniġġjaw emozzjonijiet differenti.

**L-Edukazzjoni għas-Saħħa Fiżika**

Fil-livell Sekondarju, l-Edukazzjoni għas-Saħħa tinkludi l-Edukazzjoni Fiżika u l-Isport (PE), aspetti mix-Xjenza Domestika (HE), u aspetti mill-Iżvilupp Personali u Soċjali (PSD). F'dan il-qasam tat-tagħlim l-istudenti jieħdu gost bl-attività fiżika li tħajjarhom għal stil ta' ħajja b'saħħitha, u attitudni pożittiva lejhom infushom, lejn l-oħrajn, u lejn il-ħajja. L-impenn favur komunitajiet soċjali u kwistjonijiet ambjentali jagħmel ukoll parti mill-iżvilupp tal-istudenti f'dan il-livell.

**Is-Suġġetti tal-Għażla fl-aħħar Snin tas-Sekondarja**

Matul l-ewwel sena taċ-Ċiklu tas-Sekondarja (is-7 Sena), l-istudenti ġeneralment jistudjaw lingwa barranija li tista' tkun: l-Għarbi, il-Franċiż, il-Ġermaniż, it-Taljan, ir-Russu u l-Ispanjol, skont id-disponibbiltà tal-iskejjel. L-iskejjel jistgħu jikkunsidraw lingwi oħra jekk dan ikun sostennibbli u vijabbli mil-lat edukattiv. Huwa magħruf ukoll li xi skejjel jagħtu l-opportunità lill-istudenti biex jistudjaw żewġ lingwi barranin. Din il-prattika għandha l-appoġġ tal-QKN. Fl-istess ħin, l-iskejjel jistgħu jħossu l-ħtieġa li jfasslu programm għal dawk l-istudenti li jkunu qed jgħaddu minn diffikultajiet biex jitgħallmu l-lingwi ewlenin.

Fl-aħħar tliet snin[22] tas-Sekondarja l-istudenti jagħżlu aktar suġġetti. Fil-każ ta' dawk l-istudenti li jkollhom diffikultajiet fil-kurrikulu prinċipali, l-iskejjel jistgħu jagħtuhom il-parir li jillimitaw is-suġġetti tagħhom u jkollhom il-flessibbiltà li jfasslu programm ta' tagħlim addattat għalihom.

Il-QKN jinsisti li l-iskejjel għandhom joffru firxa ta' suġġetti mil-lista li ġejja, iżda jistgħu jinkludu suġġetti oħra jekk dawn ikunu sostenibbli u vijabbli mil-lat edukattiv.

- Il-Kontabilità
- L-Arti
- L-Istudji tan-Negozju
- L-Istorja
- Ix-Xjenza Domestika
- Il-Lingwi Barranin: L-Għarbi/Il-Franċiż/ Il-Ġermaniż/It-Taljan/ Ir-Russu / L-Ispanjol
- Il-Kompjuter
- Id-Disinn u t-Teknoloġija
- Id-Drama
- L-Ekonomija
- Il-Komunikazzjoni Grafika
- L-Istudji Ambjentali
- L-Istudji Ewropej
- Il-Ġeografija
- Ix-Xjenzi tal-Ħajja
- Ix-Xjenzi Materjali
- Il-Mużika
- L-Edukazzjoni Fiżika
- Ix-Xjenzi Fiżiċi
- L-Istudji Soċjali
- L-Istudji tat-Tessuti
- Is-Suġġetti Vokazzjonali[23]

**L-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (VET)**

Għall-aħħar Snin tas-Sekondarja il-kurrikulu huwa flessibbli, koerenti u diversifikat. Huwa wkoll immirat biex jilħaq l-interessi, il-ħtiġijiet u l-ħiliet varji tal-istudenti. Is-suġġetti vokazzjonali huma elettivi f'dawn l-aħħar snin tal-kurrikulu. Il-valur ta' dawn is-suġġetti għandu jingħata mill-komunità usa', fejn il-kundizzjonijiet li jsostnu l-fiduċja tal-komunità nnifisha, jassiguraw ukoll il-kwalità ta' dawn is-suġġetti bħal ngħidu aħna: l-involviment effettiv tal-imsieħba konċernati, kurrikulu motivanti, istituzzjonijiet li jwieġbu għall-ħtiġijiet, għalliema kompetenti, gwida u appoġġ tajjeb għall-istudenti dwar il-karrieri, u l-iżvilupp ta' rabtiet b'saħħithom għall-edukazzjoni avvanzata u għax-xogħol.

Is-suġġetti vokazzjonali jiddaħħlu fil-kurrikulu tal-aħħar Snin tas-Sekondarja biex jiddiversifikaw l-opportunitajiet tat-tagħlim għall-istudenti. Għandhom l-għan li jsaħħu l-esperjenzi tat-tagħlim ta' dawk l-istudenti li jkollhom ħtiġijiet u interessi diversi, b'mod speċjali dawk li jibbenefikaw minn orjentazzjoni prattika b'saħħitha biex jitgħallmu. Din l-orjentazzjoni tapplika wkoll għat-tagħlim u għall-assessjar tas-suġġetti ewlenin. Dawn is-suġġetti joffru studji b'elementi aktar b'saħħithom ta' tagħlim prattiku, b'rabta mal-oqsma professjonali u vokazzjonali aktar wiesgħa. Dawn is-suġġetti:

- joffru kuntesti u kontenut prattiku mfassla biex jimpenjaw u jimmotivaw lill-istudenti ħalli jitgħallmu aktar b'mod tanġibbli milli bil-kunċetti.
- jinkludu kontenut li hu mfassal b'mod li jisfida lill-istudenti u li jipprovdilhom għażliet biex jimxu 'l quddiem kemm akkademikament kif ukoll fil-karriera.
- jaddottaw struttura organizzattiva ta' oqsma ta' studji relevanti għal xejriet wiesgħa ta' studji vokazzjonali u tad-dinja tax-xogħol f'Malta. Kull qasam ta' studji jipprovdi bażi ta' għerf u ta' kunċetti meħtieġa biex l-istudenti jżommu ruħhom aġġornati mal-għarfien u mal-prattika tal-qasam tagħhom.

22 F'xi skejjel li mhumiex tal-Istat, din tista' tkun sentejn.
23 Li jwasslu għal ċertifikat (Barrani u Lokali) li huwa rikonoxxut mill-Qafas Malti għall-Kwalifiki.

Is-suġġetti vokazzjonali:

- jgħinu lill-istudenti biex jifhmu t-teoriji u l-kunċetti bażiċi permezz tal-applikazzjoni u l-prattika, u biex jiżviluppaw il-ħiliet ġeneriċi f'kuntesti awtentiċi;
- jipprovdu lill-istudenti opportunitajiet biex jistħarrġu l-aspirazzjonijiet tagħhom għall-karriera u orjentazzjoni għat-tagħlim tul il-ħajja f'oqsma speċifiċi.

Matul il-vjaġġ edukattiv tagħhom, l-istudenti jiksbu l-għerf, il-kompetenzi fil-ħiliet, l-attitudnijiet u l-valuri mill-Oqsma tat-Tagħlim. Jirċievu wkoll gwida u pariri li jgħinuhom jagħżlu s-suġġetti elettivi b'mod infurmat, inkluż is-suġġetti vokazzjonali, fl-edukazzjoni Sekondarja. Permezz tal-kontenut relatat mal-karrieri fl-iskejjel, l-istudenti għandhom l-opportunità li jsiru familjari ma' varjetà ta' professjonijiet u xogħlijiet. Il-fehim tal-għerf, tal-ħiliet, tal-kompetenzi u tal-ħtiġijiet tal-postijiet tax-xogħol f'qasam professjonali, jgħin lill-istudenti biex jiżviluppaw l-aspirazzjonijiet tagħhom għall-karriera.

Is-suġġetti vokazzjonali jfittxu li jilħqu l-kompetenzi relatati mal-karriera bħal, pereżempju, li:

- jifhmu l-għerf, il-ħiliet, il-kompetenzi u l-ħtiġijiet tal-postijiet tax-xogħol fil-qasam vokazzjonali; u li jiksbu l-għerf, il-kompetenzi u l-ħiliet speċifiċi għall-istudji.
- jifhmu u jinterpretaw il-ħtiġijiet tal-post tax-xogħol permezz tal-prattika tal-ħiliet bażiċi f'ambjent awtentiku jew kważi awtentiku.
- jiżviluppaw u japplikaw ħiliet ta' kunċetti, ta' prattika, u ta' riflessjoni biex juru l-innovazzjoni u l-intraprenditorija.

**L-Iżvilupp tas-Sillabi tas-Sekondarja**
Ir-riorganizzazzjoni tal-oqsma tal-kontenut tradizzjonali fi tmien oqsma tat-tagħlim li huma fil-qalba tal-QKN, u l-introduzzjoni tat-tagħlim modulari, għandhom l-intenzjoni li jinkoraġġixxu u jgħinu fil-bidla tal-programmi tat-tagħlim. Il-QKN jitlob li jkun hemm Qafas tar-Riżultati tat-Tagħlim maqbul mill-imsieħba interessati għall-oqsma differenti tat-tagħlim u għal kull suġġett. Il-programmi tat-tagħlim, is-sillabi tal-eżamijiet, l-eżamijiet taċ-ĊES u l-alternattivi l-oħra għandhom joħorġu minn dan il-Qafas tar-Riżultati tat-Tagħlim.

Dan il-proċess għandu jikkunsidra li l-QKN jemmen f'pedagoġija li tpoġġi lill-istudenti fil-qofol tat-tagħlim u li hi bbażata fuq l-istħarriġ. Din għandha tkun integrata ma' temi interkurrikulari li jinkludu l-metodu bbażat fuq it-tagħlim elettroniku. Fattur ieħor importanti għall-iżvilupp tal-programmi tat-tagħlim hu dak tal-kuxjenza tal-ħin attwali disponibbli għat-tagħlim f'sena skolastika partikolari.

**It-Tmexxija tal-Edukaturi Ewlenin**
Ir-rwol tat-tmexxija tal-edukaturi ewlenin għandu sinifikat importanti ħafna fil-bidliet effettivi għall-provvista tal-kurrikulu. Il-mexxejja edukattivi u l-għalliema, bir-rwoli differenti tagħhom, għandhom:

- jerġgħu jeżaminaw il-fehmiet tagħhom dwar id-dritt tal-istudenti fl-ambitu ta' qafas inkluživ.
- joħolqu viżjoni u jispiraw oħrajn biex jaħdmu għaliha.
- ifasslu aspettazzjonijiet ċari u miri realistiċi.
- jaħdmu b'mod kollaborattiv u kolleġjali ma' edukaturi oħra.
- idaħħlu proċessi ta' ppjanar u ta' reviżjoni għall-iżvilupp tal-iskola.
- juru impenn u kuraġġ biex jimplimentaw bidla li tagħmel sens.
- jipprovdu żvilupp professjonali kontinwu għall-membri tal-istaff.
- jipprovdu r-riżorsi u l-għajnuna neċessarja, u jassiguraw li l-inizjattivi jkunu sostenibbli.
- ikunu mexxejja u *managers* kurrikulari.

**L-Implimentazzjoni ta' mudell ta' żvilupp permezz ta' sistema differenzjata**
L-istudenti kollha, irrispettivament mill-istatus tagħhom tal-kisba tal-kompetenzi bażiċi u anke mid-diżabilitajiet fiżiċi jew intellettwali tagħhom, huma intitolati jesperjenzaw u jkollhom ħakma tat-tmien oqsma tat-tagħlim fl-ogħla livell li jistgħu jiksbu. Għaldaqstant, it-triq 'il quddiem titlob li jiġu żviluppati u implimentati pjanijiet speċifiċi ta' tagħlim għal dawn l-istudenti li jkunu jinkludu:

- l-għajnuna lill-għalliema biex jiżviluppaw u jimplimentaw tagħlim differenzjat fil-klassijiet tagħhom, kemm fil-proċessi tat-tagħlim kif ukoll fir-riżultati.
- l-aħjar użu ta' possibbiltajiet fil-programmi tat-tagħlim ibbażati fuq ir-riżultati ta' sistema ta' rekords li juru l-progress li jkun sar u l-kisbiet li jkunu qed isiru mas-snin.

**L-Assessjar**
Il-prinċipji ġenerali tal-assessjar spjegati aktar qabel f'dan id-dokument japplikaw ukoll għas-Snin tas-Sekondarja.

Fil-livell tal-klassi, l-assessjar għat-tagħlim jinforma lill-istudenti u lill-għalliema tal-klassi bil-progress u bl-azzjonijiet li jistgħu jittieħdu biex jitjieb it-tagħlim, u biex l-istudenti jiġu megħjuna jiksbu l-għerf u jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom. L-assessjar tal-għalliema hu utli wkoll biex ikunu assessjati ħiliet u attitudnijiet li ma jkunux jistgħu jiġi assessjati bit-testijiet u bl-

eżamijiet konvenzjonali. L-evidenza tat-tagħlim tista' tiġi minn xogħol miktub u prattiku, minn xogħol ta' proġetti, minn xogħol fuq il-post, u b'attivitajiet oħra ta' tagħlim prattiku ta' din ix-xorta.

L-assessjar tal-kisbiet tal-istudenti għal skopijiet summattivi m'għandux ikun dipendenti fuq kif l-istudenti jmorru f'test u f'eżami wieħed. Hemm ħafna informazzjoni li tista' tinkiseb minn diversi sistemi ta' assessjar li jsiru matul is-sena skolastika. Dan iwassal għal assessjar aktar validu tal-għerf, il-ħiliet u l-attitudnijiet fl-oqsma differenti tat-tagħlim.

Il-QKN jirrakkomanda l-iżvilupp ta' politika ta' assessjar fil-livell ta' skola u fil-livell ta' kulleġġ għas-Snin tas-Sekondarja. Din il-politika għandha tikkunsidra wkoll lil dawk l-istudenti li jkunu qed isegwu programmi individwali ta' tagħlim u li jistgħu jkunu assessjati permezz ta' forom alternattivi ta' assessjar.

Fi tmiem l-edukazzjoni Sekondarja, l-istudenti huma intitolati għaċ-Ċertifikat u l-Profil tal-Iskola Sekondarja li fih tkun iddokumentata l-mixja tal-istudenti matul il-ħames snin taċ-Ċiklu tas-Sekondarja tagħhom. Dan jinkludi wkoll it-tagħlim formali, informali u mhux formali kif ukoll ir-rekord tal-attendenza u l-profil tal-kwalitajiet personali tagħhom għal kull sena. Dan iċ-Ċertifikat jista' jingħata f'Livell 2 jew f'Livell 1 tal-QMK, skont il-kriterji stabbiliti u hu rikonoxxut mill-Kunsill Malti għall-Kwalifiki (KMK).

Fi tmiem iċ-Ċiklu tas-Sekondarja, l-istudenti huma mistennija jagħmlu l-eżamijiet taċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja (ĊES) tal-Bord tal-MATSEC li jagħti ċertifikati li huma akkreditati f'Livell 3 (Gradi 1-5) u f'Livell 2 (Gradi 6-7) tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki (QMK). Dawn il-kwalifiki f'livell individwali jistgħu jintużaw ukoll għal skopijiet ta' għoti ta' livelli nazzjonali *(benchmarking).*

Bħala miżura ta' assigurazzjoni tal-kwalità, biex ikunu evalwati l-istandards fl-oqsma differenti tat-tagħlim f'livell nazzjonali, il-QKN jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu perjodiku estern ta' moniteraġġ, li ma jiskomodax, u li għandu jsir f'żewġ mumenti partikolari (wieħed minnhom fiċ-ċiklu tas-Sekondarja). Dan ikun jinkludi kampjuni ta' skejjel u ta' studenti mit-tliet setturi, u numru speċifiku ta' oqsma tat-tagħlim għal kull sena, fuq ċiklu ta' snin li għad irid jiġi determinat.

**Id-Dritt għat-Tagħlim**

It-tabella t'hawn taħt turi l-perċentwal għad-dritt minimu ta' ħin għall-oqsma differenti tat-tagħlim stabbiliti għall-iskejjel tal-Istat matul l-ewwel Snin u l-aħħar Snin tas-Sekondarja. Id-dritt minimu hu maħdum fuq 37-40 lezzjoni fil-ġimgħa. Matul is-Snin tas-Sekondarja, huwa rrakkomandat li mill-inqas 55% tal-ħin ikun iddedikat għall-Malti u l-Ingliż, il-Matematika, u għax-Xjenza u t-Teknoloġija. Fl-ewwel Snin tas-Sekondarja, id-deċiżjonijiet meħuda mill-iskola jagħmlu 20% mill-ħin tal-kurrikulu disponibbli għat-tagħlim. Fl-aħħar tas-Snin tas-Sekondarja, dawn id-deċiżjonijiet jiżdiedu għal 25% mill-ħin tal-kurrikulu disponibbli, biex jintlaħqu r-realtajiet differenti tal-għażliet fit-tliet setturi edukattivi.

**It-Tranżizzjonijiet**

Il-proposti tal-QKN għas-Snin tas-Sekondarja għandhom iħejju lill-istudenti biex jibqgħu jitgħallmu tul ħajjithom u għalhekk ikunu motivati biex ikomplu bl-istudji tagħhom f'istituzzjonijiet edukattivi ogħla u avvanzati. Barra minn hekk, il-kurrikulu tas-Sekondarja għandu jqiegħed pedament sod għall-istudenti biex jgħinhom fid-deċiżjonijiet tal-karriera tagħhom u jiggwidahom fil-mixja edukattiva ogħla u avvanzata tagħhom.

Għalkemm il-QKN m'għandux influwenza fuq l-edukazzjoni Avvanzata u Ogħla, huwa rrakkomandat li jinħatar Grupp ta' Ħidma biex jikkunsidra li jkun hemm mixja bla skossi mill-Edukazzjoni Sekondarja għall-Edukazzjoni Postsekondarja u, aktar tard, għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla.

**PERĊENTWAL (%) TA' HIN GĦALL-OQSMA TAT-TAGĦLIM IĊ-ĊIKLU TAL-EWWEL SNIN TAS-SEKONDARJA**




30.0% LINGWI

12.5% MATEMATIKA

12.5% XJENZA U TEKNOLOĠIJA

5.0% SAĦĦA FIŻIKA

5.0% EDUKAZZJONI RELIĠJUŻA U ETIKA

10.0% L-ISTUDJI TAL-UMANITÀ U L-EDUKAZZJONI GĦAD-DEMOKRAZIJA

5.0% ARTI VIŻIVA U TAL-ISPETTAKLU

20.0% GĦAŻLIET OFFRUTI MILL-ISKOLA

**PERĊENTWAL (%) TA' HIN GĦALL-OQSMA TAT-TAGĦLIM IĊ-ĊIKLU TAL-AĦĦAR SNIN TAS-SEKONDARJA**




30.0% LINGWI

12.5% MATEMATIKA

12.5% XJENZA U TEKNOLOĠIJA

5.0% SAĦĦA FIŻIKA

10.0% EDUKAZZJONI RELIĠJUŻA U ETIKA; L-ISTUDJI TAL-UMANITÀ U L-EDUKAZZJONI GĦAD-DEMOKRAZIJA; ARTI VIŻIVA U TAL-ISPETTAKLU

25.0% GĦAŻLIET OFFRUTI MILL-ISKOLA

| IR-RIŻULTATI TAT-TAGĦLIM GĦAĊ-ĊIKLU TAS-SEKONDARJA |
|---|
| **Riżultat 1: Studenti li jiżviluppaw b'suċċess il-potenzjal kollu tagħhom bħala studenti li jibqgħu jitgħallmu tul il-ħajja** |
| Żgħażagħ bil-ħiliet personali u soċjali meħtieġa ħalli jkunu kapaċi jilqgħu għar-realtà soċjali li dejjem tinbidel. |
| Żgħażagħ li jħaddnu valuri demokratiċi fundamentali u li jippromwovu l-ġustizzja soċjali. |
| Żgħażagħ li jiżviluppaw viżjoni kritika, matura u infurmata tat-twemmin tagħhom u li jirrispettaw individwi bi twemmin differenti minn tagħhom. |
| Żgħażagħ li kapaċi jikkomunikaw b'mod effettiv b'mill-inqas tliet lingwi, inklużi l-Malti u l-Ingliż. |
| Żgħażagħ li kapaċi japplikaw kunċetti matematiċi u xjentifiċi fil-ħajja ta' kuljum. |
| Żgħażagħ b'ħakma fil-litteriżmu, il-matematika u l-litteriżmu diġitali. |
| Żgħażagħ li jiżviluppaw metodu ta' stħarriġ biex ikomplu jitgħallmu. |
| Żgħażagħ li kapaċi jifhmu kunċetti ogħla u prinċipji li jikkorrispondu magħhom. |
| Żgħażagħ li kapaċi jaħsbu b'mod kritiku u kreattiv, li jantiċipaw il-konsegwenzi, li jagħrfu l-opportunitajiet, u jieħdu riskju. |
| Żgħażagħ li jipparteċipaw fl-użu kreattiv tal-arti espressiva u jieħdu sehem fl-apprezzament tal-arti estetika. |
| Żgħażagħ bil-kwalifiki neċessarji ħalli jkollhom aċċess għal edukazzjoni avvanzata u ogħla. |
| **Riżultat 2: Studenti li kapaċi jsostnu l-opportunitajiet tagħhom fid-dinja tax-xogħol** |
| Żgħażagħ li kapaċi jikkomunikaw b'mod kunfidenti u effettiv f'kuntesti soċjali differenti. |
| Żgħażagħ li kapaċi jużaw u japplikaw varjetà ta' teknoloġiji diġitali. |
| Żgħażagħ motivati biex jaddattaw ruħhom għall-ħtiġijiet li jinbidlu fis-soċjetà permezz ta' evalwazzjoni individwali u taħriġ kontinwu. |
| Żgħażagħ li kapaċi jistabbilixxu u jżommu intrapriżi innovattivi, kemm b'mod individwali kif ukoll f'kollaborazzjoni ma' oħrajn. |
| Żgħażagħ li kapaċi jagħmlu prijoritajiet etiċi tal-valuri ekonomiċi ħalli jassiguraw l-istabilità u l-awtonomija. |
| Żgħażagħ li juru flessibbiltà u li huma ppreparati biex jaffaċċjaw il-bidliet fix-xogħol. |
| Żgħażagħ li huma sensittivi għar-relazzjonijiet tad-diversi sferi tal-ħajja, gruppi u individwi. |
| Żgħażagħ li huma impenjati li jtejbu l-kwalità tal-ħajja tagħhom u tal-oħrajn. |
| Żgħażagħ li jħossuhom li għandhom sehem fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livelli varji tal-iżvilupp sostenibbli. |
| **Riżultat 3: Studenti li huma ċittadini responsabbli u impenjati għall-ġustizzja soċjali fir-realtajiet lokali, reġjonali u globali li qed jinbidlu l-ħin kollu** |
| Żgħażagħ li jagħtu valur u jaħdmu favur soċjetà demokratika u inklużiva. |
| Żgħażagħ li japprezzaw u li jirrispettaw il-kultura u l-wirt Malti. |
| Żgħażagħ kburin bl-identità, bil-wirt u bil-lingwa Maltija u li jagħrfu u jirrispettaw nies oħra f'kuntest Mediterranju, Ewropew u globali. |
| Żgħażagħ li jaħdmu favur il-ġid komuni, il-koeżjoni soċjali u l-ġustizzja soċjali. |
| Żgħażagħ li jimpenjaw ruħhom u li jżommu mal-impenji li jieħdu. |
| Żgħażagħ li jaddottaw stil ta' ħajja b'saħħitha u attiva u li japprezzaw u jagħmlu użu tajjeb mill-ħin ta' mistrieħ tagħhom. |

Ir-riżultati tat-tagħlim mixtieqa mill-QKN jitkejlu bl-aħjar mod fi tmiem iċ-Ċiklu tal-Edukazzjoni Obbligatorja ta' dawk l-istudenti li jkunu bdew u temmew sistema ta' edukazzjoni li hi konsistenti u bbażata kollha kemm hi mal-Prinċipji u l-Għanijiet tal-Edukazzjoni tal-QKN. Dan ifisser li, realistikament, l-ewwel studenti li se jibdew il-mixja edukattiva tagħhom f'KGI li tirrifletti l-etos tal-QKN se tkun fis-sena skolastika 2014/2015. L-istudenti li jibdew sistema edukattiva bbażata fuq il-QKN fl-2014/2015 itemmu l-aħħar sena tal-edukazzjoni obbligatorja tagħhom, ibbażata fuq il-QKN, fl-aħħar sena taċ-Ċiklu Sekondarju (S11 (FV)) fis-sena skolastika tal-2026/2027.

Għaldaqstant jekk din is-sistema edukattiva, mifruxa fuq it-tliet Ċikli tal-edukazzjoni, tkun ippreżentat u wasslet ir-riżultati tat-tagħlim kif ippjanat, ikun raġonevoli li jitqiesu dawn ir-riżultati:

**Tabella 3: Ir-Riżultati tal-Edukazzjoni għall-2012 u l-Miri għall-2027**

| | **2012** | **2025/2026** |
|---|---|---|
| % ta' studenti ta' 19-il sena fl-edukazzjoni avvanzata u ogħla, minbarra l-edukazzjoni Postsekondarja[24] | | 40% |
| % ta' studenti ta' 17-il sena fl-edukazzjoni avvanzata u ogħla | 80% + | 90% |
| % tar-rata ta' studenti bi Grad 1 sa 5 (ĊES) f'ħames suġġetti | 66.3% | 75% |
| % tar-rata ta' studenti li jiksbu ċ-Ċertifikat u l-Profil tal-Iskola Sekondarja | 0% | 95% |
| % ta' studenti li joħorġu kmieni mill-iskola[25] | 30% [26] | 10%[27] |
| Il-Litteriżmu ta' PISA (Livell 2 sa 6) | 63.7% | 85% |
| Il-Litteriżmu Matematiku ta' PISA (Livell 2 sa 6) | 66.4% | 80% |
| Il-Litteriżmu Xjentifiku ta' PISA (Livell 2 sa 6) | 67.5% | 80% |
| Il-Matematika ta' TIMSS (Livell Intermedju sa Avvanzat) | 60% | 70% |
| Ix-Xjenza ta' TIMSS (Livell Intermedju sa Avvanzat) | 48% | 60% |
| SurveyLang | | |
| Ingliż (A2-B2) | 91% | 95% |
| Taljan (A2-B2) | 50% | 70% |

24 Pġ 21, *NCHE Further and Higher Education Statistics 2010, Rapport tal-Istħarriġ*, Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Ogħla, Frar 2011

25 L-Istudenti li Joħorġu Kmieni mill-Iskola huma dawk ta' bejn it-18 u l-24 sena li jitilqu mill-iskola fl-ewwel snin tas-sekondarja, jew qabel, u li ma jibqgħux jieħdu l-edukazzjoni jew it-taħriġ (http://europa.eu/rapit/press-release_MEMO-11-52_en.htm)

26 Ċifra tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO), Q2, 2012

27 Student li jidħol f'sistema edukattiva bbażata fuq il-QKN fl-2013/2014, ikollu 18-il sena fl-2027/28, u 24 sena fl-2033/2034 u għalhekk ma japplikax għalih l-indikatur ta' dawk li joħorġu kmieni mill-iskola. Madankollu, il-Grupp ta' Ħidma hu tal-fehma li l-mira ta' 10% tista' tintlaħaq fl-2025/2026 fil-każ ta' dawk ta' 21 sena. Dawn jidħlu fiċ-Ċiklu tas-Sekondarja, ibbażat kollu fuq il-QKN, fl-2015/2016 u jtemmuh fil-11-il Sena (Form V) fl-2019/2020.

# Referenzi u Appendiċi

# Referenzi


Carr, M. (2001). *Assessment in early childhood settings: Learning stories.* Londra: Sage.

Dipartiment tal-Edukazzjoni u l-Iżvilupp tat-Tfulija Bikrija u l-Awtorità tal-Kurrikulu u l-Assessjar ta' Victoria, (2009). *Victorian Early Years learning and development framework. For all children from birth to eight years.* L-Awstralja: Id-Dipartiment tal-Edukazzjoni u l-Iżvilupp tat-Tfulija Bikrija u l-Awtorità tal-Kurrikulu u l-Assessjar ta' Victoria. Mis-sit: www.education.vic.gov.au u http://www.vcaa.vic.edu.au/earlyyears.

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni. (2009). *National policy and strategy for the attainment of core competences in primary education.* Malta: Il-Ministeru tal-Edukazzjoni, il-Kultura, iż-Żgħażagħ u l-Isport.

Eaude, T. (n.d.). *SMSC – Optional extras or hidden opportunities?* Mis-sit: http://www.nationaleducationtrust.net/SISL/Downloads/hiddenoppsshortened.pdf.

Eurydice (2009). *Key data on education in Europe 2009.* Brussell: L-Aġenzija Eżekuttiva tal-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura. Mis-sit: http://eacea.ec.europa.eu/education/eurydice/documents/key_data_series/105EN.pdf.

Grima, G., Camilleri, R., Chircop, S., Mallia C. & Ventura, F. (2005). *MATSEC: Strengthening National Examination System.* Malta: Il-Ministeru tal-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ u x-Xogħol.

Grima, G., Grech, L., Mallia, C., Mizzi, B., Vassallo, P., & Ventura, F. (2007) *Transition from Primary to Secondary Schools in Malta: A Review.* Malta: Il-Ministeru tal-Edukazzjoni, il-Kultura, iż-Żgħażagħ u l-Isport.

Ministeru tal-Edukazzjoni, Malta. (1999). *Inwelldu l-ġejjieni flimkien: Kurrikulu Minimu Nazzjonali.* Malta: Ministry of Education.

Sciberras, J., Borg, A., Miller, K., & Tabone, M., (2009), *Further and Higher Education Strategy 2020*, Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Ogħla, Malta

Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet Umani (1989). Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tat-Tfal. Mis-sit: http://www2.ohchr.org/english/law/pdf/crc.pdf

Podmore, V., Meade, A. & Kerslake Hendrikcs, A. (2000). *Aspects of quality in early childhood education.* Wellington: New Zealand Council for Educational Research. Mis-sit: http://www.nzcer.org.nz/pdfs/5885.pdf

Simister, C.J. (2007). *How to teach thinking and learning skills. A practical programme for the whole school.* Londra: Sage.

Waddell, A.T. & McBride, R.M. (2008). *New research on early childhood education.* New York: Nova Science.

Wilks, A., Nyland, B., Chancellor, B. & Elliot, S. (2008). *Analysis of Curriculum/Learning Frameworks for the Early Years (Birth to Age 8).* Victoria, l-Awstralja: Victorian Curriculum and Assessment Authority. Mis-sit: http://www.eduweb.vic.gov.au/edulibrary/public/earlychildhood/Early_Years_Lit_Review.pdf

## Appendiċi I: It-Termini ta' Referenza tal-Grupp ta' Ħidma ta' Wara l-Konsultazzjoni fuq il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali

Fl-1 ta' Awwissu 2012, il-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol ħatret Grupp ta' Ħidma bit-termini ta' referenza li:

(i) Jevalwa r-reazzjoniet li daħlu b'rabta mal-abbozz tal-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali (QKN).

(ii) Jagħmel konklużjonijiet fuq ir-rispons li kien hemm u l-bidliet meħtieġa.

(iii) Jippreżenta Rapport bil-bidliet li jkunu saru u r-razzjonal li wassal għal dawn il-bidliet.

(iv) Jippreżenta dokument finali bil-QKN.

Il-Grupp ta' Ħidma ntalab jikkonkludi ħidmitu sat-30 ta' Settembru 2012.

## Appendiċi II: Il-Kompożizzjoni tal-Grupp ta' Ħidma ta' Wara l-Konsultazzjoni fuq il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali

Il-Grupp ta' Ħidma kien magħmul hekk:

**President** Dr James Calleja
Segretarju Permanenti, il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol

**Viċi President** Prof. Grace Grima
Direttur Ġenerali, id-Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni, MEDE

**Membri**

Sur Marco Bonnici
Viċi President Anzjan, il-Union Maltija tal-Għalliema

Sr Johanna Gatt OSA
Kap ta' Skola, l-Iskola Santa Monika (is-Settur tal-Knisja)

Dr Joe Gauci
Kap ta' Skola, l-Iskola San Anton (is-Settur Indipendenti)

Sur Ian Mifsud
Kap ta' Skola, il-Kulleġġ San Nikola, l-Iskola Sekondarja tas-Subien, in-Naxxar (is-Settur tal-Istat)

Sra Maria Montebello
Kap ta' Skola, il-Kulleġġ San Injazju, l-Iskola Sekondarja tal-Bniet, Tal-Ħandaq, Ħal Qormi (is-Settur tal-Istat)

Sra Anita Sciberras
Prinċipal, il-Kulleġġ ta' Għawdex, ir-Rabat, Għawdex (is-Settur tal-Istat)

Prof. Valerie Sollars
Dekan, il-Fakultà tal-Edukazzjoni, L-Università ta' Malta

Sur David Spiteri Gingell
Reviżur tar-Reazzjonijiet għall-Konsultazzjoni tal-QKN, il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol

Prof. Frank Ventura
President, il-Bord tal-MATSEC

**Segretarja** Sa Beatrice Mizzi – L-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol

# Appendiċi III: Id-Deskritturi tal-Livelli tal-Qafas Malti għall-Kwalifiki għat-Tagħlim Tul il-Ħajja (QMK)

## Livell 1 QMK

**Il-Konoxxenza**

➢ **Livell 1 QEK - Konoxxenza ġenerali bażika;**

1. Tikseb għarfien ġenerali relatat mal-ambjent immedjat u li jkun espress permezz ta' varjetà ta' għodod u kuntesti sempliċi bħala punt tad-dħul fit-tagħlim tul il-ħajja;
2. Taf u tifhem il-passi meħtieġa biex twettaq kompiti u attivitajiet sempliċi f'ambjenti li tkun midħla tagħhom;
3. Konxju u tifhem il-kompiti u l-istruzzjonijiet bażiċi li tingħata;
4. Tifhem kotba bażiċi tat-taħriġ.

**Il-Ħiliet**

➢ **(QEK) Ħiliet bażiċi meħtieġa għat-twettiq ta' kompiti sempliċi**

1. Ikollok il-ħila li tapplika għarfien bażiku u twettaq firxa limitata ta' kompiti sempliċi;
2. Ikollok ħiliet reċiproċi bażiċi ta' komunikazzjoni biex twettaq kompiti ta' rutina u tara jekk l-azzjonijiet ikunux twettqu;
3. Issegwi istruzzjonijiet u tkun konxju mill-konsegwenzi ta' azzjonijiet bażiċi għalik u għall-oħrajn.

**Il-Kompetenzi**

➢ **(QEK) Xogħol jew studju b'superviżjoni diretta f'kuntest strutturat**

1. Tapplika għarfien u ħiliet bażiċi biex twettaq kompiti sempliċi ripetittivi, li tkun midħla tagħhom;
2. Tipparteċipa u tieħu responsabbiltà bażika tal-azzjoni ta' kompiti sempliċi;
3. Tagħmel attivitajiet bi gwida u f'qafas sempliċi ta' ħin definit;
4. Tikseb u tapplika kompetenzi bażiċi ewlenin f'dan il-livell.

**Ir-Riżultati tat-Tagħlim**

➢ **L-Għerf u l-Fehim**

Ikollok l-għerf u tifhem kotba bażiċi ta' taħriġ u kompiti sempliċi meta tirrelatata mal-ambjent immedjat.

➢ **L-Applikar tal-Għerf u l-Fehim**

Issegwi istruzzjonijiet u twettaq kompiti sempliċi ripetittivi f'kuntesti li tkun midħla tagħhom u f'sistema li tikkontrolla l-kwalità.

➢ **Il-Ħiliet ta' Komunikazzjoni**

Tikkomunika informazzjoni bażika f'kuntesti ripetittivi li tkun midħla tagħhom.

➢ **Il-Ħiliet ta' Ġudizzju**

Tassessja u tassigura li l-kompiti mogħtija jitlestew b'mod effettiv.

➢ **Il-Ħiliet ta' Tagħlim**

Tikseb u tapplika kompetenzi ewlenin għal azzjonijiet definiti.

➢ **L-Awtonomija u r-Responsabbiltà**

Tieħu ftit responsabbiltà biex twettaq kompiti u eżerċizzji sempliċi b'awtonomija limitata.

## Livell 2 QMK

**Il-Konoxxenza**

➢ **(QEK) - Konoxxenza fattwali bażika ta' qasam ta' xogħol jew studju;**

1. Ikollok għarfien tajjeb ta' qasam ta' xogħol jew ta' studju;
2. Tkun konxju u tinterpreta tipi ta' informazzjoni u ideat;
3. Tifhem fatti u proċeduri tal-applikazzjoni ta' kompiti u istruzzjonijiet bażiċi;
4. Tagħżel u tuża għarfien relevanti biex twettaq azzjonijiet speċifiċi għalik u għall-oħrajn.

**Il-Ħiliet**

➢ **(QEK) Ħiliet konjittivi bażiċi u prattiċi meħtieġa għall-użu ta' informazzjoni relevanti biex jitwettqu kompiti u biex jiġu solvuti problemi ta' rutina permezz ta' regoli u għodod sempliċi**

1. Bil-kapaċità li turi firxa ta' ħiliet billi twettaq firxa ta' kompiti kumplessi f'qasam ta' xogħol jew studju speċifikat;
2. Tikkomunika informazzjoni bażika;
3. Tassigura li l-kompiti jitwettqu b'mod effettiv.

**Il-Kompetenzi**

- **(QEK) Xogħol jew studju b'superviżjoni imma bi grad ta' awtonomija**

1. Tapplika għarfien fattwali u ħiliet prattiċi biex twettaq kompiti strutturati bi grad ta' awtonomija;
2. Tassigura li wieħed jaġixxi b'mod proattiv;
3. Tagħmel attivitajiet b'superviżjoni limitata u b'responsabbiltà limitata f'kuntest ta' kwalità kkontrollata;
4. Tikseb u tapplika kompetenzi bażiċi ewlenin f'dan il-livell.

**Ir-Riżultati tat-Tagħlim**

- **L-Għerf u l-Fehim;**

Tifhem u tuża għarfien tajjeb għall-proċeduri ta' kompiti jew qasam ta' xogħol jew studju.

- **L-Applikar tal-Għerf u l-Fehim;**

Issegwi istruzzjonijiet u twettaq firxa ta' kompiti definiti tajjeb.

- **Il-Ħiliet ta' Komunikazzjoni;**

Tikkomunika informazzjoni bażika f'kuntesti li ma tkunx midħla tagħhom.

- **Il-Ħiliet ta' Ġudizzju;**

Tagħżel u tuża informazzjoni għal kompiti speċifiċi u tkun proattiv/a.

- **Il-Ħiliet ta' Tagħlim;**

Tikseb u tapplika kompetenzi ewlenin għal firxa ta' azzjonijiet.

- **L-Awtonomija u r-Responsabbiltà**

Tieħu r-responsabbiltà u teżerċita awtonomija f'kompiti definiti tajjeb f'sistema li tikkontrolla l-kwalità.

## Livell 3 QMK

**Il-Konoxxenza**

- **(QEK) Konoxxenza tal-fatti, prinċipji, proċessi u kunċetti ġenerali, fil-qasam tax-xogħol jew tal-istudju.**

1. Tifhem ir-relevanza tal-għarfien u l-informazzjoni teoretika relatati mal-qasam tax-xogħol jew tal-istudju;
2. Tassessja, tevalwa u tinterpreta fatti li jistabbilixxu prinċipji u kunċetti bażiċi f'qasam ta' xogħol jew ta' studju partikolari;
3. Tifhem fatti u proċeduri fl-applikazzjoni ta' kompiti u istruzzjonijiet aktar kumplessi;
4. Tagħżel u tuża għarfien relevanti b'inizjattiva personali biex twettaq azzjonijiet speċifiċi personali jew għall-oħrajn.

**Il-Ħiliet**

- **(QEK) Firxa ta' ħiliet konjittivi u prattiċi meħtieġa sabiex jitwettqu kompiti u jissolvew problemi billi jintgħażlu u jiġu applikati metodi, għodod, materjali u informazzjoni bażika.**

1. Turi firxa ta' ħiliet żviluppati biex twettaq aktar minn kompitu kumpless wieħed b'mod effettiv, u f'kuntesti li ma tkunx midħla tagħhom u li ma jkunux prevedibbli;
2. Tikkomunika informazzjoni aktar kumplessa;
3. Issolvi problemi bażiċi billi tapplika metodi, għodod, materjali u informazzjoni bażika f'ambjent ta' tagħlim ristritt.

**Il-Kompetenzi**

- **(QEK) It-teħid ta' responsabbiltà għat-twettiq ta' kompiti fix-xogħol jew fl-istudju u l-addattament tal-imġiba f'ċirkostanzi ta' soluzzjoni tal-problemi.**

1. Tapplika għerf u ħiliet biex twettaq ċerti kompiti b'mod sistematiku;
2. Taddatta l-imġiba personali f'ċirkostanzi li fihom ikun meħtieġ li jissolvew xi problemi billi tipparteċipa b'mod proattiv f'ambjenti strutturati tat-tagħlim;
3. Tuża l-inizjattivi personali b'responsabbiltà u b'awtonomija stabbilita, imma b'superviżjoni f'ambjenti ta' tagħlim bil-kontroll tal-kwalità, normalment f'ambjent ta' ħiliet marbuta ma' xi sengħa;
4. Tikseb ħiliet ewlenin f'dan il-livell bħala l-bażi tat-tagħlim tul il-ħajja.

**Ir-Riżultati tat-Tagħlim**

- **L-Għerf u l-Fehim;**

Tifhem għarfien u informazzjoni teoretika relatati ma' proċeduri kumplessi f'qasam ta' xogħol jew ta' studju.

- **L-Applikar tal-Għerf u l-Fehim;**

Issegwi istruzzjonijiet u twettaq kompiti kumplessi b'mod sistematiku u f'kuntesti li ma tkunx midħla tagħhom u li ma jkunux prevedibbli.

- **Il-Ħiliet ta' Komunikazzjoni;**

Tikkomunika informazzjoni kumplessa f'kuntesti li ma tkunx midħla tagħhom u li ma jkunux prevedibbli.

- **Il-Ħiliet ta' Ġudizzju;**

Tassessja, tevalwa u tinterpreta fatti relatati ma' qasam ta' xogħol jew ta' studju u tapplika tekniki bażiċi biex issolvi l-problemi.

- **Il-Ħiliet ta' Tagħlim;**

Tikseb u tapplika kompetenzi ewlenin bħala bażi għat-tagħlim tul il-ħajja.

- **L-Awtonomija u r-Responsabbiltà;**

Tieħu responsabbiltà biex twettaq kompiti kumplessi, u taħdem fl-ambjent immedjat b'azzjonijiet definiti fuq inizjattiva personali.

Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol